# IT-TERMINOLOĠIJA MALTIJA

## LEJN ĠABRA TA' RIŻORSI TERMINOLOĠIĊI BIL-MALTI

JOHN PAUL GRIMA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA
IL-FAKULTÀ TAL-ARTI
ID-DIPARTIMENT TAL-MALTI

TEŻI TAL-M.A.

JANNAR 2024

L-Università ta' Malta

**University of Malta Library – Electronic Thesis & Dissertations (ETD) Repository**

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

*Din ir-riċerka saret bil-fondi tat-Tertiary Education Scholarships Scheme*

L-Università ta' Malta

**FAKULTÀ TAL-ARTI**

**DIKJARAZZJONI TA' STUDENTI POSTGRADWATI**

**(a) L-Awtentiċità tad-Dissertazzjoni**

Niddikjara li jien l-awtur leġittimu ta' din id-Dissertazzjoni u li hija x-xogħol oriġinali tiegħi.
Il-kodiċi tal-formula tal-Etika fir-Riċerka u l-Ħarsien tad-Dejta ARTS-2022-00237.

L-ebda parti minn dan ix-xogħol ma tressqet bħala sostenn ta' xi applikazzjoni għal grad jew kwalifika oħra f'din l-università jew kwanlunkwe università oħra jew istituzzjoni tal-edukazzjoni ogħla oħra.

Inżomm lill-Università ta' Malta mingħajr ħtija f'każ ta' talbiet minn terzi persuni b'rabta mal-ksur tad-dritt tal-awtur, ksur tal-kunfidenzjalità, malafama jew kull ksur ieħor tad-drittijiet tat-terzi persuni.

**(b) Il-Proċeduri tal-Kodiċi ta' Prattika għar-Riċerka u tal-Verfika tal-Etika fir-Riċerka**

Niddikjara li mxejt mal-Proċeduri tal-Kodiċi ta' Prattika għar-Riċerka u tal-Verifika tal-Etika fir-Riċerka tal-Università.

Bħala student tal-Master, skont ir-Regolament 77 tar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, naqbel li jekk id-dissertazzjoni tiegħi tikseb il-Grad A, tkun aċċessibbli pubblikament fir-Repożitorju Istituzzjonali tal-Università ta' Malta.

# Sinteżi

L-għan ta' dan ix-xogħol huwa li tinbena għall-ewwel darba mappa waħda li tgħaqqad flimkien tant riżorsi terminoloġiċi bil-Malti li diġà jeżistu, imma li nħadmu b'għanijiet u metodi differenti, matul ħafna snin. Jibda b'ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet ewlenin li żviluppaw it-terminoloġija internazzjonali minn qasam tad-dilettanti għal dixxiplina organizzata u studjata mill-professjonisti. Isegwi bl-iżvilupp tat-terminoloġija Maltija billi jitfa' dawl fuq xi ħidmiet – lokali u lil hinn – li nħadmu bi lsienna minn individwi u minn oħrajn li saru, jew għadhom isiru, fi gruppi. Din il-parti teoretika hija kkonsolidata minn erba' intervisti informali ma' ħames esperti ta' dan il-qasam lingwistiku applikattiv Malti. Wara li janalizza l-unità terminoloġika Maltija, b'enfasi fuq l-aspetti kunċettwali u formali tat-terminu, ix-xogħol ikompli jirreferi għall-proċessi metodoloġiċi li ħaddem matulu, b'mod speċjali fil-bini tal-ġabra. Isiru wkoll xi osservazzjonijiet deskrittivi li jillustraw ir-realtà preżenti tat-terminoloġija Maltija bl-iskop li jqanqlu iżjed studju sistematiku. Jagħlaq b'rappreżentazzjoni kompilatorja tal-inventarju, maqsum f'sitt infrastrutturi differenti u mmaturat f'perjodu ta' tliet snin, b'tali mod li jista' jittella' fuq il-mezzi elettroniċi moderni sabiex ikun iżjed aċċessibbli għall-pubbliku.

**Kliem muftieħ**

dokumentazzjoni, immaniġġjar tal-lingwa, metodoloġija, riżorsi terminoloġiċi, sistematizzazzjoni tat-terminoloġija, termini, terminografija, terminoloġija Maltija

# Abstract

The objective of this project is to create a comprehensive map consolidating numerous Maltese terminological resources that are available but were developed with distinct goals and approaches over several years. Initially, it provides an overview of the evolution of international terminology efforts, progressing from an amateur pursuit to a structured discipline embraced by professionals. Subsequently, it explores the evolution of Maltese terminology, highlighting various endeavours both locally and beyond, undertaken by individuals and groups. This theoretical framework is supported by four informal interviews with five experts immersed in this applied field of Maltese linguistics. The examination of the Maltese terminological unit, focusing on both conceptual and formal elements, continues to explore the methodological processes involved, particularly in constructing this collection. Additionally, descriptive insights offer a snapshot of the current landscape of Maltese terminology, aiming to stimulate more systematic research in this domain. The culmination involves presenting an organised compilation of the inventory, categorised into six distinct structures and crafted over three years, to facilitate its digital accessibility for the public through modern electronic platforms.

**Keywords**

documentation, language management, Maltese terminology, methodology, systematization of terminology, terminography, terminological resources, terms

## Dedika

Lil missieri u ommi,
li fi triqitkom żrajtu fija l-ewwel passi.

Lil Simon u Marysia,
li fikom rajt mixja b'mogħdijiet ġodda.

Lilek, Roderick,
li wasalt ġa, u issa, bħal qabel, qed tgħinni nimxi.

Bi mħabba.

# Ringrazzjamenti

Minkejja li qed nidher jien bħala l-uniku awtur ta' din it-teżi, li kieku ma kienx għall-għotja ta' tant nies oħra, żgur li qatt ma seta' jitlesta xejn. Il-karattru interdixxiplinarju tas-suġġett għenni nwessa' l-konfini tiegħi u nimraħ lil hinn minn kamarti biex xogħli jieħu l-karattru miftuħ li jixraqlu.

Nibda billi nirringrazzja lill-Prof. Michael Spagnol, l-ixprun ta' dan il-proġett, li tliet snin ilu tefa' żerriegħa u bl-ispirazzjoni ġentili tiegħu għaraf isaqqiha biex illum kibret f'dan ix-xogħol li qiegħed nippreżentah hawnhekk. Nirringrazzjah tal-fiduċja li dejjem wera fija u li tani l-kunfidenza biex ħidmieti nwettaqha sew u sal-aħħar.

Minn qalbi, nirringrazzja lil ommi u missieri li rawmu fija l-imħabba għax-xogħol u li dejjem urewni kif u għaliex għandi nikkultiva l-għeruq tiegħi. Magħhom, nirringrazzja lil Simon u Marysia, u s-sitt neputijiet, li kemm-il darba tawni togħma ġdida ta' kuraġġ kull meta l-intensità u l-piż tax-xogħol ħassejthom jagħfsu fuqi.

Nirringrazzja lil-librara li tant ħadu paċenzja bija fil-bini tal-ġabra, b'mod speċjali lil Beverly Agius mill-Melitensia tal-Università ta' Malta, Katja Zahra Camilleri mil-liberija tal-Kulleġġ Ġan Franġisk Abela tal-Imsida, Michelle Grima Duca mil-Librerija Pubblika Ċentrali ta' Belt is-Sebħ, u Noel Fabri li jieħu ħsieb il-librerija reġjonali tal-Mosta.

Inrodd ħajr lil Carmel Bezzina, ħabib u espert tal-Malti, li fetaħ daru għalija u bil-kumdità kollha ħallieni nqalleb u nfittex fil-Melitensia sabiħa li għandu. Nirringrazzja lil Kit Azzopardi li qasam miegħi inventarju dettaljat tal-irkejjen kollha tas-sensiela televiżiva *Ilsienna* li nħadmet fuq l-istazzjon nazzjonali bejn l-2018 u l-2023, kif ukoll lil Joseph Buttigieg li tani tagħrif siewi dwar xi riżorsi terminoloġiċi oħra. Grazzi wkoll lill-Prof. Manwel Mifsud, Dr George Farrugia u Dr Olvin Vella tas-suġġerimenti formattivi li preparawli qabel il-preżentazzjoni tal-verżjoni finali ta' xogħli.

Ma nistax ma nroddx ħajr b'isimhom lill-esperti li intervistajt li, mal-ewwel ħjiel tar-riċerka li kont għaddej biha, ilkoll raw interess u rilevanza f'xogħli filwaqt li għamlu minn kollox biex jgħinuni nibqa' għaddej: Thomas Pace bħala d-Direttur tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, il-Prof. Sergio Portelli f'isem id-Dipartiment tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija u l-Interpretar fl-Università ta' Malta, Ġużi Gatt bħala esponent lokali ewlieni tat-terminoloġija Maltija, u Andrew Sammut u Jennifer Debarro li jaħdmu bħala terminologi full-time mal-Kummissjoni Ewropea l-Lussemburgu u li ġentilment tawni r-reazzjonijiet tagħhom dwar xi taqsimiet li ktibt fit-tieni kapitlu.

Nirringrazzja lid-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta li kompla jinvesti fil-formazzjoni tiegħi u għenni finanzjarjament biex nattendi l-konferenza *Terminology: Domain Loss and Gain* li saret bejn

l-20 u l-21 ta’ April 2023 fi Brussell, kif ukoll il-kors tas-sajf dwar it-terminoloġija li sar Napli bejn is-17 u l-21 ta’ Lulju tal-istess sena.

Fl-aħħar nett, nirringrazzja lil John Paul Muscat, ħabib u għalliem tal-Arti, tal-ħafna smigħ tiegħu tul il-proċess. Bħali jaf li dan ix-xogħol huwa passaġġ qasir li Alla ppermetta fil-ħajja tiegħi biex, fil-mixja fraġli li nimxi, niskopri iżjed il-kobor u t-tjubija ta’ minn fejn ġejt u fejn jien sejjer.

Għal dan kollu, jien grat ħafna.

# Werrej

Sinteżi ..... iv
Abstract ..... v
Dedika ..... vi
Ringrazzjamenti ..... vii
Werrej ..... ix
Daħla ..... 1
1. It-terminoloġija bħala qasam ta' riċerka ..... 3
Introduzzjoni ..... 3
1.1. L-oriġini tal-qasam ..... 3
1.2. L-iżvilupp tat-terminoloġija moderna ..... 4
1.2.1. L-ewwel fażi: L-aspett prattiku ..... 5
1.2.2. It-tieni fażi: L-aspett applikattiv ..... 5
1.2.3. It-tielet fażi: L-aspett teoretiku ..... 7
1.2.4. It-terminoloġija llum ..... 9
1.3. Il-lingwaġġi ġenerali u speċjalizzati ..... 10
1.3.1. Il-qasam ..... 11
1.3.2. L-utenti ..... 11
1.3.3. Is-sitwazzjoni komunikattiva ..... 12
1.4. Il-lessikografija u t-terminografija ..... 13
1.4.1. Il-lessikografija ..... 13
1.4.2. It-terminografija ..... 14
1.4.2.1. Materjal ta' referenza ..... 14
1.4.2.2. Materjal speċifiku ..... 18
1.4.2.3. Materjal ieħor li jgħin ..... 20
1.4.2.4. Differenzi u similaritajiet ..... 22
1.5. Attivitajiet u metodi differenti fit-terminoloġija ..... 25
1.5.1. It-terminoloġija bħala qasam interdixxiplinarju ..... 25
1.5.2. It-terminoloġija bħala qasam lingwistiku ..... 26
1.5.2.1. L-iskola ta' Vjenna ..... 27
1.5.2.2. L-iskola Russa ..... 28
1.5.2.3. L-iskola ta' Praga ..... 28
1.5.3. It-terminoloġija bħala qasam konjittiv ..... 29
1.5.4. It-terminoloġija bħala qasam soċjali u komunikattiv ..... 30
1.5.4.1. It-terminoloġija u t-traduzzjoni ..... 32
1.5.4.2. It-terminoloġija u l-immaniġġjar tal-lingwa ..... 32

1.5.4.3. L-istandardizzazzjoni tat-terminoloġija ... 33
2. L-iżvilupp tat-terminoloġija Maltija ... 35
Introduzzjoni ... 35
2.1. Ħidma ta' persuni individwali ... 36
2.2. Ħidma kollaborattiva ... 39
2.2.1. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti ... 39
2.2.1.1. Il-formazzjoni tal-Kunsill u l-Kumitat tat-Terminoloġija ... 39
2.2.1.2. Xi ħidmiet terminoloġiċi tal-Kunsill ... 41
2.2.1.3. Kif issir/saret il-ħidma terminoloġika fil-Kunsill ... 45
2.2.2. Id-Dipartiment tal-Malti fl-UM ... 46
2.2.3. Id-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija u l-Interpretar fl-UM ... 47
2.2.3.1. Ħarsa storika tad-Dipartiment u l-ħidma terminoloġika fih ... 47
2.2.3.2. Mill-glossarji għall-formalizzazzjoni terminoloġika ... 50
2.2.4. Id-Dipartiment tal-Malti fil-Kummissjoni Ewropea ġewwa l-Lussemburgu ... 51
2.2.4.1. Ħarsa storika tal-ħidma terminoloġika fil-Kummissjoni Ewropea ... 51
2.2.4.1.1. Qabel id-Dipartiment ... 51
2.2.4.1.2. Mit-twelid tad-Dipartiment 'l hawn ... 53
2.2.4.2. Kif jinħoloq terminu fid-Dipartiment tal-Kummissjoni u kif jiġi ppreżentat? ... 56
2.2.5. Dipartimenti oħra fl-UM ... 58
2.2.6. Għaqdiet studenteski fl-UM ... 59
2.2.7. Ħidma konġunta f'kotba, rivisti u gazzetti ... 59
2.2.8. Kollaborazzjonijiet oħra ... 62
2.3. Sfidi fl-iżvilupp tat-terminoloġija Maltija ... 64
2.3.1. In-nuqqas ta' kuxjenza terminoloġika ... 64
2.3.2. In-nuqqas ta' riżorsi u fondi ... 64
2.3.3. In-nuqqas ta' kollaborazzjoni ... 65
2.3.4. In-nuqqas ta' terminoloġija bil-Malti fl-oqsma speċjalizzati ... 66
2.3.5. Il-problema tat-tassonomija barranija ... 67
2.3.6. Is-sinonimija u l-istandardizzazzjoni ... 68
2.3.7. In-nuqqas ta' ekonomiji ta' skala fuq livell lokali ... 68
2.3.8. Is-sitwazzjoni demografika ta' Malta ... 69
2.3.9. Il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea ... 69
2.3.10. Il-Liġi ta' Malta ... 70
2.4. It-triq 'il quddiem ... 71
2.4.1. Il-prattika Irlandiża ... 72
Konklużjoni ... 73
3. L-unità terminoloġika: It-terminu Malti ... 75

Introduzzjoni ... 75
3.1. L-aspett kunċettwali tat-terminu ... 77
3.1.1. Il-karatteristiċi tal-kunċett ... 78
3.1.2. Ir-relazzjonijiet bejn il-kunċetti ... 80
3.1.2.1. Ir-relazzjonijiet ġerarkiċi ... 81
3.1.2.1.1. Ir-relazzjonijiet ġeneriċi ... 81
3.1.2.1.2. Ir-relazzjonijiet partittivi ... 82
3.1.2.2. Ir-relazzjonijiet assoċjati ... 84
3.1.3. Ir-relazzjoni terminu-kunċett ... 85
3.1.3.1. Il-monosemija ... 85
3.1.3.2. Il-polisemija ... 85
3.1.3.3. L-omonimija ... 85
3.1.3.4. Is-sinonimija ... 86
3.1.4. Id-definizzjonijiet ... 87
3.2. L-aspett formali tat-terminu ... 87
3.2.1. It-terminu bħala ħoss u grafema ... 88
3.2.2. It-terminu bħala proċess ta' formazzjoni ... 89
3.2.2.1. L-oriġini lingwistika ... 91
3.2.2.2. Kriterji formali ... 95
3.2.2.2.1. Aspetti morfoloġiċi tat-terminu ... 96
3.2.2.2.2. Aspetti sintattiċi tat-terminu ... 100
3.2.2.3. Kriterji semantiċi ... 101
3.2.2.4. Kriterji funzjonali ... 103
Konklużjoni ... 104
4. Il-bini ta' ġabra ta' riżorsi terminoloġiċi bil-Malti ... 106
Introduzzjoni ... 106
4.1. Il-kontribut tiegħi ... 106
4.2. Għal min tiswa l-ġabra? ... 107
4.3. Il-metodu tiegħi ... 107
4.3.1. Ħidma kollaborattiva ... 107
4.3.2. Ħidma individwali ... 109
4.3.2.1. Sfidi ... 109
4.4. Lejn infrastruttura tal-ġabra ... 110
4.4.1. L-ewwel verżjoni ... 110
4.4.2. It-tieni verżjoni ... 112
4.4.3. It-tielet verżjoni ... 113
4.4.3.1. Lenti fuq il-forma tas-sors ... 113

4.4.3.1.1. Riżorsi stampati ..... 114
4.4.3.1.2. Riżorsi editjati stampati ..... 115
4.4.3.1.3. Rivisti u gazzetti stampati ..... 116
4.4.3.1.4. Teżijiet mhux ippubblikati ..... 118
4.4.3.1.5. Riżorsi mhux stampati ..... 119
4.4.3.1.6. Riżorsi oħra ..... 120
4.4.3.2. Lenti fuq l-isem u l-kunjom tal-esponent/i ..... 120
4.4.3.3. Lenti fuq isem ix-xogħol kollu ..... 122
4.4.3.4. Lenti fuq il-pubblikazzjoni ..... 122
4.4.3.5. Lenti fuq id-data tar-riżorsa ..... 122
4.4.3.6. Lenti fuq il-qasam terminoloġiku ..... 123
4.4.3.6.1. Klassifikazzjonijiet stabbiliti ..... 123
4.4.3.6.2. Il-klassifikazzjoni tiegħi ..... 123
4.4.3.7. Lenti fuq il-kelma/kliem muftieħ ..... 124
4.4.3.8. Lenti fuq it-tip ta' inklinazzjoni terminoloġika tar-riżorsa ..... 125
4.4.3.8.1. Riżorsi bi stilla waħda ..... 125
4.4.3.8.2. Riżorsi b'żewġ stilel ..... 127
4.4.3.8.3. Riżorsi bi tliet stilel ..... 128
4.4.3.9. Il-kolonni tal-kummenti ..... 129
4.5. Xi osservazzjonijiet deskrittivi mill-ġabra ..... 130
Għeluq miftuħ ..... 137
Biblijografija ..... 138
Appendiċi – Il-ġabra ..... 153

# Daħla

Fl-Enċiklopedija tiegħu, David Crystal (2015:357) jikteb: "One of the most urgent contemporary needs is the international unification of terminology." Din l-istqarrija ħeġġitni naħdem f'dan il-bżonn kritiku lokali billi niġbor f'qafas wieħed numru sabiħ ta' riżorsi terminoloġiċi bil-Malti, kollha maħdumin diġà b'għanijiet u metodi differenti matul ħafna snin. B'hekk l-għan ewlieni ta' xogħli hu li niddeskrivi s-sitwazzjoni terminoloġika Maltija s'issa filwaqt li nagħti indikazzjoni ta' x'hemm bżonn isir biex it-terminu Malti jaġġorna mal-bidliet kontinwi ta' żmienna.

Fl-ewwel kapitlu ta' xogħli nittratta l-iżvilupp tat-terminoloġija fuq livell internazzjonali, minn qasam imħaddem mid-dilettant għal suġġett formali studjat b'mod sistematiku mill-espert. Huwa żvilupp riċenti li l-attività tiegħu splodiet, anke fuq livell teknoloġiku, f'dawn l-aħħar snin. Din il-letteratura tgħin lill-istudjuż[1] Malti jagħraf il-bidu umli tas-suġġett u tħeġġu ma jaqtax qalbu imma jissokta b'ħidma, kemm jista' jkun formali u sistematizzata, li tpoġġi lil ilsienu fuq il-mappa tat-terminoloġija internazzjonali kif inhi studjata b'tant metodi stabbiliti u mħaddmin diġà.

Fit-tieni kapitlu nittratta l-iżvilupp tat-terminoloġija Maltija u naqsamha fil-ħidma ta' persuni individwali u f'attivitajiet oħra li saru, u għadhom isiru, b'mod kollaborattiv. Din il-kitba hija mogħnija b'tagħrif siewi li ġbart minn erba' intervisti li għamilt ma' xi esponenti li, bil-modi differenti tagħhom, għandhom sehem f'dan il-qasam lokali. Fih ukoll nelenka għaxar diffikultajiet li t-terminoloġija tagħna naħseb li qed tbati minnhom u sejjaħtilhom sfidi għaliex bi ftit rieda tajba mill-individwu u mill-kollettiv nemmen li nistgħu naraw xi frott. Għalhekk, f'taqsima 2.4. nissuġġerixxi triq 'il quddiem li t-terminoloġija Maltija jaqblilha tgħaddi minnha b'referenza għall-prattika Irlandiża li għandha kuntesti diffikultużi bħal tagħna u li llum qed titħaddem b'mod organizzat u ċentralizzat.

Fit-tielet kapitlu nesplora fil-fond it-terminu Malti u nagħraf li l-aspett kunċettwali u dak formali huma żewġ ingredjenti kruċjali fl-istudju tat-terminoloġija. Fih issir mikroanaliżi tal-unità terminoloġika Maltija b'eżempji konkreti minn ilsienna.

Wara l-kontribut teoretiku, fir-raba' kapitlu niġbor il-ħidma prattika tiegħi. Dan nagħmlu billi nirreferi għall-metodi li ħaddimt biex nipparteċipa f'din ir-realtà ta' terminoloġija bil-Malti, b'mod speċjali fil-bini tal-ġabra. F'taqsima 4.5. nippreżenta wkoll xi riżultati deskrittivi li rnexxieli nislet mill-istess inventarju, osservazzjonijiet kwantitattivi intenzjonati biex jillustraw is-sitwazzjoni preżenti tat-terminoloġija lokali bl-iskop li fil-futur iwittu t-triq għal studji sistematizzati oħra. Ukoll, b'din il-kitba npoġġi għad-dispożizzjoni tal-istudjużi tal-ġejjieni l-proċessi li użajt jien biex l-aġġornament

[1] F'din it-teżi aktarx se nuża dejjem il-maskil ġeneriku, bħal *studjuż*, *utent*, *terminologu*, *lessikografu*, u l-bqija. Madankollu, kull referenza fil-maskil tgħodd ukoll għall-femminil.

ta' din il-ġabra jkun ikkonsolidat minn dan il-bidu li għall-ewwel darba azzarda jgħaqqad flimkien tant riżorsi terminoloġiċi varji.

Fl-aħħar nett, fl-appendiċi tat-teżi nippreżenta l-aħħar verżjoni tal-ġabra li għaqqadt b'mod organizzat f'dokument Excel u naqsamha f'sitt strutturi differenti li fihom niddokumenta l-partijiet terminoloġiċi kollha ta' (i) 388 pubblikazzjoni stampata, (ii) 25 ktieb editjat, (iii) 28 rivista/gazzetta bil-ħarġiet kollha tagħhom, (iv) 146 teżi mhux ippubblikata, u (v) xi riżorsi oħra mhux stampati. Magħhom, (iv) nelenka għadd ta' riżorsi oħrajn li ta' min wieħed jikkunsidrahom għalihom fit-totalità tagħhom. B'hekk inkun qiegħed nesponi b'ħafna dettall tant riżorsi li qallibt u ddokumentajt f'dawn it-tliet snin ta' riċerka u nikklassifikahom b'kulma jgħaqqadhom jew jifridhom fi kwadru wieħed. Huwa inventarju ppreparat bil-lest sabiex jitpoġġa fuq pjattaforma elettronika, bħall-portal *malti.mt*, u jkun aċċessibbli għall-pubbliku kollu.

# 1. It-terminoloġija bħala qasam ta' riċerka

*Terminoloġija ħażina hija l-għadu ta' ħsieb tajjeb.*

WARREN BUFFETT

## Introduzzjoni

L-istudju tat-terminoloġija – fergħa fil-lingwistika applikata li tistħarreġ u tiġbor termini tekniċi speċjalizzati – mhuwiex qasam ta' studju ġdid. Madankollu, fl-aħħar żminijiet, dan il-qasam ingħata xejriet sistematizzati ta' żvilupp kif qatt ma kellu qabel. Kif tikteb María Teresa Cabré, l-ex Kap taċ-Ċentru Katalan tat-Terminoloġija (TERMCAT), minn fergħa tad-dilettanti, fit-tletinijiet, it-terminoloġija bdiet tikseb trattament xjentifiku li jitfa' dawl ġdid fuq il-prinċipji u l-metodoloġiji veri tagħha (1999:1).[2] Minn hawn nibtet il-frażi "ix-xjenza tat-terminoloġija" (Felber, 1984:31).

## 1.1. L-oriġini tal-qasam

Il-ħtieġa li l-oġġetti tad-dinja ta' madwarna jissemmew ilha tinħass minn żminijiet antiki. Il-Kratilu ta' Platun jista' jitqies bħala l-ewwel test bażiku dwar it-terminoloġija.[3] Bejn Platun u s-seklu sittax, l-Istojċi, Santu Wistin, Sant'Anselmu, xi ħassieba Indjani, oħrajn Għarab, u grammatiċi u lessikografi oħra kitbu dwar is-suġġett. Il-kitbiet filosofiċi u grammatikali tal-Medju Evu huma riflessjonijiet profondi dwar il-lingwa u r-relazzjoni tagħha mal-oġġetti u l-ħsieb. Biss, l-idea ta' dixxiplina separata ddedikata għall-problemi assoċjati mal-ismijiet u ma' metodoloġija biex issolvihom ħarġet bil-mod wara r-Rinaxximent. L-istorja tal-kliem hija xhieda ta' dan. Il-kelma *nomenklatura* (mil-Latin, *nomen calare*) dehret għall-ewwel darba bil-Franċiż u bl-Ingliż fil-bidu tas-seklu sittax bit-tifsira ta' *glossarju* jew *lista ta' ismijiet*, u bilkemm kienet tingħaraf mill-kelma *dizzjunarju* (minn *dictio*, il-kelma mitkellma). B'kuntrast, ikompli Sager (1995:11-12), il-kelma Ingliża *technology*, li fl-1615 kienet użata għall-ewwel darba biex tindika *diskors jew trattat fuq l-arti* (mil-Latin *ars* jew *artis*, mill-Grieg *tekhne*), bidlet it-tifsira tagħha f'nofs l-istess seklu b'mod aktar speċifiku għal *terminoloġija tal-arti jew suġġett partikolari*.[4]

---

[2] Oriġinarjament, din il-pubblikazzjoni ġiet ippubblikata bil-Katalan fl-1992 bl-isem *La Terminologia: La teoria, els mètodes, les aplicacions.*

[3] Il-Kratilu huwa l-isem ta' djalogu ta' Platun, miktub fiż-żminijiet nofsana tal-istess filosfu, li jittratta l-korrettezza fl-ismijiet. Fih, żewġ irġiel – Kratilu u Ermoġene – jistaqsu lil Sokrate jekk l-ismijiet humiex konvenzjonali jew naturali, jiġifieri jekk il-lingwa hijiex sistema ta' sinjali arbitrarji jew jekk il-kliem għandux relazzjoni intrinsika mal-oġġetti (Sedley, 2018).

[4] Mhux ta' b'xejn li l-bidla progressiva u parzjali tal-kelma *nomenklatura* għal *terminoloġija* f'dik il-ħabta implikat bidla fl-atteġġjament. Dan jintwera fit-tranżizzjoni minn *nomen* (isem) għal *terminu* (*terminus*, tmiem, limitu) definit mill-Oxford English Dictionary bħala "that which limits the extent of anything (...) each of the two things or notions which are compared, or between which some relation is apprehended or stated, in an act of

Minkejja li s-sistematizzazzjoni tat-terminoloġija hija żvilupp riċenti, diversi attivitajiet serji fil-qasam joħduna lura għas-seklu tmintax. L-ewwel li bdew jesperimentaw b'metodoloġiji terminoloġiċi kienu x-xjentisti, segwiti mill-inġiniera u tekniċi oħra li, mhux biss kellhom isibu isem għal kunċetti ġodda, iżda kellhom jaqblu wkoll dwar it-termini li jużaw għalihom. Fl-1758, ngħidu aħna, l-Iżvediż Carl Linnew, magħruf bħala "missier it-tassonomija moderna" (Das, 2018:180), ippubblika l-għaxar edizzjoni tas-*Systema Naturæ* li fiha ta bidu għall-famuża nomenklatura binomjali, is-sistema li fil-botanika u ż-żooloġija tagħti isem lill-organiżmi permezz ta' żewġ lessemi mil-lingwi klassiċi (il-Grieg u l-Latin). Fl-1787, erba' kimiċi Franċiżi – Louis Bernard Guyton de Morveau, Antoine-Laurent Lavoisier, Claude Louis Berthollet u Antoine François Fourcroy – ippubblikaw ktieb bit-titlu *Méthode de Nomenclature Chimique*, li fih fasslu nomenklatura kimika li għadha sservi ta' pedament għas-sistema moderna li tagħti isem lill-komposti kimiċi. Fiha pproponew nomenklatura ġdida ta' sustanzi kimiċi, spjegaw il-prinċipji sistematizzati li użaw fl-għoti tal-ismijiet kimiċi u ppreżentaw tabella tassonomika ta' sustanzi kimiċi (Lefèvre, 2018:9).

Sal-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, il-lingwisti, b'mod ġenerali, ftit urew interess fl-istudju tat-terminoloġija. Minflok, huma kienu kkonċernati iżjed fil-ħtieġa li jiżviluppaw teorija li tiddeskrivi l-prinċipji li jiggvernaw lil-lingwi umani kollha[5] bil-konsegwenza li injoraw l-aspetti tal-lingwa li jiddeskrivuha bħala mezz ta' komunikazzjoni, bħat-terminoloġija.

## 1.2. L-iżvilupp tat-terminoloġija moderna

Il-bidu tal-iżvilupp tat-terminoloġija moderna seħħ fit-tletinijiet tas-seklu għoxrin mal-ħidma tal-inġinier Awstrijak Eugen Wüster, meqjus minn ħafna bħala l-fundatur tat-terminoloġija moderna. Minn hawn, it-terminoloġija bdiet tgħaddi minn proċess interessanti: minn realtà dilettanteska bdiet tevolvi ftit ftit għal dixxiplina organizzata bil-prinċipji u l-metodoloġiji sistematiċi tagħha. L-erba' perjodi ewlenin li jikkaratterizzaw it-terminoloġija moderna u li Cabré (1999:5) telaborahom – il-bidu tagħha (1930-1960), l-istrutturar tagħha (1960-1975), il-ftuħ tagħha (1975-1985) u l-espansjoni tagħha

thought." Għalhekk, il-kunċett ta' serje ta' ismijiet fi ħdan klassifikazzjoni tassonomika kien sostitwit bil-kunċett ta' sistema ta' tifsiriet definiti reċiprokament (Sager, 1995:15-16).

[5] Fl-1916, ngħidu aħna, l-Iżvizzeru Ferdinand de Saussure ppubblika l-*Kors tal-Lingwistika Ġenerali* li bih fetaħ tieqa strutturali ġdida tal-lingwa, li titbiegħed mill-argumenti storiċi tradizzjonali, u introduċa kunċetti bħal-lingwistika sinkronika u dijakronika, l-assoċjazzjonijet sintagmatiċi u paradigmatiċi, il-kunċetti ta' *langue* u *parole*, is-simbolu bħala forma (terminu) u tifsira (kunċett), u l-arbitrarjetà tas-simboli (Al Umma, 2015:17). Fis-sittinijiet, imbagħad, l-Amerikan Noam Chomsky ħareġ bit-teorija tal-Grammatika Universali fejn argumenta li l-moħħ tal-bniedem fih grammatika mentali intrinsika li tgħinu jikseb il-lingwa. Din il-grammatika tagħmlu differenti mill-annimali li m'għandhomx il-kumplessità li għandhom il-lingwi umani. Skontu, dan *l-apparat ta' ksib tal-lingwa* huwa separat minn fakultajiet oħra ta' attività konjittiva u jeħtieġ id-dħul tal-lingwa minn barra biex jiġi instigat l-operat tagħha (Ellis, 1997:32). Madankollu, mingħajr dan l-apparat ġewwieni, it-tfal qatt ma jkunu jistgħu jitgħallmu l-lingwa minn dak li jirċievu esternament.

(1985-sal-lum) – seħħew b'mod parallel mal-iżvilupp tal-karriera ta' Wüster, żvilupp imqassam f'dawn it-tliet fażijiet ċentrali: il-fażi prattika, il-fażi applikattiva, u l-fażi teoretika.

### 1.2.1. *L-ewwel fażi: L-aspett prattiku*

Fl-1930, Wüster issottometta t-teżi tad-Dottorat tiegħu intitolata *Internationale Sprachnormung in der Technik besonders in der Elektrotechnik* (L-Istandardizzazzjoni Internazzjonali tal-Lingwa fl-Inġinerija, speċjalment fl-Inġinerija Elettrika) fl-Università Teknika ta' Stuttgart, il-Ġermanja. Fiha ppreżenta argumenti għas-sistematizzazzjoni tal-metodi ta' ħidma fit-terminoloġija, stabbilixxa għadd ta' prinċipji biex bihom taħdem bit-termini, u ddeskriva l-punti ewlenin ta' metodoloġija għall-ipproċessar tad-dejta terminoloġika. Dan il-perjodu inizjali fl-istudju tat-terminoloġija huwa kkaratterizzat mit-tfassil ta' metodoloġiji għall-formazzjoni sistematika tat-termini. Dan ix-xogħol qiegħed is-sisien tat-terminoloġija bħala dixxiplina indipendenti u xjentifika. Barra minn hekk, fil-qasam tal-immaniġġjar tal-lingwa, xogħol Wüster kien ikkunsidrat bħala qari standard fix-xjenza tat-terminoloġija u l-aktar xogħol xjentifiku komprensiv dwar il-kwistjoni tal-lingwi ppjanati ta' żmienu (Campo, 2012:54). It-traduzzjoni għar-Russu ta' din it-teżi fl-1935 serviet bħala l-punt ta' tluq għall-interess terminoloġiku b'saħħtu li segwa fl-oqsma tekniċi tal-ħajja u indikazzjoni b'saħħitha tal-bżonn urġenti ta' standardizzazzjoni tat-termini. Din it-traduzzjoni serviet ta' bażi għall-proposta tal-Unjoni Sovjetika biex l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Istandardizzazzjoni (ISA) tistabbilixxi l-Kumitat Tekniku 37 (TC37) bil-għan li jiġbor flimkien il-metodi u l-preżentazzjoni ta' terminoloġiji speċjalizzati. It-Tieni Gwerra Dinjija kellha twaqqaf din il-ħidma fl-1939, però, fl-1952 l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO), imwaqqfa wara l-gwerra bħala s-suċċessur tal-ISA fl-1946, reġgħet stabbiliet kumitat tekniku għall-istandardizzazzjoni tat-terminoloġija ISO/TC37 li fih Wüster kellu sehem ewlieni fis-segretarjat (Trojar, 2017:55-56).

### 1.2.2. *It-tieni fażi: L-aspett applikattiv*

Wara l-aspett prattiku dwar metodi kompilatorji u ta' standardizzazzjoni, ħidmet Wüster għaddiet għall-aspett applikattiv permezz tad-dizzjunarju *The Machine Tool: An Interlingual Dictionary of Basic Concepts* (1968), fejn issa, f'din it-tieni fażi tat-terminoloġija, l-inġinier kellu l-opportunità jipprova fil-prattika l-metodi sistematiċi li kien kiteb dwarhom qabel. Dil-pubblikazzjoni, li hija waħda mill-iżjed ikkwotati ta' Wüster, tkopri dizzjunarju alfabetiku u vokabularju kklassifikat ta' għodod tal-magni b'definizzjonijiet u illustrazzjonijiet organizzati sistematikament skont is-sistema tal-Klassifikazzjoni Deċimali Universali (UDC). Din il-biċċa xogħol ta' Wüster, miktuba mingħajr l-għajnuna tal-kompjuter, baqgħet esperiment iżolat. Il-metodoloġija proposta wriet kumplessità qawwija fl-ipproċessar mentali tal-bniedem fi żmien meta l-konverżjoni teknika awtomatika ma kinitx għadha esperimentata (Sager, 1990:211). Hija ħidma b'saħħitha ħafna li ftit ftit bdiet isservi ta' mudell terminografiku tajjeb għall-proġetti internazzjonali.

F'din il-fażi ta' żvilupp, bdew jitkattru l-ewwel innovazzjonijiet terminoloġiċi fuq skala kbira bil-ħolqien ta' kompjuters kbar u metodi oħra ta' dokumentazzjoni. Bdew jidhru l-ewwel banek ta' dejta u saru sforzi biex jiġu kkoordinati b'mod internazzjonali l-prinċipji li bihom jiġu pproċessati t-terminoloġiji.[6]

F'dan il-perjodu, kien ta' siwi kbir it-twaqqif tal-Infoterm, iċ-Ċentru Internazzjonali ta' Informazzjoni għat-Terminoloġija, imwaqqaf fl-1971 mill-UNESCO, l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura. Dan iċ-Ċentru kellu l-bidu tiegħu fi proprjetà privata f'Wieselburg, fl-Awstrija t'Isfel, u kien ukoll frott il-ħidma tal-istess Wüster. Miegħu, Friedrich u Anneliese Lang, żewġ lingwisti, ħadmu bħala librara, lessikografi, terminologi u organizzaturi ta' laqgħat u konferenzi għal dan iċ-Ċentru. Imbagħad, f'Ottubru tal-1964 Helmut Felber sar assistent tar-riċerka ta' Wüster, funzjoni li żamm sal-1970. Dan iċ-Ċentru kien, fost l-oħrajn, impenjat fi proġetti mal-UNESCO u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, u għalhekk kien f'kuntatt ma' bosta esperti minn madwar id-dinja. Għalhekk, dan iċ-Ċentru waqqaf librerija li, meta ġie trasferit għall-Infoterm fl-1981, saret l-Arkivju Eugen Wüster, arkivju li llum huwa parti mill-Arkivju tat-Teorija tax-Xjenza fl-Università ta' Vjenna (Infoterm, 2004:3). Illum, l-għan tal-Infoterm huwa li "jappoġġja u jikkordina l-koperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-terminoloġija" (Infoterm, 2015). Il-membri tagħha huma istituzzjonijiet pubbliċi jew semipubbliċi speċjalizzati, jew istituzzjonijiet oħra mingħajr skop ta' qligħ, involuti f'attivitajiet terminoloġiċi (Infoterm, 2015).

Iż-żewġ rapporti li Wüster kiteb fil-pubblikazzjoni *The Road to Infoterm* (1974a) jikxfu sewwasew il-progress mgħaġġel tax-xjenza u t-teknoloġija u jipprovdu raġunijiet fundamentali għall-ħolqien ta' terminoloġija internazzjonali, kif irrealizzati f'dan iċ-ċentru tal-Infoterm. Fih l-awtur jirreġistra letteratura xjentifika, inklużi dizzjunarji u teżawri minn madwar id-dinja, bl-iskop li tiġi skambjata informazzjoni xjentifika fuq livell internazzjonali. L-attivitajiet terminoloġiċi ta' terminologi, lingwisti, speċjalisti tas-suġġetti u tal-klassifikazzjoni, tradutturi u interpreti, lessikografi, għalliema tal-kitba teknika, dokumentaturi u librara huma kollha meħtieġa għall-iżvilupp ta' dan il-qasam interdixxiplinarju. Il-kordinazzjoni ta' dawn l-attivitajiet hija fundamentali biex iseħħ verament żvilupp pożittiv. Huma żewġ rapporti li jippreżentaw sinteżi awtorevoli tal-fatti rilevanti dwar l-istandardizzazzjoni terminoloġika, kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Fuq kollox, dawn

[6] Tajjeb ngħid li meta ġiet ittestjata l-istruttura tal-bank tat-termini multilingwi tal-Kummissjoni Ewropea, magħrufa bħala Eurodicautom, il-ġabra ta' dan id-dizzjunarju ta' Wüster, li bdiet bħala kuntratt bejn il-Kummissjoni Ewropea u Infoterm, serviet bħala d-dejta inizjali ta' dan il-bank. Dan il-proġett kellu żewġ għanijiet: li jwettaq proġett pilota b'mod parallel mal-elaborazzjoni tal-prinċipji terminoloġiċi u metodi li jiġu derivati minn esperjenza prattika sabiex jiġu ttestjati l-applikabbiltà u l-effiċjenza tiegħu, u li d-dizzjunarju ta' Wüster ikun f'forma li tinqara mill-magni sabiex ikun aċċessibbli għat-tradutturi u ħaddiema oħra tal-Kummissjoni. B'dan il-proġett, funzjonijiet oħra tat-terminoloġija saru importanti ħafna. Fil-fatt, is-sistema ta' kunċetti, espressi bl-użu ta' termini, saret il-bażi għall-ordni u t-trasferiment tal-għarfien, għall-ħażna u l-irkupru tal-informazzjoni, u għall-inġinerija tal-għarfien. Fl-2007, imbagħad, id-database tat-terminoloġija interistituzzjonali Inter-Active Terminology for Europe (IATE) issostitwiet lill-Eurodicautom (Campo, 2012:55).

jikkostitwixxu gwida ċara applikattiva għall-istituzzjonijiet, organizzazzjonijiet, kumitati, gruppi, u ħidma terminoloġika oħra simili (Campo, 2012:57-58).

### 1.2.3. *It-tielet fażi: L-aspett teoretiku*

Il-ħidma vasta ta' Wüster tagħlaq bl-aspett teoretiku dwar il-qasam permezz tal-pubblikazzjoni *Einführung in die allgemeine Terminologielehre und terminologische Lexikographie* (Introduzzjoni dwar it-Teorija Ġenerali tat-Terminoloġija u l-Lessikografija Terminoloġika) (1979) li dehret b'mod sħiħ fil-Ġermanja sentejn wara mewtu u li tpoġġi l-esperjenza terminoloġika tiegħu f'livell astratt, iżjed universali (Nedobity, 1983:73). Għad li Wüster baqa' ma lestiex dan ix-xogħol, tant li Picht (1994/1995:142) isejjaħlu "xogħol frammentat", il-Professur Felber, kollega li fela bir-reqqa ħidmet Wüster tul is-snin, jippreżenta dik li x'aktarx hija l-isħeħ preżentazzjoni tat-teorija ta' Wüster. Din ir-riċerka hija frott il-lectures li Wüster ta bejn l-1972 u l-1974 fl-Università ta' Vjenna u tiggarantixxi metodoloġija sistematika għat-terminoloġija. Dan seħħ meta l-istandardizzazzjoni tat-terminoloġija saret bżonn urġenti f'kuntest meta t-tkabbir mgħaġġel tal-kunċetti fl-oqsma kollha tal-għarfien beda jagħti lok għal problemi ta' komunikazzjoni. Felber (1984:96) jikteb li t-teorija ġenerali tat-terminoloġija hija ċċentrata fuq il-kunċett u orjentata lejn il-qasam tas-suġġett: "Hija tqiegħed fiċ-ċentru tar-riflessjonijiet tagħha l-kunċett u r-relazzjonijiet tiegħu ma' kunċetti ġirien oħra, kif ukoll il-korrispondenza kunċett-terminu u l-assenjazzjoni tat-termini għall-kunċetti." F'dan is-sens, it-teorija ta' Wüster hija bbażata fuq proċess onomasjoloġiku,[7] fejn l-oġġetti tar-riċerka fit-terminoloġija huma l-kunċetti u r-relazzjonijiet ta' bejniethom aktar milli t-termini nfushom. F'teorija terminoloġika bħal din, it-termini huma tikketti li jirreferu għall-kunċetti, u l-attributi lingwistiċi tagħhom huma ftit jew wisq irrelevanti. Anita Nuopponen (2003:225) tiġbor f'ħames punti l-qafas bażiku ta' din it-teorija ġenerali tat-terminoloġija:

- Ħidma terminoloġika għandha tibda mill-kunċett (qabbel mal-lessikografija) u l-għan tagħha huwa li tiddistingwi b'mod ċar kunċett minn ieħor.
- Il-kunċetti u t-termini huma meqjusin bħala unitajiet separati minn xulxin.
- L-enfasi ssir fuq ħarsa sinkronika, mhux dijakronika.[8]

---

[7] Waqt li l-onomasjoloġija – mill-Grieg *ónoma* (isem) u *logos* (studju) – tistudja d-deżinjazzjoni, fejn il-lingwista jibda b'kunċett lil hinn mil-lingwa u jfittex il-forom espressivi tiegħu (Grzega, 2012:271), is-semasjoloġija – mill-Grieg *semasia* (tifsira) – tibda mit-terminu u tasal għall-kunċett. Għalhekk, fis-semasjoloġija l-lessikografu josserva l-lingwa li jużaw in-nies u jiddokumentaha b'mod organizzat fid-dizzjunarji waqt li fi proċess onomasjoloġiku t-terminologu josserva l-kunċetti tad-dinja ta' madwaru, joħloq deżinjazzjonijiet għalihom, u jorganizzahom fid-databases ta' termini li jfassal (Lakó, 2015:151-155).

[8] It-teorija tradizzjonali ta' Wüster tipproponi li l-ħidma terminoloġika bejn it-termini u l-kunċetti għandha ssir sinkronikament, jiġifieri b'analiżi li ssir f'perjodu partikolari ta' żmien, ġeneralment il-preżent, mingħajr ma titqies l-istorja. Min-naħa l-oħra, ħidma dijakronika tistudja l-iżvilupp storiku u l-evoluzzjoni tal-lingwa. Kien Saussure (1916) li introduċa din id-distinzjoni permezz tal-metafora taċ-ċess. Skontu, bħalma persuna li tingħaqad mal-udjenza f'nofs logħba ċess m'għandhiex bżonn informazzjoni tal-mod kif tranġaw il-biċċiet ta' fuq il-mejda, hekk ukoll fil-lingwa nistgħu nitbiegħdu mill-mod kif ir-regoli lingwistiċi nbidlu maż-żmien u ssir analiżi tar-regoli attwali. B'kuntrast, it-Teorija Komunikattiva ta' Cabré (1999) u dik Soċjokonjittiva ta' Temmerman

- Il-kunċetti u t-termini jistgħu jiġu studjati f'relazzjoni ma' kunċetti u termini oħra relatati.
- L-organizzazzjoni tal-entrati terminoloġiċi hija sistematika jew tematika, mhux alfabetika.

Skont Wüster, it-terminoloġija għandha prinċipji fundamentali ċari. Huwa dejjem ħares lejn it-terminoloġija bħala qasam ibbażat fuq il-kunċett. Spjega dan f'din is-silta addattata minn kitbietu stess (Wüster, 1985:21-22):

> Ir-riċerka terminoloġika kollha tuża l-kunċetti bħala l-punt tat-tluq tagħha. L-għan tagħha huwa li tasal għal delimitazzjonijiet ċari fost id-diversi kunċetti tagħha. Fir-riċerka terminoloġika, il-kunċetti huma distinti mid-denominazzjonijiet (it-termini) tagħhom. Għalhekk, it-terminologi jirreferu għall-*kunċetti* waqt li l-lingwisti jitkellmu dwar il-*kontenut tal-kliem* b'referenza għal-lingwaġġ ġenerali. Għat-terminologi, *unità terminoloġika* tikkonsisti minn *kelma* li magħha hemm *kunċett* relatat bħala t-*tifsira* tagħha. B'kuntrast, għall-biċċa l-kbira tal-lingwisti tal-lum, il-*kelma* hija unità inseparabbli magħmula minn *forma* u *kontenut*.

Felber (1984:27) ikompli li t-teorija ġenerali tat-terminoloġija hija bbażata fuq mudell li jinbena fuq erba' oqsma tal-kelma, mudell li kompla fuq il-ħidma ta' Saussure meta stabbilixxa r-relazzjoni kelma-kunċett u ħoloq distinzjoni bejn il-lingwaġġ individwali naturali bħala struttura jew sistema għaliha (*langue*) u l-atti individwali tad-diskors ta' lingwa bħala proċess għalih (*parole*) (Antia, 2002:108). Fil-mudell tiegħu, Wüster ikopri r-realtà ekstralingwistika tal-kunċett trattat kif ukoll il-qasam li taħtu jaqa' l-istess kunċett (Felber, 1980:68). B'kuntrast, Packeiser (2009:16-17) tkompli tidentifka erba' nuqqasijiet li joħorġu minn din it-teorija:

1. Il-prinċipji tal-kunċett u t-terminu mhumiex spjegati xjentifikament. Minn naħa, il-kunċett huwa sempliċiment ippreżentat bħala l-pedament ta' kwalunkwe xogħol terminoloġiku iżda mhuwiex mgħammar b'sustanza sodisfaċenti biex jipprova din il-pożizzjoni preferenzjali. Min-naħa l-oħra, it-termini mhumiex rappreżentati b'mod xjentifiku, huma konċepiti ħażin fl-importanza tagħhom fit-terminoloġija, u huma interpretati ħażin fir-rwol terminu-kunċett li għandhom.
2. Minkejja li t-teorija ġenerali dejjem ħolqot distinzjoni bejn it-terminoloġija u s-semantika, l-argumenti li jappoġġjaw din id-differenza huma ristretti għall-istqarrija li r-relazzjoni bejn il-kunċett u t-terminu mhijiex l-istess bħal dik bejn it-tifsira u l-kliem. It-teorija ġenerali la tispjega għaliex hija differenti u lanqas tiddefinixxi sew ir-relazzjoni bejn il-kunċett u t-terminu kif is-semantika tagħmel fejn tidħol ir-relazzjoni bejn il-kelma u t-tifsira.
3. Sabiex tiddistingwi t-terminoloġija mil-lessikografija, it-teorija ġenerali ssostni li, għall-kuntrarju tal-lessikografija li l-metodoloġija tagħha hija bbażata fuq proċess semasjoloġiku, f'xogħol terminoloġiku l-proċess huwa onomasjoloġiku. Madankollu, hemm

(2000) tbiegħdu mill-analiżi sinkronika u taw valur lil dik dijakronika. Temmerman, ngħidu aħna, tuża l-kelma *splicing* biex tistudja l-istorja semantika tat-terminu, l-użu tiegħu fi gruppi kulturali differenti, u l-preżenza tiegħu fil-lingwaġġ ġenerali u speċjalizzat.

każijiet fejn dan l-atteġġjament onomasjoloġiku ma jistax ikun applikat dejjem f'kwalunkwe xogħol terminoloġiku.

4. It-teorija ġenerali tiddikjara li r-regoli sintattiċi tal-lingwa mhumiex relevanti għat-terminologi. Dan mhuwiex minnu għaliex, ħafna drabi u b'ħafna modi, it-terminoloġija tagħmel użu mis-sintassi.

F'dan il-perjodu, it-terminoloġija kienet immarkata minn żieda drastika ta' proġetti ta' immaniġġjar tal-lingwa u oħrajn ta' natura terminoloġika. Is-sinifikat tat-terminoloġija fl-immodernizzar tal-lingwa deher evidenti f'dan il-perjodu. Barra minn hekk, it-tixrid tal-kompjuters personali ġab ukoll bidla kbira fil-kundizzjonijiet għall-ipproċessar tad-data terminoloġika.

### 1.2.4. *It-terminoloġija llum*

Mit-tmeninijiet lil hawn, it-terminoloġija kompliet tevolvi. Issa, ix-xjenza tal-kompjuter hija waħda mill-iżjed forzi importanti wara l-bidliet li t-terminoloġija għaddejja minnhom. It-terminologi għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom għadd ġmielu ta' għodod u riżorsi li huma addattati iktar għall-bżonnijiet tagħhom, aktar faċli għall-utent, u aktar effettivi.[9] Fl-istess ħin, inħoloq suq ġdid – dak tal-industriji tal-lingwa – li fih it-terminoloġija tokkupa pożizzjoni pprivileġġjata. Il-koperazzjoni internazzjonali issa hija mwessgħa u kkonsolidata aktar filwaqt li qed jinbnew networks internazzjonali sabiex jgħaqqdu aġenziji u pajjiżi li jaqsmu karatteristiċi komuni bejniethom jew li huma interessati fil-koperazzjoni. Eżempju tajjeb ta' dan l-iskambju ta' informazzjoni u koperazzjoni internazzjonali huwa t-taħriġ li t-terminologi qed jingħataw. Il-mudell ta' terminoloġija marbut mal-immaniġġjar tal-lingwa, li huwa tant meħtieġ għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, dan l-aħħar ukoll qed jiġi kkonsolidat u mifrux (Cabré, 1999:6).

L-attivitajiet terminoloġiċi llum huma organizzati u jvarjaw skont kuntesti diversi f'pajjiżi b'għanijiet differenti. Auger (1998) jidentifika tliet orjentazzjonijiet differenti. Tal-ewwel tintrabat mal-Infoterm. Tat-tieni tinvolvi l-ħidma ta' dipartimenti ta' traduzzjoni multilingwi fi ħdan istituzzjonijiet federali jew internazzjonali. Tal-aħħar tikkonċerna l-istandardizzazzjoni tal-lingwi u l-lingwaġġi, kif ispirata primarjament mill-każ tal-Quebec, il-Kanada, fil-ħidma għat-tisħiħ tal-Franċiż bħala l-lingwa uffiċjali tal-amministrazzjoni użata f'kull forma ta' komunikazzjoni. Anke l-attivitajiet terminoloġiċi fir-reġjun

---

[9] Ħidmet it-terminologi għandha x'taqsam mal-identifikazzjoni tat-termini li jintużaw mill-esperti fil-qasam tas-suġġett tagħhom. Dan jagħmluh biex jipparteċipaw fil-produzzjoni ta' testi bil-miktub jew għall-komunikazzjoni orali fi ħdan dixxiplini individwali. It-terminologi joħolqu u jxerrdu riżorsi terminoloġiċi billi jirreġistraw it-termini u kemm-il darba jużaw programmi speċjalizzati sabiex inaqquhom mit-testi li jkollhom quddiemhom. F'xogħolhom, jiddokumentaw it-termini u l-kunċetti billi jfasslu definizzjonijiet, isibu kuntesti sinifikanti, u jipprovdu linji gwida għall-użu. Ta' spiss, it-terminologi għandhom irwol b'saħħtu fil-ġbir u fil-formazzjoni tal-isem ta' kunċetti u prodotti ġodda, kif ukoll jaraw kif se jippreżentawhom bl-aħjar mod fi strutturi varji ta' dokumentazzjoni. Illum, terminologu tajjeb huwa espert fit-tħaddim ta' varjetà kbira ta' programmi diġitali li joffru soluzzjonijiet għall-immaniġġjar tat-terminoloġija.

tal-Katalonja fi Spanja llum huma ispirati minn din l-aħħar orjentazzjoni (Stillwell u Hetrovicz, 2013:68-86).

## 1.3. Il-lingwaġġi ġenerali u speċjalizzati

Il-lingwaġġ ġenerali huwa sistema lingwistika kumplessa u eteroġenja mibnija minn diversi sottosistemi. Jeżistu diversi reġistri lingwistiċi, kemm formali (eż. xjentifiċi u letterarji) kif ukoll informali (eż. familjari u kollokjali). Ma' dawn jappartjenu wkoll il-varjetajiet lingwistiċi, jew djaletti, li jiddependu ħafna mill-mod kif gruppi differenti ta' kelliema f'soċjetà jużaw lingwa partikolari. Dawn il-varjetajiet lingwistiċi jistgħu jkunu ġenerazzjonali jew storiċi (eż. il-lingwa tat-tfal, dik tal-adolexxenti, tal-adulti, tas-seklu tmintax), territorjali (eż. l-Ingliż tal-Amerika, dak ta' Londra, ta' Malta, tal-Awstralja) jew soċjali (eż. il-varjetà tal-klassi l-għolja jew tal-klassi l-baxxa) (Tavalán Zanón, 2011:kap 2). Barra minn hekk, il-lingwaġġ ġenerali – u għalhekk, id-dizzjunarju ġenerali – jisfrutta bis-sħiħ il-polisemija u l-metafora, u fih il-formazzjoni ġenwina ta' kliem ġdid hija relattivament rari għax tkun ibbażata fuq l-esperjenza tal-ħajja ta' kuljum li tirrappreżenta attitudni naturali mingħajr l-indħil ta' għarfien formali (Sager, 1990:57).

Mill-banda l-oħra, il-lingwaġġ speċjalizzat jintuża biex jikkomunika f'ċertu qasam speċjalizzat. Dan il-qasam jitlob proċess sħiħ ta' osservazzjoni u deskrizzjoni xjentifika li jinvolvi d-deskrizzjoni tal-kunċetti, l-evalwazzjoni mill-ġdid tat-tifsir tal-kliem, it-tibdil tad-deżinjazzjonijiet, u l-ħolqien ta' termini ġodda. Għalhekk, hija essenzjali attitudni trasparenti u konsistenzi – standardizzata – fejn tidħol id-deżinjazzjoni tal-kunċetti skont oqsma differenti tal-ħajja (Sager, 1990:57). F'dan is-sens, ma nistgħux nitkellmu fuq lingwaġġ speċjalizzat wieħed iżda fuq numru ta' lingwaġġi speċjalizzati differenti. Dawn il-lingwaġġi speċjalizzati huma relatati direttament mal-lingwaġġ ġenerali għaliex jikkostitwixxu sottosistema fi ħdan l-istruttura kumplessa tiegħu. Din is-sottosistema hija espressa permezz ta' reġistru formali, tekniku u xjentifiku.

Sabiex wieħed jifhem il-lingwaġġi speċjalizzati, m'għandux iħallathom ma' sottosistemi oħra, ngħidu aħna, mal-lingwaġġ standard. Il-lingwaġġ standard juża kliem u regoli mhux immarkati, ma jidentifikax ruħu mal-ebda grupp ta' kelliema partikolari u la huwa formali u lanqas kollokjali. Dan ir-reġistru huwa normalment applikat għal sitwazzjonijiet ta' komunikazzjoni tal-massa u għalhekk juża ton newtrali u xi ftit jew wisq oġġettiv. Tant hu hekk li, b'differenza għal-lingwaġġ ġenerali fejn l-arbitrarjetà tas-sinjali hija aċċettata, il-lingwaġġi speċjalizzati (ta' oqsma differenti) jagħmlu minn kollox biex jissistematizzaw il-prinċipji tad-deżinjazzjoni u biex jagħtu isem lill-kunċetti skont regoli speċifikati minn qabel jew skont prinċipji ġenerali ta' natura terminografika (Sager, 1990:57).

Tajjeb ngħid li l-lingwaġġi speċjalizzati – bħal tal-liġi, l-ekonomija, il-mediċina jew l-isport – kemm-il darba tqiesu bħala lingwaġġi artifiċjali. Din hija suppożizzjoni ħażina għax huma parti minn sistema

aktar kumplessa, dik tal-lingwaġġ ġenerali jew naturali. Il-lingwaġġ naturali – bħall-Ingliż, il-Malti, il-Ġermaniż jew l-Ispanjol – jintiret u jiġi mgħallem fil-qalba ta' komunità lingwistika partikolari. Barra minn hekk, jintuża biex jikkomunika fil-ħajja ta' kuljum u jippermetti lil gruppi umani varji jelaboraw u jittrasmettu l-esperjenzi tagħhom lill-oħrajn. Il-lingwaġġi naturali huma utli ħafna fil-komunikazzjoni ta' kuljum, għad li fihom strutturi u unitajiet li jistgħu jiġġeneraw ambigwitajiet b'tifsir doppju jew intenzjonijiet qarrieqa, preċiżjoni vaga, u l-bqija. Min-naħa l-oħra, il-lingwaġġ artifiċjali huwa ivvintat, maħluq biex jissodisfa bżonn partikolari li jifformula b'mod preċiż u ċar sensiela ta' oġġetti u relazzjonijiet li m'għandhom qatt iwasslu għal nuqqas ta' ftehim. Xi eżempji ta' lingwaġġi artifiċjali huma l-alġebra, is-simboli kimiċi u t-tabelli tas-sewqan. F'dan is-sens, lingwaġġ speċjalizzat m'għandux jitqies bħala artifiċjali (Tavalán Zanón, 2011:kap 2)

Sabiex wieħed jiddistingwi l-lingwaġġ speċjalizzat minn sottosistemi oħra, partikolarment mill-varjetà standard, fl-istess kapitlu Tavalán Zanón ikompli jirreferi għal tliet varjabbli: il-qasam, l-utenti, u s-sitwazzjonijiet komunikattivi.

### 1.3.1. *Il-qasam*

Fejn jidħol il-qasam, il-lingwaġġi speċjalizzati, minbarra li jeħtieġu l-għarfien ġenerali tal-kelliema, jiffokaw fuq oqsma tematiċi ristretti. Madankollu, mhux il-lingwaġġi speċjalizzati kollha juru l-istess grad ta' speċjalizzazzjoni u astrazzjoni. F'dan is-sens, wieħed ma jistax jiddistingwi test speċjalizzat minn ieħor bi stħarriġ sempliċi tal-qasam. Dan għaliex, fil-komunikazzjoni ta' kuljum, kemm-il darba jiġu trattati suġġetti speċjalizzati li għalihom jintużaw xi termini speċjalizzati u minflok tinħoloq banalizzazzjoni tat-terminoloġija, ngħidu aħna, meta jiġi spjegat l-istudju universitarju lil xi persuna mhux esperta, meta jsir kummentarju ta' partita tennis lil xi ħadd li ma jifhimx fit-tali sport jew meta ssir diskussjoni tal-kontenut ta' xi programm tekniku televiżiv.

### 1.3.2. *L-utenti*

Meta wieħed jiddistingwi bejn il-lingwaġġ speċjalizzat u l-lingwaġġ standard, l-utenti għandhom jiġu kkonsidrati wkoll. Naturalment, l-utenti tal-lingwaġġi speċjalizzati huma inqas fin-numru meta mqabbla mal-utenti tal-lingwaġġ standard. Dan għaliex, ħafna drabi, dawn l-utenti jkunu jagħmlu parti minn sottogrupp professjonali, ikunu għaddejjin minn proċess ta' tagħlim fil-qasam speċjalizzat tagħhom, u jkollhom għarfien estensiv tal-kunċetti u t-termini ewlenin tal-istess qasam tagħhom. Ġeneralment, niddistingwu bejn żewġ gruppi ta' utenti: il-produtturi u r-riċevituri tat-terminoloġija. Tal-ewwel huma speċjalisti fil-qasam waqt li tat-tieni mhux bilfors. Barra minn hekk, jeżistu gradi differenti ta' speċjalizzazzjoni fost l-utenti. Ngħidu aħna, ix-xjenzati, il-ġurnalisti, it-tradutturi speċjalizzati, l-għalliema, l-istudenti, u l-pubbliku ġenerali jkunu kollha interessati, bil-mod tagħhom, fil-qasam speċjalizzat inkwistjoni.

### 1.3.3. *Is-sitwazzjoni komunikattiva*

It-tielet fattur li jikkaratterizza l-lingwaġġi speċjalizzati jinvolvi s-sitwazzjoni komunikattiva. Ġeneralment, il-komunikazzjoni speċjalizzata hija formali, kemm jekk issir b'mod orali u kemm jekk bil-miktub. Għalhekk, hija dejjem rigoruża, preċiża, koerenti u bla ambigwità. Fil-forma miktuba tagħha, ħafna drabi tkun f'kotba speċjalizzati jew fil-pubblikazzjonijiet xjentifiċi, filwaqt li l-forma orali tagħha ssibha f'konferenzi, seminars, laboratorji jew istituzzjonijiet ta' riċerka. It-televiżjoni, l-istampa, ir-radju u t-toroq mhumiex sitwazzjonijiet komunikattivi komuni għal-lingwaġġi speċjalizzati.

Karatteristika finali li tiddefinixxi l-lingwaġġi speċjalizzati hija l-varjetà u l-uniformità tagħhom fl-istess ħin. Dawn jesprimu varjetà bħala riżultat tas-sitwazzjonijiet komunikattivi differenti li jintegraw fihom, sitwazzjonijiet li jvarjaw skont il-grad ta' speċjalizzazzjoni, it-tip ta' test ikkonċernat (bil-fomm jew bil-miktub), l-utenti li jħaddmuhom, l-għanijiet komunikattivi varji tagħhom (ngħidu aħna, deskrittivi, pedagoġiċi jew formattivi), id-differenzi storiċi bejniethom, id-differenzi territorjali tagħhom, u l-istili individwali tal-ispeċjalisti li jipproduċuhom u jużawhom. Min-naħa l-oħra, il-lingwaġġi speċjalizzati jaqsmu bejniethom numru ta' karatteristiċi li jagħtuhom ċerta unità, uniformità li tippermettilna nikkunsidrawhom bħala sottosistema tal-lingwaġġ ġenerali. Fuq livell testwali, ngħidu aħna, spiss ikunu konċiżi, preċiżi u addattati għas-sitwazzjoni komunikattiva li jitħaddmu fiha. Ladarba huma konċiżi, inaqqsu l-ħela, u jagħtu ċ-ċans lil ċerti testi biex ikunu elaborati minn perspettiva informattiva. Il-kuntest tekniku, xjentifiku u professjonali tagħhom, kif ukoll il-qrubija relazzjonali li teżisti fost l-ispeċjalisti involuti, jitolbu preċiżjoni f'termini ta' nuqqas ta' ambigwità. Huma jaddattaw għas-sitwazzjoni komunikattiva, speċjalment fir-rigward tal-grad ta' speċjalizzazzjoni tal-interlokuturi. Barra minn hekk, xi karatteristiċi lingwistiċi ewlenin li jkomplu jikkaratterizzaw l-uniformità tal-lingwaġġi speċjalizzati huma:

- L-użu tal-unitajiet lessikali speċjalizzati, jiġifieri l-fatt li jużaw it-terminoloġija tagħhom stess.
- L-użu sistematiku tal-unitajiet lessikali speċjalizzati, xi ħaġa li timplika koerenza akbar fl-użu lessikali minn dik murija fil-lingwaġġ standard, ngħidu aħna, fil-lingwaġġi speċjalizzati jintużaw inqas sinonimi anke jekk dal-karattru jista' jikkawża repetizzjoni lessikali usa'.
- L-użu frekwenti ta' termini bi prefissi u suffissi Griegi u Latini.
- Għadd qawwi ta' kunċetti huwa espress permezz ta' frażijiet u mhux permezz ta' kelma waħda, ngħidu aħna *numru tal-identità*, *perjodu ta' kalkolu*, u *pensjoni minima nazzjonali garantita*, fost l-oħrajn.
- L-inizjaliżmi, l-akronimi u l-abbrevjazzjonijiet huma simboli komuni ħafna fil-lingwaġġi speċjalizzati.
- Hemm preferenza għan-nominalizzazzjonijiet flok il-forom verbali korrispondenti, ngħidu aħna *edukazzjoni* flok *eduka*.

- Is-sentenzi qosra huma frekwenti ħafna u ftit hemm subordinazzjoni kumplessa.
- Xi lingwaġġi speċjalizzati jinkorporaw sistemi semjotiċi oħra fit-test tagħhom, ngħidu aħna, il-qasam tal-fonetika juża l-alfabett fonetiku internazzjonali bħala l-lingwaġġ artifiċjali tagħha.
- Ċerti lingwaġġi speċjalizzati oħra jipproduċu t-tip ta' dokumenti tagħhom stess, dokumenti li jinvolvu serje ta' konvenzjonijiet lingwistiċi u disinn. Ngħidu aħna, il-lingwaġġ amministrattiv jitlob il-kuntratti, iċ-ċertifikati u l-formoli konvenzjonali tiegħu.
- Hemm tendenza ċara lejn l-impersonalizzazzjoni u l-oġġettività li jinkisbu permezz ta' strateġiji bħall-użu tas-sentenzi passivi u impersonali.

## 1.4. Il-lessikografija u t-terminografija

Il-lessikografija u t-terminografija huma professjonijiet speċjalizzati li għandhom x'jaqsmu mal-ġbir u l-editjar tad-dizzjunarji. Waqt li l-lessikografija tiddokumenta l-kliem fil-vokabularju tal-lingwaġġ ġenerali, it-terminografija tiddokumenta t-terminoloġija ta' oqsma speċifiċi tas-suġġett. Huma t-tnejn realtijiet li jaqgħu taħt il-kappa tal-lingwistika applikata u jikkontribwixxu fil-fehim u l-produzzjoni tal-lingwa.

### 1.4.1. *Il-lessikografija*

Il-lessikografija tittratta l-ġbir u l-editjar tad-dizzjunarji ġenerali. Il-lessikografu jipprovdi l-kliem tal-lingwa sors b'ekwivalenti ta' traduzzjoni f'lingwa jew lingwi fil-mira. Il-lessikografija hija l-proċess li fih l-informazzjoni lingwistika – li hija r-riżultat ta' riċerka lingwistika – tiġi miktuba, ipproċessata u miġbura f'format lessikografiku speċifiku. Ir-riżultat ta' dan il-proċess lessikografiku huwa aktarx lista ta' kliem, glossarju, dizzjunarju, teżawru jew bank ta' kliem kompjuterizzat. Kirkness (2004:56) jiddefinixxi d-dizzjunarju ġenerali bħala biċċa xogħol prototipika ta' ġabra lessikali u bħala kitba ta' deskrizzjonijiet semantiċi, pragmatiċi jew etimoloġiċi. Huwa riżorsa li fih għażla ta' kliem, ġeneralment imqassam alfabetikament, bi spjegazzjonijiet tat-tifsiriet tagħhom u informazzjoni oħra dwaru, espress fl-istess lingwa sors jew lingwa oħra fil-mira. Għad li għandu forza normattiva kbira, l-irwol tad-dizzjunarju huwa li jikkummenta fuq lingwa partikolari, mhux li jistandardizzaha: "Ir-responsabbiltà ta' dizzjunarju hija li jirreġistra l-lingwa, mhux li jistabbilixxi l-istil tagħha" (Gove f'Al-Kasimi, 1983:84). Skont Béjoint, dizzjunarju għandu funzjoni mibnija minn żewġ għanijiet: li jservi ta' "ritratt tal-vokabularju ta' lingwa" u li jkun "għodda għal komunikazzjoni aktar effettiva" (1981:208). Għalhekk, dizzjunarju huwa inventarju tal-vokabularju ta' lingwa jew lingwi partikolari, kif ukoll għodda għall-komunikazzjoni fil-lingwa jew il-lingwi trattati.

Skont van Sterkenburg (2003:5-8), id-dizzjunarju għandu jissodisfa tliet kriterji: il-kriterji formali, il-kriterji funzjonali u l-kriterji relatati mal-kontenut. Dwar l-ewwel kriterju, it-tiġdid fil-forma, b'mod partikolari bl-iżvilupp tad-dizzjunarji elettroniċi, huwa bżonn persistenti f'dinja li kulma jmur qed issir

dejjem iżjed diġitali. Anke t-tiġdid fl-istruttura ġewwiena tiegħu – ibbażat fuq żewġ livelli: il-makrostruttura u l-mikrostruttura – huwa ta' min wieħed isemmih. B'makrostruttura nifhmu l-mod kif tiġi ppreżentata l-lista tal-kliem kollu li huwa deskritt f'dizzjunarju u l-mikrostruttura hija l-informazzjoni kollha mogħtija dwar kull kelma fil-makrostruttura. Din l-informazzjoni hija organizzata b'mod sistematiku f'taqsimiet iżgħar u ikbar li jistgħu jintgħarfu faċilment għal kull kelma. Fuq livell funzjonali, dizzjunarju tajjeb għandu jirreġistra l-lessiku u jgħin b'mod ħafif u abbundanti lill-utent sabiex isib l-informazzjoni dwar l-aspetti kollha tal-kliem l-aktar kurrenti, il-kollokazzjonijiet tiegħu, kliem komuni, rari, xjentifiku u tekniku.

Fl-aħħar nett, id-dizzjunarju għandu jipprovdi informazzjoni dwar it-tifsira tal-unitajiet lessikali inklużi fih u dwar l-użu tagħhom f'sitwazzjonijiet lingwistiċi speċifiċi. Iżda l-ebda dizzjunarju, skont Zgusta (1984:154), ma jista' jinkludi l-informazzjoni lingwistika kollha li utent tad-dizzjunarju jista' jkun jeħtieġ jew jixtieq ikollu. Madankollu, id-dizzjunarju għandu jinkludi biżżejjed informazzjoni biex l-utent tiegħu jkun jista' jfittex l-informazzjoni li għandu bżonn u jsibha. Għalhekk, dizzjunarju ġenerali għandu jitfa' dawl fuq aspetti bħall-ortografija, il-pronunzja, l-istress, id-definizzjoni, is-sillabar, l-ekwivalenti fil-lingwa mira, il-forom u l-komposti derivati, il-klassi grammatikali, it-tifsir, l-użu fil-prattika b'eżempji, informazzjoni pragmatika, kollokazzjonijiet, tassonomija, referenzi għal entrati oħra, illustrazzjonijiet, l-etimoloġija tal-kliem, l-istorja tal-kliem, u s-sors tal-kliem. Fost l-oħrajn, ikun jinvolvi kliem komuni, kliem kollokjali, djalettali, kliem arkajk, kliem letterarju, kliem vulgari, kliem sessist u kliem tabù.

### 1.4.2. *It-terminografija*

Waqt li t-terminoloġija hija l-istudju ta' kliem jew frażijiet assoċjati ma' oqsma partikolari ta' għarfien speċjalizzat, it-terminografija tikkonċerna l-ġbir ta' ġabriet tal-vokabularju ta' dawn il-lingwaġġi speċjalizzati (Felber u Budin, 1989:7). Għalhekk, it-terminografija tesplora metodoloġiji differenti li bihom tiġbor, tiddeskrivi u tippreżenta t-termini fi strutturi varji. Dan il-qasam jipproduċi terminoloġiji, dizzjunarji speċjalizzati, glossarji u databases ta' termini (termbases), fost l-oħrajn. Skont Cabré (1999:116-129), jeżistu tliet tipi ta' riżorsi li l-ħidma terminografika ġeneralment tuża: materjal ta' referenza, materjal speċifiku, u materjal ieħor li jsostni lill-istess ħidma.

#### *1.4.2.1. Materjal ta' referenza*

It-terminologu juża dawn ix-xogħlijiet biex jikseb informazzjoni ta' sfond dwar aspetti teoretiċi, metodoloġiċi, prattiċi jew biblijografiċi dwar is-suġġett. Din l-informazzjoni tista' tirreferi għas-sistema kunċettwali ta' qasam partikolari ta' suġġett, għas-sistema ta' deżinjazzjoni tiegħu, jew għal aspetti komplementari tal-attività professjonali jew xjentifika relatati mal-qasam inkwistjoni. Dan il-materjal

jista' jkun xogħol terminoloġiku fuq l-istess suġġett jew dwar xi suġġett relatat, dizzjunarji li jkopru parti mit-terminoloġija dwar is-suġġett, manwali u materjali oħra ta' sfond, fost l-oħrajn.

Ladarba din l-informazzjoni tkun ġiet eżaminata, it-terminologi jibdew il-proċess terminografiku nnifsu. Jibdew billi jevalwaw l-informazzjoni u jagħżlu dak il-materjal tas-sors li jemmnu li huwa l-iktar importanti, biex imbagħad, permezz ta' dokumentazzjoni u konsultazzjoni oħra mal-ispeċjalisti tal-qasam trattat, it-terminologi jiksbu informazzjoni dwar il-kontenut tal-qasam tas-suġġett u jistrutturaw sistema ta' kunċett. Wara, jiġbdu u jiżolaw it-termini tad-dokumenti magħżula, biex fl-aħħar nett tiġi eżaminata mill-ġdid id-dokumentazzjoni kollha, billi tkun iċċekkjata d-dejta tagħha li tkun tlestiet mill-proċess tal-estrazzjoni.

Hemm erba' tipi ewlenin ta' riżorsi referenzjali skont is-suġġett kopert:

1. *Riżorsi ta' dokumentazzjoni*

   Dawn jinvolvu l-konsultazzjoni ta' sorsi sekondarji (biblijografiji) u sorsi terzjarji (biblijografiji ta' biblijografiji), konsulazzjoni ta' databases ta' dokumenti u konsultazzjoni ta' ċentri ta' mmaniġġjar tat-terminoloġija u speċjalisti oħra tas-suġġett.

2. *Riżorsi dwar il-qasam tas-suġġett speċjalizzat*

   It-tfittxijiet terminoloġiċi jeħtieġu taħlita ta' għarfien, irrispettivament minn kif ikun inkiseb. It-timijiet tat-terminoloġija jeħtieġu tliet tipi ta' għarfien: (i) kompetenza fit-terminoloġija, bħat-teorija, il-metodoloġija u l-esperjenza prattika, (ii) kompetenza fil-qasam tas-suġġett, għarfien li normalment jinvolvi l-ispeċjalisti tal-qasam trattat, (iii) kompetenza fil-lingwa jew il-lingwi inkwistjoni, xi ħaġa li normalment ikollhom il-lingwisti. Mhux ta' b'xejn li l-ħidma terminoloġika tinvolvi ta' spiss xogħol konġunt minn timijiet ta' esperti fil-qasam ta' għarfien tagħhom. Għodda utli li tintuża b'mod frekwenti fiċ-ċentri tat-terminoloġija tinvolvi t-tħejjija ta' file dwar is-suġġett speċjalizzat trattat. Dan il-file jkun jiġbor materjali differenti fuq suġġett wieħed partikolari u jitfa' dawl tajjeb fuqu. Xi materjal li dan il-file jaf jinvolvi huma gazzetti speċjalizzati, biblijografiji jew referenzi għalihom, opinjonijiet ta' esperti, ritratti, materjal illustrattiv ieħor, u informazzjoni dwar ċentri u esperti li jispeċjalizzaw fit-tali suġġett.

3. *Riżorsi dwar it-termini*

   L-aktar sorsi komuni għal dawk li jaħdmu fit-terminografija huma dizzjunarji, tipi oħra ta' listi lessikali u databases terminoloġiċi. Dawn ir-riżorsi jintużaw biex, fost l-oħrajn:

   - Jissolvew dubji dwar l-eżistenza ta' terminu f'lingwa,

- Jiġi ċċarat il-mod kif it-terminu għandu jintuża grammatikalment, x'inhi t-tifsira u l-ortografija tiegħu,
- Issir esplorazzjoni tal-ekwivalenti tat-terminu f'lingwi oħra funzjonali jew storiċi,
- Issir tfittxija tal-isem tal-kunċett imfittex,
- Jinstabu alternattivi oħra ta' deżinjazzjoni,
- Jiġi skopert kemm inġabru termini f'qasam speċifiku.

Ir-riżorsi ġenerali u speċjalizzati ta' natura lessikografika jistgħu jkunu utli ħafna meta jaqblu mal-bżonnijet immedjati tal-utent. Cabré (1999:119) tidentifika seba' tipi ta' riżorsi li fin-natura tagħhom jinvolvu t-termini:

- Dizzjunarji tal-lingwaġġ ġenerali, li jinkludu l-aktar termini bażiċi f'terminoloġija speċjalizzata magħrufa mill-pubbliku ġenerali.
- L-enċiklopediji, li minbarra li jikkonsistu minn ħafna terminoloġija, ħafna drabi jippreżentaw dejta kunċettwali fi klassifikazzjonijiet, tabelli, illustrazzjonijiet, u l-bqija.
- Dizzjunarji ġenerali tax-xjenza u t-teknoloġija, li fil-prinċipju jinvolvu biss terminoloġija speċjalizzata.
- Dizzjunarji speċjalizzati, li jagħtu t-termini ekwivalenti u definizzjonijet, spjegazzjonijiet jew klassifikazzjonijiet. Ħafna drabi, dawn id-dizzjunarji huma aktar preċiżi mill-enċiklopediji jew id-dizzjunarji ġenerali tax-xjenza u t-teknoloġija.
- Dizzjunarji viżwali speċjalizzati, li jippermettu lill-utent isib id-deżinjazzjonijiet f'qasam tas-suġġett imfittex. Aktarx, dawn huma riżorsi li jibdew mill-kunċett innifsu u jirrappreżentawh b'illustrazzjoni.
- Vokabularji u listi lessikali oħra rranġati skont is-suġġett, iżda mingħajr definizzjonijiet. Dawn ix-xogħlijiet jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar l-istruttura kunċettwali ta' qasam ta' suġġett speċjalizzat, u aktarx ikunu jinvolvu t-teżawri u l-klassifikazzjonijiet.
- Databases terminoloġiċi, huma l-aktar sorsi kompluti, u ġeneralment l-aħjar, għax l-aktar aġġornati, minħabba li fil-format diġitali tagħhom jagħtu ċans għal aġġornament kontinwu u jiftħu l-possibbiltà għall-irkupru tal-informazzjoni f'diversi livelli skont l-iskop ta' kull tfittxija.

Xogħlijiet oħra ta' natura aktar ristretta, bħal dizzjunarji ta' neoloġiżmi xjentifiċi u tekniċi, jew bullettini ta' termini standardizzati, huma wkoll sorsi bażiċi li għandhom jiġu kkonsultati mit-terminologi.

4. *Riżorsi dwar il-metodu ta' riċerka u l-preżentazzjoni tax-xogħol*

L-għarfien bażiku tat-terminografija normalment jinkiseb f'korsijiet ta' taħriġ b'għanijiet u udjenzi speċifiċi, kif ukoll f'konferenzi internazzjonali li jżommuk aġġornat. Minbarra li għandhom ikunu familjari mal-manwali tat-terminoloġija, il-metodoloġiji u l-artikli li jittrattaw xi aspetti ta' din id-dixxiplina, it-terminografi għandhom ikunu konxji ta' strutturi ġa mħaddmin li l-letteratura tat-terminoloġija tissuġġerrixxi. Barra minn hekk, dak il-qbil li jkun intlaħaq internazzjonalment u li huwa ppubblikat bħala standard ikompli jsostni lil din il-pjanifikazzjoni.

Id-dokument tal-UNESCO (2005) huwa deskrizzjoni tal-erba' stadji ewlenin tal-ippjanar tat-terminoloġija: il-preparazzjoni, il-formulazzjoni, l-implimentazzjoni, u l-manutenzjoni. L-udjenza fil-mira ta' dan id-dokument hija l-persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet, għalhekk issir enfasi fuq l-ispjegazzjoni tal-prinċipji bażiċi u l-importanza tal-ippjanar tal-lingwaġġ ġenerali, b'mod partikolari l-qasam tat-terminoloġija. Madankollu, dan id-dokument huwa ġenerali wisq biex ikun utli għax ħafna rakkomandazzjonijiet li jagħmel mhumiex speċifiċi u xi drabi huma vagi. Ngħidu aħna, m'hemm l-ebda deskrizzjoni ta' kif tista' titwettaq il-fażi tal-implimentazzjoni tal-iżvilupp tal-politika u lanqas hemm referenza għal kif tista' tiġi segwita l-prestazzjoni tagħha. Bl-istess mod, waqt li l-awturi jirrakkomandaw bidla għal politika ta' terminoloġija sistematika fi stadju minnhom tal-ippjanar, dan l-istadju jibqa' la deskritt u lanqas speċifikat. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tad-dokument jittratta t-tħejjija għal politika ta' terminoloġija mhux ix-xogħol tat-terminoloġija attwali. Minbarra l-idea ta' database tat-termini, m'hemm l-ebda rakkomandazzjoni oħra mogħtija li tgħin fid-distribuzzjoni tat-terminu. Għalhekk, ikun aħjar jekk dan id-dokument jitqies bħala deskrizzjoni tal-iżvilupp tal-politiċi u tal-pjanijiet tat-terminoloġija ġenerika milli tal-proċessi attwali u tax-xogħol ta' kuljum (Bhreathnach, 2011:29-30).

Mudell ieħor lest li tajjeb insemmu huwa dak ibbażat fuq l-istandards tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tat-Terminoloġija (ISO) tal-Kumitat Tekniku 37, standards li kienu u għadhom influwenti ħafna fil-qasam tal-pjanifikazzjoni terminoloġika.[10] Tajjeb ngħid li din l-organizzazzjoni żviluppat 'il fuq minn 24,336 standard internazzjonali. Biss, l-intenzjoni ta'

[10] Minkejja l-importanza tagħhom, dawn l-istandards sabu ħafna kritika, speċjalment minħabba l-approċċ fundamentali tagħhom. Sager (1990:117-118), ngħidu aħna, jikkritika l-fatt li l-ISO hija ddominata minn pajjiżi industrijali u għalhekk il-prinċipji u l-metodi lingwistiċi li tipproponi ftit għandhom rilevanza għal pajjiżi bi bżonn qawwi ta' importazzjoni teknoloġika. Għalhekk, minħabba problemi ta' traduzzjoni u addattament bħal dan huwa ferm diffiċli u kkumplikat biex jintlaħaq qbil internazzjonali. Temmerman (2000:12) ma tistax tniżżel il-fatt li l-vokabularju, li huwa parti ħajja mil-lingwa, irid jiġi trattat daqslikieku huwa biċċa merkanzija li trid tiġi standardizzata, donnha ftit żebgħa u verniċ applikata darba għal dejjem. Skontha, l-ewwel standard, l-ISO 704, ippubblikat fl-1968 u addattat bħala bażi prattika għal dokumenti li jittrattaw l-istandardizzazzjoni tat-termini għal kunċetti fit-teknoloġija u l-inġinerija, ma kellu qatt ikun iġġeneralizzat b'tali mod li jsir teorija u applikabbli fil-wisa'.

din ir-riċerka hija li tiffoka biss fuq ftit minnhom, dawk li jittrattaw l-oqsma tat-terminoloġija (u t-terminografija), l-istandardizzazzjoni u d-dokumentazzjoni (ISO, 2000).

Ftit nafu kemm fil-prattika jintużaw l-istandards tal-ISO fost dawk li jippjanaw il-lingwa. Fl-istħarriġ li għamlet l-Assoċjazzjoni Ewropea għat-Terminoloġija (EAFT) fl-2005, jidher li entità waħda biss – il-korp tat-terminoloġija Breton, TermBret – iddikjarat li inkorporat l-istandards ISO fix-xogħol tagħha. Oħrajn sostnew li kkoperaw mal-ISO iżda ma semmewx fil-beraħ li kienu utenti tal-istandards. Kollox ma' kollox, dawn l-istandards jistabbilixxu definizzjonijiet u deskrizzjonijiet preċiżi tal-aspetti fundamentali tat-terminoloġija. Huma jistabbilixxu wkoll in-norma għall-ħolqien u l-evalwazzjoni tar-riżorsi terminoloġiċi filwaqt li jipprovdu gwida dwar xi aspetti kummerċjali prinċipali tas-soċjoterminoloġija (Bhreathnach, 2011:31).

Normalment, pajjiżi b'organizzazzjonijiet speċifiċi għall-kordinazzjoni u d-direzzjoni tax-xogħol terminoloġiku jippubblikaw struzzjonijiet li jgħinu lill-ispeċjalisti u jippermettu l-istandardizzazzjoni tal-informazzjoni. Xi organizzazzjonijiet lingwistiċi u terminoloġiċi li l-awtorità tagħhom hija rikonoxxuta f'qasam speċifiku xi minn daqqiet joħorġu dokumenti biex isolvu formalment każijiet problematiċi li l-kodifikazzjoni standard tal-lingwaġġ ġenerali ma tkunx ipprevediet, ngħidu aħna l-użu ta' simboli grafiċi. F'dan is-sens, it-terminologi għandhom ikunu konxji tal-politika terminoloġika stabbilita mill-organizzazzjonijiet li jistandardizzaw u jamministraw, politika li għandha tinxtered kemm jista' jkun fost it-terminologi u l-ispeċjalisti tal-oqsma trattati (Cabré, 1999:120).

### *1.4.2.2. Materjal speċifiku*

Dan il-materjal jikkostitwixxi l-bażi materjali għall-proġett. Il-komunikazzjoni teknika u xjentifika, orali u bil-miktub, hija l-materjal sors bażiku għall-estrazzjoni tat-termini. Dan għaliex it-termini huma ġeneralment maħluqa mill-ispeċjalisti responsabbli għall-kunċett u jintroduċu ċerta deżinjazzjoni f'qasam tas-suġġett speċjalizzat. Imbagħad, meta t-terminologi jiġbru t-termini ta' qasam ta' suġġett speċjalizzat, iridu jeżaminaw l-unitajiet terminoloġiċi eżistenti u, jekk meħtieġ, jipproponu bidla.

Dan il-materjal sors, magħżul għal kompitu terminografiku speċifiku, jikkostitwixxi l-korpus tad-dokumenti li minnu jiġu estratti d-deżinjazzjonijiet li jiffurmaw il-lista inizjali għat-tfittxija terminoloġika. Huma sorsi li, kif tkompli Cabré (1999:121) għandhom jiġu vvalutati għall-kwalità tagħhom, fis-sens li:

- Għandhom jirrappreżentaw is-suġġett skont l-għanijiet tal-firxa u l-limiti tas-suġġett sabiex jippermettu l-preparazzjoni ta' lista inizjali kbira biżżejjed ta' unitajiet.
- Għandhom ikunu aġġornati fejn jidħlu d-deżinjazzjonijiet li jużaw l-esperti u fis-suġġett.

- Għandhom ikunu espliċiti biżżejjed biex jippermettu l-irkupru tal-identifikazzjoni u l-informazzjoni fi kwalunkwe ħin matul il-proċess jew waqt it-tixrid tad-dejta terminoloġika.
- Għandhom ikunu indikati u referenzjati kif xieraq f'biblijografija.

Sager (1990:132-135) jidentifika tliet tipi ta' materjali ta' natura terminoloġika u jistrutturahom fi tliet livelli differenti f'database waħda magħquda, kif muri fil-figura t'hawn isfel:




Figura 1: Tliet tipi ta' databases li għandhom informazzjoni terminoloġika (addattata minn Sager, 1990:133).

Il-mudell ippreżentat fil-figura ta' hawn fuq jinvolvi dawn it-tliet livelli: (i) id-dejta mhux ipproċessata kif tinsab fil-korpus, (ii) id-database li tinġabar fiha l-informazzjoni kollha f'forma strutturata, u (iii) s-sottogruppi varji kollha ta' informazzjoni li jinħolqu għal skopijiet u użi speċifiċi. F'dan is-sens, ikun possibbli li tinbena banka ta' termini li fiha ssir relazzjoni bejn ir-referenzi biblijografiċi tas-sorsi u s-sorsi diretti nfushom kif inhuma ppreżentati. B'hekk, dawn is-sorsi, strutturati f'tipi differenti ta' binjiet, joffru ammont sostanzjali ta' informazzjoni biex jappoġġjaw l-entrata terminoloġika inkwistjoni. Ukoll, ikompli Sager, l-utent ikollu għażla ta' aċċess (i) għall-informazzjoni magħżula fi kwalunkwe sottogrupp tad-database – *il-livell t'isfel*, (ii) għall-informazzjoni editjata fid-database prinċipali – *il-livell tan-nofs*, u (iii) għall-informazzjoni mhux ipproċessata fid-database tat-test sors – *il-livell ta' fuq*. Struttura bħal din ittejjeb il-komunikazzjoni fi ħdan komunità lingwistika waħda u tkompli tirfina l-possibbiltà tal-unifikazzjoni terminoloġika fi ħdan komunitajiet diversi.

### *1.4.2.3. Materjal ieħor li jgħin*

Dan il-materjal jintuża biex jiffaċilita u jikkumplimenta l-ħidma filwaqt li jikkonsisti minn għodod li jgħinu fl-organizzazzjoni tal-informazzjoni għat-tfittxija terminoloġika. Kif tikteb Cabré (1999:121), f'dawn it-tfittxijiet sistematiċi jitħaddmu erba' tipi ta' reġistri, kollha mfasslin apposta skont l-għanijiet ta' kull stadju tax-xogħol: reġistri ta' estrazzjoni, reġistri terminoloġiċi, reġistri ta' korrispondenza, u reġistri ta' tfittxija.

(i) Reġistri ta' estrazzjoni

Ir-reġistri ta' estrazzjoni jkun fihom it-termini li ġew identifikati fis-sorsi tad-dokumenti. L-istruttura ta' reġistru ta' dat-tip għandha tkopri kemm jista' jkun rappreżentazzjoni sħiħa tal-informazzjoni li tkun preżenti fit-test li fih jokkorru t-termini.

<table>
<tr><td colspan="3">1</td></tr>
<tr><td>2</td><td>3</td><td>4</td></tr>
<tr><td colspan="3">5</td></tr>
<tr><td colspan="2">6</td><td>7</td></tr>
</table>

Figura 2: Kampjun ta' reġistru ta' estrazzjoni mislut mis-Servizz tal-Lingwa Katalana tal-Università ta' Barċellona (addattata minn Cabré , 1999:122).

Normalment, reġistru ta' estrazzjoni jkollu dawn l-ingredjenti:

1. L-entrata, li tikkorrispondi għas-silta terminoloġika misjuba fit-test is-sħiħ u li tkun rappreżentata f'forma lessikografika regolarizzata; il-forma kanonika tagħha.
2. Il-kategorija grammatikali, li tinħareġ mill-forma li fiha tintuża l-entrata fi ħdan it-test.
3. Il-qasam tad-dixxiplina li l-entrata taqa' taħtu.
4. Id-deskrizzjoni tal-kontenut tal-entrata.
5. Id-definizzjoni u l-kuntest li fih tidher u tokkorri l-entrata.
6. Ir-referenza sħiħa tas-sors tad-dokument li minnu ġiet estratta l-entrata.
7. L-awtur u d-data tal-produzzjoni tal-entrata.

(ii) Reġistri terminoloġiċi

Ir-reġistri terminoloġiċi jinkludu l-informazzjoni rilevanti kollha dwar it-terminu u huma ppreżentati skont ċerti kriterji stabbiliti. Jeżistu diversi mudelli għal reġistri terminoloġiċi u kull wieħed huwa mfassal apposta biex jissodisfa l-bżonnijiet u l-għanijet tal-ħidma jew tal-organizzazzjoni li tkun.

Tajjeb li ssir differenza bejn reġistri monolingwi, oħrajn monolingwi bl-ekwivalenti, u dawk bilingwi jew multilingwi. Ir-reġistri monolingwi jinvolvu informazzjoni dwar terminu ta' qasam speċjalizzat minn lingwa partikolari waħda. Imbagħad, jeżistu reġistri li jkollhom l-ekwivalenti tat-termini f'lingwi oħra. Reġistri bħal dawn għandhom natura doppja għaliex huma monolingwi bl-oġġett ta' riċerka studjat f'lingwa waħda, u huma multilingwi għaliex konsultazzjoni ma' dokumentazzjoni lessikografika multilingwi tgħin fl-assenjament tal-ekwivalenti f'lingwi oħra. Fl-aħħar nett, ir-reġistri bilingwi u multilingwi jinkludu l-informazzjoni sħiħa ta' terminu skont żewġ lingwi jew aktar.

Fost l-oħrajn, ir-reġistri terminoloġiċi jkollhom din l-informazzjoni ġenerali:

- L-identifikazzjoni tat-terminu.
- It-terminu bażi.
- Is-sors tat-terminu.
- Il-kategorija grammatikali.
- Il-qasam/l-oqsma tas-suġġett.
- Id-definizzjoni.
- Is-sors tad-definizzjoni.
- It-terminu f'kuntest/i.
- Is-sors tal-kuntest/i.
- Kontroreferenza għal termini sinonimi.
- Kontroreferenzi oħra.
- Ekwivalenti b'lingwi oħra.
- Illustrazzjoni.
- Noti oħra b'informazzjoni oħra.
- L-awtur tar-reġistru.
- Id-data tar-reġistru.

Jekk l-ambitu ġeografiku tat-terminu jiġi indikat, ir-reġistru jkollu wkoll informazzjoni dwar il-pajjiż jew ir-reġjun li fih jintuża t-terminu. Imbagħad, jekk l-immaniġġjar tad-dejta jiġi kkontrollat fuq bażi aktar dettaljata, allura r-reġistru aktarx ikollu informazzjoni oħra dwar il-preparazzjoni u l-awturi li ħadmuh jew xi informazzjoni dwar il-persuni li pparteċipaw f'xi stadju tal-kitba. Jekk ir-relazzjoni tat-terminu bażi għal termini oħra, u l-post tiegħu fil-qafas kunċettwali tal-qasam, jeħtieġ li jkunu aktar

preċiżi, ikun hemm informazzjoni oħra dwar l-istruttura kunċettwali tal-qasam. Fl-aħħar nett, jekk ir-reġistru jkun multilingwi, ikollu wkoll id-deżinjazzjonijiet ekwivalenti f'lingwi diversi.

Cabré tkompli li, ħafna drabi, dawn ir-reġistri huma akkumpanjati minn linji gwida għall-użu li bihom l-oqsma tar-reġistru u l-karatteristiċi eżatti ta' kull qasam huma ppreżentati bir-reqqa (1999:123-126).

(iii) Reġistri ta' korrispondenza

F'xi databases bilingwi jew multilingwi li fihom l-informazzjoni tkun maħżuna f'reġistri separati skont il-lingwa, jista' jintuża reġistru ta' korrispondenza biex jikkorrelata d-deżinjazzjonijiet kollha ta' kunċett wieħed. F'każijiet bħal dawn, l-awturi jiżguraw li r-reġistri korrelati jirreferu għall-istess kunċett. Għalhekk, l-aħjar mod biex isir dan huwa li tingħata prijorità lid-definizzjoni tar-reġistri nfushom (Cabré 1999:127).

(iv) Reġistri ta' tfittxija

Fi tfittxijiet ta' terminoloġija li jirriżultaw minn mistoqsija ta' utent, ir-reġistri jkollhom id-dejta tal-mistoqsija, jippermettu l-indikazzjoni tad-dejta mit-tfittxija, u fihom is-soluzzjoni proposta lill-utent. Iċ-ċentri ta' mistoqsijiet dwar it-terminoloġija normalment ikollhom ukoll linji gwida għall-użu ta' reġistri ta' mistoqsijiet ta' dat-tip biex jiżguraw trattament omoġenju u preżentazzjoni armonjuża tad-dejta mill-mistoqsijiet. Ir-reġistri ta' mistoqsijiet li jinqraw mill-magni ta' ċentru jikkostitwixxi database separata li tista' tintuża biex tirrispondi għall-mistoqsijiet sussegwenti dwar l-istess suġġett (Cabré 1999:128-129).

### *1.4.2.4. Differenzi u similaritajiet*

Fih innifsu, l-istil terminografiku huwa deskrittiv, madankollu, sabiex tinħoloq l-istandardizzazzjoni, l-element preskrittiv fih huwa neċessarju. It-terminografija hija dixxiplina li taqa' taħt il-lessikografija u tittratta d-dokumentazzjoni tat-terminoloġija ta' oqsma differenti tas-suġġett, jiġifieri t-termini tekniċi u xjentifiċi. It-terminoloġija ta' kwalunkwe qasam tista' tiġi dokumentata f'dizzjunarji terminografiċi, imsejħa dizzjunarji tekniċi. Il-vokabularju (imsejjaħ *terminoloġija*) ta' suġġett huwa l-grupp ta' kliem (imsejħin *termini*) li huwa tipikament użat meta jiġi diskuss is-suġġett speċifiku. Dizzjunarju tekniku huwa magħruf ukoll bħala dizzjunarju tas-suġġett jew dizzjunarju terminoloġiku, u jkun fih it-termini standardizzati ta' suġġett partikolari. Barra minn hekk, dizzjunarju tekniku multilingwi jinkludi lista alfabetika ta' termini fil-lingwa sors u ekwivalenti f'diversi lingwi. It-terminoloġija f'dizzjunarju tekniku hija ġabra koerenti u strutturata ta' termini. Skont Sager (1990:114), hija rappreżentazzjoni ta' sistema ta' kunċetti ugwalment koerenti bi strutturi possibbilment differenti. Minkejja l-varjetà metodoloġika li teżisti, ir-rappreżentazzjoni ta' dawn il-kunċetti hija distintiva ħafna:

> Il-kunċetti rappreżentati fid-dizzjunarji terminoloġiċi huma espressi prinċipalment bil-forma lingwistika tan-nom. Kunċetti li huma espressi lingwistikament bħala aġġettivi u verbi f'lingwi tekniċi, [fid-dizzjunarji terminoloġiċi] jinstabu ħafna drabi fil-forma tan-nom korrispondenti u xi teoristi jiċħdu l-eżistenza ta' aġġettivi u kunċetti verbali.

Xi studjużi jqisu t-terminoloġija u t-terminografija bħala dixxiplini li jaqgħu taħt il-kappa tal-lessikografija. Sager, ngħidu aħna, jiċħad l-istatus tat-terminoloġija bħala dixxiplina indipendenti u jafferma l-valur tagħha fi kważi kull programm ta' tagħlim kontemporanju. Skontu, it-terminoloġija hija diskussa fil-kuntest tal-lingwistika, ix-xjenza tal-informazzjoni u l-lingwistika kompjuterizzata. Huwa jħares lejn it-terminoloġija bħala numru ta' prattiċi li evolvew madwar il-formazzjoni tat-termini, il-ġbir, l-ispjega tagħhom u l-preżentazzjoni tagħhom f'diversi mezzi stampati u elettroniċi (1990:1). Anke Wüster jagħraf il-karattru interdixxiplinarju tat-terminoloġija, karattru li jirrelata mal-lingwistika, il-loġika, l-ontoloġija u x-xjenza tal-informazzjoni, kollha dixxiplini li jfittxu li jgħaqqdu l-ħsieb mal-organizzazzjoni formali tar-relazzjonijiet kumplessi bejn il-kunċetti u t-termini (Sager, 1990:2). Fit-terminoloġija, il-kitba tad-dizzjunarji timplika l-istandardizzazzjoni tat-termini ta' qasam speċifiku u speċjalizzat. It-terminografija mhijiex limitata għall-ġbir tat-termini ta' dixxiplina partikolari bi skopijiet informattivi jew deskrittivi, iżda l-għan tagħha huwa li tistabbilixxi ċerti unitajiet terminoloġiċi bħala forom standardizzati u referenzjali, u b'hekk jitwarrbu varjanti oħra tal-istess kunċett. Għalhekk, fil-lessikografija ġenerali jeżistu dizzjunarji speċifiċi li għandhom funzjoni preskrittiva għax jinkludu kliem b'forom korretti aċċettati mill-istituzzjoni akkademika li toħroġ id-dizzjunarju. Fit-terminoloġija, imbagħad, il-forom standardizzati huma ppreferuti minħabba li l-utenti tagħhom – esperti fil-qasam tas-suġġett organizzati formalment f'kumitati ta' standardizzazzjoni – ikunu qablu dwarhom (Cabré, 1999:38).

B'kuntrast, kienu ħafna t-terminologi li ppruvaw jifirdu t-terminografija mil-lessikografija. Dan għaliex it-tnejn huma oqsma speċjalizzati fil-ġbir u l-editjar tad-dizzjunarji, għodda lingwistika li tgħin fil-fehim jew il-produzzjoni ta' test. Waqt li l-lessikografu jiddokumenta l-kliem tal-vokabularju tal-lingwaġġ ġenerali biex jgħin fir-riċeviment tal-lingwa, it-terminografu jaħdem b'reġistru aktar ristrett għax ifittex li jiddokumenta t-terminoloġija ta' oqsma speċifiċi ta' suġġett biex jipparteċipa fil-produzzjoni tal-lingwa f'test speċjalizzat. Il-listi terminoloġiċi huma differenti mil-listi lessikali għaliex f'ċerti stadji tal-proċess jintgħażlu xi possibbiltajiet u jitwarrbu oħrajn li jixirqu f'dizzjunarju tal-lingwaġġ ġenerali (Cabré, 1999:37).

Fl-istudju tagħha, Alberts (2001:78-80, 83-84) tasal għal xi distinzjonijiet li se niġborhom u naddattahom b'mod parallel f'din it-tabella:

| **Il-lessikografija** | **It-terminografija** |
|---|---|
| It-teorija u l-prattika tal-ġbir u l-editjar ta' dizzjunarji ġenerali. | It-teorija u l-prattika tal-ġbir ta' dizzjunarji tekniċi/terminoloġiċi. |
| Tuża l-prinċipji u l-proċeduri bażiċi għall-ġbir u l-editjar ta' dizzjunarji ġenerali. | Tuża l-prinċipji u l-proċeduri bażiċi terminografiċi għall-ġbir u l-editjar tad-dizzjunarji tekniċi. |
| Tislet, tiddokumenta, tiddeskrivi, tipproċessa u xxerred l-informazzjoni dwar il-vokabularju ġenerali ta' lingwa jew lingwi partikolari. | Taqa' taħt il-kappa tal-lessikografija u tislet, tiddokumenta, tiddeskrivi, tipproċessa u xxerred informazzjoni terminoloġika dwar diversi oqsma u dixxiplini tas-suġġett. |
| Tinvolvi l-ġbir ta' dizzjunarji ġenerali. | Tinvolvi l-ġbir ta' dizzjunarji tekniċi. |
| Il-punt tat-tluq tagħha huwa l-lingwa (eż. il-Malti, l-Ingliż, it-Taljan, eċċ.) u l-bżonn li tippromwovi l-komunikazzjoni fost utenti tal-istess lingwa jew utenti oħra ta' lingwi differenti. | Il-punt tat-tluq tagħha huwa d-dixxiplina ta' suġġett (eż. il-fiżika, il-psikoloġija, il-kimika, eċċ.) jew qasam (eż. il-mużika, l-arti, il-ġurnaliżmu, eċċ.) sabiex tippromwovi l-komunikazzjoni fost l-ispeċjalisti tas-suġġett u persuni oħra. |
| Interessata fil-forma mitkellma u miktuba tal-lingwa. | Interessata primarjament fil-forma miktuba tal-lingwaġġ tekniku. |
| Tħaddem attitudni deskrittiva sabiex tiddokumenta, tiddeskrivi u tippreserva l-lingwa fl-aspetti u r-reġistri kollha tagħha. | Tħaddem attitudni preskrittiva sabiex tiddokumenta u tiddeskrivi l-kunċetti ta' suġġett jew qasam permezz tat-termini u d-definizzjonijiet. Dan tagħmlu għal għanijiet ta' standardizzazzjoni. |
| Tiddokumenta l-kliem ta' lingwa skont ir-regoli ortografiċi tagħha. | Tiddokumenta t-termini ta' dixxiplina ta' suġġett jew qasam skont ir-regoli ortografiċi tal-varjetà standard tal-istess lingwa. |
| Tiddokumenta l-kliem kollu ta' lingwa partikolari (eż. kliem komuni, kliem kollokjali, kliem slang, reġistri, użu djalettali, kliem arkajk, kliem letterarju, kliem ħażin, eċċ.). | Tiddokumenta t-termini ta' dixxiplina ta' suġġett (eż. termini xjentifiċi, teknoloġiċi, kummerċjali, eċċ.) jew qasam (eż. it-termini tal-post tax-xogħol, dawk sportivi, ġurnalistiċi, mużikali, eċċ.) partikolari. |
| Tuża proċess semasjoloġiku li jibda mill-kelma bħala l-punt tat-tluq u tasal għat-tifsira tagħha. | Tuża proċess onomasjoloġiku li jibda mill-kunċett bħala l-punt tat-tluq u tasal għad-deżinjazzjoni tal-kunċetti permezz tal-formazzjoni tat-termini. |
| Eżempji ta' ġabriet lessikografiċi lokali u internazzjonali maġġuri: Aquilina, Serracino-Inglott, Oxford, Collins, Funk and Wagnall, Longman, Van Dale, COBUILD, Cassell, Duden. | Eżempji ta' ġabriet terminografiċi internazzjonali maġġuri: IATE, Infoterm, TermNet, ISO TC/37, WBIT, Phillips, WHO, IOUNT, IFTB. |

Fid-differenzi tagħhom, il-lessikografija u t-terminografija għandhom diversi elementi simili. Cluver jikteb li d-differenza bejn il-lessikografija (ġenerali) u dik teknika (it-terminografija) tinsab fil-varjetà tal-lingwa deskritta f'kull waħda. Din l-osservazzjoni tagħmel sens biss jekk ma tinħoloqx distinzjoni bejn il-lingwaġġ ġenerali u dak tekniku u ssir ħarsa lejn dawn iż-żewġ reġistri bħala realtajiet kontinwi, fejn il-kliem tagħhom jinbidel bil-mod f'termini u fejn it-tifsir isir iktar speċifiku. F'dan is-sens, il-ħaddiema tal-lingwa fiż-żewġ professjonijiet tal-lessikografija u t-terminografija jużaw l-istess

prinċipji u proċeduri bażiċi biex jiddokumentaw il-kliem u t-termini rispettivament. Għalhekk, il-lessikografija ġenerali u t-terminografija huma żewġ faċċati tal-lessikografija li jfittxu dokumentazzjoni sistematika sabiex biha jiddeskrivu tajjeb l-użu tal-kliem jew it-termini ta' komunità lingwistika speċifika bil-kultura u s-sottokulturi tagħha (1992:32).

Kollox ma' kollox, fix-xebh tagħhom, il-lessikografija u t-terminografija huma żewġ professjonijiet distinti minn xulxin bil-limitazzjonijiet tagħhom. Għalhekk, il-funzjonijiet tat-terminografu, flimkien mal-unità terminografika, ma jistgħux jittieħdu mil-lessikografu, u bil-maqlub. Il-punti tat-tluq u l-metodoloġiji mħaddmin fiż-żewġ professjonijiet ivarjaw ħafna.

## 1.5. Attivitajiet u metodi differenti fit-terminoloġija

Matul iż-żmien, it-terminoloġija tqiegħdet fil-lenti ta' diversi perspettivi differenti. Huma perspettivi li b'xi mod jew ieħor imissu mat-terminoloġija, jaffettwawha u taffettwahom. Id-dimensjonijiet li ġejjin jikkaratterizzaw lill-istess qasam u jkomplu jibnuh sinjur bħala għajn ċentrali, għammiela, ta' diversi oqsma tal-ħajja umana.

### 1.5.1. *It-terminoloġija bħala qasam interdixxiplinarju*

Fl-awtonomija tagħha, it-terminoloġija hija suġġett interdixxiplinarju għas-servizz tad-dixxiplini xjentifiċi u tekniċi. Għalhekk Sager jiddeskriviha bħala estensjoni moderna tat-trivju medjevali tal-loġika, il-grammatika u r-retorika.[11] F'dan is-sens, ikompli, hija fundamentali għax-xjenzi kollha tal-ħajja u tikkonċerna d-deżinjazzjonijiet tal-kunċetti tal-istess oqsma (1990:2). Wüster (1974b) ukoll ħa pożizzjoni simili meta, f'artiklu ppubblikat fir-rivista *Linguistics*, firex it-teorija ġenerali tat-terminoloġija ma' oqsma oħra, bħal-lingwistika, il-loġika, l-ontoloġija, ix-xjenza tal-informazzjoni, u xjenzi oħra. Din il-karatteristika hija ddeterminata mill-karatteristiċi ta' unitajiet terminoloġiċi, li simultanjament huma elementi tal-lingwa (il-lingwistika), konjittivi (il-loġika u l-ontoloġija) u komunikattivi (it-teorija tal-komunikazzjoni). Ukoll, it-termini jidhru f'komunikazzjonijiet speċjalizzati (ix-xjenza tal-informazzjoni) bil-kompjuters bħala mezzi ħajjin fl-attività terminografika (ix-xjenza tal-kompjuter) (Cabré, 1999:25). Fatt wieħed komuni bejn dawn id-dixxiplini huwa li huma

---

[11] Waqt li t-trivju jinkludi l-aspetti tal-arti liberali li jappartjenu għall-moħħ, il-kwadrivju jinvolvi l-aspetti tal-arti liberali li jappartjenu għall-materja. Għalhekk, il-loġika, il-grammatika u r-retorika jsawru t-trivju, waqt li l-aritmetika, il-mużika, il-ġeometrija u l-astronomija jikkostitwixxu l-kwadrivju. Minn naħa, il-loġika hija l-arti tal-ħsieb, il-grammatika hija l-arti li toħloq simboli u tgħaqqadhom flimkien biex jesprimu l-ħsieb u r-retorika hija l-arti li tikkomunika l-ħsieb minn moħħ għal ieħor waqt li taddatta l-lingwa skont iċ-ċirkostanza. Min-naħa l-oħra, l-aritmetika tinvolvi t-teorija tan-numru u l-mużika tapplika t-teorija tan-numru; it-tnejn ikejlu kwantità distinta, jew tan-numru. Imbagħad, il-ġeometrija tinvolvi teorija tal-ispazju, u l-astronomija tapplika l-istess teorija tal-ispazju; it-tnejn, ikejlu kwantità kontinwa, jew tal-estensjoni (Joseph, 2002:16).

kollha kkonċernati, anke jekk parzjalment, mill-organizzazzjoni formali tar-relazzjonijiet kumplessi bejn il-kunċetti u t-termini tagħhom.

Bħal kull qasam interdixxiplinarju tax-xjenza, it-terminoloġija hija dixxiplina definita f'relazzjoni mal-oqsma l-oħra li minnhom tieħu sett speċifiku ta' kunċetti. Madankollu, tajjeb ngħid li suġġett interdixxiplinarju ma jiddefinixxix il-qasam ta' studju tiegħu bħala somma tal-kunċetti mid-dixxiplini li jinkluduh iżda, qabelxejn, jagħżel minn dawn l-oqsma sett speċifiku ta' kunċetti u elementi, u t-tieni, jelabora minn dawn il-kunċetti l-oġġett u l-qasam tiegħu stess. Ladarba t-terminoloġija tifforma parti mill-oqsma speċjalizzati kollha ta' għarfien li kollha jużaw it-termini bħala rappreżentazzjonijiet tal-unitajiet ta' għarfien tagħhom, Cabré tiddeskriviha bħala "transdixxiplinarja" (1998-1999:9). F'dan is-sens, mingħajr terminoloġija, la teżisti xjenza u lanqas l-applikazzjoni jew id-deskrizzjoni tal-attivitajiet speċjalizzati.

### 1.5.2. *It-terminoloġija bħala qasam lingwistiku*

Wieħed jista' jħares lejn it-terminu bħala realtà lingwistika iżolata li tiġi studjata permezz tad-dizzjunarji u l-glossarji. Madankollu, l-oriġini tat-termini f'testi li fihom titħaddem il-lingwa fil-forma naturali tagħha m'għandhom qatt jitwarrbu għaliex it-terminologu jużahom bħala l-materjal bażiku tiegħu sabiex, kemm jista' jkun, iqarreb xogħlu lejn terminoloġija naturali u mhux superfiċjali.

Minkejja r-relazzjoni mill-qrib tat-terminoloġija mad-dizzjunarji, id-differenza bejn il-lessikografija u t-terminoloġija trid tibqa'. Bejn dawn iż-żewġ oqsma hemm differenza ċara fil-mod kif il-materjal tagħhom jinġabar u jiġi pproċessat. Dan għaliex, minn naħa, l-impriża tal-lessikografu hija li jiġbor il-kliem kollu ta' lingwa u jiddistingwih b'mod organizzat permezz ta' tifsirietu. Min-naħa l-oħra, it-terminologu jibda minn stat idjeq, għaliex l-interessi tiegħu huma s-sottotemi fi ħdan il-lessiku tal-lingwa li eventwalment isawru l-vokabularju proprju tal-lingwaġġ speċjalizzat (Sager, 1990: 55-56). F'dan is-sens, it-terminologu jeħtieġ ta' spiss struttura ta' għarfien li tgħinu jiġġustifika l-limiti tal-lingwaġġ speċjalizzat trattat sabiex ikun jista' jattribwixxi l-kliem ma' oqsma separati ta' din l-istess struttura kunċettwali. Biss, ladarba kelma jista' jkollha x'taqsam ma' iżjed minn qasam ta' għarfien wieħed – u jkun hemm każ ta' omonimija – it-terminologu xorta jeħtieġ li qabelxejn jagħmel analiżi semantika tal-istess kelma u jifridha fuq livell ta' tifsir.[12] Din hija d-dimensjoni onomasjoloġika tat-terminoloġija li tibda mill-kunċetti u tfittex li tagħti isem preċiż lill-istess kunċetti. Hija dimensjoni differenti minn dik semasjoloġika tal-lessikografi li tibda mill-kliem u tfittex it-tifsira tiegħu. It-termini huma r-rappreżentazzjoni tal-kunċetti u, b'kuntrast mal-karattru arbitrarju tal-lingwaġġ ġenerali,

---

[12] L-onomasjoloġija tipprova tevita l-fenomenu tal-omonimija biex, kemm jista' jkun, kull kunċett ikollu l-isem tiegħu u kull tifsira separata ta' terminu tkun rappreżentata minn kunċett distint. Fil-prattika, dan huwa impossibbli.

fil-lingwaġġ speċjalizzat teżisti sistema ta' prinċipji li tfittex li tagħti isem lill-istess kunċetti skont regoli u prinċipji stabbiliti.

Ħidmet Wüster tat bidu għal interess sistematiku b'saħħtu f'diversi pajjiżi Ewropej, primarjament l-Awstrija, l-Unjoni Sovjetika u ċ-Ċekoslovakkja. Huma minn dawn it-tliet skejjel ewlenin li l-prattika tat-terminoloġija espandiet lejn il-Punent (Franza, il-Kanada u Quebec) u t-Tramuntana (il-Belġju u l-Iskandinavja) imbagħad lejn in-Nofsinhar (l-Afrika ta' Fuq, l-Afrika 'l isfel mid-deżert Saħara, l-Amerka Ċentrali u t'Isfel, il-Portugall u Spanja) u riċentement lejn il-Lvant (iċ-Ċina u l-Ġappun). L-iżvilupp f'kull wieħed minn dawn ir-reġjuni nibet skont il-kuntest li tiġi studjata fih it-terminoloġija u mill-għanijiet iddikjarati fi ħdanu (Bidnenko, 2018:215).

Cabré tidentifika tliet perspettivi tal-iżvilupp terminoloġiku fi ħdan it-tliet skejjel: (i) it-terminoloġija bħala suġġett interdixxiplinarju – imma awtonomu – li qiegħed għas-servizz tad-dixxiplini tekniċi u xjentifiċi, (ii) it-terminoloġija bħala suġġett filosofiku li l-interess tiegħu qiegħed fil-klassifikazzjoni loġika tas-sistemi u l-organizzazzjoni tal-għarfien, u (iii) it-terminoloġija bħala suġġett lingwistiku kkunsidrat bħala fergħa fil-lessiku ta' lingwa (1999:7, 225).

### *1.5.2.1. L-iskola ta' Vjenna*

L-iskola Awstrijaka jew ta' Vjenna hija ispirata mill-ħidma vasta ta' Wüster. Biżżejjed insemmu d-dottorat tiegħu li kien il-punt ta' bidla tat-terminoloġija bħala xjenza. Miegħu, il-formazzjoni tal-Kumitat Tekniku 37 dwar it-terminoloġija mill-Assoċjazzjoni tal-Istandards Internazzjonali (ISA), l-istitut privat ta' riċerka li waqqaf, u t-Teorija Ġenerali tat-Terminoloġija li ġiet żviluppata fuq il-bażi tal-istess teżi bil-prinċipji u l-metodoloġiji tagħha ħejjew pedament għal din l-iskola (Brenes, 2022). Fl-ewwel prinċipju ta' din l-iskola nsibu l-persepettiva onomasjoloġika fejn it-terminoloġija tibda bil-kunċett u għandha l-għan li tesprimi b'mod ċar kull kunċett. It-tieni prinċipju jgħid li l-kunċetti m'għandhomx jiġu studjati b'mod iżolat iżda pjuttost bħala elementi f'sistema ta' kunċetti li tista' titfassal abbażi ta' studju mill-qrib tal-karatteristiċi tal-kunċetti li joħorġu mir-relazzjonijiet eżistenti bejn il-kunċetti. It-tielet prinċipju jittratta l-kunċetti u d-definizzjonijiet terminoloġiċi, waqt li r-raba' wieħed jisħaq fuq l-univoċità, jiġifieri li kull kunċett għandu jkun iddeżinjat b'terminu wieħed biss u terminu wieħed għandu jirreferi għal kunċett wieħed, xi ħaġa li mhix dejjem tkun possibbli. Il-ħames u l-aħħar prinċipju ta' din l-iskola jittratta l-karattru sinkroniku fejn l-enfasi ma ssirx lill-iżvilupp u l-evoluzzjoni tal-lingwa imma tkun fuq is-sistema kunċettwali tal-qasam li jkun (Temmerman, 2000:4-15). Il-maġġoranza tal-pajjiżi Ewropej jaħdmu f'dan il-qafas fejn speċjalisti minn oqsma differenti tax-xjenza u t-teknoloġija jagħmlu xogħol sistematizzat ta' terminoloġija.

### *1.5.2.2. L-iskola Russa*

L-iskola Russa tat-terminoloġija, mibnija minn għadd ta' xogħlijiet Russi, hija interessata prinċipalment fl-istandardizzazzjoni tal-kunċetti u t-termini minħabba l-multilingwiżmu fl-ex Unjoni Sovjetika (Bidnenko, 2018:216). Hija skola mwaqqfa fl-1933 minn Dmitij Lotte[13] u Sergej Alekseevič Caplygin bħala żewġ esponenti ewlenin tagħha u xprunata mit-traduzzjoni għar-Russu tat-teżi ta' Wüster fl-1935 erba' snin wara l-pubblikazzjoni oriġinali tagħha. Fl-1961, Lotte ppubblika *Основы построения научно-технической терминологии: Вопросы теории и методики* (Il-Pedamenti tal-Istruttura tat-Terminoloġiji Xjentifiċi u Tekniċi: Problemi fit-Teoriji u t-Tekniċi) u, flimkien ma' Caplygin, ħoloq il-Kumitat Xjentifiku u Tekniku dwar it-Terminoloġija li l-funzjonijiet tiegħu kienu jinkludu l-ħolqien ta' teorija teknika u xjentifika tat-terminoloġija u l-istabbilment ta' prinċipji għall-formazzjoni ta' termini u sistemi kunċettwali. L-istess kumitat għen ukoll biex jiġu żviluppati sistemi terminoloġiċi għad-dixxiplini teknoloġiċi ewlenin kif ukoll metodi biex jirregolaw it-terminoloġija teknika Russa użata mix-xjentisti u l-inġiniera (Brenes, 2022).

### *1.5.2.3. L-iskola ta' Praga*

L-iskola Ċeka jew ta' Praga hija bbażata fuq il-lingwistika funzjonali, fuq it-teorija tal-lingwaġġ letterarju u t-teorija tal-lingwaġġ kulturali. Tikkonċerna d-deskrizzjoni strutturali u funzjonali tal-lingwaġġi speċjalizzati li fihom it-terminoloġija għandha rwol importanti (Bidnenko, 2018:216). Din l-iskola tipproponi li t-termini huma l-unitajiet ta' lingwaġġ professjonali funzjonali eżistenti fi stili oħra bħal dawk letterarji, ġurnalistiċi jew ta' konverżazzjoni. Fost l-esponenti ewlenin ta' din l-iskola nsibu lil Eduard Benes, Vilém Mathesius, Josef Vachek, Nikolai Trubetzkoy, Lubomir Drodz, u Ferdinand de Saussure (Brenes, 2022).

---

[13] Dmitrij Lotte (1898-1950), flimkien ma' Ernest Dresen (1892-1937), bħal Wüster, raw vojt fil-komunikazzjoni teknika fost l-ispeċjalisti ta' żmienhom u ħadmu qatigħ biex dan jimtela permezz tal-istandardizzazzjoni tat-termini u l-kunċetti. Fuq naħa, Lotte – inġinier Russu-Sovjetiku u uffiċjal tal-Kumitat għall-Istandardizzazzjoni tat-Terminoloġiji fl-Istitut għall-Istandardizzazzjoni tal-Kunsill tal-Ministri fl-Unjoni Sovjetika u membru tal-Akkademja Sovjetika tax-Xjenzi – fetaħ tieqa teoretika fuq it-terminoloġija bil-pubblikazzjoni *Problemi Attwali tat-Terminoloġija Teknika* (1931) (Vakulenko u Meljnyk, 2014:29-38). Pitch (2011) jikkunsidrah bħala "l-missier awtentiku tat-terminoloġija" ladarba wera interessi dwar it-teorija tat-terminoloġija qabel Wüster. Fuq in-naħa l-oħra, Dresen – lingwist Latvjan/Russu-Sovjetiku – kien il-mutur wara l-formazzjoni tal-ISA (issa, l-ISO) u l-TC37 tagħha. Barra minn hekk, flimkien ma' erba' tradutturi oħra, ittraduċa għar-Russu d-dottorat ta' Wüster fl-1931, u kien pijunier fil-ħolqien u l-promozzjoni tal-lingwaġġi ppjanati u fl-iżvilupp ta' prinċipji, issa xjentifiċi, ta' standardizzazzjoni tat-terminoloġija, primarjament permezz tar-rapport li ssottometta fil-konferenza tal-ISA fl-1934 li xegħlet fjamma għall-formazzjoni tal-istess TC37 (Brenes, 2022).

### 1.5.3. *It-terminoloġija bħala qasam konjittiv*

It-terminoloġija ddur mas-semantika għaliex it-termini huma unitajiet li joħolqu relazzjoni bejn il-lingwa u d-dinja reali. L-ispeċjalisti jużaw it-termini biex jesprimu lilhom infushom, jaqsmu l-ħsibijiet tagħhom ma' xulxin u jorganizzaw id-dixxiplini tagħhom fi struttura preċiża.

Kull simbolu li għandu tifsira jista' jiġi ppreżentat minn tliet angoli differenti: mill-forma, mit-tifsira u mir-referent li jirrappreżenta. Is-sistema formali tat-terminu tikkonsisti minn sensiela ta' unitajiet (morfemi) u minn sett ta' regoli ta' formazzjoni li jiddeterminaw il-kombinazzjonijiet tagħhom. It-tifsira tas-simboli mbagħad tlaqqagħna mas-sistema semantika tal-lingwa, fejn l-istess tifsiriet huma maħżunin f'settijiet semantiċi ġewwa l-moħħ tal-kelliem. L-ontoloġija hija dixxiplina li tistudja l-oġġetti tad-dinja reali, taħt liema kategoriji jaqgħu, u r-relazzjonijiet ta' bejniethom. Ir-relazzjoni referent-kunċett tiddeskrivi l-mod kif l-individwi jifhmu d-dinja reali ta' madwarhom u tiftaħ beraħ il-kontroversja filosofika ta' jekk ir-realtà hix oġġettiva jew suġġettiva.

In-nuqqas ta' ambigwità fit-terminoloġija huwa essenzjali sabiex tinħoloq komunikazzjoni effettiva. Teoretikament, it-termini m'għandhomx ikunu ambigwi iżda għandu jkollhom tifsira waħda, b'deżinjazzjoni waħda li tikkorrispondi għal forma waħda. Dik li fil-lessiku ġenerali nsejħulha polisemija, fit-terminoloġija kemm-il darba tiġi trattata bħala omonimja (Cabré, 1999:40). Ngħidu aħna, il-kunċett li fl-anatomija nirreferu għalih bħala *għonq*, u għalhekk għandu tifsira waħda fi ħdan l-istess dixxiplina, fil-prattika, l-istess terminu jirreferi għal kunċetti oħrajn fi ħdan dixxiplini oħra.[14]

Il-mudell li ppropona Wüster jagħtina ċ-ċans nidentifikaw tliet aspetti tat-terminu: l-aspett konjittiv, dak lingwistiku u dak komunikattiv. Minn dawn it-tlieta, l-aspett konjittiv huwa l-iżjed kumpless għax huwa r-riżultat ta' proċess mentali li jwassal għall-għarfien li ġej: (i) kif l-individwu jikkonċipixxi r-realtà u l-istruttura tal-għarfien, (ii) liema kunċetti jeżistu, kif inhuma ffurmati, x'relazzjoni hemm bejniethom u x'ordni teżisti fi ħdan l-istuttura tal-għarfien, (iii) u kif il-kunċetti huma relatati mat-termini (Cabré, 1999:41). Mhux ta' b'xejn li teoriji konjittivi bħal dawn, ladarba għandhom mill-karattru komunikattiv, nibtu sewwasew minn atmosfera ta' traduzzjoni.

F'kuntest bħal dan, ma nistgħux inħallu barra l-proposti soċjokonjittivi mqanqlin minn Rita Temmerman. Dawn jikkonċentraw il-potenzjal konjittiv tat-terminoloġija f'oqsma speċifiċi tal-lingwa u jħarsu lejn il-varjazzjoni – f'kuntesti verbali, konjittivi u komunikattivi differenti – bħala realtajiet importanti fl-analiżi terminoloġika. Skontha (2000:16), il-prinċipji bażiċi tat-Teorija Ġenerali tat-Terminoloġija ta' Wüster la huma reali u lanqas għandhom il-kapaċità li jiddeskrivu l-lingwaġġ

[14] Minbarra li l-espressjoni ta' kunċett tekniku tista' ssir b'sinonimi, ġieli, terminu wieħed ikollu iktar minn sens wieħed fi ħdan l-istess qasam, ngħidu aħna, *aċċent* fil-lingwistika jfisser mill-inqas tliet kunċetti: is-simbolu tal-punteġġjatura (eż. f'*kafè*), l-istress tal-kelma (eż. l-aċċent tal-kelma *mejda* jaqa' fuq is-sillaba ta' qabel tal-aħħar) u l-kunċett ta' aċċent fil-qasam tad-djalettoloġija, bħala varjetà.

speċjalizzat kif iseħħ sewwasew fis-sitwazzjonijiet komunikattivi proprji, ngħidu aħna fit-traduzzjoni speċjalizzata. Dawn li ġejjin huma ħames punti li Temmerman ikkritikat mill-viżjoni ta' Wüster:

- Il-kunċetti għandhom sehem ċentrali fid-deżinjazzjoni lingwistika tagħhom.
- Il-kunċetti u l-kategoriji tagħhom għandhom konfini preċiżi ħafna.
- Id-definizzjonijiet terminografiċi għandhom ikunu dejjem intenzjonali.
- Ir-referenza monosemika hija regola sagrosanta fit-terminoloġija u għalhekk terminu wieħed għandu jirrappreżenta kunċett wieħed, u kunċett wieħed għandu jiġi rrappreżentat minn terminu wieħed.
- Il-lingwaġġ speċjalizzat għandu jiġi studjat b'mod sinkroniku.

Temmerman targumenta li dawn l-argumenti mhumiex validi għax:

- Il-lingwa ma tistax tinqata' mill-kunċetti ladarba għandha rwol kruċjali fil-formazzjoni tal-kategoriji.
- Il-kategoriji għandhom konfini mċajprin u ma jistgħux jiġu definiti b'mod ċar.
- L-istruttura u t-tip ta' definizzjoni m'għandhomx ikunu limitati għal mod wieħed biss għaliex jiddependu ħafna mill-kunċett li qiegħed jiġi definit.
- Il-polisemija u s-sinonimija jseħħu ta' spiss fil-lingwaġġ speċjalizzat u għandhom jiġu inklużi fi kwalunkwe analiżi terminoloġika.
- Il-kategoriji semantiċi, il-kunċetti u t-termini jevolvu maż-żmien u għandhom jiġu studjati b'mod dijakroniku. F'dan is-sens, il-mudelli konjittivi għandhom irwol importanti fl-iżvilupp ta' ideat ġodda.

(Faber 2012:18-19)

Teorija bħal din tagħmel enfasi fuq l-organizzazzjoni kunċettwali u tħares lejn l-istruttura tal-kategoriji mil-lenti tal-lingwistika konjittiva. Waqt li s-sistemi kunċettwali fit-Teorija Ġenerali tat-Terminoloġija huma organizzati f'termini ta' *tip ta'* u *parti minn* relazzjonjiet kunċettwali, il-kategoriji soċjokonjittivi għandhom struttura prototipika u r-rappreżentazzjonijiet kunċettwali inizjalment jieħdu l-forma ta' mudelli konjittivi. Ukoll, it-terminoloġija soċjokonjittiva hija aktarx l-ewwel u l-unika perspettiva li taċċetta d-dimensjoni storika jew dijakronika bħala parti essenzjali mill-analiżi tat-terminu. Fl-aħħar nett, għad li ftit għandha xi tgħid dwar l-imġiba sintattika tat-termini, hija teorija li tqarreb iżjed lejn id-deskrizzjoni milli lejn il-preskrizzjoni, u tqis it-terminu bħala l-punt tat-tluq għall-istħarriġ terminoloġiku.

### 1.5.4. *It-terminoloġija bħala qasam soċjali u komunikattiv*

Fil-bidu tas-snin disgħin, is-soċjoterminoloġija u t-terminoloġija komunikattiva bdew iħabbtuha tajjeb mal-popolarità li kienet tħaddan it-Teorija Ġenerali tat-Terminoloġija. Dan għaliex, iż-żewġ teoriji

jippreżentaw ħarsa aktar reali tat-terminoloġija peress li jiddeskrivu t-termini fil-kuntesti komunikattivi tagħhom. F'dan is-sens, waqt li joħolqu deskrizzjoni tal-unitajiet terminoloġiċi f'diskorsi reali, dimensjonijiet soċjali u komunikattivi tat-terminoloġija janalizzaw il-kuntesti soċjoloġiċi tad-diskors u jitfgħu dawl tajjeb fuq il-formazzjoni ta' tipi differenti ta' testi.

Fost studjużi Franċiżi oħra, Gaudin (1993) japplika l-prinċipji soċjolingwistiċi għat-teorija tat-terminoloġija u jagħti rendikont tal-varjazzjoni terminoloġika billi jidentifika varjanti ta' termini fl-isfond ta' kuntesti ta' użu differenti. Il-parametri tal-varjazzjoni huma bbażati skont kriterji soċjali u etniċi li fihom il-komunikazzjoni fost l-esperti tista' tipproduċi termini differenti għall-istess kunċett u aktar minn kunċett wieħed għall-istess terminu. Is-soċjoterminoloġija hija qafas għall-formazzjoni ta' teorija li tħares lejn it-terminoloġija bħala sistema kumplessa li l-aspetti epistemoloġiċi u metodoloġiċi tagħha jaħdmu flimkien sabiex jippromwovu l-użu tat-terminoloġija f'ċerti kuntesti. Hija perspettiva li tistudja t-terminoloġija minn lenti soċjolingwistika u tiffoka fuq l-effetti ta' kwalunkwe aspett soċjali – normi kulturali, aspettattivi, kuntesti – fuq il-mod kif tintuża l-lingwa u l-effetti tat-tħaddim tal-lingwa fuq is-soċjetà. Dan il-moviment soċjolingwistiku nibet sabiex jipprotesta kontra l-universalità preskrittiva biċ-ċans li jiddefendi l-pluralità deskrittiva tal-lingwa. L-argument soċjoterminoloġiku huwa xettiku mill-istandardizzazzjoni peress li skontu l-lingwa tinsab f'bidla kostanti u għalhekk il-polisemija u s-sinonimija huma inevitabbilment preżenti fit-terminoloġija u t-testi speċjalizzati. Skont din il-perspettiva, l-użu ta' terminu wieħed minflok ieħor jista' jirrifletti l-għarfien, l-istatus soċjali u l-professjoni ta' grupp ta' utenti, kif ukoll ir-relazzjonijiet ta' poter bejn il-parteċipanti fl-interazzjoni komunikattiva (TermCoord, 2007).

Waqt li l-ordni tal-ħsieb u l-kunċettwalizzazzjoni jirrappreżentaw in-naħa konjittiva tat-terminoloġija, it-trasferiment tal-għarfien jikkostitwixxi n-naħa komunikattiva tagħha. It-terminoloġija hija l-aktar karatteristika importanti fil-komunikazzjoni speċjalizzata għaliex tiddistingwi l-lingwaġġi speċjali minn dawk ġenerali filwaqt li tgħid ħafna fuq kif l-istess forom speċjalizzati jvarjaw minn xulxin. Jekk napplikaw il-mudell ta' Jakobson[15] għall-komunikazzjoni speċjalizzata, hemm sensiela ta' restrizzjonijiet li tajjeb nagħtu kas. Qabelxejn, iż-żewġ parteċipanti f'din it-tip ta' komunikazzjoni speċjalizzata jippressuponu li jaqsmu ċertu ammont ta' informazzjoni dwar il-qasam ta' għarfien inkwistjoni. Ukoll, id-dinja ta' referenza tal-komunikazzjoni tagħhom hija limitata għal dik tal-qasam speċjalizzat u li, formalment, hija aktar kunċettwali mid-dinja espressa bil-lingwaġġ ġenerali. Ma' dan, is-sistema ta' komunikazzjoni tinkludi wkoll lingwaġġ ġenerali – bl-inklużjoni ta' elementi sintattiċi,

[15] Il-mudell ta' komunikazzjoni ta' Jakobson jikkonsisti fl-indirizzatur u d-destinatarju ta' messaġġ, il-messaġġ innifsu, il-kuntest (verbalizzat jew le), kodiċi kompletament jew parzjalment komuni għal min qed jibgħat u għar-riċevitur, u xi forma ta' kuntatt fiżiku bejn l-indirizzatur u d-destinatarju li jippermettilhom jidħlu u jżommu l-komunikazzjoni ta' bejniethom. Dawn l-elementi jikkostitwixxu kwalunkwe att ta' komunikazzjoni verbali u jiddeterminaw dawn is-sitt funzjonijiet jew ħidmiet li kwalunkwe messaġġ iservi f'sitwazzjoni komunikattiva: referenzjali, emottiva, konattiva, fatika, metalingwistika u poetika (Linask, 2018:519).

morfoloġiċi u lessikali – u t-tipi ta' testi ġġenerati fil-komunikazzjoni xjentifika u teknika huma aktarx informattivi u deskrittivi fejn il-funzjoni primarja tagħhom hija aktarx referenzjali (Cabré, 1999:46-47).

Il-komunikazzjoni speċjalizzata hija differenti minn dik ġenerali f'żewġ aspetti: fit-tip ta' testi orali jew grafiċi li tipproduċi u fl-użu tat-terminoloġija speċifika (Cabré, 1999:47). L-użu ta' terminoloġija standardizzata jgħin biex il-komunikazzjoni bejn l-ispeċjalisti ssir aktar effiċjenti. Ukoll, il-kundizzjonijiet li jridu jiġu sodisfatti biex tinkiseb komunikazzjoni speċjalizzata ta' suċċess huma differenti mir-rekwiżiti għall-komunikazzjoni ġenerali. Sager jipproponi tliet karatteristiċi li jistabbilixxu kriterji għall-evalwazzjoni tal-effettività tal-komunikazzjoni fil-lingwaġġi speċjalizzati: (i) il-messaġġ għandu jkun ekonomiku kemm jista' jkun mingħajr ma jfixkel it-trasmissjoni effettiva tal-intenzjoni jew tal-kontenut tal-għarfien, (ii) il-messaġġ għandu jwassal il-kontenut maħsub bl-aktar mod preċiż, u (iii) l-messaġġ għandu jinbena b'mod xieraq kemm jista' jkun sabiex l-indirizzatur ikun jista' jaffettwa bl-aħjar mod l-istat tal-għarfien tar-riċevitur bil-mod li jixtiequ (1990:105-113).

### *1.5.4.1. It-terminoloġija u t-traduzzjoni*

Minbarra l-ispeċjalisti, it-tradutturi u l-interpreti huma wkoll utenti ewlenin tat-terminoloġija. It-tradizzjoni hija proċess immirat biex jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn kelliema ta' lingwi differenti. Għalhekk, attività terminoloġika multilingwi tappoġġja lill-istess traduzzjoni teknika. Traduzzjoni teknika tajba mhux biss trid tesprimi l-istess kontenut bħat-test sors, iżda trid tagħmel dan ukoll fil-forom li juża qarrej nattiv tal-lingwa fil-mira. Fil-każ ta' traduzzjoni speċjalizzata, il-qarrej ikun speċjalist fil-qasam trattat. Biex jagħmlu xogħolhom, it-tradutturi jiddependu fuq vokabularji bilingwi jew multilingwi tat-termini li jidhru fit-test. Madankollu, dan ma jfissirx li t-tradutturi ma jippreparawx it-terminoloġija huma stess. Xi drabi, iridu jaġixxu bħala terminologi biex isibu ekwivalenti għal dawk it-termini li mhumiex elenkati fil-vokabularji disponibbli u lanqas fil-banek ta' dejta speċjalizzata. Minbarra l-ekwivalenti f'lingwi oħra, it-terminoloġija ppreparata għat-tradutturi għandu jkun fiha kuntesti li jipprovdu informazzjoni dwar kif tuża t-terminu u, idealment, tipprovdi informazzjoni dwar il-kunċett sabiex tiżgura li t-tradutturi jużaw il-forma preċiża biex jirreferu għall-kontenut speċifiku (Cabré, 1999:47-48).

### *1.5.4.2. It-terminoloġija u l-immaniġġjar tal-lingwa*

In-natura komunikattiva tal-lingwa hija wkoll il-mutur wara l-immaniġġjar tal-lingwa, u t-terminoloġija li qed tinbena bħalissa, aktarx, qed tagħmlu b'mod sistematiku f'numru kbir ta' pajjiżi madwar id-dinja. Saru ħafna studji dwar dal-qasam però waħda mill-iktar kitbiet komprensivi dwar l-istadju tal-preprazzjoni u l-pjanifikazzjoni tat-terminu huwa d-dokument tal-UNESCO tal-2005 fejn il-politika ta' terminoloġija nazzjonali hija definita bħala "strateġija pubblika fformulata fil-livell tat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi (...) bil-għan li tiżviluppa jew tirregola terminoloġiji emerġenti u eżistenti għal

firxa ta' skopijiet" (UNESCO, 2005:4). Id-dokument jenfasizza l-importanza li jiġu involuti l-partijiet interessati u l-pubbliku ġenerali, ngħidu aħna, huwa rrakkomandat li l-pubbliku jiġi kkonsultat waqt il-fażi tal-ippjanar – permezz ta' laqgħat, intervisti jew stħarriġ – u li titnieda kampanja li tqajjem kuxjenza dwar dan (Bhreathnach, 2011:40). Dan għaliex is-saħħa u s-sopravivenza ta' lingwa tiddependi mill-fatt li din tkun xierqa għall-kuntesti kollha ta' komunikazzjoni identifikati minn soċjetà. Lingwa ridotta għall-użu informali biss tibda titlef il-prestiġju tagħha u fl-aħħar tisparixxi. F'dan is-sens, il-lingwaġġi speċjalizzati għandhom sehem ewlieni mill-kapaċitajiet reali ta' sopravivenza ta' lingwa. Is-soċjetajiet żviluppati jew li qegħdin jiżviluppaw għandu jkollhom lingwa aġġornata għad-dispożizzjoni tagħhom li jistgħu jużawha għall-kuntatti internazzjonali. Din il-lingwa għandu jkollha terminoloġija moderna, maħluqa jew mislufa, li tagħti ċ-ċans tirreferi għall-kunċetti ġodda kollha meħtieġa fl-iżvilupp tat-teknoloġija. Meta l-lingwa ta' komunikazzjoni internazzjonali ma taħbatx mal-lingwa tal-pajjiż stess, irid ikun hemm politika lingwistika biex tiddetermina liema f'liema każijiet għandu jitħaddem il-lingwaġġ nattiv u fejn dak internazzjonali huwa aktar addattat. Fl-aħħar nett, politika għall-protezzjoni tal-lingwi indiġeni hija meħtieġa f'pajjiżi li riċentement saru indipendenti u li fihom il-lingwa tal-poter kolonjali ta' qabel għandha rwol ta' lingwa uffiċjali u franka għall-pajjiż kollu (Cabré, 1999:48-49).

### *1.5.4.3. L-istandardizzazzjoni tat-terminoloġija*

L-istandardizzazzjoni ta' lingwa għandha tkun proċess ippjanat li jibda minn sitwazzjoni definita b'mod espliċitu, ikollu miri li jridu jintlaħqu f'perjodu ta' żmien, strutturi xierqa għat-tixrid tar-riżorsi għall-implimentazzjoni u qafas legali li jiffavorixxi dan il-proċess ta' bidla għal-lingwa. Skont Auger (1986), l-istandardizzazzjoni terminoloġika tagħmel sens biss f'qafas ta' ppjanar ġenerali tal-lingwa, b'sitt funzjonijiet bażiċi: ir-riċerka, l-istandardizzazzjoni, it-tixrid, l-implimentazzjoni, l-evalwazzjoni, il-kontroll u l-manutenzjoni. Fi proċess dinamiku, dawn is-sitt funzjonijiet jistgħu jkunu stadji suċċessivi li jibdew mill-konċepiment inizjali ta' prodott terminoloġiku u jtulu sat-tħaddim tiegħu f'ambjent speċifiku. Cabré (1999:49) tidentifika tmien stadji suċċessivi tal-proċess:

- L-analiżi tal-bżonnijiet terminoloġiċi ta' sitwazzjoni skont is-sitwazzjoni ġenerali u għażla tal-aktar strateġiji addattati għall-intervent.
- It-tħejjija ta' pjan ta' riċerka terminoloġika addattat għall-bżonnijiet tal-ambjent inkwistjoni.
- It-tħejjija tat-terminoloġija bil-parteċipazzjoni ta' utenti relevanti.
- L-istandardizzazzjoni tat-terminoloġija ppreparata.
- L-għażla tal-format l-aktar addattat u tal-preżentazzjoni tat-terminoloġija ppreparata.
- L-implimentazzjoni tat-terminoloġija fil-prattika permezz ta' politika xierqa.
- Il-monitoraġġ tal-użu tat-terminoloġija.
- L-aġġornament kostanti tat-terminoloġija.

Pjan ta' standardizzazzjoni tal-lingwa jista' jitqies bħala suċċess meta s-sitwazzjoni ta' lingwa tkun inbidlet għall-aħjar. Dan għaliex, is-suċċess ta' pjan fl-immaniġġjar tat-terminoloġija ma jiddependix mill-preperazzjoni tiegħu biss iżda mill-aċċettazzjoni tal-utenti. Prodotti ppreparati tajjeb weħdihom mhumiex biżżejjed biex jintlaħaq l-għan imma għandhom ikunu addattati għal kull sitwazzjoni sabiex jiffavorixxu l-użu tagħhom. Ukoll, it-tixrid tat-terminoloġija għandu jkun akkumpanjat minn azzjonijiet effettivi li jimbuttaw l-użu, anke permezz ta' miżuri indiretti, sabiex jinbidlu l-użanzi, l-attitudnijiet, u l-prestiġju tal-lingwa li qed tiġi standardizzata (Cabré, 1999:49). Għalhekk, Sager isejjaħ l-istandardizzazzjoni bħala attività retrospettiva għax issegwi ħidmietha wara tul ta' żmien indeterminat (1990:115).

It-tagħlim ta' terminoloġija standardizzata lil speċjalisti futuri ġewwa l-univarsitajiet huwa wieħed mill-iktar modi żguri ta' kif jiġi mmodifikat l-użu tagħha. Għad li hija proċedura li tieħu l-ħin, hija mod soċjali essenzjali. Għalhekk, it-taħriġ tal-ispeċjalisti fil-ħolqien ta' neoloġiżmi u metodi ġodda għad-deżinjazzjoni sistematika tat-termini, kif ukoll it-tagħlim dwar ir-riżorsi tal-lingwa, għandhom ikunu strateġiji intrinsiċi fit-tħaddim u t-tiġdid ta' soċjetà fejn it-terminoloġija għaliha għandha valur (Cabré, 1999:50).

## 2. L-iżvilupp tat-terminoloġija Maltija

*L-omm li tatna isimha?*
DUN KARM

### Introduzzjoni

L-istorja kolonjali tal-gżejjer Maltin, f'nofs il-Baħar Mediterran, ħalliet l-effetti tagħha fuq l-ilsien mitkellem taċ-ċittadini. Il-karattru awtonomu tal-Malti – frott taħlita lingwistika ta' elementi Għarab, Rumanzi u Ingliżi – huwa projezzjoni ta' perjodi storiċi differenti li affettwaw l-istratigrafija mżewqa ta' lsienna. Għal diversi sekli, il-Malti għex mitkellem taħt id-dell tal-lingwa uffiċjali, miktuba, tal-ħakkiem. It-Taljan kien il-lingwa uffiċjali ta' Malta bejn l-1530 u l-1936, il-Franċiż bejn l-1798 u l-1800, segwit mill-Ingliż mal-bidu tal-ħakma Ingliża. Fl-1934, il-Malti (li fis-seklu dsatax żviluppa wkoll bħala lingwa miktuba) u l-Ingliż saru ż-żewġ ilsna uffiċjali tal-gżejjer Maltin. Il-Malti ngħata wkoll il-preġju nazzjonali. Minn sitwazzjoni ta' diglossja bejn il-Malti u t-Taljan, għaddejna għal sitwazzjoni bilingwi bejn l-Ingliż u l-Malti. Madankollu llum, hija sitwazzjoni bilingwi f'kull qasam uffiċjali tal-ħajja Maltija?

Sergio Portelli jinnota li, minkejja l-uffiċjalità tiegħu, il-Malti baqa' għal ħafna żmien marbut ma' ċerti oqsma vernakolari u tradizzjonali. B'kuntrast, f'oqsma edukattivi, kummerċjali, soċjali u tekniċi, l-Ingliż baqa' jiffunzjona bħala l-lingwa formali bil-miktub ta' Malta. Dis-sitwazzjoni hekk imsejħa "bilingwi" tqieset komda u l-bżonn li titfassal politika ta' pjanifikazzjoni lingwistika għal dawn il-gżejjer ftit li xejn inħasset. F'atmosfera bħal din, it-traduzzjoni tal-Ingliż għall-Malti baqgħet limitata biex sempliċiment tissodisfa r-rekwiżiti uffiċjali u legali li huma limitati ħafna mill-kwantità u l-iskop (2017:99).

F'dan is-sens, il-Malti baqa' użat biss bħala lingwaġġ speċjalizzat bil-miktub fi ftit oqsma ristretti, l-iżjed il-liġi, ir-reliġjon, il-letteratura u attivitajiet oħra tradizzjonali. Portelli (2021) ikompli jifrex l-Ingliż fi tliet funzjonijiet li kien, u għadu, jitħaddem fihom b'detriment għall-Malti. Skontu, l-Ingliż huwa, (i) il-lingwa tal-istruzzjoni. Għalhekk, ħafna mit-tagħlim fl-iskejjel Maltin isir bl-Ingliż, ħlief għar-reliġjon, il-Malti u xi suġġetti oħra. Ukoll, l-Ingliż huwa (ii) il-lingwa tal-korrispondenza. Mela, jekk tintbagħat ittra elettronika formali lill-pubbliku fuq livell amministrattiv, aktarx din tkun bl-Ingliż. Fl-aħħar nett, ħafna drabi l-Ingliż jitħaddem ukoll fl-oqsma tekniċi bħala (iii) il-lingwa teknika. Dan għaliex il-poplu dejjem kien mgħallem fuq materjal bl-Ingliż u għalhekk din il-forma baqgħet għalih l-unika medju naturali li bih jista' jirreferi għal dawn il-ħwejjeġ ta' natura teknika. L-intenzjoni primarja ta' din ir-riċerka hija li tisfida dawn l-iżbilanċi prattiċi inġusti. Dan biex ma nsemmix ukoll il-lingwa mitkellma informali bil-Malti, ikkaratterizzata b'ħafna qlib tal-kodiċi mill-Malti għall-Ingliż u

bil-maqlub, fenomenu lingwistiku li l-individwu Malti jidher li jħaddmu bil-kumdità liberament, anke fix-xandir (Calleja, 2019).

Ir-Repubblika ta' Malta, li fiha mat-320 kilometru kwadrat, illum tiġbor mal-530 elf ċittadin. Din iċ-ċifra, li dejjem qiegħda tiżdied, tagħmilha waħda mill-iżjed popolazzjonijiet densi tal-globu. Ukoll, skont rapporti li ħarġu għas-sena 2021 mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, 22% tal-istess popolazzjoni huma persuni barranin li għalihom il-Malti huwa lingwa barranija li ma jużawhiex (Ċensiment tal-Popolazzjoni u l-Akkomodazzjoni, 2023). Barra minn hekk, 97% tar-residenti nattivi ta' bejn it-18 u t-80 sena jikkunsidraw il-Malti bħala l-ewwel lingwa tagħhom. Skonthom, waqt li l-Malti jagħtuh preferenza fil-komunikazzjoni orali u informali, fil-midja soċjali u dik tal-massa (tat-televiżjoni u r-radju), l-Ingliż jaqdihom aħjar għall-komunikazzjoni formali u l-qari. Skont l-istess studju, 55% ta' dawk intervistati jippreferu jaqraw bl-Ingliż milli bil-Malti (Il-Qagħda tal-Ilsien Malti, 2021). Studju bħal dan juri li l-Malti u l-Ingliż mhumiex f'kompetizzjoni imma qegħdin jikkumplimentaw lil xulxin u jintużaw f'ċirkustanzi differenti, ngħidu aħna, fil-kitba u fit-taħdit. Joħroġ ukoll li l-Maltin iridu aktar materjal bil-Malti biex il-bilingwiżmu f'pajjiżhom jitħaddem sew u jkun jista' jaqdi tajjeb lil min jipparteċipa fih.

F'dan is-sens, il-ħafna tentattivi ta' persuni individwali jew timijiet li ħadmu jew qed jaħdmu fuq xogħlijiet ta' natura terminoloġika bil-Malti mhux talli għandhom jintwerew iżjed fil-beraħ imma għandhom jintużaw, għax huma riċerkati diġà, biex it-termini miġburin fihom jinfiltraw fis-setturi varji tal-gżejjer u lil hinn minnhom. B'hekk, it-terminu Malti jibda jingħata d-dawl li jixraqlu bit-tama li f'bilingwiżmu kif suppost jitħaddem fil-funzjonijiet varji tal-kuntesti li jeżistu. It-tama tiegħi hi li dan il-proġett jikkontribwixxi f'din l-impriża urġenti.

## 2.1. Ħidma ta' persuni individwali

Kemm-il darba, il-ħidma terminoloġika ssir fuq livell individwali, fejn persuna esperta taqbad ma' qasam jew oqsma partikolari u tiffjorixxih/om. Huma ħafna l-eżempji tajbin fl-iżvilupp tat-terminoloġija Maltija, kollha xhieda ta' kemm dan is-settur jinteressa lill-ħafna u huma mirja tal-utilità tiegħu f'oqsma varji. F'dan il-kapitlu se nirreferi għal ftit xogħlijiet ta' dan it-tip, bħala kampjun, li laqtuni jien u nirriċerka. Id-dokumentazzjoni estiża ta' din il-ġabra tinsab fi tmiem dan l-istudju.

Wara tentattivi bikrin u limitati bħal ta' Zammit (1901) u Preca (1904), ma nistax ma nibdiex nirreferi għall-ħidma, maqsuma fuq żewġ volumi, ta' Ninu Cremona (1880-1972) fl-istudju mhux ippubblikat *Maltese Technical Terminology* (1964, 1966). Fih, l-awtur jittratta l-oqsma tal-agrikultura, il-flora u l-fawna Maltija, il-ġeografija, xi xogħol u snajja' tradizzjonali u termini relatati mas-sajd u l-marittima ta' Malta. Hija ċara l-intenzjoni tiegħu fih, dik li b'metodu multilingwi – Malti, Ingliż u Taljan – jiġbor

termini biex ikopri b'mod sħiħ l-oqsma varji li jesplora. Barra minn hekk, Cremona jagħmel xi ħaġa simili fil-manuskritti mhux datati *La Terminologia Popolare della Botanica Maltese / La Nomenclatura Popolare sulla Botanica Maltese* u *Ħxejjex ta' Mediċina Popolari fil-Gżejjer ta' Malta u Għawdex*, li fihom jittratta termini dwar l-istudju tal-botanika u l-mediċina popolari fil-gżejjer Maltin.



| MALTESE | ENGLISH | ITALIAN |
|---|---|---|
| | ANNULATA | |
| 1. Dud irqiq ta' l-imsaren (Ascaris vermicularis) | Maw-worm or Thread-worm | Ascaridi o Fueeragnoli. |
| 2. Habb tal-Hnieżer (Cysticercus cellulosae) | Cystic-worm | Cisticerco |
| 3. Hanex ta' l-art (Lumbricus terrestris, Geophilus simplex and other species) | Earth-worm | Lombrico terrestre |
| 4. Hanex tal-bahar (Species of Lysidicae arenicola, Phyllodocae Glycera, etc.) | Lug-worm | Serpule, nareidi, anfitriti, vermiti |

Figura 3: Ritratt mit-tieni volum *Maltese Technical Terminology: Entomological, Ornithological and Ichthyological Maltese Term* (1966), paġna 3, fejn Cremona jiġbor lista bil-Malti, bl-Ingliż u bit-Taljan ta' insetti u speċi oħra tal-art.

Il-ħidma terminoloġika ta' Guido Lanfranco fl-oqsma tiegħu hija notevoli wkoll. *Guide to the Flora of Malta* (1955) jinkludi tagħrif fil-qosor dwar 300 tip ta' flora ta' Malta, bl-isem Ingliż, xjentifiku, u Malti. Fuq wara tal-ktieb, l-awtur jillustra huwa stess lil kull speċi. *A Complete Guide to the Fishes of Malta (Central Mediterranean)* (1958) huwa pubblikazzjoni bl-Ingliż b'referenza għall-ismijiet tal-ħut bil-Malti. Ix-xogħol jikkonsisti minn 260 illustrazzjoni ta' Lanfranco li tagħhom hemm klassifikazzjoni dettaljata fil-ktieb stess. Fil-ktieb *Fjuri Slavaġ Maltin: Gwida għal Min Irid Jibda Jagħraf Dan il-Wirt Naturali* (2007), huwa jniżżel lista ta' 216-il speċi ta' fjura bl-isem Malti, Ingliż u xjentifiku. Minbarra l-illustrazzjzonijiet sbieħ tagħhom, l-awtur jinkludi deskrizzjoni bil-Malti ta' kull speċi u nota tal-ismijiet tal-familji tagħhom. Lanfranco ma jesplorax biss il-qasam tal-flora u l-fawna imma jifrex ħidmietu f'oqsma oħra, bħax-xogħol u s-snajja' tal-imgħoddi, kif ukoll il-folklor Malti. B'referenza għal dawn, tajjeb nirreferi għal *Xogħol, Ġaħġiħ u Snajja' li Spiċċaw* (2002) u *Drawwiet u Tradizzjonijiet Maltin* (2001), fost ħafna oħrajn, li fihom it-terminoloġija bil-Malti hija evidenti.

Ħidmet Ġużi Gatt f'dan il-qasam, mifruxa fit-tliet pubblikazzjonijiet *Qiegħda fil-Ponta ta' Lsieni* (2005, 2015, 2022), hija b'saħħitha wkoll.[16] Kif hemm miktub fuq il-qoxra tal-ewwel żewġ volumi, din il-ħidma hija "għajnuna biex tagħraf titkellem fuq it-temp, ir-raba', iż-żara', it-trobbija tal-bhejjem, il-bini, is-sajd, is-snajja', id-daqq, u fuq ħafna minn dak kollu li jagħmilna Maltin." Fit-test miktub,

[16] Ħafna mit-terminoloġija ta' dal-kotba tinsab fis-sit elettroniku *ilmiklem.com* (2015), xogħol ta' John Spiteri Gingell li fih qed jgħaqqad għadd ta' riżorsi terminoloġiċi flimkien biex il-pubbliku ġenerali jkollu għodda komprensiva u diġitali li tgħinu jfittex. Paġni oħra fuq il-midja soċjali, bħal *Għidha bil-Malti* (2017) u *Il-Malti Madwarna* (2018), fost l-oħrajn, ikomplu jżidu ma' din il-ħidma awdjoviżiva b'risq it-terminoloġija Maltija.

it-terminoloġija bil-Malti tinsab b'linja taħtha u bl-ittri kapitali, waqt li dik Ingliża tinsab fil-korsiv u fil-parentesi. Il-pubblikazzjonijiet huma mżejnin b'ħafna illustrazzjonijiet dettaljati. Wara kull kapitlu, l-awtur jagħti ġabra ta' kliem dwar il-qasam trattat b'termini bil-Malti u bl-Ingliż. Fit-tielet volum, Gatt jippubblika l-Kalendarju għall-Bidwi (1849-1850), maħruġ bit-Taljan u bil-Malti għal sentejn fuq xulxin mis-Società Economico Agraria ta' Malta, li jinkludi ħafna kliem ta' natura agrikola li jgħin lill-qarrej jiffamiljarizza ruħu mal-ambjent ta' madwaru, iċ-ċiklu tan-natura u l-fiżjonomija tal-art. Minn intervista li għamiltlu fit-12 ta' Mejju 2023 fl-appartament tiegħu f'San Ġiljan, ħarġet ħafna l-ħeġġa ta' Gatt għall-irkupru ta' termini tekniċi li qed jintilfu u li skontu jistgħu jaqdu ċerti ħtiġijiet kunċettwali li għandna bżonn illum, kif ukoll il-viżjoni progressiva tiegħu għall-formazzjoni ta' termini ġodda li l-Malti m'għandux u li b'mod sistematiku għandu bżonn jiġġedded fihom.







Figuri 4 u 5: Żewġ riżorsi terminoloġiċi ta' Ġużi Gatt, meħudin mill-ewwel volum tiegħu *Qiegħda fil-Ponta ta' Lsieni* (2005), paġni 70 u 93.

Xi drabi, il-ħidma individwali ta' persuna tissarraf f'dizzjunarju sħiħ li jkopri tajjeb ħafna qasam jew ieħor. F'dan il-kuntest ma nistax ma nsemmix, fost l-oħrajn, id-*Dizzjunarju ta' Termini Letterarji* (2010), li permezz tiegħu Oliver Friggieri bena waħdu terminoloġija bil-Malti għall-kamp letterarju, u dan l-aħħar, id-*Dizzjunarju ta' Termini Nawtiċi u Tagħrif Marittimu Lokali* (2019), li b'ħafna dettall u illustrazzjonijiet Joseph Caruana kopra tajjeb ħafna l-qasam marittimu, settur għal qalb tant Maltin. Żgur li xogħlijiet bħal dawn, maħdumin mill-esperti, huma riżorsi li ta' min wieħed iperriċhom u, f'sistema ċentralizzata li tieħu bis-serjetà t-terminoloġija bil-Malti, jurihom bħala kapulavuri uffiċjali fl-immaniġġjar ta' lsienna.







Figuri 6 u 7: Il-qoxra tad-*Dizzjunarju ta' Termini Letterarji* (2010) ta' Oliver Friggieri u d-*Dizzjunarju ta' Termini Nawtiċi u Tagħrif Marittimu Lokali* (2019) ta' Joseph Caruana, żewġ xogħlijiet terminoloġiċi tajbin miktubin mill-pinna individwali tal-esperti.

## 2.2. Ħidma kollaborattiva

It-terminoloġija hija qasam interdixxiplinarju li l-immaniġġjar tiegħu jeħtieġ ħafna kollaborazzjoni ta' persuni esperti minn setturi differenti. Waqt li kulħadd jagħmel użu minnha, għandha bżonn l-impenn ta' ħafna sabiex il-frott li tħalli jkun relevanti dejjem għal min jużaha. F'dan is-sens, il-ħidma komunitarja fiha hija ideali sabiex tinbena struttura ta' pjanifikazzjoni aħjar u iktar b'saħħitha. Fil-mixja terminoloġika Maltija ħafna nies iltaqgħu u f'kollaborazzjoni komunitarja mexxew proġetti ta' din in-natura.

### 2.2.1. *Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti*

Bħala l-korp uffiċjali tal-Gvern responsabbli mill-immaniġġjar tal-lingwa nazzjonali, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti huwa entità importanti li ta' min insemmi għaliex għandu sehem ċentrali fl-iżvilupp tat-terminoloġija bil-Malti. Għalhekk, nhar l-10 ta' Mejju 2023 għamilt intervista lis-Sur Thomas Pace l-Università ta' Malta sabiex jagħtini l-perspettivi tiegħu bħala d-Direttur Eżekuttiv tal-istess Kunsill. Ħafna mill-ideat li se nesprimi f'din it-taqsima slitthom minn dan l-intervent.

#### *2.2.1.1. Il-formazzjoni tal-Kunsill u l-Kumitat tat-Terminoloġija*

Il-pedamenti tal-Kunsill jafu għeruqhom fil-ħidma tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta. It-twaqqif tal-Bord għall-Ilsien Malti fl-1994 u l-ħidma sfiqa tar-rapport *Strateġija għal-Lingwa Nazzjonali* (2001), li tnejn mill-protagonisti tagħha kienu l-Prof. Manwel Mifsud u l-Prof. Albert Borg mill-istess Dipartiment, huma ħidmiet fundamentali għat-tkabbir fil-kuxjenza tal-immaniġġjar ta' lsienna. F'dan ir-rapport hija ċara l-importanza li ngħatat lit-terminoloġija Maltija tant li l-Bord jipproponi l-formazzjoni ta' Kumitat Tekniku għat-Terminoloġija u t-Traduzzjoni (2001:28) li l-għanijiet tiegħu huma miġburin f'dawn is-sitt punti:

- Jiġbor u jippreżenta t-terminoloġija Maltija li tintuża fl-oqsma differenti tal-ħajja, billi jaħdem id f'id mal-esperti f'kull qasam.
- Jiżviluppa t-terminoloġija meħtieġa għal ideat u sejbiet ġodda permezz tal-metodi possibbli skont ix-xejra tal-lingwa u l-gosti tal-kelliema.
- Jippubblika l-korp ta' terminoloġija miġbura u żviluppata f'sensiliet ta' glossarji tekniċi speċjalizzati marbuta ma' kull qasam, u jxerridhom fost l-individwi/għaqdiet involuti f'dak il-qasam.
- Joħloq u jtella' *Il-Bank tal-Kelma Maltija* fuq l-Internet, li permezz tiegħu kulħadd ikun jista' jfittex it-terminoloġija li jixtieq malli jeħtieġha.
- Jorganizza, jew jara li jkunu organizzati, korsijiet li fihom il-ħaddiema ta' oqsma partikulari (l-aktar ix-xandara) jiġu megħjuna jegħlbu diffikultajiet komuni li jiltaqgħu magħhom fix-xogħol u jitweġbulhom il-mistoqsijiet tagħhom.
- Jorganizza, jew jara li jkunu organizzati, korsijiet professjonali fis-sengħa tat-traduzzjoni, u li dawk li jtemmuhom b'suċċess jieħdu ċertifikat ta' ħila.

(2001:31)

Dan ir-rapport wassal biex f'April tal-2005 il-Parlament Malti, imbuttat mill-Ministru tal-Edukazzjoni ta' dak iż-żmien, l-Onor. Louis Galea, approva unanimament l-*Att Dwar l-Ilsien Malti*, Kapitolu 470, li fih ġie stabbilit il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti bħala "l-uniku korp tal-gvern responsabbli mill-iżvilupp tal-lingwa Maltija u mill-Malti bħala lsien uffiċjali tal-Unjoni Ewropea" (Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, 2021). Fl-istess liġi hija ċara l-importanza li ngħatat lit-terminoloġija bħala parti mill-politika lingwistika tal-gżejjer:

> Il-Kunsill għandu jaħtar kumitati tekniċi f'oqsma ta' speċjalizzazzjoni skont kemm ikun meħtieġ u għandu jiddefinixxi t-termini tal-ħidma tagħhom [...] Kull kumitat ikun organu konsultattiv għad-diskussjoni tal-politika lingwistika li għandha tiġi adottata f'oqsma speċjalizzati, li jinkludu (i) l-informatika u (ii) it-terminoloġija u t-traduzzjoni (2005:7).

Minn mindu twaqqaf il-Kunsill fl-2005, kellu dejjem għadd ta' kumitati tekniċi. Dawn huma kumitati żgħar immirati għal skopijiet differenti, għal oqsma varji. Wieħed minn dawn l-oqsma huwa t-terminoloġija.[17] Fil-fatt, il-liġi s'issa timponi lill-Kunsill, li jinħatar darba kull tliet snin, biex fost kumitati tekniċi oħra, dak tat-terminoloġija jkun preżenti dejjem. Il-ħsieb hu li l-Malti jibqa' jiżviluppa kontinwament f'oqsma differenti, ġodda, tal-ħajja. Ngħidu aħna, għaliex il-qasam tal-ekonomija

---

[17] Fl-isfond tal-ħtieġa urġenti biex il-Maltin jitħejjew għax-xogħol tat-traduzzjoni fl-Unjoni Ewropea, bejn it-3 u s-6 ta' April tal-2006, il-Kunsill, bi sħab mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, stieden lill-Prof. Frieda Steurs, il-Kap tad-Dipartiment tat-Traduzzjoni u l-Interpretar, Lessius Hogeschool, Antwerp, il-Belġju, u l-President ta' CoTerm, il-Kummissjoni għat-Terminoloġija tal-Unjoni Olandiża tal-Lingwa, biex tagħmel tliet taħditiet pubbliċi waqt iż-żjara tagħha f'Malta: (1) *Conceptual and Terminological Problems in Technical Translation*, (2) *Terminology Planning, Standardization and Management*, u (3) *Creation and Management of a Virtual Terminology Information Centre*. Nirringrazzja lill-Prof. Manwel Mifsud talli tani aċċess għalihom.

m'għandux ikun żviluppat bil-Malti? Għaliex xi ħadd li jixtieq jikteb artiklu ekonomiku m'għandux isib gwida terminoloġika tajba b'lista ta' termini riċerkati minn persuni esperti tal-qasam li sserraħlu rasu mill-validità tagħhom? Il-Kunsill huwa l-entità tal-Gvern b'saħħa uffiċjali li għandha ċ-ċans tgħaqqad fi ħdanha nies minn oqsma differenti sabiex jinħasbu u jinħadmu dawn it-terminoloġiji. Dan bl-ebda mod ma jfisser li ħidmiet terminoloġiċi oħra li jsiru lil hinn mill-Kunsill huma ħżiena u m'għandhomx jiġu kkunsidrati fuq livell uffiċjali. Tajjeb ngħid li din ir-riċerka tiegħi nibtet sewwasew fi ħdan l-istess Kumitat tat-Terminoloġija u t-Traduzzjoni tal-Kunsill tliet snin ilu.

### *2.2.1.2. Xi ħidmiet terminoloġiċi tal-Kunsill*

Il-Kunsill, flimkien mad-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu, ħadem fil-qasam tal-ġeografija billi kkorrisponda mal-Uffiċjal Edukattiv tas-suġġett, is-Sur Edward Gilson, li f'kollaborazzjoni bena tliet kotba sbieħ, b'ritratti lokali, li kienu u għadhom jintużaw fit-tagħlim tas-sekondarja. *Id-Dinja Darna* (2013) (2014) (2015) huwa wieħed mill-ewwel eżerċizzji tal-Kunsill li fih ħadem fuq terminoloġija u li permezz tiegħu tgħallem kif jista' jaħdem fi proġetti oħra futuri. Għalih, ingħaqdu għadd ta' għalliema tal-Gvern, tal-Knisja u tal-Privat u, permezz ta' diskussjoni online bejniethom f'Google Group immexxija mill-Kapijiet tad-Dipartiment tas-suġġett u Gilson innifsu, inħarġet lista bilingwi Malti-Ingliż ta' termini ġeografiċi bil-Malti li tista' taqdi sew lill-istudenti Maltin u liċ-ċittadini ġenerali. B'hekk din il-lista setgħet tintuża sabiex jinkitbu t-tliet kotba b'mod standardizzat. Dan kien proġett tajjeb tal-Kunsill, għax imtella' mill-esperti tal-qasam, biċ-ċans li jinfiltra aħjar u malajr fis-settur prattiku permezz tal-istess esponenti li pparteċipaw fih.


Tifsir il-kliem

A

abitat (pl. abitati)
habitat
L-ambjent naturali fejn jgħixu l-ħlejjaq.

afforestazzjoni (pl. afforestazzjonijiet)
afforestation
It-tħawwil ta' ħafna siġar f'post wieħed biex jinħoloq masġar.

agrikultura/biedja
agriculture/farming
Ix-xogħol tar-raba' li jaħdem il-bidwi u t-trobbija tal-bhejjem fl-irziezet mir-raħħal.

agroturiżmu
agro-tourism
Btala turistika li fiha dduq il-ġmiel tal-ambjent naturali u tal-irħula rurali ta' post. Matulha tista' tieħu sehem attiv fix-xogħol ta' kuljum tal-oqsma agrikoli, bħall-qtugħ tal-frott u l-għalf tal-bhejjem.

algi
algae
Pjanti tal-ilma li ħafna minnhom huma mikroskopiċi. Huma komuni ħafna fil-baħar, fl-ilma ħelu u f'postijiet umdi.

alka
neptune grass
Pjanta tal-baħar li twarrad fir-rebbiegħa u tagħmel il-frott fil-ħarifa, magħrufa xjentifikament bħala *Posidonia oceanica*. Għandha weraq twil qisu żigarelli u riżomi li jorbtuha sew fir-ramel. Tifforma mergħat kbar taħt il-baħar, li fihom isibu l-kenn u jbejtu l-ħut u l-ħlejjaq.

altitudni (pl. altitudnijiet)
altitude
L-għoli ta' post mil-livell tal-baħar.

ambjent (pl. ambjenti)
environment
Il-post naturali u l-madwar fejn jgħixu n-nies, il-pjanti u l-annimali.

Figura 8: Silta mill-glossarju ta' termini ġeografiċi użati fis-sensiela tal-kotba *Id-Dinja Darna: Niskopru l-Ambjent Ġeografiku ta' Madwarna* (2015).

Dan l-aħħar, il-Kunsill ħadem ukoll fuq is-settur tal-ekonomija mal-Prof. Lino Briguglio, espert tal-qasam fl-Università ta' Malta. Bħal fil-każ tal-ġeografija, xi termini hawnhekk kienu żviluppati diġà imma kien hemm oħrajn li kellhom jiġu vvalidati jew jinħolqu mill-ġdid. Dan kien proċess li l-Kunsill

tgħallem ħafna minnu għax fih l-espert stess għaqqad miegħu nies oħrajn tal-qasam li għenuh fl-għażla tat-termini. B'hekk id-deċiżjonijiet li ttieħdu kienu aħjar għax iktar infurmati.

Qasam ieħor mibdi huwa dak legali, fejn il-Kunsill beda jikkollabora ma' avukat biex jagħmel dan. Il-ħidma ta' dan id-dizzjunarju, ladarba titkompla, beħsiebu jestendiha ma' nies professjonali oħra, bħal xi nutar. B'kollaborazzjoni ma' Prof. Marco Galea, il-Kap tad-Dipartiment tal-Istudji Teatrali u Direttur ta' riċerka fl-Iskola tal-Arti Performattiva, il-Kunsill wera x-xewqa li titnissel lista ta' termini tekniċi teatrali bil-Malti.[18] Barra minn hekk, il-Kunsill ġieli ħaseb li jaħdem dwar it-terminoloġija tal-psikoloġija, proġett li kieku jinħadem żgur li jkompli jifrex lil ilsienna fuq livell xjentifiku.[19]

F'dawn l-oqsma, kif jammetti s-Sur Thomas Pace nnifsu, il-Kunsill ikun spiss avviċinat mill-esperti, u dan jikxef id-domanda li hawn għal ilsienna bħala l-ilsien nattiv tal-gżejjer u l-ħtieġa dejjem tikber biex jinfiltra f'kemm jista' jkun oqsma tal-ħajja Maltija, inklużi dawk tekniċi u speċjalizzati.

Il-Kunsill ta sehmu wkoll fil-qasam tas-sinjaletika direzzjonali u informattiva. Dan għaliex, għal raġunijiet ta' storja, it-tabelli fit-toroq tagħna kienu maħdumin dejjem b'lingwa barranija. Biss, il-Kunsill jemmen li l-lingwa nazzjonali għandha tingħata l-preċedenza mistħoqqa, kif inhi l-prattika normali fil-pajjiżi Ewropej fejn jintużaw aktar minn lingwa waħda. Barra minn hekk, l-ismijiet tal-lokalitajiet u l-imkejjen tagħna bil-Malti jagħtu messaġġ ċar u immedjat lit-turisti li jżuruna li jinsabu f'pajjiż differenti minn tagħhom, bil-kultura, l-istorja u l-lingwa tiegħu. Għal dil-ħidma, il-Kunsill segwa xi prinċipji prattiċi li jużaw pajjiżi oħra bilingwi bħal tagħna (bħall-Irlanda, l-Iskozja, Wales, xi nħawi fil-Belġju, u oħrajn f'Bolzano, l-Italja) jew saħansitra multilingwi (bħal xi nħawi fit-Turkija u fin-Norveġja, kif ukoll f'Barċellona) fejn jużaw tliet lingwi fit-tabelli tagħhom. Ngħidu aħna, meta l-isem tal-post huwa l-istess fil-Malti u fl-Ingliż, bħal [Il-Mosta/Mosta], jintuża l-isem bil-Malti

[18] Fit-taħdita *Lejn Tnissil ta' Lista ta' Termini Tekniċi Teatrali* li saret fis-17 ta' Jannar 2022, Prof. Marco Galea ħoloq diskussjoni dwar x'jeżisti fejn tidħol terminoloġija dwar it-teatru u skopra hemmx skop li dan il-qasam jiżviluppa b'mod formalizzat. Biex jagħmel dan, Galea esplora sitt sorsi: (i) *Gwida għad-Dilettanti Filodrammatiċi* (1987) ta' Pietru Pawl Castagna, (ii) *Għeluq il-Ħamsin Sena ...* (1937) ta' Mikelanġ Borg, (iii) *Kif Tikteb għall-Palk u għar-Radjo ta' Malta* (1957) ta' Albert M. Cassola, (iv) *Oh Żmien Ħelu ... : Il-Palk, ir-Radju u jien* (2012) ta' Josephine Mahoney, (v) *Il-Miklem Malti* (1975-2003) ta' Erin Serracino Inglott, u (vi) id-dizzjunarju Ingliż-Malti (1999) ta' Ġużè Aquilina. Kif jinnota l-espert, il-qasam teatrali Malti bikri fuq livell terminoloġiku huwa mibni fuq traduzzjoni tat-tradizzjoni teatrali tipika Taljana. Galea, b'referenza għal Borg (1937), jirreferi għall-*platea*, il-*palkuxeniku*, il-*kwinta/kwinti*, it-*telun*, il-*proxen*, ir-*ribalta*, il-*palk(i)*, il-*bottegin*, il-*kamrin(i)* u t-*teatrin għall-arja*. Illum teżisti prattika stabbilita bil-Malti, imma t-terminoloġija mhix standardizzata, jew inkella hija sempliċiment addottata mill-Ingliż, ngħidu aħna, *lights*, *cues*, *wardrobe* u *book*. Aktarx, din il-bidla lingwistika hija frott il-fatt li t-teatru jsegwi l-kurrenti tas-soċjetà u l-kambjamenti tagħha.

[19] Fil-konferenza *L-Ilsien Malti għal Qalbi* li saret fil-Palazz Verdala nhar is-26 ta' April 2023, Dr Stephanie Borg Bugeja, psikologa u lettriċi, saħqet kemm l-użu tal-lingwa nattiva fit-terapija jista' jgħin biex jippromwovi sens ta' sigurtà u fiduċja fi ħdan ir-relazzjoni terapewtika u għalhekk jista' jkun kruċjali sabiex jiffaċilita l-fejqan u t-tkabbir emozzjonali. Barra minn hekk, l-istess użu jista' jgħin biex jitnaqqas ir-riskju ta' nuqqas ta' ftehim u jiġi żgurat li t-terapisti jifhmu bis-sħiħ il-ħtiġijiet u l-esperjenzi tal-klijenti. Dan jista' jippromwovi livell aktar profond ta' empatija u fehim, li fl-aħħar mill-aħħar jista' jwassal għal riżultati terapewtiċi aktar effettivi u sodisfaċenti. Bugeja tagħraf ukoll il-bżonn ta' materjal psikoloġiku bil-Malti li jista' jgħin ħafna lill-klijenti jifhmu aħjar il-kundizzjonijiet tagħhom u joħorġu minnhom. Dan kollu jkompli jixhed ir-relevanza ta' din il-ħidma terminoloġika tal-Kunsill, anke jekk għadha biss fi ħsiebu.

[Il-Mosta] kif jafuh il-Maltin, u kif jiġri fis-sinjaletika ta' ħafna pajjiżi oħra. Dawk il-forom li fiż-żewġ lingwi huma kemxejn differenti minn xulxin, ngħidu aħna [L-Ajruport/Airport], mhumiex miktubin bl-Ingliż ladarba magħhom jiżdied simbolu internazzjonali standard [✈ L-Ajruport]. Dan il-prinċipju jitħaddem ukoll f'pajjiżi Ewropej oħra għax is-simboli huma elementi terminoloġiċi internazzjonali li jinftiehmu mill-ewwel. Imbagħad, meta l-forma bl-Ingliż hija differenti għalkollox minn dik Maltija, jidhru ż-żewġ forom u l-Malti jieħu preċedenza, ngħidu aħna, [Għawdex (Gozo), Raħal Ġdid (Paola)]. Fl-aħħar nett, it-taqsira tal-ismijiet hija evitata għax f'tabella uffiċjali jixraq li tkun rispettata dejjem il-forma sħiħa tal-isem, ngħidu aħna, [Marsaxlokk] mhux [M'Xlokk], [Birkirkara] mhux [B'Kara]. B'sodisfazzjon, dawn l-ismijiet, frott din il-ħidma tal-Kunsill, jintużaw ukoll fis-sit tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu *visitmalta.com*, u f'dak tal-Maltapost. Dan l-aħħar, anke xi mapep elettroniċi u oħrajn tal-GPS bdew jużawhom (Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, 2021).




Figura 9: Il-Kunsill ħadem fil-qasam tas-sinjaletika direzzjonali u informattiva. Ritratt meħud mis-sit uffiċjali tal-Kunsill.

Tajjeb ngħid ukoll li, meta f'Settembru tal-2015 infetaħ iċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo, il-Kunsill, b'kollaborazzjoni mal-Isptar Mater Dei u l-Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi (FMS), ra li t-tabelli fih ikunu bilingwi, b'ortografija tajba, skont l-istandards għas-sinjaletika mfassla minnu stess. Hawnhekk, il-Kunsill ħadem ma' professjonisti mediċi, bħal Dr Josef Trapani u s-Sa Sina Bugeja, biex ix-xogħol tal-istandardizzazzjoni tat-termini f'dan il-bini pubbliku jsir kif suppost.[20]

[20] Fost l-oħrajn, għat-terminu Ingliż *outpatient/s*, il-Kunsill ippropona *pazjent/pazjenti tal-jum*, formazzjoni li ġa kienet qed titħaddem fil-frażi *ċentru ta' matul il-jum*. Għad li għaliha kien hemm qbil anke minn xi professjonisti stess, sfortunatament baqa' ma nstabx rieda għaliha aktarx għax f'pajjiżna kellna, u għad hawn, mentalità kolonjali fejn il-materjal jinħaseb għall-ewwel darba bl-Ingliż, sitwazzjoni li qed toħnoq il-lingwa nattiva għax tikkawża barriera għall-forma Maltija.




Figura 10: Il-ħidma tal-Kunsill fis-sinjaletika taċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo. Ritratt meħud mis-sit uffiċjali tal-Kunsill.

F’nofs il-pandemija tal-Covid-19 sar tentattiv mill-Kumitat tat-Terminoloġija fi ħdan il-Kunsill fejn ittellgħu numru ta’ posts fuq il-midja soċjali sabiex ċerti termini mediċi li bdew diħlin minn barra, ngħidu aħna mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u mill-BBC, jieħdu l-forma Maltija. B’hekk, ħafna nies f’Malta saru konxji li dak li tista’ tgħidu bl-Ingliż aktarx tista’ twasslu bil-Malti wkoll. Ir-rispons pubbliku għal din l-inizjattiva kien tajjeb ħafna għaliex il-Kunsill kien laqa’ mill-ewwel għall-invażjoni tat-terminoloġija Ingliża li setgħet tidħol f’dik il-ħabta.[21]




Figura 11: Wieħed mill-ħafna avviżi li tella’ l-Kunsill fi żmien il-pandemija sabiex iħeġġeġ l-użu tat-terminu Malti. Stampa meħuda mill-paġna uffiċjali tal-Facebook tal-Kunsill.

Xi drabi, il-Kunsill jibda xogħol terminoloġiku imma ma jitkompliex. Hekk ġara fil-qasam tal-ħidma soċjali. F’dan il-qasam jeżisti xogħol mibdi fejn il-Kunsill wettaq għadd ta’ laqgħat biex il-ħaddiema soċjali, meta jiġu biex jiktbu r-rapporti tagħhom, ikollhom gwida terminoloġika tajba li jistgħu jimxu fuqha. Sfortunatament, dan ix-xogħol kellu jieqaf ħesrem wara li nbidlu l-kapijiet tat-taqsimiet rispettivi u magħhom inbidlu wkoll il-prijoritajiet.[22]

---

[21] Din hija strateġija importanti li wieħed irid iħaddem fejn jidħol l-immaniġġjar ta’ lsien f’kuntest bilingwi bħal tagħna. Jekk terminu Ingliż jilħaq jinfiltra sew fit-tħaddim tas-soċjetà tagħna, mingħajr ilqugħ għalih sa mill-bidu, ir-reżistenza għat-terminoloġija Maltija fil-prattika se tkun akbar. Hekk ġara għal termini bħal *barrada* (għal fridge) u *sillieġa* (għal freezer), fost ħafna oħrajn, li baqgħu ma qabdux.

[22] F’pajjiż żgħir bħal tagħna, fejn il-politika tinsab fiċ-ċentru tal-komunikazzjoni li ssir fih, it-tibdil fl-amministrazzjoni jsir kemm-il darba u jikkawża nuqqas ta’ kontinwità fil-ħafna ħidma li tkun saret qabel. Dawn il-bidliet fil-prijoritajiet joħolqu żbilanċi kbar u jikkawżaw ħafna skossi fl-iżvilupp.

### *2.2.1.3. Kif issir/saret il-ħidma terminoloġika fil-Kunsill*

Jeżistu żewġ tipi ta' terminoloġiji: dik żviluppata u mħaddma diġà, u dik li għadha trid tinħoloq. It-terminoloġija żviluppata u magħrufa diġà min-nies taqbad iktar b'mod naturali. B'kuntrast, it-terminoloġija li għadha trid tinħoloq trid tiġi kkonsultata min-nies diversi tal-qasam. Din hija ħaġa importanti ħafna li l-Kunsill jagħraf iħaddem għax, minkejja li huwa mgħammar minn ħafna nies ikkwalifikati fil-lingwa, dawn mhumiex esperti f'kull qasam tal-ħajja. Għalhekk, jekk wieħed jiżviluppa qasam, huwa kruċjali li jibda jiddiskutih man-nies esperti tal-istess qasam. Ħaġa bħal din tgħin f'żewġ aspetti: (i) tgħin mil-lat ta' kontenut għax toħloq diskussjoni dwar terminu biex dak li jkun jifhmu iżjed, u (ii) tgħin mil-lat strateġiku għax, ladarba jkun hemm in-nies tal-qasam jaħdmu fil-formazzjoni tat-terminu u qegħdin isegwu l-iżvilupp tiegħu mill-bidu sal-aħħar, aktarx tkun iżjed faċli biex l-unità lingwistika Maltija tinfiltra fil-qasam tagħhom. Ngħidu aħna, jekk il-Kunsill jixtieq li t-terminoloġija tal-ekonomija tibda tintuża min-nies li jiktbu dwar l-ekonomija, jekk jikkonsultahom, dawn ikunu miegħu diġà, jaħdmu miegħu u jikkonvinċihom. F'dan is-sens, dan kollu se jaħdem favur il-Kunsill strateġikament għax, direttament u indirettament, ikun diġà integra lill-utent innifsu fis-sistema terminoloġika li jkun irid jippromwovi. Dawn huma żewġ raġunijiet validi biżżejjed għaliex il-Kunsill għandu jkollu n-nies tal-qasam miegħu, għall-konsultazzjoni tal-kunċett u għall-istrateġija.

Il-Kunsill ħaddem diversi strutturi biex jifrex dak li jkun ġabar, strutturi li huma stabbiliti diġà, li ntużaw, li rnexxew, uħud fallew, li b'xi mod firxu dawn ir-riżorsi terminoloġiċi fl-oqsma prattiċi tagħhom. Fil-każ tal-ġeografija, il-Kunsill kellu l-barka li saru kotba sbieħ u tqassmu fl-iskejjel. Huma kotba obbligatorji li xprunaw sew it-terminu ġeografiku Malti fl-ambjent skolastiku. Fil-każ tal-ekonomija, il-Kunsill prova jagħmel xi ħaġa simili għax bena dizzjunarju speċjalizzat li tqassam lin-nies tal-qasam. Għalhekk, il-Kunsill mar għand il-Fakultà tal-Ekonomija, l-Immaniġġjar u l-Kontabbilità (FEMA), minn fejn ġej Lino Briguglio li huwa l-espert li pparteċipa fl-istess proġett, u tqassmu numru ta' kopji lill-istudenti tal-ekonomija u lil-letturi tagħhom biex ikunu konxji li teżisti din ir-riżorsa bil-Malti bit-tama li tħeġġiġhom iħaddmuha fil-prattika ta' xogħolhom. Dan id-dizzjunarju ttella' online fuq is-sit elettroniku *malti.mt*, fejn is-Sur Dwayne Ellul qed jieħu ħsieb itella' termini relatati ma' oqsma varji, żvilupp ieħor li se nittrattah aħjar fit-taqsima li jmiss. Barra minn hekk, it-terminoloġija li nġabret minn Keith Attard dwar il-qasam tal-futbol (2012, 2014), il-Kunsill ħa ħsieb ixerridha mal-ġurnalisti[23] tal-isport u l-isportivi, minbarra li mexxa dwarha għadd ta' konferenzi sabiex tinħoloq kuxjenza pubblika fuq il-kamp sportiv bil-Malti. Minn wara din l-istrateġija tal-Kunsill, it-terminologu kien innota xi titjib fuq livell ta' kitba. Fuq livell ta' taħdit, jidher li l-isfida hija ikbar,

[23] Fi żmien ir-Redifussion kien hawn stazzjon wieħed li jagħlaq lin-nies għal sett wieħed ta' kliem. Is-sitwazzjoni tax-xandir illum hija differenti. Minbarra l-pluraliżmu li jeżisti bil-ħafna stazzjonijiet varji tat-televiżjoni u r-radju, jeżistu ħafna xandara li lanqas il-kors tal-komunikazzjoni ma jkunu għamlu u għalhekk qatt ma jkunu tħarrġu b'mod formalizzat fl-espressjoni Maltija. Sitwazzjoni bħal din tkompli tnaqqas iċ-ċans ta' standardizzazzjoni u toħloq iżjed laxkezza lingwistika fil-qasam pubbliku.

aktarx għaliex il-kummentarji sportivi[24] huma iktar spontanji, mgħaġġlin, inqas ikkontrollati, u influwenzati iżjed mill-kultura Taljana u Ingliża.

### 2.2.2. *Id-Dipartiment tal-Malti fl-UM*

Minbarra l-involviment tiegħu permezz tal-Att Legali 470 li jifforma l-bażi tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u l-kumitati tekniċi fi ħdanu, id-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta ilu jaħdem, b'diversi mezzi, favur il-ġbir, il-kultivazzjoni u l-promozzjoni tat-terminoloġija Maltija.

Ta' min wieħed isemmi, ngħidu aħna, il-ħafna teżijiet – etnografiċi u soċjolingwistiċi – ta' natura terminoloġika li jipproduċi l-istess Dipartiment permezz tal-istudenti tiegħu. Ladarba fil-ġabra tal-aħħar ta' dan l-istudju se nelabora fuq kull waħda hemmhekk, mhijiex l-intenzjoni ta' dan il-kapitlu li nsemmi kull teżi ta' dan it-tip hawnhekk. Biss, togħma żgħira tagħhom tgħinni nkompli nifhem aħjar il-kontribut ta' dan id-Dipartiment f'dan il-qasam ħaj. Preca (1978), ngħidu aħna, jiġbor il-materjal ewlieni dwar xi snajja' Maltin, iżid miegħu ieħor oriġinali, u janalizza kollox sabiex joħroġ l-isfond soċjali u lingwistiku dwar ix-xogħol bikri Malti inġenerali u dwar għadd ta' snajja' oħra li wħud minnhom spiċċaw maż-żmien. Minbarra l-valur terminoloġiku tagħha, din ir-riċerka, li nbniet ma' dak li fi żmienha kien jismu d-Dipartiment tal-Malti u tal-Istudji Semitiċi, tittratta diversi aspetti kulturali u folkloristiċi oħra fid-dettall, bħall-ħaddiema, it-twemmin, id-drawwiet, ir-rakkonti tradizzjonali, l-għana Malti (anke dak ikklassifikat skont is-sengħa), il-qwiel u l-ħaġa moħġaġa, fost l-oħrajn. Iżjed riċenti, Schembri (2008) jiddokumenta għadd ġmielu ta' termini li juża l-furnar f'Ħal Qormi u, dan l-aħħar, Sciberras (2015) jiġbor glossarju dwar il-banda Maltija u jevalwah skont il-kriterji tal-età u l-ġeografija. Xogħlijiet terminoloġiċi bħal dawn, u ħafna oħrajn magħhom, jidħlu f'attivitajiet tradizzjonali u f'dixxiplini oħra fejn it-termini bil-Malti kienu użati għal sekli sħaħ bl-iskop li tiġi ppreservata t-terminoloġija (Maltija) tagħhom u tinġabar għall-ġenerazzjonijiet futuri. Ovvjament, ħidma storika bħal din qed timxi b'mod parallel mal-faċċata l-oħra tal-munita terminoloġika Maltija li tħeġġeġ il-ġbir sistematiku tat-terminoloġiji f'dominji tekniċi ġodda.

Fit-12 ta' Frar 2021, id-Dipartiment tal-Malti nieda l-portal tar-riċerka tiegħu *malti.mt*, proġett kollaborattiv li fuqu qed jaħdmu b'mod kontinwu għadd ġmielu ta' nies, bħall-membri tal-istess dipartiment, gradwati u studenti tiegħu.[25] Fih, id-Dipartiment jaħdem mill-qrib mal-Istitut

---

[24] Żgur li d-deċiżjoni tax-Xandir Nazzjonali, li qatagħha li l-logħob tat-Tazza tad-Dinja tal-2014 jintwera kollu b'kummentarju Ingliż biss (Balzan, 2013), tmur kontra l-iżvilupp li l-Kunsill qiegħed jipprova joħloq f'dan il-qasam. Ladarba deċiżjoni bħal din qed takkomoda biss lill-ftit li jmexxu flok lill-ħafna li jsegwu, hija eżempju tajjeb ħafna li juri kemm il-prijoritajiet veri tal-awtorijatjiet mhumiex il-lingwa imma oqsma oħra li jġibu l-flus, it-tkabbir ekonomiku. Ironikament, tajjeb wieħed ifakkar kemm il-lingwa llum, l-aktar fuq livell Ewropew, tħaddem nies – interpreti, tradutturi, ġurnalisti, lingwisti, għalliema – ilkoll ħaddiema tal-kelma li jfakkruna fil-bżonn dejjem jikber tal-apprezzament, it-taħriġ u l-investiment f'dan il-qasam lokalment minsi.

[25] Il-Kap tad-Dipartiment tal-Malti ta' dak iż-żmien, il-Prof. Michael Spagnol, iqabbel dan il-portal ma' "mużew virtwali tal-ilsien Malti", mużew b'ħafna swali li jdaħħluk f'dinja għaliha: l-oralità, id-djaletti, it-terminoloġija, il-pubblikazzjonijiet tad-Dipartiment, u l-bqija.

tal-Lingwistika u t-Teknoloġija tal-Lingwa fl-Università, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, l-Akkademja tal-Malti, is-Servizzi tal-Informazzjoni Teknoloġika fl-Università, u l-kumpanija NIU Limited li fasslet is-sit. Fit-taqsima tat-terminoloġija, Dwayne Ellul u t-tim tiegħu qed jieħu ħsieb il-parti tal-glossarji u jikkategorizzahom skont oqsma differenti tal-ħajja Maltija, bħall-bini, l-ekonomija, id-dgħajjes u l-bqija. Fiha, qed jaqbad il-ħafna termini miġburin fit-teżijiet terminoloġiċi li saru minn studenti differenti tal-istess dipartiment u jippreżentahom b'mod dħuli fis-sit flimkien mad-definizzjoni u l-plural tagħhom, il-qasam u s-sors tat-teżi minn fejn ittieħdu. Xi termini jinkludu wkoll stampi jew filmati dwarhom, kif ukoll ħoloq li jirrelataw it-terminu ma' termini oħra sabiex l-utent ikun jista' jimxi minn wieħed għall-ieħor. Imbagħad, fit-tieni parti tat-taqsima tat-termini, jien qed niġbor għadd ta' riżorsi stampati u awdjoviżivi, imqassmin skont temi differenti, fejn kull riżorsa tinkludi xi kliem muftieħ marbutin magħha biex min ifittex ikun jista' jsib il-materjal ta' ġo fiha aħjar. Il-ġabra li qed niddokumenta jien f'din ir-riċerka, issa mmexxija skont metodoloġiji terminografiċi iktar maturi, bdiet tinħadem għal dan il-portal u issa qiegħed nirrevediha b'infrastruttura aħjar.

### 2.2.3. *Id-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija u l-Interpretar fl-UM*

Id-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija u l-Interpretar illum għandu sehem ċentrali fl-iżvilupp tat-terminoloġija Maltija. Minbarra li jirriċerka l-kamp terminoloġiku Malti, għandu l-kompitu li jħarreġ lill-istudenti tiegħu fuq dan is-settur biex, meta jiġu bżonn, ikollhom element ta' taħriġ, anke jekk żgħir, dwar x'jagħmel terminologu tajjeb minn ieħor inqas tajjeb. F'dan is-sens, ħassejt li intervista mal-kap ta' dan id-dipartiment, il-Prof. Sergio Portelli, tista' tgħinni ħafna nwessa' r-riċerka tiegħi fuq dan il-livell.[26] B'ġentilezza kbira, il-Professur aċċetta mill-ewwel u nhar il-11 ta' Mejju 2023 għamilna intervista informali l-Università ta' Malta li minna se nislet xi punti li se niftaħhom fit-taqsimiet li jmiss.

#### *2.2.3.1. Ħarsa storika tad-Dipartiment u l-ħidma terminoloġika fih*

Qabel ma Malta daħlet fl-Unjoni Ewropea t-traduzzjoni lokali kienet limitata ħafna. Il-ftit traduzzjoni li kienet teżisti aktarx kienet letterarja u mhux teknika. Biss, mad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea fl-2004 u l-uffiċjalità eċċezzjonali tal-Malti bħala lsien Ewropew,[27] it-traduzzjoni teknika saret obbligatorja. B'hekk, is-sitwazzjoni terminoloġika Maltija kellha tiġġedded u tiżviluppa bilfors.[28] Biss, sa dan il-punt, il-Malti ma kienx jaf sewwa x'inhi t-terminoloġija. Kien għad hawn ħafna taħwid bejn

[26] Ladarba din it-taqsima hija dwar dipartiment li jirriċerka t-traduzzjoni u l-interpretar tal-lingwa, l-enfasi fiha se tkun it-terminoloġija mill-perspettiva tat-traduzzjoni. F'dan is-sens, attivitajiet oħra li jaħdmu biex jirkupraw it-termini, bħalma jsiru f'dipartimenti oħra bħal dak tal-Malti, hawnhekk mhux se jissemmew.
[27] Sal-lum, il-Malti huwa l-unika lingwa ġenealoġikament Semitika li għandha l-istatus uffiċjali ta' lingwa Ewropea.
[28] Minħabba l-kontenut ta' ħafna dokumenti, kollha b'firxa wiesgħa ta' dominji, ma żviluppatx biss it-traduzzjoni legali sforz il-leġiżlazzjoni Ewropea, imma żdiedet l-urġenza ta' traduzzjoni serja teknika f'suġġetti varji.

it-terminoloġija u l-lessikografija.[29] Ħafna tradutturi bdew jittraduċu dokumenti bżonjużi skont skadenzi diffiċli u t-termini bdew jiffurmawhom skont il-kriterju 'oħloq int u tittraduċi' għax lanqas kellhom kriterji metodoloġiċi li jiggarantulhom konsistenza. Din ir-realtà kritika kienet normali meta wieħed jikkonsidra l-fatt li kulħadd kien qed jaħdem flimkien mingħajr esperjenza minn qabel, mingħajr ebda appoġġ terminoloġiku li wieħed seta' jitkellem dwaru u jserraħ fuqu. B'kuntrast, l-unitajiet Maltin tal-istituzzjonijijet Ewropej, kellhom jibdew jaħdmu bl-istess sistemi tal-unitajiet tal-lingwi l-oħra li diġà kellhom it-terminologi u s-sistemi mħaddmin tagħhom. F'dan is-sens, il-Malti mhux biss kellu bżonn it-terminologi tiegħu imma kellu jibda joħloq mill-bidu nett strutturi ġodda ta' traduzzjoni, terminoloġija u interpretar.[30]

Għalhekk, fl-istituzzjonijiet Ewropej beda jsir xogħol li f'pajjiżna bilkemm konna nafu bih. Internament, bdew jinħarġu terminoloġiji tekniċi u mudelli għall-formazzjoni tat-termini l-ġodda waqt li lokalment konna għadna qed inħarsu madwarna.[31] Waqt li f'Malta konna għadna ma ħassejniex il-ħtieġa ta' termini ġodda, u għalhekk lanqas kellna bżonn naħsbu kif niffurmawhom, fl-unitajiet Maltin tal-Unjoni Ewropea kienu diġà qed jaħsbu u jaddottaw il-prinċipji tal-ISO 704 (2000:25-37) għall-formazzjoni tat-terminu, kriterji li se nittrattahom fid-dettall f'taqsima 3.1.1.2.

Din ir-realtà ġdida sfurzat lill-Malti għal domanda kbira terminoloġika relatata ma' oqsma tekniċi li għalihom dejjem għamel tajjeb l-Ingliż. F'din l-atmosfera, Reuben Seychell, li ħadem bħala terminologu tad-Dipartiment tal-Malti ġewwa l-Kummissjoni Ewropea, jikteb:

> Vocabulary functioned in a diglossic way, using EN in certain technical domains, without creating the corresponding vocabulary in MT. For this reason, there was (and is) a gap in MT terminology which necessitated immediate terminological action (2012:145).

B'reazzjoni għal dan, kompliet titkebbes il-ħidma favur infrastruttura ta' traduzzjoni, interpretar u terminoloġija. Sena qabel dħul Malta fl-UE, fl-2003, l-Università ta' Malta fetħet id-Dipartiment tat-Traduzzjoni u l-Interpretar (illum, id-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija u l-Interpretar) fi ħdan il-Fakultà tal-Arti, dipartiment li jħarreġ medja ta' għoxrin student fis-sena li wħud

---

[29] Waqt li l-lessikografija tibda bil-kelma u tara xi tfisser, it-terminoloġija tibda b'kunċett u minnu toħroġ kelma. It-terminologu jrid ikun jaf iħaddem l-għodod terminoloġiċi tiegħu, irid jara l-istampa kollha tal-oqsma li jkollu quddiemu, ikun konxju tax-xebh u d-differenzi li hemm bejniethom, u jipproduċi xogħol terminoloġiku kemm jista' jkun magħqud u olistiku.

[30] Il-ħidma terminoloġika fl-Unjoni Ewropea bdiet ħafna qabel Malta ssieħbet magħha fl-2004. Il-Eurodicautom, imnedija fl-1975, kienet termbase komuni li tgħaqqad din il-ħidma bejn il-pajjiżi msieħbin. Biss, it-tradutturi Maltin fl-istituzzjonijiet Ewropej kienu ftit wisq u sal-2005 ma kinux jagħmlu xogħol ta' terminoloġija, wisq aktar missew mal-istess termbase Ewropea, illum il-IATE (Camilleri, 2006).

[31] Minflok il-formalizzazzjoni tat-terminoloġija Maltija bdiet lokalment u addattat ruħha barra minn Malta, ġara bil-maqlub: ġiet iffurmat barra, fl-UE, imbagħad f'Malta ħarisna – u għadna qed inħarsu – lejha tevolvi. Għad li fl-istituzzjonijiet Ewropej qed isir xogħol tajjeb ħafna, idealment ma jsirx hekk imma, għall-inqas, dan ix-xogħol isir f'kordinazzjoni sħiħa ma' Malta, mar-realtà li qed tiġi tradotta. F'dan is-sens, l-iżvilupp terminoloġiku Malti mhux qed jibda mill-omm imma miz-ziju msiefer, fatt ironiku li tiegħu qed inbatu l-konsegwenzi bla ma nafu.

minnhom isibu impjieg fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej. Minn dan il-ftuħ ġdid bdew jinħolqu għadd sabiħ ta' glossarji, simili ta' terminoloġiji, lil hinn mill-metodoloġiji stabbiliti tal-istandards internazzjonali.[32] Għad li dawn huma xogħlijiet li saru qabel l-istess dipartiment organizza ruħu, huwa xogħol terminoloġiku siewi ħafna. Dan il-bidu umli ġiegħel lid-Dipartiment jittratta bis-serjetà r-riċerka terminoloġika sabiex it-tradutturi u l-interpreti li jifforma jkunu kapaċi japprezzaw it-terminoloġija korretta meta jaqilbu għall-Malti (Portelli, 2023). Dan għaliex, it-tentazzjoni li wieħed idaħħal kliem mill-Ingliż, bil-possibbiltà li tinħoloq struttura mħallta mhix standardizzata, tkun hemm dejjem. F'dan il-kuntest, hija interessanti l-ħidma ppubblikata ta' Carlo Farrugia b'risq id-dizzjunarju għas-servizzi finanzjarji (2006) li, kif jikteb Charles Briffa fid-daħla tiegħu, twettqet fl-isfond soċjolingwistiku tal-mument skont kundizzjonijiet u esiġenzi ekonomiċi ġodda. Anke d-dizzjunarju għal skopijiet speċifiċi (Briffa, 2007) ikompli jsostni l-istess realtà.

Fl-2010 daħal fix-xena fuq bażi full-time l-Prof. Sergio Portelli, studjuż tal-letteratura komparata Taljana b'esperjenza bħala l-ewwel traduttur fil-Parlament Ewropew li, b'deċiżjoni tal-Kap tad-Dipartiment ta' dak iż-żmien, il-Prof. Joseph Eynaud, ħa f'idejh it-taqsima studju TIS5003 li tħarreġ it-terminoloġija u t-traduzzjoni f'kors postgradwatorju f'livell ta' Maġisteru fl-Istudji tat-Traduzzjoni u l-Interpretar fl-Università ta' Malta. Waħdu kellu jitgħallem mill-bidu dwar it-terminoloġija, jixtri l-istandards internazzjonali, janalizzahom, u jfassal kors li jgħallem lill-istudenti x'inhi t-terminoloġija, l-importanza tagħha għat-tradutturi u kif issir. Għad li kien hemm ftit reżistenza, anke minn ġewwa stess, dwar hijiex l-aħjar triq ta' standardizzazzjoni li d-dipartiment kellu jterraq fiha, Portelli ħaseb li hija l-aħjar prattika, stabbilita diġà fuq livell internazzjonali, li wieħed għandu jibda biha biex imbagħad jaddattaha skont l-esiġenzi li jinqalgħu fil-futur.

Sadanittant, l-Unjoni Ewropea baqgħet toħroġ it-terminoloġiji tagħha, bdiet tippubblika r-rivista *l-aċċent*, u b'hekk it-terminoloġija bdiet tiżdied. Fl-istess ħin, it-teżijiet tal-istudenti tad-Dipartiment bdew jarawhom it-terminologi tal-Kummissjoni u jużawhom għat-terminoloġiji li kienu qed joħolqu billi, fuq kollox, jivvalidawhom, jiġifieri janalizzawhom u jsegwu għalihom il-kriterji li jaddattaw huma, ngħidu aħna dawk tal-istandards internazzjonali jew oħrajn ta' lingwi barranin.[33] Insibu għadd sabiħ ta' teżijiet[34] li dan id-Dipartiment mexxa, u għadu qed imexxi, kollha jiffukaw fuq il-kamp terminoloġiku Malti u fihom issir kemm-il darba investigazzjoni ta' termini skont lingwa sors (LS) u

[32] Xi eżempji ta' dawn il-glossarji bikrin jesploraw il-produzzjoni tal-inbid (Scerri, 2006), l-arti (Cremona, 2006), il-liġi tal-proprjetà intellettwali (Farrugia, 2006), l-enerġija tar-riħ (Sant, 2006), l-immigrazzjoni (Consiglio, 2007), it-tagħlim tal-matematika (Farrugia, 2007), il-liġi tad-drittijiet umani (Scicluna Bajada, 2007), is-sengħa tal-mastrudaxxa (Calleja, 2008), u l-enerġija solari (Micallef, 2010), fost l-oħrajn.
[33] Għall-każ tal-Malti, ladarba l-morfoloġija tiegħu tikkonsisti mill-element Rumanz, jiġu segwiti t-Taljan u l-Franċiż bħala mudelli morfoloġikament wiesgħa. Fit-terminoloġija, id-derivabbiltà hija kunċett importanti li terminologu għaqli jagħti kasha.
[34] Fost il-ħafna oqsma terminoloġiċi li d-Dipartiment irriċerka sal-lum se nsemmi biss ħamsa: il-psikopatoloġija (Attard, 2014), l-ekonomija fiskali u monetarja (Cutajar, 2015), it-trobbija tan-naħal (Buhagiar, 2017), is-sigurtà u r-riskji relatati mal-ikel (Grech, 2018) u l-ospitalità u l-ivvjaġġar (Azzopardi, 2020).

lingwa mira (LM) b'analiżi bbażata fuq l-osservazzjoni tal-prinċipji tal-Istandards Internazzjonali tat-Terminoloġija, partikolarment l-ISO 704 (2000:25-27). B'hekk, id-Dipartiment qed jifforma tradutturi li għandhom għarfien terminoloġiku biex, jekk f'xogħolhom ikollhom bżonn jibnu terminu ġdid, ikunu diġà midħla tal-kunċetti li jridu joqogħdu attenti għalihom u jkollhom il-kriterji fuq xiex jimxu.

### *2.2.3.2. Mill-glossarji għall-formalizzazzjoni terminoloġika*

Xi drabi, l-istudenti tad-Dipartiment għamlu xogħol terminoloġiku li jixbah ħafna l-mudell ta' glossarju. Biss, ladarba dan il-metodu jkopri biss it-terminu u d-definizzjoni, il-kunċett ta' glossarju mhuwiex teknikament tajjeb għall-kompitu kuntestwali li qed insemmu. It-terminoloġija hija ħafna iżjed minn hekk.

It-terminoloġija tiddependi ħafna mill-esiġenzi li wieħed ikollu bżonn. Ngħidu aħna, it-terminoloġija interattiva Ewropea (il-IATE), li hija pjattaforma akkademika użata b'mod prattiku mit-tradutturi tal-Unjoni Ewropea, fost l-oħrajn, tinkludi t-terminu multilingwi bil-lingwi korrispondenti Ewropej li wieħed jixtieq,[35] id-definizzjoni tal-kunċett li jirrappreżenta, il-kuntest li juri kif l-istess terminu għandu jitħaddem fil-prattika testwali, ir-referenzi sors tal-istess definizzjoni u l-kuntest, il-grad ta' attendibbilità (permezz tas-sistema tal-istilel) li jikxef kemm wieħed jista' juża t-terminu bil-kunfidenza kollha jew le u, xi drabi, referenza ta' min ivvalida t-terminu, ngħidu aħna l-Kummissjoni, il-Kunsill jew il-Parlament. Ukoll, wieħed jista' jinkludi l-parti tad-diskors tat-terminu u xi stampa tiegħu biex tiċċarah. Ħafna mit-teżijiet li d-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija u l-Interpretar jipproduċi jippruvaw jersqu lejn din il-metodoloġija.

| **Pelvis** n.s. (pl. – pelvises / pelves) | **Pelvi** n.m[110].s. (pl. – pelvijiet / pelvi[111]) |
|---|---|
| The pelvis is the bony structure located at the base of the spine. (W.[109]) | Il-pelvi huwa l-istruttura mgħaddma li tinsab isfelnett fix-xewka tad-dahar. |

Il-pelvi huwa ffurmat minn grupp ta' għadam kemmxejn wesgħin u ġejjin għat-tond. Dan huwa ffurmat prinċipalment minn tliet għadmiet li huma l-ilju, l-iskju u l-pubis.




*Figure 8: Poultry pelvis[112].* *Disinn Nru. 8: Il-pelvi tat-tjur.*

| **Term no.18** | |
|---|---|
| **Term EN** | Controlgear |
| **Term MT** | Tagħmir ta' kontroll |
| **Def. EN** | A general term covering switching devices and their combination with associated control, measuring, protective and regulating equipment, also assemblies of such devices and equipment with associated interconnections, accessories, enclosures and supporting structures, intended in principle for the control of electric energy consuming equipment. |
| **Def. MT** | Terminu ġenerali li jkopri apparat ta' swiċċjar, u l-kombinazzjoni tiegħu ma' tagħmir assoċjat ta' kontroll, miżuri, protezzjoni, u regolazzjoni. Ikopri wkoll l-immuntar għal apparat u tagħmir ta' din ix-xorta, li jikkonsisti minn elementi assoċjati ta' interkonnessjonijiet, aċċessorji, kjużuri, u strutturi ta' sapport, bl-intenzjoni prinċipali tkun dik għall-kontroll ta' tagħmir li jikkonsma enerġija elettrika. |
| **Source** | http://www.electropedia.org/iev/iev.nsf/display?openform&ievref=441-11-03 – LAD: 17/04/2015. |

[35] Għalhekk mela dizzjunarju tajjeb bħal ta' Aquilina (1999) jaf ma jaqdix biżżejjed lit-traduttur. Dan għaliex, xogħol mibni fuq bażi lessikografika hu maħdum minn sett ta' kriterji mhux terminoloġiċi li jitbiegħdu mill-bżonnijiet veri tat-terminologu. F'dizzjunarju bħal dan aktarx ma ssibx il-korrispondenti tat-terminu fil-lingwa mira imma tiegħu ssib biss tifsira, kuntest u xi elementi grammatikali oħra.

Figuri 12 u 13: Żewġ eżempji ta' terminoloġija formali, meħudin mit-teżi ta' Juan Debono, *Glossarju ta' Termini Agrikoli Wżati fl-Anatomija u fil-Produzzjoni tat-Tjur* (2008:79), u dik ta' Maria Kristina Sammut, *A Translation and Analysis of the IEE Wiring Regulations* (2015:170), iggwidati mid-Dipartiment tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija u l-Interpretar.

Fil-każ ta' terminoloġiji interni, ngħidu aħna fit-tħaddim ta' kumpaniji fejn ikun hemm xi terminologi impjegati, tajjeb li tkun teżisti referenza tat-terminologu li ħoloq u vvalida t-terminu, ngħidu aħna, bl-inizjali tiegħu. B'hekk, id-dubji dwar l-istess terminu jkunu jistgħu jiġu indirizzati lid-destinatarju t-tajjeb mill-ewwel. Barra minn hekk, ħafna termbases bħall-IATE, jinkludu kaxxa ta' rispons għal iżjed suġġerimenti. B'hekk, it-terminoloġija tkun qed tinfetaħ għal iżjed kwalità billi l-utenti nfushom (aktarx esperti tal-qasam li jkun) ikollhom iċ-ċans jirreaġixxu għat-termini li jużaw bil-possibbiltà li jidentifikaw xi żbalji jew varjanti oħra. Din l-informazzjoni ġdida mbagħad tgħin lit-terminologu jirrevedi dak li jkun għamel, jikkonfermah jew idaħħal tagħrif ġdid. Ovvjament, meta x-xogħol ikun intern, is-suġġerimenti wkoll aktarx jibqgħu interni.

## 2.2.4. *Id-Dipartiment tal-Malti fil-Kummissjoni Ewropea ġewwa l-Lussemburgu*

Ta' min wieħed isemmi l-ħidma favur it-terminoloġija Maltija, probabbilment waħda mill-iżjed sistematika u xjentifika, tat-terminologi fid-Dipartiment tal-Malti ġewwa l-Kummissjoni Ewropea. Dan ix-xogħol terminoloġiku huwa marbut id f'id max-xogħol tat-traduzzjoni fil-kuntest tad-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni (DĠT). Għalhekk, nhar it-22 ta' Mejju 2023 għamilt intervista online maż-żewġ terminologi full-time, is-Sur Andrew Sammut u s-Sa Jennifer Debarro, li qasmu miegħi l-esperjenza tagħhom f'din il-ħidma. Kienet intervista konġunta bl-iskop li jintlaqtu fiha l-iżjed punti importanti mingħajr ma jsiru r-repetizzjonijiet li l-intervisti individwali jistgħu jikkawżaw.

### *2.2.4.1. Ħarsa storika tal-ħidma terminoloġika fil-Kummissjoni Ewropea*

M'hemm l-ebda progress mingħajr ritorn lejn l-għeruq. Is-siġra tat-terminoloġija Maltija jeħtieġ li tiġġedded billi tagħraf kif u f'liema kuntest tħawlet, kif tinsab illum u fejn trid tmur għada. L-għan ta' din it-taqsima huwa li tagħti stampa umli ta' xi aspetti storiċi tal-aqwa infrastruttura terminoloġika bil-Malti li teżisti sa issa (barra minn xtutna) bit-tama li, bl-esperjenza tagħha, jitfassal u jitħeġġeġ ġejjieni aħjar fuq livell lokali.

#### *2.2.4.1.1. Qabel id-Dipartiment*

Meta beda jsir ix-xogħol tat-traduzzjoni fuq livell Ewropew b'xi mod kellu jsir ukoll ix-xogħol tat-terminoloġija. Fil-bidu, ix-xogħol ma kienx organizzat bil-mod kif inhu llum. Kull traduttur kellu l-metodi tiegħu, kull istituzzjoni kienet taħdem bil-modi tagħha u r-riżorsi kienu mifruxin bir-riskju li jsir xogħol doppju, b'ħafna inkonsistenzi u ħela ta' ħin. Kien hemm tradutturi li r-riċerka terminoloġika

tagħhom kienu jagħmluha fid-dizzjunarji tekniċi, oħrajn li jippreferu jfittxu fil-kotba, oħrajn li jqallbu fir-rivisti, u l-bqija. Din kienet problema kbira ta' nuqqas ta' standardizzazzjoni għax waqt li f'dizzjunarju tekniku jintuża terminu, fil-kotba, ngħidu aħna, jista' jintuża terminu differenti għall-istess kunċett.

Minn hemm, kull istituzzjoni Ewropea ta' traduzzjoni – il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni – beda jkollha bħal ripożitorju ċentrali għat-terminoloġija bit-tama li jgħaqqad dawn il-ħidmiet u tiżdied il-konformità.[36] Fis-sittinijiet u s-sebgħinijiet, l-istess istituzzjonijiet, issa fuq livell ta' dipartimenti lingwistiċi, kien ikollhom bħal kartun bl-isem tal-kunċett (it-terminu) mil-lingwa sors u d-diversi sinonimi li jistgħu jintużaw biex jiddeskrivuh. Eventwalment, is-sistema evolviet għall-microfiches, fejn l-istess kartun kien jiġi stampat fuq tertuqa trasparenti li tagħha ssir projezzjoni fuq screen b'dawl apposta. Biss, fiż-żewġ sistemi t-traduttur kellu jmur fiżikament fil-libreriji u joqgħod tfittex, eżerċizzju 'l bogħod ħafna mill-kumdità elettronika li teżisti llum.

Fis-snin sebgħin, din il-ħidma terminoloġika mxiet għall-Eurodicautom, li kien repożitorju ċentrali fejn l-istituzzjonijiet kollha kellhom is-sistema tagħhom maħżuna ġo mainframe ċentrali. Għad li sa mill-bidu nett dehret bħala pjattaforma promittenti li fuqha tinħażen it-terminoloġija ċentrali tal-Kummissjoni, li issa kienet bdiet tikber b'mod straordinarju u magħha żdied drastikament il-bżonn tal-effiċjenza, il-Eurodicautom kellha n-nuqqasijiet tagħha wkoll. Bennett (1993:61) jikkritika b'mod speċjali lill-interface li kienet turi lill-utent, il-funzjoni li biha tfittex, il-veloċità u l-flessibbiltà biex din taġġorna, l-ipproċessar intern tagħha, u saħansitra l-kwalità tal-kontenut li kienet tinkludi.

Għalhekk, fl-2002, il-Kummissjoni, bl-approvazzjoni tas-servizzi lingwistiċi tal-istituzzjonijiet l-oħra, ħasset il-bżonn li tressaq din l-infrastruttura terminoloġika għal verżjoni aħjar. B'hekk inħolqot il-IATE (Interactive Terminology for Europe), database interattiva li mhux biss ittella' r-riżultati maħżunin fiha imma tagħti ċ-ċans lill-utent jaġġornaha u jikkontribwixxi fil-kontenut tagħha. Hija ġabret flimkien ir-riżorsi terminoloġiċi kollha li kienu jeżistu dak iż-żmien, pass importanti ħafna għall-istandardizzazzjoni tat-terminoloġija bejn l-istituzzjonijiet kollha Ewropej. Biss, ladarba l-kollezzjonijiet kollha tal-Kunsill, tal-Parlament u tal-Kummissjoni ddaħħlu kollha f'din il-pjattaforma aġġornata, inħolqu problemi kbar ta' duplikazzjonijiet u inkonsistenzi fl-entrati. Din il-problema għadha viżibbli sal-lum, speċjalment f'ċerti entrati ta' dawk il-lingwi li l-kontenut tagħhom kien ġa jeżisti qabel ma nħolqot il-IATE. Dan in-nuqqas ifixkel ħafna għax joħloq frustrazzjoni kbira fl-utent u fl-isforzi tiegħu biex ifittex terminu wieħed li jaqdih.

[36] Kien isir xi xogħol terminoloġiku ieħor żgħir mill-Qorti Ewropea u miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (CdT) imma mhux fuq l-istess skala ta' dak maħdum mit-tliet istituzzjonijiet il-kbar.

### *2.2.4.1.2. Mit-twelid tad-Dipartiment 'l hawn*

Il-lingwi l-ġodda li daħlu bħala lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fl-2004[37] kellhom problema opposta. Dawn kellhom tellieqa mal-ħin, riedu jippopolaw il-IATE kemm jista' jkun malajr biex it-tradutturi l-ġodda li ġejjin minn pajjiżi żgħar bi storja ta' traduzzjoni mhix daqstant żviluppata, bħal Malta, ikunu jistgħu jlaħħqu mad-domanda qawwija ta' terminoloġija li kellhom quddiemhom. Fil-fatt, l-ewwel tradutturi Maltin li telgħu f'dawn l-istituzzjonijiet Ewropej, fl-ewwel tmien snin tagħhom, sal-2012, sabu ħafna sfidi. Mhux ta' b'xejn li Camilleri (2006) jiddeskrivi s-sitwazzjoni tal-ammont ta' impjegati Maltin f'dan il-perjodu bħala "l-agħar [waħda] fost il-lingwi uffiċjali l-ġodda tal-UE." Tajjeb inżid li dan kien iż-żmien meta, għall-2008, il-IATE public ġie disponibbli għall-pubbliku u allura wkoll għat-tradutturi li jaħdmu għall-Kummissjoni fuq bażi freelance.

Fl-2012, id-DĠT ddeċieda li l-ħidma kollha tat-terminoloġija fid-Dipartimenti kellha tidħol fil-IATE bħala database tajba bil-karatteristiċi kollha tagħha. Dan kollu seħħ f'sitwazzjoni meta l-lingwi antiki kienu qed inaddfu d-duplikazzjonijiet tagħhom, li hija biċċa uġigħ ta' ras kbira mil-lat ta' kordinazzjoni. Jekk wieħed iħares lejn il-kordinazjoni tax-xogħol bejn, ngħidu aħna, ħames lingwi antiki li għandhom tliet dupplikati kull waħda, u dipartimenti lingwistiċi li għadhom f'żgħożithom bi ftit materjal, jinnota żbilanċ qawwi fil-bżonnijiet. Deċiżjoni strateġika bħal din kienet turi li d-Direttorat beda jħares lejn it-terminoloġija bħala parti integrali mill-ħidma tiegħu biċ-ċans li jkun hemm allokazzjoni korrispondenti ta' riżorsi umani f'kull dipartiment. Fil-prattika, dan kien ifisser l-inkarigu ta' żewġ terminologi full-time minn kull dipartiment li jiġu mħallsa biss biex jagħmlu xogħol ta' terminoloġija u xogħlijiet oħra anċillari marbuta ma' dan il-qasam interdixxiplinarju.

F'dan il-perjodu, it-TCU (Terminology Coordination Unit), li hija l-unità ċentrali fid-DĠT tal-Kummissjoni li tqassam ix-xogħol kollu terminoloġiku mad-dipartimenti kollha tal-lingwa, qamet sewwa fuq saqajha. Fil-fatt, ġiet allokata r-riżorsa meħtieġa sabiex jiġi kkordinat ix-xogħol terminoloġiku. Dan kien isir billi jiġu identifikati l-prijoritajiet għat-traduzzjoni fix-xhur li jkunu ġejjin, liema dokumenti huma l-iktar importanti u li fihom hemm lok għal ħidma multilingwi. Imbagħad issir estrazzjoni tat-terminoloġija l-iktar importanti li għadha mhix dokumentata jew li tista' tkun problematika b'analiżi tad-dokument fil-lingwa sors, u jiġu varati proġetti terminoloġiċi. Tali proġett jista' jkun ta' żewġ tipi: (i) Proġett ta' pretraduzzjoni ta' natura proattiva, fejn jasal id-dokument bil-lingwa sors, issir estrazzjoni tat-termini li jkollu fih, u tintbagħat il-lista tat-termini lid-dipartimenti lingwistiċi kollha bħala għajnuna għat-tradutturi qabel u fil-waqt li jkunu qed jittraduċu. Dan huwa l-mod ideali għax waqt li jiżgura lit-terminologu mit-termini li jokkorru fid-dokument, jitfgħuh mill-ewwel f'komunikazzjoni diretta mat-traduttur.[38] (ii) Proġett ta' natura ex post huwa bbażat fuq

[37] Iċ-Ċek, l-Estonjan, l-Ungeriż, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, is-Slovakk u s-Sloven.

[38] Kollaborazzjoni bħal din tista' ssir b'żewġ modi. It-terminologi jistgħu jesportaw kopja (snapshot) tal-IATE darba fix-xahar u jimpurtawha fil-proġetti tat-traduzzjoni li jkunu qed jinħadmu minnhom. Inkella, permezz

riżultati attwali li jwittu t-triq għall-bżonnijiet futuri. Fi proġetti bħal dawn isir ħafna xogħol ta' tindif terminoloġiku fejn il-kordinaturi tat-TCU jidentifikaw ċerti oqsma diżorganizzati, inaqquhom u jordnawhom. Din l-organizzazzjoni hija kruċjali, speċjalment fit-tlaqqigħ tar-riżorsi kollha tat-tliet istituzzjonijiet il-kbar fi pjattaforma waħda, kordinazzjoni li trid issir b'ħafna kawtela u sensittività lejn il-ħidma terminoloġika ta' kull lingwa u kull dipartiment.

F'kuntest Ewropew bħal dan, ma nistax ma nsemmix l-attività ftit qabel, fl-2009, tal-ewwel ħarġa tar-rivista *l-aċċent* mill-istess Dipartiment tal-Malti fil-Kummissjoni, ħidma li tkompli tikkonsolida x-xogħol terminoloġiku ta' dawn it-terminologi għax, kif jikteb fiha Mark Vella:

> [...] minn żmien għall-ieħor sejrin nibdew nikkontribwixxu kitbiet żgħar dwar it-terminoloġija: il-problemi li niltaqgħu magħhom ta' kuljum, deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu fil-qasam, aġġornamenti varji, u diskussjonijiet qosra dwar kurżitajiet marbuta mal-għażla tal-kliem (2009:4).

Dik il-ħabta, id-Dipartiment tal-Malti kien għadu qed isib saqajh bl-għajnuna tat-tmexxija tas-Sur Valeri Cobo li kien ukoll il-Kap tad-Dipartiment tal-Ispanjol sakemm jintgħażel kap Malti floku. Fil-ħarġa tal-għaxar sena anniversarju mit-twelid tar-rivista, Louise Vella, traduttriċi mal-Kummissjoni Ewropea, tirrakkonta kif dan il-kap Spanjol daħal fl-uffiċċju tagħha jkellimha dwar ir-rivista li kien jippubblika d-Dipartiment tal-Ispanjol *puntoycoma,*[39] biex, ma' grupp ta' nies oħra, iħajjarha toħloq waħda bħalha bil-Malti. Minn hemm beda kollox. Is-Sur Valeri laqqa' tliet tradutturi, lil Antoine Cassar,[40] lil Sandro Mangion u lil Vella nfisha, biex flimkien jiżviluppaw l-ewwel ħarġa ta' *l-aċċent*. Maż-żmien, ir-rivista kibret u magħha kiber it-tim ta' tradutturi u assistenti li jaħdmu fuqha, mill-editjar sal-impaġnar. Għad li teżisti online, għal kull edizzjoni titqassam madwar elf kopja stampata flimkien ma' Suppliment Terminoloġiku.[41] Ir-rivista jirċevuha studenti, għalliema, uffiċjali tal-Gvern, membri tal-akkademja u għadd ta' libreriji. Fejn tidħol terminoloġija, it-tradutturi tal-Kummissjoni, dawk tal-Parlament u dawk tal-Kunsill, fost l-oħrajn, saru jaħdmu mill-qrib u ġew żviluppati kanali ta' komunikazzjoni għad-diskussjoni terminoloġika. Aktar milli sservi ta' pont ta' kuntatt bejn it-tradutturi tal-istituzzjonijiet differenti, *l-aċċent* illum hija bħal vetrina tax-xogħol li jsir fl-istituzzjonijiet Ewropej.

---

tal-iżvilupp riċenti tal-IATE plug-in, isir l-istess proċess kull ftit minuti (flok darba fix-xahar) biex ir-riċerka tat-terminologi tkun viżibbli f'ħin reali. Is-sistema pronta tal-aħħar, ovvjament, iżżid ir-relevanza tal-ħidma terminoloġika (IATE Handbook, 2023:141).

[39] Pubblikazzjoni (1991-), li l-isem litterali Malti għaliha huwa *punt u virgola,* hija r-riżultat tal-isforzi kollha tal-komunità tat-tradutturi Spanjoli mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Tinkludi wkoll il-kontribut ta' xi professjonisti oħra li għandhom għal qalbhom il-lingwa Spanjola u t-traduzzjoni għall-Ispanjol. Hija rivista li tittratta kwistjonijiet lingwistiċi u terminoloġiċi li titqassam fost it-tradutturi Spanjoli tal-Lussemburgu u ta' Brussell. Il-ħarġiet kollha tagħha llum huma fil-miftuħ għax jinsabu aċċessibbli għall-pubbliku kollu ġenerali, ilkoll miġburin f'din il-ħolqa: https://ec.europa.eu/translation/spanish/magazine/es_magazine_es.htm

[40] Ma nistax ma nsemmix il-proġett *Lejn Mappa tad-Dinja bil-Malti* (Cassar 2014 [2], 2015, 2017, 2018, 2019 [2]) li daħal għalih fl-istess rivista Maltija, fejn minn żmien għal żmien qed jaqbad it-toponomija tal-globu u jittraduċiha bil-Malti, biċċa xogħol utli ħafna li tkompli tipparteċipa fl-iżvilupp tat-terminoloġija bil-Malti.

[41] Żvantaġġ kbir tal-estratti stampati tal-IATE huwa li jipproġettawlek xogħol fiss – aspett li jitbiegħed ħafna mill-karattru dinamiku, dejjem ħaj, tat-terminoloġija u l-bżonn rikorrenti ta' aġġornament u standardizzazzjoni, kif toffri l-IATE.

Hija sforz biex xogħol it-traduttur joħroġ ’il barra mill-erba’ ħitan tal-uffiċini tiegħu u jingħata l-arja ta’ barra (2019:3).


.puntoycoma,

Boletín de los traductores españoles de las instituciones de la Unión Europea

nº 111 enero/febrero de 2009

Sumario

**Cabos sueltos**
- Energy poverty 1
  Luis González
- Biosafety y biosecurity 2
  Alberto Rivas

**Neológica Mente**
- NeoLógica *hasta hoy* 5
  María Valdivieso

**Colaboraciones**
- *Falsos amigos português - espanhol / español - portugués* 6
  Monique Da Silva

**Tribuna**
- *El servicio de lenguas en Amnistía Internacional: reconstrucción de la Babel de una ONG* 11
  Laura Turrau

**Reseñas**
- *Nuestros colegas, los correctores* 15
  Miquel Vidal

**Comunicaciones** 17

CABOS SUELTOS

Energy poverty

Luis González
Comisión Europea
Luis.Gonzalez@ec.europa.eu

En textos de la UE sobre energía se observa una alternancia de los términos «indigencia energética» y «pobreza energética» como traducción de *energy poverty*, pero fuera del ámbito comunitario la solución preferida por los expertos es, sin lugar a dudas, **pobreza energética**.

Figura 14: Il-faċċata tar-rivista Spanjola *puntoycoma*, ħarġa 111 (2009), li ilha toħroġ mill-1991, u li ispirat it-twelid tar-rivista bil-Malti *l-aċċent*.


l-aċċent

Ħarġa nru 1
Diċembru 2009

Id-Dipartiment tal-Ilsien Malti tal-Kummissjoni Ewropea

WERREJ

Nilqgħukom 1
Bir-reqqa: Il-lingwa miktuba 2
• Ħsibijiet dwar ir-Reviżjoni 2
• Bil-Kelma t-Tajba 3
Kelma b'kelma: It-terminoloġija 4
• Ħidmet it-terminologi fid-dipartiment 4
• Tgħid il-preskrizzjoni ġiet preskritta? 4
Mill-għatba 'l barra: Aspetti oħra 6
• Il-Konferenza ta' Bremen 6
Tisliba kriptika 8

**Nilqgħukom**
Antoine Cassar

Figura 15: L-ewwel ħarġa tar-rivista *l-aċċent*, li minn Diċembru tal-2009 bdiet tiġbor il-ħidma Maltija li ssir fit-tliet istituzzjonijiet ewlenin Ewropej.

Il-ħidma ta’ dawn it-terminologi Maltin, ibbażata fuq metodoloġiji internazzjonali, għadha għaddejja u minnha qed jinħolqu listi ta’ termini bil-Malti li qed jiżdiedu fid-database tal-Unjoni Ewropea għat-terminoloġija, il-IATE. Mill-2012 sal-lum, it-terminologi tad-Dipartiment jieħdu ħsieb il-proġetti varati mit-TCU, b’kollox 950 kunċett mandatorju kull sena fuq l-oqsma kollha tal-Unjoni Ewropea. Dawn iridu jinħadmu mil-lingwi kollha. Għalhekk, fejn jidħlu riżorsi umani, jiġi allokat ammont ta’ sigħat fis-sena biex isir dan ix-xogħol kordinat ċentralment u jintuża ammont ieħor ta’ sigħat sabiex jiġu indirizzati l-bżonnijiet interni tad-Dipartiment lil hinn minn dak li jkun qed isir fuq livell

multilingwi. Fuq livell dipartimentali, il-helpdesk tiġġenera ħafna xogħol ieħor peress li t-tradutturi jkollhom bżonn l-assistenza tat-terminologi, assistenza importanti li qabel ma kinitx teżisti. Għajnuna bħal din tgħin lit-tradutturi u wisq aktar lit-terminologi għax, wara li jirriċerkawh u jiffurmawh, tagħtihom iċ-ċans jiddokumentaw fil-IATE terminu ġdid sa mill-ewwel okkorrenza u b'hekk titbiegħed il-possibbiltà li jinħolqu għalih verżjonijiet ġodda li jfixklu. Li traduttur jagħmel xogħol ta' terminoloġija b'mod indipendenti mit-terminologi mhijiex sitwazzjoni sana, hija skuraġġanti. Illum, il-firxa tar-riżorsi hija possibbiltà assolutament inaffordabbli.

Il-proġetti li jsiru fl-istitituzzjonijiet Ewropej huma varji, ftit minnhom ikunu kbar ħafna, uħud iżgħar. Tal-ewwel ikunu eżawrjenti fis-sens li ilhom jiġu trattati fuq numru ta' snin minħabba dokumenti li jirrikorru minn waqt għall-ieħor. Ngħidu aħna, il-qasam tal-inġinerija tal-karozzi, settur li jieħu ħsiebu t-terminologu Andrew Sammut, jesplora kull tip ta' aspett relatat mal-karozzi, bħat-tyres, il-ħġieġ, il-magni, u l-bqija. Il-qasam tal-kontabilità wkoll huwa impenjattiv ferm, waqt li dak tal-pestiċidi jiġi trattat kull ftit snin u fih isir xogħol kordinat fuq skala kbira bejn id-Dipartimenti kollha. Elenku tal-oqsma kollha trattati b'mod organizzat jinsab fil-IATE, bħala lista ta' kollezzjonijiet, aċċessibbli għal kulħadd b'kont reġistrat. Il-ġbir sistematiku tagħhom jeħtieġ proġett impenjattiv għalih li jista' jimxi b'mod parallel mal-metodoloġija li qed nissuġġerixxi f'din ir-riċerka.

### *2.2.4.2. Kif jinħoloq terminu fid-Dipartiment tal-Kummissjoni u kif jiġi ppreżentat?*

Fejn tidħol il-formazzjoni tat-termini, il-ħidma tad-Dipartiment tal-Malti fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea normalment tibbaża ruħha fuq il-prinċipji tal-istandards internazzjonali tat-terminoloġija, b'mod speċjali dawk tal-ISO 704 (2000:25-37) li nelaborahom f'taqsima 3.1.1.2. Dan ix-xogħol ma jsirx f'vakwu għaliex, waqt li hemm bżonnijiet verament speċifiċi li joħorġu mit-testi tal-Unjoni Ewropea, it-terminologi jridu jaraw li ma jevolvux lingwa li ma tinftiehem minn ħadd. Fil-fatt, jiġu kkonsultati diversi riżorsi terminoloġiċi li diġà jeżistu bil-Malti u li jistgħu jgħinuhom fil-ħidma tagħhom, bħal siti elettroniċi ta' natura teknika, siti tal-aħbarijiet, dizzjunarji tekniċi, glossarji, il-Korpus Malti v3.0 (2016) tal-MLRS u l-bqija.[42] Il-mappa tiegħi f'din it-teżi naħseb li tista' tgħin ħafna f'din il-fażi importanti ta' riċerka. Jekk ma jinstab xejn utli f'riżorsi bħal dawn, wara li jitqallbu wkoll ix-xogħlijiet maħdumin minnhom fil-passat, inkluż dawk li ma jkunux ġew ippubblikati fir-rivista uffiċjali tagħhom, it-terminologi jkollhom jibdew il-proċess għall-ħolqien tat-terminu skont il-prinċipji internazzjonali ġa msemmija qabel. Ħaġa bħal din tiġri ta' spiss, speċjalment f'dawk id-dominji tekniċi li ftit sar xogħol terminoloġiku fuqhom.

[42] Minbarra l-IATE u l-liġijiet ta' Malta, Agius (2010:183-196) isemmi wkoll il-EUR-Lex bħala riżorsa ċentrali terminoloġika għat-tradutturi fl-istituzzjonijiet Ewropej għax tipprovdi aċċess dirett u mingħajr ħlas għall-akbar database eżistenzi ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jinkludi direttivi, regolamenti, deċiżjonijiet, trattati u proposti leġiżlattivi fil-lingwi uffiċjali kollha li fihom jiġu tradotti dawn l-atti.

Ladarba tidħol rikjesta għal terminu, l-ewwel ħaġa li t-terminologu jrid jesplora hija l-kunċett. Dan il-pass ma jistax jinqabeż għax inkella kollox jibda fuq bażi zoppa. Wieħed irid jibda billi jfittex definizzjoni vera proprja, ir-riċerka.[43] It-terminoloġija tibda mill-kunċett mhux bħal f'dizzjunarju. Mhijiex l-istudju tat-termini. Hija l-istudju tal-kunċetti, tat-termini li jiddeskrivuhom, u tad-dokumentazzjoni ta' kif se jiġi ppreżentat kollox. Is-sekwenza loġika għall-formazzjoni tat-terminu, wara r-riċerka kunċettwali, tkompli bil-parafrażi, fejn it-terminologu jikkonċentra fi ftit kliem id-definizzjoni li jkun ħoloq. Huwa jibqa' jipprova jiddistilla l-istess definizzjoni kemm jista' sakemm jasal għal tliet jew erba' kelmiet biss, jew inqas. Hawnhekk tidħol il-konsultazzjoni ma' lingwi oħra barranin viċin il-Malti – il-lingwi Rumanzi – bħat-Taljan, l-Ispanjol u l-Franċiż. Il-Ġermaniż ukoll jista' jkun partikolament utli billi l-morfoloġija tiegħu spiss tista' sservi ta' ispirazzjoni għall-immudellar tat-terminu bil-Malti. Dan l-allinjament multilingwi jgħin ħafna, speċjalment minħabba li l-lingwi l-kbar aktarx huma iktar esperjenzati f'ċerti oqsma u allura l-mudelli terminoloġiċi tagħhom huma iżjed maturi. F'dil-fażi jidħol ukoll l-għarfien lingwistiku tat-terminologu biex jara hemmx xi kelma li jista' juża sabiex jislet is-sinifikat ta' xi termini, u jibqa' jdejjaq, bħal f'lembut. Donnu hemm il-kunċett definit f'definizzjoni, u minn dik id-definizzjoni, hemm il-qatra, l-essenza tat-tifsira, li huwa t-terminu bil-Malti. Mhux ta' b'xejn li Seychell (2015:19-21) jiddeskrivi dan il-proċess terminoloġiku fid-Dipartiment tal-Malti fi ħdan il-Kummissjoni bħala "ċirku ermenewtiku" maqsum fi tliet stadji: il-fehim, id-dikostruzzjoni u r-rikostruzzjoni. Fih, il-korrispondenza mal-esperti, jew kollegi esperti – bħall-inġiniera, l-ispiżjara, dawk li studjaw l-istatistika, l-avukati, u l-bqija – tgħin ħafna sabiex tinbena direzzjoni terminoloġika. Anke jekk ma joħorġux bit-terminu huma, għax ma jkunux midħla tal-prinċipji terminoloġiċi li jridu jsegwu, dawn l-esperti jgħinu lit-terminologu jfittex fir-riżorsi t-tajbin sabiex il-ħidma terminoloġika tterraq fit-triq it-tajba. Dwar dan il-proċess se nelabora iktar f'Kapitlu 3.




Figura 16: Il-proċess għall-formazzjoni tat-terminu jixbah lil dak ta' lembut. Jibda minn definizzjoni riċerkata tal-kunċett, ikompli bi proċess ta' astrazzjoni permezz tal-parafrażi li tiġbor l-essenza tad-definizzjoni l-wiesgħa fi ftit kelmiet, jagħlaq bit-terminu aħħari, ir-riżultat ta' kollox.

---

[43] Pass bħal dan mhux dejjem ikun faċli, speċjalment f'kuntest internazzjonali, fejn diversi kunċetti ma jkunux jeżistu fil-kuntest Malti. Ngħidu aħna, *it-tuffieħa annona skwamuża* (bl-Ingliż, *sugar apple*) hija frotta tropikali li teżisti biss fl-Amerka Ċentrali, ma teżistix fil-kuntest lokali, u għalhekk, ir-riċerka bir-reqqa dwarha hija fundamentali.

Id-Dipartiment tal-Malti fil-Kummissjoni Ewropea jagħmel minn kollox biex fil-IATE jdaħħal biss termini ta' kwalità. Dan jagħmlu b'riċerka estensiva li turi kemm it-termini mhumiex sempliċiment ekwivalenti bil-Malti li jissodisfaw il-ħtiġijiet momentarji tad-dokument, imma huma studjati u jisperaw li jaqdu l-bżonnijiet futuri ta' ċirkostanzi oħra. Hija riċerka li tinbena qabelxejn bil-kitba tad-definizzjoni bil-Malti tal-kunċett, frott il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea[44] jew frott it-traduzzjoni tad-definizzjoni Ingliża. It-terminu ekwivalenti bil-Malti jkollu wkoll referenza li tindika minn liema sors ittieħed[45] u xi kuntest pragmatiku li jgħin lill-utent jifhem kif għandu jħaddmu f'sentenza. Fi proċess bħal dan jiġu evitati l-ħafna sinonimi għall-istess kunċett, sfida li dwarha u dwar is-soluzzjonijiet ta' standardizzazzjoni għaliha, inklużi l-immarkar tal-evalwazzjoni u tal-affidabbiltà, nelabora f'taqsima 2.3.6.

### 2.2.5. *Dipartimenti oħra fl-UM*

Kultant, xi dipartimenti u istituti oħra fl-Università ta' Malta jwettqu xogħlijiet inklinati f'din id-direzzjoni terminoloġika. Ngħidu aħna, Gambina (1973) u Bianchi (1975) mid-Dipartiment tal-Arkitettura u d-Disinn Urban, jesploraw termini bil-Malti relatati mal-oqsma tal-bini u l-arkitettura Maltija. Mill-Fakultà tal-Edukazzjoni, Fenech (1981) jittratta l-qasam tal-barrieri, Busuttil (1989) tirriċerka l-ismijiet popolari tal-friefet u d-distribuzzjoni ġeografika u soċjali tagħhom, Zammit (1993) tistudja l-qasam tal-ikel u t-tisjir, Ellul (1993) tfannad fl-ismijiet tal-pjanti li jittieklu f'Malta, Rapa (1995) tistħarreġ il-varjazzjonijiet lessikali Għawdxin li jeżistu fil-qasam tal-ħelu, u Barbara u Scicluna (2002) jibnu riċerka soċjolingwistika dwar il-lingwaġġ taż-żgħażagħ bħala wieħed mil-lingwaġġi settorjali ta' Malta. Mill-Istitut tal-Lingwistika, Zammit (2008) tesplora d-differenzi djalettali fil-qasam tal-armar tal-festi u, mil-Istitut tal-Istudji Maltin, Portelli (2011, 2020) jirreferi għal għadd ġmielu ta' termini dwar l-insetti, il-pjanti u l-invertebrati ta' Malta.

Dan biex ma nsemmix il-ħidma ta' grupp ta' studenti ġewwa d-Dipartiment tal-Farmaċewtika, immexxi mis-superviżjoni tal-akkademiċi, meta fl-2014 ppubblika dizzjunarju Ingliż-Malti b'termini mediċi u farmaċewtiċi (Camilleri, 2014). Din il-ġabra unika għall-qasam tagħha tinkludi 15,993 terminu tradott u 18,239 traduzzjoni testwali. Għad li ħafna termini fiha ttieħdu minn sorsi affidabbli, aktar minn nofshom ġew tradotti ġodda. Skont il-Prof. Lilian M. Azzopardi li kitbet id-daħla tal-istess pubblikazzjoni, dan id-dizzjunarju jaf il-ħidma ta' grupp ta' riċerkaturi fi ħdan id-Dipartiment tal-Farmaċewtika ġewwa l-Università ta' Malta, immexxi mill-Prof. Anthony Serracino-Inglott, fejn ġew identifikati t-termini li jiddeskrivu l-azzjonijiet u l-kwalitajiet tal-mediċini, l-effetti mhux mixtieqa, u l-preżentazzjoni tal-istess farmaċewtiċi. Fih ħadu sehem numru ta' studenti tal-farmaċewtika li

[44] Ħafna definizzjonijiet fid-dokumenti tal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea jkunu paragrafi twal ħafna. Għalhekk, dawn jiġu addattati mit-terminologi f'inqas kliem sabiex joqorbu iżjed lejn il-bżonnijiet prattiċi tal-utenti.

[45] F'każ li jkun riċerkat u stabbilit mid-Dipartiment tal-Malti fil-Kummissjoni, ikun hemm xi għajnuna ta' espert lokali, jew issir fih kollaborazzjoni ma' xi istituzzjoni oħra, bħall-Kunsill, it-terminologi jindikaw din l-informazzjoni fil-parti tar-referenza tat-terminu.

evalwaw it-termini u pparteċipaw f'din il-ġabra finali. Sal-2007, Eliza Vella ġabret minn ittra A sa E. Warajha, sal-2010, Ruth Bonnici ħadmet fuq ittri L sa K, biex fl-aħħar, Kirsty Camilleri lestiet minn ittra N sa Z u standardizzat ix-xogħol kollu. Kollox beda mill-ħtieġa tal-istandardizzazzjoni tat-termini farmaċewtiċi, b'mod speċjali fejn tidħol it-talba ta' traduzzjonijiet bil-Malti ta' dokumenti li jirrikjedu reġistrazzjoni ta' prodotti mediċinali fi ħdan il-kuntest regolatorju farmaċewtiku. Hija banka ta' termini mediċi li tgħin fil-ħidma tal-farmaċisti, tal-professjonijiet tal-kura tas-saħħa u ta' individwi li għandhom x'jaqsmu mal-preparazzjoni ta' informazzjoni medika miktuba bil-Malti, fosthom it-tradutturi fil-qasam tal-mediċina. Barra minn hekk, kif jiktbu l-awturi stess, xogħol bħal dan ikompli jseddaq ħidma favur l-istandardizzazzjoni tat-termini bil-Malti (Spiteri et al., 2010:23), impriża li lsienna għandu tant għatx għaliha.

### 2.2.6. *Għaqdiet studenteski fl-UM*

Xi għaqdiet studenteski fl-Università ta' Malta dan l-aħħar ukoll ħassew il-bżonn li jkunu parteċipi f'din il-ħidma. L-Għaqda tal-Malti – Università, b'kollaborazzjoni mal-Kamra tal-Avukati Żgħar, taħdem fuq xogħol ta' terminoloġija legali sabiex tesponih lill-pubbliku ġenerali fuq il-paġna tagħha tal-Facebook. Fl-istess kamp, fl-2015, l-Assoċjazzjoni tal-Istudenti tal-Liġi (ELSA Malta) nediet app ta' traduzzjoni ta' termini legali – mill-Malti għall-Ingliż u mill-Ingliż għall-Malti – bl-iskop li tgħin lill-istudenti tal-liġi fid-dinja akkademika, kif ukoll biex tiffaċilita traduzzjonijiet meħtieġa fl-industrija tal-kamp legali. Anke t-taqsima tal-Edukazzjoni Medika fi ħdan l-Assoċjazzjoni tal-Istudenti tal-Mediċina ta' Malta (MMSA) qed taħdem fuq numru ġmielu ta' rappreżentazzjonijiet infografiċi ħelwin bl-intenzjoni li tippromwovi t-terminu mediku Malti.







Figuri 17 u 18: Parti mis-sensiela ta' infografiċi ta' termini mediċi bil-Malti, imtellgħa mill-MMSA, b'disinji ta' Leah Govè.

### 2.2.7. *Ħidma konġunta f'kotba, rivisti u gazzetti*

Ix-xogħol tat-terminoloġija, maħdum f'kollaborazzjoni, kemm-il darba jinfirex f'riżorsi stampati u jinbiegħ. Dawn li se nsemmi hawn huma ftit minnhom, kampjun mid-dokumentazzjoni li niġbor fid-dettall fl-appendiċi ta' din ir-riċerka.

Il-pubblikazzjoni *Flora u Fawna ta' Malta* (1995) li tagħha Joe Sultana kien l-editur, hija ħidma terminoloġika b'saħħitha ħafna, imżejna minn għadd ġmielu ta' stampi u figuri bil-kulur, dwar il-flora

u l-fawna tal-gżejjer Maltin.[46] Anke l-pubblikazzjoni *Red Data Book for the Maltese Islands* (1989), bl-edituri Patrick J. Schembri u Joe Sultana, hija ħarġa tajba li tittratta l-istess oqsma.

Fejn jidħlu rivisti, tajjeb insemmi r-rivista *The Maltese Naturalist* (1970-1976), maħruġa mill-Għaqda Maltija tal-Istorja Naturali li Guido Lanfranco kien l-editur tiegħu. Ir-rivista *L-Għasfur u l-Ambjent Naturali,* li fl-1986 biddlet isimha għal *In-Natura*, hija wkoll ħidma terminoloġika importanti, miġbura minn Alfred E. Baldacchino bil-kollaborazzjoni ta' ħafna awturi, u mgħammra b'diversi figuri sbieħ. Dan biex ma nsemmix rivisti akkademiċi oħra, bħal *Il-Malti* (1925-) u l-*Journal of Maltese Studies* (1961-), ippubblikati mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (illum, l-Akkademja tal-Malti) u d-Dipartiment tal-Malti fl-Università. Anke r-rivista *L-Imnara,* li mill-1978 sal-2003 ħa ħsiebha Guido Lanfranco u mill-2004 sal-lum qed jeditjaha Ġużi Gatt, hija xogħol notevoli. Il-ħafna rivisti tal-festa, li qed jinġabru b'ħafna dedikazzjoni fil-Kollezzjoni Programmi tal-Festa mil-librara tal-Kulleġġ Ġan Franġisk Abela ġewwa l-Imsida, fost ħafna rivisti oħra, fihom ukoll wirt terminoloġiku relevanti ħafna.[47]


9 Patella lusitanica Gmel. (5,11,14,18)
Imħara tal-Furħan(14); Mħara tas-samma (5,11,18)
10 Undefined species: Imħara tas-samma(14);Imħar (11);
Mħar (var.spec.) (13); Inħar (1) for 'patelle'.
11 Monodonta turbinata Born (17)
Syorra (17) should be Sgorra; but still this name does not apply.
12 Clanculus corallinus Gmel
+Monodonta corallina L. (5,18); = Monodonta (11);
Frawla (5,18); Frawla tal-Baħar (11).
13 Lemintina arenaria L.
=Vermetus gigas. Biv.(5,7,18); =Serpula arenaria (11,14);
Farrett (5,7,11,14,18).
14 Undefined species: Vermetus sp(11); Farrett (11)
15 Pirinella conica Blainv.
=Cerithium mammillatum Riss. (7);=Cerithium conicum Blainv.(7);
Brankutlu (7)

Figura 19: Riżorsa li turi xi ismijiet ta' molluski tal-baħar bil-Malti, misluta minn artiklu (1974:29) ta' Guido Lanfranco fir-rivista *The Maltese Naturalist*, ippubblikat mill-Għaqda Maltija tal-Istorja Naturali.

[46] Il-verżjoni bl-Ingliż ta' din il-pubblikazzjoni hija *Wildlife of the Maltese Islands* (1996) li Joe Sultana u Victor Falzon kienu l-edituri tagħha.

[47] Sal-2022, din il-ġabra kellha 6000 entrata katalogata li l-ġbir tagħha sar primarjament minn grupp fuq il-Facebook li għaqqad numru ta' dilettanti li, b'mod volontarju, ikkontribwew għal din il-kollezzjoni. Kif tikteb Zahra Camilleri (2022:2), waħda mil-librara tal-Kulleġġ li qed jiġborha, din il-ġabra ħalliet ukoll impatt fuq kif għandhom jaħdmu l-libreriji fl-Università ta' Malta fejn, mill-2017 lil hawn, bdiet tingħata iżjed attenzjoni għall-intestaturi tas-suġġetti li jiffurmaw parti mil-lista tal-awtoritajiet tal-librerija, lista li tinvolvi sett ta' termini użati mil-librara fl-entrati ġewwa l-katalgu ewlieni sabiex jiffaċilitaw it-tiftix billi jipprovdu terminoloġija konsistenti u standardizzata bħala punt ta' aċċess. Żvilupp bħal dan ikompli jikkonferma l-ħtieġa tar-riċerka terminoloġika bħala dixxiplina li taffettwa sew oqsma varji tal-ħajja.







Figuri 20 u 21: Żewġ riżorsi mislutin mill-artiklu *L-Istruttura tal-Għasfur* (1983, 3:3-6) ta' Victor Falzon li jinsab fir-rivista *L-Għasfur u l-Ambjent Naturali / In-Natura* li kienet toħroġ mill-1982 sal-2003 mis-Soċjetà Ornitoloġika tal-Belt Valletta.

Fl-aħħar nett, il-gazzetti huma wkoll riżorsi kontinwi li jidħlu f'din ix-xena terminoloġika. Xi partijiet mill-artikli bit-Taljan u bl-Ingliż fil-gazzetta *Il Barth* (1871-1875) li Gavino Gulia kien l-editur tagħha, ngħidu aħna, huma relevanti. Ukoll, il-gazzetti kontemporanji ewlenin, riżorsi li minħabba l-limitazzjonijiet tal-ħin ma kellix ċans indurhom biex niddokumentahom, fihom materjal terminoloġiku utli li jkompli jipparteċipa f'dan l-iżvilupp Malti.



# In-nagħġa u l-mogħża: minn fomm ir-raħħala

**Simon Salafia**

**F'dan l-artiklu qasir xtaqt niġbor id-deskrizzjonijiet kollha dwar in-nagħaġ u l-mogħoż. Din l-informazzjoni ġiet misluta minn dawn is-sorsi, f'sekwenza kronoloġika: Annibale Preca (1904), Temi Zammit (1928), Cassar Pullicino (1967), id-dizzjunarju ta' Aquilina (1987, 1990), il-Miklem ta' Erin Serracino Inglott (1975-1989), Ġużi Gatt (2005) u Rita Saliba (2019).**

**Deskrizzjoni tan-nagħġa**

1 nagħġa batra
2 nagħġa belqa
3 nagħġa fartasa
4 nagħġa ġarda
5 nagħġa għaslija
6 nagħġa għawra
7 nagħġa għażlija
8 nagħġa ħartuma
9 nagħġa mmejla
10 nagħġa midliela
11 nagħġa mejxa
12 nagħġa mondija
13 nagħġa muqrana
14 nagħġa mxattra
15 nagħġa qandlija
16 nagħġa xaqra
17 nagħġa xiklija
18 nagħġa żonnara
19 nagħġa żunnara
20 nagħġa bl-imsielet

**Deskrizzjoni tal-mogħża**

1 mogħża barżakka
2 mogħża batra
3 mogħża belqa
4 mogħża belqa bl-aħmar
5 mogħża belqa bl-iswed
6 mogħża berbuxija
7 mogħża ċawċawwa
8 mogħża dika
9 mogħża dumnikana
10 mogħża faċċola
11 mogħża faqma
12 mogħża fartasa
13 mogħża ġarda
14 mogħża ġarġrija
15 mogħża garruwa
16 mogħża gerruma
17 mogħża għaslija
18 mogħża għawra
19 mogħża għażlija
20 mogħża ħartuma
21 mogħża kaħla
22 mogħża kalzettiera
23 mogħża kewkbija
24 mogħża lankenija
25 mogħża maskarata
26 mogħża mberbxa
27 mogħża mbeżżla
28 mogħża mejxa
29 mogħża mejxija
30 mogħża mgelgla
31 midliela midliela
32 mogħża milgħuqa
33 mogħża mmejla
34 mogħża mondija
35 mogħża moqrana
36 mogħża muqrana
37 mogħża mxattra
38 mogħża pappagalla
39 mogħża qandelija
40 mogħża qandlija
41 mogħża qarna
42 mogħża torka
43 mogħża turkija
44 mogħża widnejha mwieżed
45 mogħża wiżgħija
46 mogħża xaqra
47 mogħża xaqrija
48 mogħża xiklija
49 mogħża żonnara
50 mogħża żunnara
51 mogħża żunnarija
52 mogħża biċ-ċarru
53 mogħża bil-galletta
54 mogħża bil-maħta
55 mogħża biż-żibġa
54 mogħża bl-imsielet
55 mogħża tal-merek
56 mogħża tal-mirek

Minux l-għan hawnhekk li jkunu mflija b'reqqa s-sorsi u t-tifsiriet ta' kull aġġettiv, nom jew frażi. Iżda ġbart dan il-miklem l-ewwel nett biex jekk hemm xi għeltijiet ovvji, għax interpretajt ħażin is-sorsi, dawn **jitranġaw**. It-tieni raġuni hija aktar importanti: biex jekk hemm xi aġġettivi jew frażijiet oħra dwar in-nagħaġ u l-mogħoż, dawn jistgħu jkunu **reġistrati**.

Dawn il-listi jistgħu jintużaw bħala l-punt ta' tluq ta' riċerka mal-ftit raħħala li fadal fil-gżejjer Maltin, biex jiġi stabbilit fejn u jekk dawn il-kliem għadhom f'fomm ir-raħħala.

Mogħża fartasa

Mogħża belqa

**Referenzi**
AQUILINA, Joseph, *Maltese-English Dictionary*, 2 volumi, Malta (1987, 1990).
CASSAR PULLICINO, Joseph, *Ethno-Linguistic Aspects of Animals in Malta*, *Journal of Maltese Studies*, Numru 4, Malta (1967).
GATT Ġużi, Qiegħda fil-Ponta ta' Lsieni, Malta (2005).
PRECA Annibale, Malta Cananea, Malta (1904).
SALIBA Rita, Il-ħrejjef li rrakkontawli fi tfuliti (Taħdita pubblika, Università ta' Malta, 26 ta' Frar, 2019).
SERRACINO INGLOTT, Erin, Il-Miklem Malti, 9 volumi, Malta (1975-1989).
ZAMMIT Temi, Il-Gideb Ghomru Qasir, Il-Malti (1928).

Figura 22: Riżorsa ta' Simon Salafia li turi xi terminoloġija agrikola bil-Malti, misluta mill-gazzetta *In-Nazzjon* tas-Sibt 26 ta' Ġunju 2021, paġna 18.

## 2.2.8. *Kollaborazzjonijiet oħra*

Jeżistu ħafna kollaborazzjonijiet oħra li mexxew ħidmiet li jxaqilbu lejn din in-natura lingwistika applikata. Ħidmiet bħal dawn huma relevanti u ta' min insemmi wħud minnhom f'din it-taqsima. Dawn il-kontribuzzjonijiet, u oħrajn magħhom, se nkun qed nelaborahom fil-ġabra tal-aħħar ta' xogħli.

Fl-aħħar ftit paġni ta' ħafna mill-kotba fis-sensiela *Il-Kullana Kulturali*, l-awturi rispettivi li kkontribwew bnew glossarju għall-qasam partikolari li trattaw. Fihom, kemm-il darba ssib kummenti dwar in-nomenklaturi bil-Malti li ntużaw u l-awturi jiġġustifikaw ir-raġuni għaliex u kif użawhom. Fost l-oħrajn, fil-kontribut tiegħu, Sammut (2000:31) jikteb li meta l-isem Malti tal-friefet kien jeżisti, żammu, imma meta ma kienx jeżisti (fil-maġġornaza tal-każi) iffurmah minn traduzzjoni tal-isem xjentifiku stess. Meta lanqas din it-traduzzjoni ma kienet possibbli, ħoloq għalih tranżliterazzjoni fonetika tal-ġeneru waħdu jew bnieh fuq aġġettiv li juri l-kulur, id-daqs, il-provenjenza tal-farfett/il-baħrija, jew l-ikel tax-xagħat. Għal dawk l-ispeċi rrekordjati bi żball jew li huma dubjużi ħafna fl-istudju tal-lepidopterofawna Maltija, l-isem Malti ħallieh barra. Sultana (2001:xiii) imbagħad, minbarra li jikkummenta dwar l-ismijiet tal-għasafar li juża, jagħraf il-ħafna sinonimi terminoloġiċi li jeżistu fil-qasam tal-ornitoloġija bil-Malti. Dak li huwa *farruġ* għall-Maltin, jikteb l-espert, huwa *sultan il-gamiem* għall-Għawdxin, u dak li huwa *sultan il-gamiem* għal ħafna Maltin huwa *daqquqa kaħla* għal ħafna Għawdxin.

Ladarba semmejt il-qasam tal-ornitoloġija, ma nistax ma nirreferix għall-ħidma terminoloġika li ċerti organizzazzjonijiet, bħal BirdLife Malta, jagħmlu minn żmien għal żmien. Huma ħafna r-riżorsi li din l-għaqda bniet b'mod kollaborattiv grazzi għal ħafna ornitoloġisti u esperti oħra fi ħdanha. Biżżejjed insemmi l-lista ta' kontroll ta' 381 speċi ta' għasfur li tinkludi l-ismijiet bil-Malti tal-għasafar kollha rrekordjati fil-gżejjer Maltin sal-2004. Minħabba li wħud minn dawn l-ispeċi mniżżlin fil-lista m'għadhomx ipassu fil-gżejjer tagħna u lanqas tinkludi oħrajn ġodda li mill-2004 lil hawn bdejna narawhom magħna, skont informazzjoni li ksibt mill-uffiċini tal-istess organizzazzjoni ġewwa Ta' Xbiex, dan il-ktejjeb, bil-lista terminoloġika miegħu, se jiġi aġġornat dalwaqt, karatteristika komuni fit-terminoloġija bħala dixxiplina ħajja bi bżonn kontinwu ta' aġġornament.

Xi drabi, isiru wkoll konferenzi dwar qasam jew ieħor tal-ħajja u fihom tissemma xi terminoloġija bil-Malti. Ngħidu aħna, fil-konferenza dwar l-agrikultura Maltija u l-komunità Ewropea, imtellgħa fis-6 ta' Ottubru tal-1974, Kalċedon Zammit semma xi prodotti tal-biedja b'isimhom li mbagħad ġew traskritti fi ktejjeb li jiġbor l-interventi kollha tal-kelliema ta' dakinhar. Hekk ukoll ġara fis-seminar nazzjonali ta' ġurnata, imlaqqa' ġewwa l-Furjana nhar l-24 ta' Novembru tal-1998, meta Baldacchino, Lanfranco u Psaila (1999) irreferew bl-isem Malti ta' għadd ġmielu ta' siġar li jikbru f'Malta, lista li mbagħad inġabret f'pubblikazzjoni. Fit-28 tal-istess xahar, Adriana Vella (1998:12), illum professur

tal-bijoloġija fl-Università ta' Malta, semmiet lista ta' ċetaċei (balieni u dniefel) bil-Malti ġewwa sessjoni ta' ħidma mlaqqgħa f'Wied il-Għajn.

Anke l-ħidma kollaborattiva ta' ċerti dipartimenti pubbliċi hija waħda ta' min insemmiha. Fl-2013, ngħidu aħna, il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali ħareġ manwal b'lista ta' ħut – bl-ismijiet Maltin, xjentifiċi u Ingliżi – sabiex jippromwovi l-ikkunsmar ta' ħut frisk fost il-poplu. Ukoll, id-dokument ta' konsultazzjoni (2022), imfassal minn membri ta' grupp ta' ħidma – Marie Theresa Farrugia, David Muscat, Melanie Casha Sammut u Lara Ann Vella – u maħtur mid-Direttorat għat-Tagħlim u l-Assessjar fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jinkludi glossarju bilingwi Malti-Ingliż għat-tagħlim u l-assessjar tal-matematika fl-iskejjel bikrin u tal-primarja, ħidma inkoraġġanti ħafna.

Fl-aħħar nett, ċerti dilettanti Maltin bħal Farrugia Randon u Sammut (1999) kif ukoll Tabone u sħabu (2020), għandhom ħabta jingħaqdu f'għaqdiet u fihom jipproduċu xogħol ta' natura terminoloġika. Hekk għamlet l-*Għaqda tad-Dilettanti tal-Agrikoltura, Siġar u Pjanti* meta fl-2014, minbarra grupp fuq il-Facebook u sit elettroniku, nediet applikazzjoni fuq il-mobile, bit-terminoloġija Maltija fiha, bil-għan li tilħaq kemm jista' jkun Maltin u Għawdxin li jridu jitgħallmu jkabbru l-ħxejjex tagħhom, jifhmu u japprezzaw minn xiex jgħaddi l-bidwi sabiex jaqta' l-frott tiegħu. Inizjattivi bħal dawn huma inkuraġġanti u jkomplu jkunu xhieda ta' kemm it-terminoloġija hija kompitu ta' ħafna, kompitu universali.










Figuri 23, 24 u 25: Tliet screenshots li juru xi terminoloġija agrikola bil-Malti, meħudin mill-applikazzjoni tal-mobile tal-*Għaqda tad-Dilettanti tal-Agrikoltura, Siġar u Pjanti* (2014).

## 2.3. Sfidi fl-iżvilupp tat-terminoloġija Maltija

Li wieħed jifhem lilu nnifsu jfisser li jagħraf is-sabiħ u l-ikrah tiegħu. Mal-ħafna tajjeb li għandha, it-terminoloġija Maltija tinkludi diversi problemi, sfidi li b'nies ta' rieda tajba jistgħu jinbidlu f'barkiet li jħallu l-frott. Dawn huma xi ftit riflessjonijiet dwar għaxar sfidi – li fi ħdanhom iqanqlu impressjonijiet oħra – li ħsibt fihom jien u nirriċerka dan il-kapitlu. Mhumiex fatti konkreti li jinbidlu mil-lum għal għada, imma li wieħed jagħrafhom u jsib referenza għalihom hawnhekk, huwa l-ewwel pass biex, f'koperazzjoni, jaħdem fuqhom. Sintendi, is-soluzzjonijiet għal dawn l-isfidi, jekk jeżistu, ivarjaw fuq livelli differenti, u sfida jaf teħtieġ iktar impenn minn oħra.

### 2.3.1. *In-nuqqas ta' kuxjenza terminoloġika*

Il-qasam tat-terminoloġija għandu nuqqas qawwi ta' kuxjenza; kuxjenza dwar il-bżonn ta' termini bil-Malti fuq kull livell. Din ir-reżistenza nsibuha f'kull qasam, anke f'kuntesti uffiċjali u governattivi, fejn ħafna għadhom ma jarawx l-importanza tal-użu tat-terminoloġija bil-Malti maġenb dik Ingliża. Dan biex ma nsemmix ir-reżistenza ta' ċerti akkademiċi, forsi anke minn xi lingwisti lokali, li jħarsu lejn it-terminoloġija bil-Malti bħala inutli ladarba jeżistu t-termini Ingliżi diġà lesti. Din l-atmosfera ta' xettiċiżmu tiddomina wkoll fl-utenti tat-terminoloġija bil-Malti, bħan-negozjanti, l-ispeċjalisti u l-professjonisti f'ħafna setturi, fatt soċjolingwistiku preokkupanti ħafna. Huma nies bħal dawn li aktarx jistaqsu dejjem l-istess mistoqsijiet. Imma għaliex it-terminoloġija bil-Malti? X'inhu l-punt tagħha? Ladarba nużaw diġà t-terminoloġija Ingliża li taqdina, x'nambuha t-terminoloġija bil-Malti?

Mistoqsijiet bħal dawn jinbtu għaliex, f'għajnejn dawk li ma jarawx potenzjal fit-terminu Malti, iħarsu lejn l-Ingliż bħala l-unika forma li toħloq sens ta' sigurtà. Meta Marija Vella, studenta tad-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija u l-Interpretar fl-Università ta' Malta, ħolqot proġett dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili bil-Malti, ftit ingħatat kuraġġ biex tifrex xogħolha fil-prattika minħabba l-biża' ta' ambigwità terminoloġika li ħidma bħal tagħha setgħet tikkawża (Portelli, 2021). Żgur li attitudni mimlija biża' bħal din hija mifruxa mal-oqsma kollha tal-gżejjer Maltin u qed tħalli lill-identità tal-poplu tagħna staġnata f'mentalità kolonjali bl-indipendenza vera tistenna fuq il-karta.

### 2.3.2. *In-nuqqas ta' riżorsi u fondi*

Sfida oħra fl-iżvilupp tat-terminoloġija Maltija hija n-nuqqas ta' riżorsi, kemm umani kif ukoll finanzjarji. Lokalment, ma jeżisti l-ebda terminologu professjonali għax qatt ma kien hawn ftuħ ta' xogħol għalhekk. Id-dipartimenti tal-Gvern u kumpaniji oħra f'Malta m'għandhomx bżonn u qatt ma ħassew il-ħtieġa ta' ħidma terminoloġika biex issir fil-qasam jew l-unità tagħhom. Għalhekk, it-terminologi li jitħarrġu lokalment aktarx jispiċċaw tradutturi jew jaħdmu xi xogħol ieħor 'il barra mit-terminoloġija. Il-fatt li f'Malta ma jeżistix ċentru nazzjonali tat-terminoloġija li, b'mod ċentralizzat,

issir fih kordinazzjoni u promozzjoni terminoloġika fl-oqsma kollha tal-ħajja Maltija u lil hinn b'mod konsistenti, qiegħed itellef ħafna mill-iżvilupp terminoloġiku bil-Malti. Ovvjament, dan in-nuqqas ġej min-nuqqas ta' fondi f'dan il-qasam. Fil-preżent, ladarba l-bżonn ta' din l-attività terminoloġika fl-oqsma speċjalizzati sa issa għadu mhux jinħass, mhijiex faċli li wieħed jikseb biżżejjed fondi sabiex, f'kollaborazzjoni, jikkrea programmi ta' riċerka għat-terminoloġija bil-Malti. Imma kif wieħed jista' jidħol għal proġett ta' dat-tip meta m'hemm xejn, b'mod uffiċjali, li jsostnih? Fejn hi dik l-unità lokali ta' terminoloġija ċentralizzata li taħdem biex kulma jsir fuq dan il-livell jinfiltra sewwasew fil-prattika tal-ħajja Maltija, f'kull qasam? Dan biex ma nsemmux il-fatt li l-korpus ta' testi li jeżistu bil-Malti huwa żgħir u mhux mifrux biżżejjed. Ukoll, għal dawn ir-riżorsi terminoloġiċi li jeżistu bil-Malti, lanqas hemm struttura li tiġborhom kollha f'salt, b'mod standardizzat, u li tiddeskrivi u tiġġustifika l-għażliet tagħhom bl-iskop li tivvalidahom. Ħafna mill-ħidmiet ta' dan it-tip huma mmotivati minn persuni li jemmnu fil-kawża Maltija u b'fidi lejha ħadmu kontra l-kurrent bla ma stennew xejn lura. Ir-riċerka tiegħi wkoll tfittex li tipparteċipa f'din il-ħidma u, umilment, tidħol għal din l-isfida kompilattiva.

2.3.3. *In-nuqqas ta' kollaborazzjoni*

Fl-unitajiet Ewropej tal-Malti – il-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill – issir ħafna kollaborazzjoni. Waqt li l-Kummissjoni hija l-unika istituzzjoni li tħaddem terminologi full-time, fiż-żewġ istituzzjonijiet l-oħra hemm tradutturi li jagħmlu xogħol ta' terminoloġija apparti, meta jkun hemm bżonn. Ħafna drabi, dawn tal-aħħar jingħataw ħin speċifiku biex fih iwettqu xi xogħlijiet terminoloġiċi. Il-korrispondenza bejn dawn it-tliet istituzzjonijiet hija importanti għax ħidmithom kollha tispiċċa fuq il-IATE. Barra minn hekk, issir ħafna kollaborazzjoni bejn it-terminologi u t-tradutturi kollegi tagħhom, dawk li l-iktar għandhom esperjenza fil-qasam tagħhom. Dan għaliex, għal numru ta' snin, huma kienu hemm u raw il-qasam tagħhom jevolvi, mhux fuq bażi lingwistika biss imma fuq livell kunċettwali wkoll. It-terminoloġija hija bħal blokka, ġebla tinbena fuq l-oħra.[48] Ukoll, il-kollaborazzjoni mal-esperti minn istituzzjonijiet oħra jew minn Malta, hija importanti. Madankollu, korrispondenza bħal din issir fuq bażi volontarja u għalhekk mhux dejjem tkun pronta, imlaħħma jew aċċessibbli.

Għad li xi kuntatti minimi bejn dawn it-terminologi Maltin tal-Kummissjoni u d-dipartimenti lokali fi ħdan l-Università ta' Malta jeżistu, ħafna mix-xogħol terminoloġiku jsir indipendentement minn xulxin. Fattur bħal dan ixekkel sewwa l-istandardizzazzjoni tal-lingwa. Kien hemm żmien meta l-istess terminologi kienu jagħmlu seminar għall-istudenti tad-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija u l-Interpretar. Ukoll, l-assenjamenti ta' dawn l-istudenti Maltin kienu jkunu verament prattiċi u utli. Fihom, it-terminologi kienu jipprovdu lista ta' termini, dawn jinqasmu bejn l-istudenti f'Malta li jaħdmu fuqhom, jerġgħu jingħaqdu flimkien, u jintbagħtu maħdumin barra biex it-terminologi

[48] Ngħidu aħna, leġiżlazzjoni ġdida dwar il-5G teħtieġ qabilha oħrajn dwar il-4G u t-3G.

jużawhom u jdaħħluhom fil-IATE. Però, tant kemm ix-xogħol barra żdied li din il-kollaborazzjoni sana, sfortunatament, naqset u kważi ntilfet għalkollox.

Il-kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u t-terminologi tal-Unjoni Ewropea mhix formali u kontinwa. Ironikament, ir-raġuni hija ovvja: il-Kunsill ma jlaħħaqx mal-infrastruttura terminoloġika li nbniet il-Lussemburgu. Kif tista' din l-entità lokali, b'persuna waħda impjegata fuq bażi full-time, tlaħħaq ma' tant kollaborazzjoni li teħtieġ it-terminoloġija? Żgur li l-Kunsill, bħala l-uniku korp uffiċjali responsabbli mil-lingwa Maltija, jeħtieġ iżjed sostenn ta' riżorsi. B'hekk biss tista' tinbena atmosfera komunitarja li timbotta l-kawża Maltija fuq livelli differenti.

Id-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija u l-Interpretar jgħallem it-terminoloġija, imexxi t-teżijiet, jifforma l-istudenti, imma t-terminoloġija li tiġi stabbilita f'istituzzjonijiet varji mbagħad ma jidħolx fiha, m'għandux saħħa fuq livell uffiċjali. L-istess dipartiment mhuwiex fil-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti għax il-Liġi ma tippermettilux.[49] Madankollu, ladarba fi ħdan il-Kunsill jeżisti Kumitat tat-Traduzzjoni u t-Terminoloġija, l-istess dipartiment għandu jkollu sehem fil-kompożizzjoni u l-mod kif dan jaħdem. Briffa (2015:479) jaqbel ma' dan meta jisħaq fuq il-bżonn ta' terminoloġija aċċessibbli għal kull min irid jaħdem biha. Kollaborazzjoni bħal din, fi ħdan korp uffiċjali wieħed bħalma huwa l-Kunsill, hija ideali għall-iżvilupp sħiħ tat-terminoloġija Maltija fuq livell lokali. F'dan is-sens, il-liġi Maltija kif inhi llum qed toħloq barriera ta' koperazzjoni terminoloġika.

### 2.3.4. *In-nuqqas ta' terminoloġija bil-Malti fl-oqsma speċjalizzati*

Għad li pajjiżna huwa uffiċjalment bilingwi, meta niġu għall-prattika akkademika, minn livell primarju sa dak tal-ewwel grad jew ogħla, mhuwiex qed isiru sforzi biżżejjed biex jiddaħħal tagħlim terminoloġiku bilingwi f'oqsma ta' natura speċjalizzata. Ladarba l-kotba kollha minn fejn isir it-tagħlim ta' dixxiplini varji jkunu kollha bl-Ingliż jew b'lingwi oħra, il-Malti qatt ma jista' jkollu sieq promimenti fi ħwejjeġ prattiċi. Meta l-Malti sar lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ttieħed pass ta' ġgant biex il-lingwa żgħira tagħna titqiegħed fl-istess kwadru tal-lingwi l-kbar imma jekk fl-istess ħin ma jsirx sforz ta' appoġġ, u x-xogħol tat-terminoloġija huwa wieħed minnhom, ma jista' qatt jissopravivi żvilupp parallel bil-konsegwenza li jinbet żvilupp mhux komplet. L-Università ta' Malta għandha tkun minn tal-ewwel biex tinforza t-terminoloġija bil-Malti, imqar fil-kunċetti l-iżjed bażiċi tad-dixxiplini speċjalizzati li tgħallem, ngħidu aħna, fl-inġinerija, il-mediċina, l-ekonomija, il-finanzi, l-arkitettura, u l-bqija. B'hekk, ladarba tkun teżisti istituzzjoni akkademika b'saħħitha li tinfiltra fiha t-terminoloġija bil-Malti fl-oqsma li tħarreġ, l-istandardizzazzjoni tiżdied.

---

[49] Minbarra l-isfidi legali lokali li niftaħ dwarhom f'taqsima 2.3.10., il-liġi Maltija bħalissa tippermetti biss lid-Dipartiment tal-Malti u lill-Akkademja tal-Malti sabiex jinnominaw il-kapijiet tal-kumitati fi ħdan il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti (Kapitolu 470, 2005:7).

### 2.3.5. *Il-problema tat-tassonomija barranija*

Sfida li t-terminoloġija Maltija tiltaqa' magħha ta' spiss, speċjalment fl-istituzzjonijiet Ewropej, hija dik tat-tassonomija mhux lokali, fejn ikunu jridu jinstabu termini bil-Malti għal kunċetti li f'Malta ma jeżistux. Mhuwiex faċli li wieħed jikklassifika ħwejjeġ li ma jafx x'inhuma, jirriċerkahom mill-bidu nett, u jiddokumentahom fi strutturi li jaf għadhom iridu jinħolqu. It-terminologi tal-Unjoni Ewropea jkollhom ħafna mistoqsijiet dwar ismijiet ta' ħut mhux Mediterranju, ismijiet ta' insetti li ssibhom biss f'ċerti nħawi tad-dinja, għasafar, ħxejjex u frott tropikali u eżotiku. F'każi bħal dawn, huwa l-irwol tat-terminologu li joħloq it-terminu hu għaliex l-espert f'Malta, aktarx, ma jkunx jista' jgħin, ħlief għall-konsultazzjoni[50] fil-proċess tal-formazzjoni tiegħu, fejn jinqabdu ċerti karatteristiċi tal-kunċett (ngħidu aħna, id-denb tal-ħuta, it-togħma tal-frotta, u l-bqija) u minnhom titfassal it-terminoloġija. Allinjament multilingwi f'dil-fażi jaf iqarraq għaliex tista' teżisti lingwa li taqbadlek ma' karatteristika waħda tal-kunċett (ngħidu aħna, il-kulur tal-ħuta) u lingwa oħra li tiffoka fuq karatteristika oħra tiegħu (ngħidu aħna, il-forma ta' mnieħer il-ħuta), varjetà li jaf tfixkel. F'dan is-sens, it-terminu jkun qiegħed jinħoloq mill-bidu nett mingħajr influwenzi esterjuri (jew interjuri, minn Malta) li jsostnuh. Dan biex ma nsemmux ir-riskju li hemm fejn it-terminu l-ġdid li jinħoloq jispiċċa jintuża biss fil-kuntest ta' dokumenti tal-Unjoni Ewropea, u għalhekk lanqas ikun jeżisti rispons (lokali) għalih u għat-tħaddim (grammatikali) tiegħu.

Idealment, terminoloġija bħal din tiġi ffurmata f'Malta, fir-realtà li tiġi tradotta, imbagħad timxi għal barra. Fil-kuntest tal-Malti qed jiġri bil-maqlub, għax huwa z-ziju msiefer li qed jagħmel tajjeb għall-omm u familtha, mhux l-omm li ssostni lil kulħadd. Din hija t-tbatija li qed isofru t-terminologi tagħna fl-istituzzjonijiet barranin, f'kuntest fejn, jekk ma jagħmlux dan ix-xogħol huma, jibqa' ma jsir qatt.[51] Huma bħal suldati jiġġieldu weħidhom reżistenzi esterni, xi drabi interni wkoll, sabiex iqiegħdu l-Malti fl-istess kwadru ma' lingwi oħrajn b'ħafna iżjed riżorsi. Dan għaliex, fl-istess ħin, id-domanda terminoloġika hija kbira għax il-ħtieġa għal tassonomiji barranin huma bżonjużi wkoll, speċjalment fuq dawn il-livelli Ewropej. F'Malta, dan l-għatx qiegħed hemm imma ma jinħassx, qed jinħeba, għaliex l-Ingliż qed joħloq bħal għata quddiem il-qagħda terminoloġika lokali u jaljena ċ-ċans tal-formazzjoni Maltija. Żgur li din mhijiex l-intenzjoni proprja tal-bilingwiżmu.

---

[50] Il-konsultazzjoni tal-esperti kif inhi bħalissa ssir b'mod liberu fuq bażi volontarja. F'dan is-sens, minħabba li t-terminologi fl-istituzzjonijiet Ewropej ikollhom l-iskadenzi jiġru warajhom, kemm-il darba jkollhom ifendu għal rashom minħabba li t-tweġibiet tal-esperti li jikkuntattjaw idumu ma jaslu.

[51] Is-sitwazzjoni tal-lingwi l-kbar hija differenti għalkollox. Ċerti lingwi, saħansitra, jirċievu dokumenti lesti b'listi twal ikkonsultati diġà minn persuni jew organizzazzjonijiet esperti tal-qasam ġewwa l-pajjiż omm, biex sempliċment jivvalidawhom u jdaħħluhom kif inhuma fil-IATE.

### 2.3.6. *Is-sinonimija u l-istandardizzazzjoni*

Meta t-terminologi tal-Kummissjoni Ewropea jiġu biex joħolqu terminu, jagħmlu minn kollox biex jevitaw ħafna sinonimi għall-istess kunċett.[52] Dan jagħmluh sabiex jirrispettaw l-istandardizzazzjoni. Jekk fl-entrata bl-Ingliż hemm numru partikolari ta' termini (sinonimi) għall-istess kunċett, ladarba l-Malti jkun jippermetti, jinstab l-istess ammont ta' varjanti sabiex jikkorrispondu ma' dawk Ingliżi. L-iskop hu li la jinħolqu inqas u lanqas iktar, anke jekk il-lingwa tkun tħeġġeġ dan. Fi proċessi bħal dawn, tajjeb ngħid li t-terminologi jżommu dejjem f'moħħhom il-lingwa miktuba fid-dokumenti tekniċi, fejn l-istandardizzazzjoni hija kruċjali, u mhux il-lingwa mitkellma f'xi stqarrija għall-istampa fejn jintużaw ħafna sinonimi li jwasslu għall-istess kunċett. Għalhekk, it-terminu li jiġi definit f'deċiżjoni għandu jkun l-istess wieħed li jiġi definit fir-regolament għax jekk xi ħadd jiġi biex jikkwota minn dokument minnhom u jsib użati termini differenti, dan jitħawwad. Ambigwità bħal din tinħoloq ħafna u hija waħda mill-ikbar sfidi li t-terminologi u t-tradutturi Maltin jiltaqgħu magħhom barra minn xtutna. Hija sfida li tokkorri l-iżjed meta jeżistu termini differenti tajbin, għax meta terminu jkun tajjeb u l-ieħor ikun żbaljat, l-għażla hija ċara, imma meta ż-żewġ termini f'sorsi differenti jkunu perfettament aċċettati, l-għażla ssir sfida.

Għalhekk, it-terminologi fil-IATE jevalwaw it-termini billi jużaw il-marki *preferred, admitted, deprecated* u *obsolete,* l-ammont ta' stilel għall-affidabbiltà, u n-noti li bihom jiġġustifikaw ir-raġuni għaliex taw preferenza lil terminu u mhux lill-ieħor (IATE Handbook, 2023:21). Dan biex ma nsemmux il-possibbiltà li jkun hemm riżorsi affidabbli li jużaw termini inqas feliċi, li huma korretti imma ma jinstemgħux naturali, għax il-metafora tagħhom tkun kemxejn imġebbda jew għax il-kalk tagħhom mill-Ingliż ikun skomdu għall-kelliem nattiv Malti. Dawn huma fost uħud mill-konsiderazzjonijiet li jagħmlu t-terminologi tagħna sabiex fl-entrati tagħhom jegħlbu l-isfidi u joħorġu bl-aqwa prodott terminoloġiku Malti possibbli.

### 2.3.7. *In-nuqqas ta' ekonomiji ta' skala fuq livell lokali*

Il-kumpaniji f'Malta mhumiex lesti li jieħdu bis-serjetà t-terminoloġija Maltija, anke jekk teżisti diġà fil-lingwa. Aktarx din ir-reżistenza hija frott tliet raġunijiet: (i) l-istaff multilingwi f'ħafna kumpaniji li għalihom ma tagħmilx sens li tiġi implimentata politika lingwistika li timbotta 'l quddiem it-terminoloġija bil-Malti, (ii) ir-restrizzjonijiet finanzjarji u taż-żmien relatati ma' din il-bidla sabiex tħarreġ persuni li jużaw termini bil-Malti minflok dawk bl-Ingliż, u (iii) in-nuqqas ta' ħtieġa fil-ħaġa, ladarba kemm il-Maltin u kemm il-barranin huma familjari mat-terminoloġija Ingliża.

---

[52] Minbarra l-armonizzazzjoni, Agius (2010:79-80) isemmi l-kuntest fejn jitħaddem it-terminu u l-karattru multilingwistiku bħala żewġ kawteli importanti oħra li database terminoloġika Ewropea jeħtieġ ikollha.

B'kuntrast, f'xi pajjiżi oħra hemm ħafna terminoloġija li ssir b'mod intern fil-kumpaniji fejn, permezz ta' terminologu jew iktar, tinħoloq terminoloġija waħda li sservi għas-settur ekonomiku tagħhom u fl-istess ħin dawn it-termini jintużaw fl-oqsma kollha tal-kumpanija. B'hekk, ngħidu aħna, l-inġinier jista' jmur għand min isewwi, jitolbu xi ħaġa, u jifhmu mill-ewwel. Dawn huma l-ekonomiji ta' skala, fejn f'kumpaniji kbar il-produzzjoni tinfirex fuq skala kbira ta' prodotti, tiżdied l-istess produzzjoni u jonqsu l-ispejjeż. Ekonomiji ta' skala ta' dat-tip f'Malta ma jeżistux. Għalhekk, ladarba domanda terminoloġika ta' din in-natura m'għandniex fuq livell lokali, it-terminoloġija bil-Malti qed tiġi bħal ċirku vizzjuż għaliex qiegħda ssir bil-mod u tintuża biss fit-traduzzjoni ta' dokumenti bla ma tintegra fil-prattika tas-soċjetà. Barra minn hekk, ix-xiri online kompla jnaqqas bil-kbir il-bżonn ta' terminoloġija lokali. Għalhekk, il-ħtieġa għat-traduzzjoni xprunat it-triq għat-terminoloġija, imma l-iżvilupp tagħha waqaf hemm.

## 2.3.8. *Is-sitwazzjoni demografika ta' Malta*

F'qagħda demografika bħalma għandna f'Malta, fejn wieħed minn kull erbgħa huma barranin, is-sitwazzjoni lingwistika hija affettwata wkoll, inkluża t-terminoloġija (Ċensiment tal-Popolazzjoni u l-Akkomadazzjoni, 2023). L-Ingliż illum jitħaddem bħala lingwa franka, fejn it-terminoloġija Ingliża fis-setturi ekonomiċi tintuża flok dik Maltija sabiex taqdi l-komunikazzjoni bejn gruppi differenti li jużaw lingwi differenti. F'dan is-sens, it-termini bil-Malti li għalihom qed isir sforz kbir biex jinħolqu, qed jiġġennbu għaliex qed jitħaddmu biss f'testi tradotti bil-miktub jew fil-liġijiet ta' Malta u mhumiex jinfiltraw fit-tħaddim innifsu tal-industriji, fil-prattika tal-ħajja Maltija. Din hija problema li t-terminoloġija Maltija tinsab fiha għax, ladarba l-utent Malti mhux iħoss il-ħtieġa li jużaha, l-iskop primarju u naturali tagħha jiddgħajjef. Aktarx, din ir-reżistenza tal-utenti se tibqa' b'saħħitha ħafna sakemm ma jsirux ċerti bidliet drastiċi fuq livell ċentralizzat. L-intervent tal-Gvern ma jidhirx li qiegħed hemm u ftit jidhru tamiet fil-futur immedjat.

## 2.3.9. *Il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea*

Fatt li jorbot ħafna lit-terminologi tal-Kummissjoni huma l-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan għaliex, jekk jeżisti kunċett li diġà ġie tradott f'att leġiżlattiv fis-seħħ, dak it-terminu li jesprimih, anke jekk żbaljat, aktarx jibqa' jiġi repetut ladarba l-istess att jiġi kkwotat.[53] Għad li fil-IATE dawn it-terminologi jippruvaw jirriklamaw kemm jista' jkun it-terminu t-tajjeb, it-terminu l-ħażin aktarx jibqa' jidher xorta waħda. F'dan is-sens, jeħtieġ li ssir korrezzjoni tal-passat, ta' dak iż-żmien meta t-tradutturi fl-istituzzjonijiet Ewropej kien għad ma kellhomx għajnuna terminoloġika. F'każ bħal dan, l-unika ħaġa li terminologu jista' jagħmel huwa li jitlob rettifika biex jitranġaw żbalji f'atti leġiżlattivi li jkunu ġa

[53] It-terminologi la jistgħu jinjoraw il-liġi u wisq anqas jibdluha. Jekk terminologu jindenja ruħu jibdel terminu jkun qed jibdel liġi sħiħa. Meta jiġri hekk, l-avukati, bir-raġun, joqomsu.

ġew ippubblikati qabel.[54] Dan biex ma nsemmux il-possibbiltà ta' żbalji li jistgħu jsiru fil-preżent, minħabba pressjoni tal-ħin, fejn it-tradutturi ma jkollhomx biżżejjed ċans sabiex jiċċekkjaw xogħolhom bil-possibbiltà li l-iżbalji tagħhom jibqgħu jiġu ripetuti.

## 2.3.10. *Il-Liġi ta' Malta*

Ħarsa ħafifa lejn il-liġi Maltija tgħin lil dak li jkun jagħraf li l-isfida ċentrali fejn tidħol it-terminoloġija bil-Malti qabelxejn tiġi minn fuq, minn livell kruċjali li ma jsostnix verament lil din il-kawża. Kapitolu 470, li jwaqqaf lill-Kunsill, ma jgħid xejn dwar l-immaniġġjar tat-terminoloġija f'Malta. Dan juri lill-Malti bħala lingwa nazzjonali, iħeġġeġ il-promozzjoni tagħha, u jieqaf hemm. Hija liġi li tħalli kollox f'idejn il-Kunsill waqt li ftit tagħtih riżorsi biex jimplimentaha kif suppost. Mhijiex liġi komprensiva li torbot daqskemm hu meħtieġ.

Dan biex ma nsemmux il-fatt li f'ċerti oqsma lokali, anke dawk li ilhom magħna, bħall-assikurazzjoni u l-kummerċ marittimu, il-liġi Maltija timponi li t-tħaddim tagħhom isir biss bl-Ingliż. B'kuntrast, ilkoll nafu li liġi Maltija li tinkiteb biss bl-Ingliż, tkun qed tikser il-kostituzzjoni lokali li tħeġġeġ il-bilingwiżmu. F'kuntesti bħal dawn, it-terminoloġija tidher bħala x-xkiel u l-barriera għall-forma Maltija għax mhux darba jew tnejn jidher xi avviż legali li jwaħħal fit-terminoloġija bħala r-raġuni ewlenija għaliex l-istess avviż ikun qed jidher biss bl-Ingliż. F'dan is-sens, nittama li xogħli, u l-ħafna riżorsi tajbin li se nperreċ fih, jisfida dawn l-argumenti.

Imbagħad, fejn tidħol il-liġi marbuta mal-konsumatur (Kapitolu 378) hemm sitwazzjoni kumplessa għall-aħħar għax il-prodotti li x-xerrej Malti jixtri jinsabu maqsumin f'kategoriji sabiex jaġevolaw lill-importaturi. Ngħidu aħna, fuq il-kaxex taż-żraben, li ħafna minnhom jiġu importati f'Malta mill-Italja, jista' jkun hemm kitba bl-Ingliż jew bit-Taljan jew bil-Malti. F'kuntest bħal dan, il-liġi ma tobbligax il-kitba Maltija, bil-konsegwenza li tispiċċa ċċedi postha għal dik Ingliża jew Taljana. L-istess sitwazzjoni nsibu fil-prodotti tal-ikel, u ħafna prodotti oħra, fejn il-liġi taġevola lill-importatur barrani, u lil-lingwi barranin li jrid hu, u mhux lill-konsumatur Malti li, wara kollox, qed iħallas. Sitwazzjoni mhux standardizzata bħal din hija aktarx frott it-tgergir tal-importatur li ma jridx jonfoq flus żejda biex jittraduċi t-tikketti tal-prodotti tiegħu. B'kuntrast, fejn jidħlu prodotti perikolużi, bħall-pestiċidi, il-liġi timponi l-kitba bil-Malti, prattika tajba li għandna naħdmu fuqha għal kuntesti ta' prodotti oħra sabiex il-bilingwiżmu veru li tħeġġeġ il-kostituzzjoni Maltija jaħdem kif suppost.

[54] Meta jiġu nnotati żbalji ta' dat-tip, it-terminologi tal-Kummissjoni aktarx huma l-iżjed nies li jitolbu retifiki fid-dipartiment tagħhom. Biss, biex tintlaqa' talba għal retifika hemm diversi prinċipji li t-terminu fl-att leġiżlattiv irid jgħaddi minnu. Ngħidu aħna, jekk it-terminu jkun definit fil-parti tad-definizzjoni tal-att u joħloq ftit ambigwità mil-lat legali, ir-retifika tkun injorata. Ukoll, jekk it-terminu infeliċi jkun ġie kwotat ħafna drabi, ikun impossibbli biex wieħed jirranġa l-atti leġiżlattivi kollha fejn ikun jidher.










Figuri 26, 27 u 28: Il-kostituzzjoni, li tpoġġi lil Malta bħala pajjiż bilingwi, mhix titħares kif suppost għax fuq ħafna mill-prodotti li jiġu importati għall-konsumatur Malti, għajr dawk ta' natura perikoluża, hemm kitba b'kull forma lingwistika ħlief b'dik Maltija. B'hekk, il-Malti, il-lingwa nazzjonali tagħna, jibqa' f'pajjiżu pass lura u qatt ma jinfiltra fuq livell speċjalizzat u prattiku.

## 2.4. It-triq 'il quddiem

Li wieħed iħares lejn l-għaxar sfidi li semmejt fit-taqsima preċedenti u jittrattahom bil-galbu waħda waħda jkun pass b'saħħtu għal dak li t-terminoloġija Maltija qed tistenna mingħandna llum u fil-ġejjieni. Iżda mhux biss.

Il-mudell li jitħaddem fl-istituzzjonijiet Ewropej huwa struttura tajba li nistgħu nħarsu lejh. Ladarba fl-Unjoni Ewropea jeżistu diġà terminologi full-time li qed jagħmlu xogħol tajjeb ħafna għat-terminoloġija Maltija fid-dokumenti uffiċjali t'hemmhekk, għaliex fil-kuntest indipendenti t'hawnhekk m'għandhiex teżisti ħidma uffiċjali ta' terminologi full-time fi ħdan il-Kunsill, imħallsin tajjeb mill-Gvern, sabiex f'kollaborazzjoni mal-esperti jwettqu xogħol terminoloġiku lokali dwar oqsma differenti? Huwa inutli li jkollok interess lejn l-istudju terminoloġiku, anke fuq livell formali ta' dottorat, meta xogħol ta' terminologi f'Malta ma jeżistix. Dan għaliex l-għarfien lingwistiku huwa importanti, il-ħila fit-terminoloġija wkoll, imma s-sostenn finanzjarju li jgħinhom jitlaħħmu fil-prattika huwa kruċjali.

It-terminoloġija hija interdixxiplinarja, mhijiex ta' bniedem waħdu, u teħtieġ ħidma bi prezz tajjeb. Il-ħidma volontarja, realtà li fi proġetti lingwistiċi bħal dawn drajna ngħixu biha lokalment, irridu nħalluha biss għal-livell ta' konsulenza u mhux għal-livell ta' produzzjoni. Dan għaliex, fuq livell ta' konsulenza m'għandux ikun hemm sforzi kbar, imma t-terminoloġija – il-bini tat-terminu, il-preżentazzjoni tiegħu fl-għodod elettroniċi, u l-infiltrazzjoni tiegħu fl-oqsma soċjali – teħtieġ enerġija ikbar. It-terminoloġija għandha bżonn nies b'ħiliet speċjalizzati jaħdmu fiha u mdawra b'konsulenti li għandhom formazzjoni lil hinn minnha – ngħidu aħna, lingwisti, inġiniera, tobba, bdiewa, ekonomisti, xandara, sportivi u edukaturi, fost l-oħrajn – li f'kollaborazzjoni mat-terminologu jkunu jistgħu jagħtu s-sehem tagħhom fix-xogħol li jkun ħadem hu qabel.

Għalhekk, unità terminoloġika uffiċjali fi ħdan il-Kunsill, inċentivata mill-Gvern, li tintegra fiha ħidma kollaborattiva bejn id-Dipartiment tal-Malti, id-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija u l-Interpretar u l-Istitut tal-Lingwistika u t-Teknoloġija tal-lingwa, ngħidu aħna, tista' tkun l-ewwel pass konkret 'il quddiem. Korp bħal dan, waqt li jkun jista' jkollu ħarsa sħiħa lejn l-attivitajiet terminoloġiċi li jsiru lokalment u barra, xi ħaġa li din ir-riċerka qed tfittex tagħmel, jista' jkollu jdejh diġà fl-immaniġġjar tal-lingwa, u għalhekk, fil-validazzjoni tat-terminoloġija lokali.

Iktar ma jgħaddi żmien, id-dipendenza tat-terminoloġija se ddur fuq l-għodod elettroniċi.[55] Fit-traduzzjoni diġà tinħass din il-bidla.[56] Fit-terminoloġija wkoll, imma fuq skala iżgħar. Dan għaliex it-terminoloġija hija għodda li titma' lill-għodod elettroniċi sabiex itejbu l-kwalità. F'dan is-sens, jekk ix-xogħol tat-terminoloġija ma jkunx riċerkat imma sempliċiment isir abbażi ta' estrazzjonijiet minn magna, l-affidabbiltà meħtieġa fil-kontroll tal-kwalità ma tintlaħaqx. Dan in-nuqqas jidher kemm-il darba f'diversi traduzzjonijiet awtomatiċi li jsiru mill-magni elettroniċi li għandna madwarna. Fit-terminoloġija, dawn il-magni għadhom mhumiex affidabbli, imma biż-żmien, ladarba l-korpora jiżdiedu fil-volum u jitjiebu magħhom l-algoritmi, xogħol it-terminologu aktarx jieħu xejra oħra.

### 2.4.1. *Il-prattika Irlandiża*

Is-sitwazzjoni tal-Irlanda hija simili għal Malta, imma mhix identika, fis-sens li waqt li l-Malti huwa l-lingwa tal-maġġoranza, l-Irlandiż huwa lingwa tal-minoranza bl-Ingliż li jieħu l-preċedenza fuqu.[57] Bħala lingwa ta' minoranza, l-Irlandiż, ladarba f'pajjiżu ma jintużax għal raġunijiet tekniċi, għandu sfidi terminoloġiċi simili għal tagħna. Biss, fl-Irlanda hemm l-urġenza biex l-Irlandiż ma jmutx, biex il-lingwa tinfirex, waqt li f'Malta din l-urġenza (s'issa) ma tinħassx.

---

[55] Meta Rosner u sħabu ħasbu fuq il-*Maltilex,* lessiku kompjuterizzat bil-Malti, huma ħarsu lejn id-dizzjunarju u l-korpus bħala żewġ sorsi importanti fil-formazzjoni tiegħu (1998:99).
[56] Azzopardi (2015) jevalwa fid-dettall l-għodod u r-riżorsi elettroniċi li jħaddmu t-tradutturi Maltin f'xogħolhom.
[57] Dan imur kontra l-kuntest legali tal-Irlanda li jpoġġi lill-Irlandiż bħala l-ewwel lingwa uffiċjali, u l-Ingliż jiġi t-tieni. Dan il-fatt legali jitbiegħed mill-kuntest Malti li fuq il-karta jpoġġi lill-Malti u lill-Ingliż fuq l-istess skala uffiċjali tal-gżejjer.

Sabiex jilqa' għal dawn l-isfidi, il-Gvern Irlandiż, b'rieda politika u strateġika li f'Malta qatt ma nħasset bis-serjetà, ħareġ il-flus u ħoloq struttura għal ċentru tat-terminoloġija li fih issir terminoloġija bl-Irlandiż b'mod formali.[58] Minbarra l-faċċata lingwistika tagħha, il-faċċata l-oħra tal-munita terminoloġika hija waħda interdixxiplinarja, li l-Irlandiżi ħasbu għaliha wkoll. Għalhekk, ħolqu grupp ta' esperti minn oqsma differenti tal-ħajja, nies li jużaw it-terminoloġija biex, f'korrispondenza mat-terminologi ta' dan iċ-ċentru, jagħtu r-rispons espert tagħhom dwar l-istess terminoloġiji maħluqin, kif jaħdmu, bil-possibbiltà li jinfiltraw aħjar, permezz tal-intervent professjonali tagħhom, fil-prattika tal-ħajja Irlandiża. Dawn l-esperti qed jagħmlu dan ix-xogħol fuq bażi volontarja u jinkludu ġurnalisti rtirati u akkademiċi li darba fix-xahar jaqbdu numru ta' termini li t-terminologi ma jħossuhomx kunfidenti fihom, jitolbuhom rispons dwarhom, jiddiskutuhom, u flimkien joħorġu b'soluzzjonijiet li jiġu meqjusin bħala t-termini uffiċjali tal-Irlandiż.

Minbarra din l-istruttura, fl-Irlanda nħolqot ukoll korrispondenza mal-Università ta' Dublin City li, minbarra li ssir fiha riċerka terminoloġika fuq livelli postgradwatorji, qed jitmexxa proġett importanti ħafna dwar il-produzzjoni ta' teknoloġiji għat-terminoloġija. F'dan il-proġett qed jinħolqu programmi teknoloġiċi li bihom jinbnew it-terminoloġiji u li, bi grupp ta' nies mistiedna, bħal tradutturi, lingwisti, nies tal-qasam, u l-bqija, jinħarġu ħafna reazzjonijiet li jtejbu l-kwalità tal-prodott teknoloġiku u terminoloġiku. Ladarba dan kollu qed isir taħt il-kappa uffiċjali tal-Gvern, din it-terminoloġija qed tinfiltra, bħal f'kanal wiesa', fl-iskejjel, fl-universitajiet u fl-oqsma kollha tal-ħajja Irlandiża (Bhreathnach u Cleircín, 2023). Din l-imbuttatura kkordinata fuq livell ċentralizzat qed tħalli l-frott u tista' tkun mudell għalina u għas-sitwazzjoni terminoloġika lokali.

## Konklużjoni

Fi sfond organiku bħal dan, waqt preżentazzjoni online li saret fil-25 ta' Settembru 2020 imtellgħa mill-unità tat-traduzzjoni fi ħdan il-Parlament Ewropew, it-traduttur Elgar-Paul Magro saħaq li fejn tidħol it-terminoloġija Maltija, kif rajna, jeżistu ħafna riżorsi terminoloġiċi tajbin dwar oqsma differenti tal-ħajja li, bħala tradutturi, ftit jafu bihom. Fin-nuqqas tagħhom, ikompli, kemm-il darba ssir konsultazzjoni diretta ma' esperti interni fil-qasam ikkonċernat. Żgur li sitwazzjoni mhux sistematika bħal din ma tgħinx fl-istabbiltà tal-lingwa miktuba u fil-bżonn dejjem jikber ta' standardizzazzjoni. Ukoll, nuqqas bħal dan joħloq sfiduċja fit-tħaddim ta' lsienna fuq livelli prattiċi, fatt li jeżisti u li m'għandux ikun f'kuntest indipendenti u bilingwi bħal tagħna. It-tfassil ta' mappa ta' riżorsi terminoloġiċi bil-Malti jista' jgħin f'din l-isfida filwaqt li, kif jindika Vella, joffri l-possibbiltà ta'

[58] Ukoll, fil-Katalunja, minbarra li teżisti l-università awtonoma ta' Barċellona li hija awtorità mondjali fil-qasam tat-terminoloġija, il-Gvern t'hemm impenja ruħu finanzjarjament biex il-Katalan ikollu l-għodod kollha meħtieġa sabiex jiġi mgħallem u jitħaddem fl-oqsma kollha tal-ħajja Katalana, inkluż fl-amministrazzjoni pubblika (Montesinos López, 2015:157-163).

materja prima xierqa għall-formazzjoni ta’ termini ġodda fejn meħtieġ (2012:4). L-għanijiet ewlenin tar-riċerka tiegħi jfittxu li jsostnu dan l-ispazju.

# 3. L-unità terminoloġika: It-terminu Malti

*Kelma tqila hi kelma ħafifa li ma tafx.*

OLIVER FRIGGIERI

## Introduzzjoni

Ix-xjenza tat-terminoloġija, għax sistematizzata, tħares lejn kull terminoloġija bħala grupp ta' termini li jaqsmu l-istess karatteristiċi ta' estensjoni jew delimitazzjoni, jew li jappartjenu għall-istess qasam tal-ħajja. It-terminu bħala unità terminoloġika, fil-fatt, jinvolvi kemm restrizzjonijiet kunċettwali (ġeneriċi, portabbli u semantiċi) kif ukoll lingwistiċi (lessikali, sintattiċi u semantiċi) (Khan, 2016:697). Kif jindika Daniel Gouadec (ikkwotat f'Cabré, 1999:80), perspettiva bħal din tissuġġerixxi żewġ definizzjonijiet: definizzjoni għat-terminu bħala unità li tappartjeni għal realtà usa' u definizzjoni li titfa' dawl fuq l-aspetti komuni li jiftħu u jagħlqu sett ta' termini għal terminoloġija partikolari.

Bħall-kliem fil-lessiku tal-lingwaġġ ġenerali, it-termini huma sinjali distintivi u sinfikanti li jokkorru fid-diskors ta' lingwaġġ speċjalizzat. Ladarba huma unitajiet ta' kodiċi stabbilit, it-termini għandhom żewġ faċċati: il-faċċata sistematika (semantika u formali) u l-faċċata pragmatika (bħala unitajiet użati f'atmosfera ta' komunikazzjoni speċjalizzata li jirreferu għall-kunċetti tad-dinja reali). Mill-aspetti formali u semantiċi tagħhom, it-termini ma jitbegħdux wisq mill-kliem. Biss, mill-aspetti pragmatiċi u komunikattivi tagħhom storj'oħra. Fil-fatt, l-iktar karatteristika distintiva tat-terminoloġija meta mqabbla mal-lessiku ġenerali tal-lingwa tinsab fil-funzjoni denominattiva tagħha, jiġifieri fl-irwol li għandha biex tagħti isem lil kunċett jew kunċetti fi ħdan qasam/oqsma speċjalizzat/i. Kif jikteb Tavalán Zanón, it-termini jaħdmu b'kategoriji grammatikali bħan-nomi, il-verbi, l-aġġettivi u l-avverbji. Unitajiet lessikali oħra jinvolvu l-artiklu, determinaturi oħra, prepożizzjonijiet, konġunzjonijiet, pronomi u interjezzjonijiet. B'lenti pragmatika, iżid l-awtur, dawk tal-ewwel jintużaw b'mod esklussiv fil-komunikazzjoni speċjalizzata waqt li dawk tal-aħħar jintużaw fil-lingwaġġi kollha li jeżistu (2011:kap 2).

Sophia Ananiadou tiddefinixxi t-terminu bħala kelma li tikkonsisti minn karatteristiċi u sistemi lingwistiċi. Huwa element monoreferenzjali għax jirreferi għal kunċett speċifiku fi ħdan qasam partikolari (1994:1034). Dan jaqbel ħafna mat-tagħlim ta' Eugen Wüster (1979), missier it-terminoloġija moderna, li jqis l-unità terminoloġika, jew it-terminu, bħala simbolu konvenzjonali li jirrappreżenta kunċett definit f'qasam partikolari ta' għarfien. Skont din l-idea, Lérat (ikkwotat f'Cabré, 1999:80) jikteb li kull kelma hija importanti għax hija terminu ladarba:

- L-espressjoni tagħha hija simbolu.

- Tirriżulta minn konvenzjoni.
- Il-kontenut tagħha huwa l-iktar karatteristika importanti.
- Il-kunċett li tirrappreżenta huwa definit b'mod espliċitu.
- Id-deskrizzjoni ta' kunċett twassal għall-qasam tal-għarfien li fih iseħħ.

Għalhekk, it-termini huma unitajiet b'forma u tifsira li jappartjenu għas-sistema lingwistika ta' lingwa partikolari li fiha jeżistu diversi sottosistemi speċifiċi alternattivi. Il-varjetà u l-uniformità huma żewġ fatturi li jikkaratterizzaw lil-lingwaġġi speċjalizzati tal-lingwa. Jesprimu varjetà għax jikkomunikaw sitwazzjonijiet differenti, gradi differenti ta' speċjalizzazzjoni u astrazzjoni, jużaw modi varji ta' komunikazzjoni (it-taħdit u l-kitba), jindirizzaw utenti differenti, jinvolvu għanijiet differenti ta' komunikazzjoni (deskrittiva, informattiva jew espożitorja) u jikkomunikaw differenzi oħra ta' natura territorjali u individwali skont l-istil partikolari tal-ispeċjalist ikkonċernat. Mill-banda l-oħra, l-uniformità tagħhom tinsab fir-rabta li għandhom, b'fatturi komuni, mal-lingwaġġ ġenerali fih innifsu (Tavalán Zanón, 2011:kap 2). Dawn is-sottosistemi, iżid Lérat, mhumiex sottokodiċi kompluti mil-lat tal-livelli ta' speċifiċità, iżda jirrappreżentaw aspetti parzjali ta' varjazzjonijiet fir-rigward tal-kodiċi komuni, kif qed tindika Figura 29 (addattata minn Cabré, 1999:82).




Figura 29: Ir-relazzjoni bejn il-grammatika, il-lessiku u l-lessiċi tal-lingwaġġi speċjalizzati.

F'dan is-sens, bħall-unitajiet l-oħra kollha sinifikanti ta' sistema lingwistika, it-termini huma parti minn sistema strutturata. Biss, minkejja li għandhom x'jaqsmu ma' livell speċifiku, fihom relazzjoni ma' unitajiet oħra tal-istess livell u ma' unitajiet ta' livelli oħra li bihom jinbena d-diskors. Cabré tkompli li t-termini jirrelataw kemm ma' oġġetti lessikali oħra kif ukoll ma' komponenti grammatikali li ma jurux karatteristiċi speċifiċi li jagħmluhom sistematikament differenti mir-relazzjonijiet li jistabbilixxi l-kliem. Madankollu, ta' min wieħed jgħid li, fi ħdan il-komponent lessikali ta' lingwa, it-termini huma ħafna iktar viċin it-termini l-oħra fl-istess qasam li magħhom jiffurmaw strutturi speċifiċi milli ma' termini oħra ta' oqsma differenti (Cabré, 1999:82).

B'kuntrast mal-kliem tal-lingwaġġ ġenerali, it-termini huma frott għażla iżjed konxja tal-kelliem. F'diversi oqsma tal-ħajja, ngħidu aħna fil-Botanika jew il-Kimika, il-ħolqien tat-termini jseħħ skont

pjan speċifiku, pjan li jagħti ċans li tinbet spekulazzjoni teoretika. Ladarba jeżistu numru ta' regolaritajiet fil-mod kif jiġu ffurmati t-termini, jistgħu: (i) jissawru r-regoli tal-mod kif jiġu ffurmati t-termini f'qasam partikolari, (ii) jiġu stabbiliti regoli li jgħinu fil-formazzjoni sistematika ta' deżinjazzjonijiet futuri, u (iii) possibbilment issir relazzjoni bejn il-motivazzjoni tal-mudelli tal-formazzjoni tat-termini u l-motivazzjoni tal-ħolqien tal-kunċett innifsu. Barra minn hekk, dawn il-mudelli jitfgħu dawl fuq il-proċessi mentali li jgħaddi minnhom il-kelliem fil-formazzjoni tal-kunċett u l-assoċjazzjonijiet tiegħu (Sager, 1990:61).

Ħafna mit-termini l-ġodda jinħolqu wara li jinħolqu kunċetti ġodda. Biex jiġri dan, il-kunċett il-ġdid jitqiegħed f'relazzjoni ma' kunċetti oħra li jduru miegħu. Mhux ta' b'xejn li s-simbolu lingwistiku ta' kunċett jista' jintgħażel b'mod arbitrarju skont il-bżonn tal-kreatur iżjed milli skont il-bżonnijiet tal-interlokutur jew tas-semmiegħ futur. Ma teżisti ebda evidenza li tixhed li l-għażla tal-partijiet kostitwenti ta' unità terminoloġika partikolari jingħażlu f'ġieħ il-komprensjoni u l-fehim. Il-ħolqien ta' forom oħra mqassrin, bħall-inizjaliżmi, l-abbrevazzzjonijiet u l-akronimi, flimkien mas-simboli universali li aktarx jakkumpanjaw jew jieħdu post l-istess terminoloġija, ngħidu aħna, jikkonfermaw dan il-paradoss (Sager, 1990:62).

It-terminoloġija hija l-istudju tal-kunċetti, tat-termini li jirreferu għalihom u tal-metodu kif issir il-preżentazzjoni tagħhom, definizzjoni trattata ġa f'taqsima 2.2.4.2. Mhux ta' b'xejn li Wüster (1955) jinnota l-impossibbiltà tal-istandardizzazzjoni terminoloġika jekk qabelxejn ma tkunx inħolqot sistema għall-kunċetti relevanti fis-seħħ. Anke l-ISO 704, frott ħidmet l-istess pijunier Awstrijak, jipproponi mudell ta' għarfien kunċettwali (2000:2-23) segwit minn ieħor ta' natura formali (2000:24-29). F'dan is-sens, it-termini huma sinjali li jistgħu jiġu analizzati minn żewġ perspettivi:

- Mill-aspett semantiku, il-kunċett.
- Mill-aspett formali, id-deżinjazzjoni.

Semantikament, it-termini huma unitajiet ta' referenza għal oġġetti tad-dinja reali u, individwalment, għandhom tifsira li tista' tiġi deskritta bħala sett ta' karatteristiċi distintivi. Formalment, it-termini huma unitajiet fonoloġiċi li jistgħu jiġu artikolati fonetikament u rappreżentati grafikament bi struttura interna msawra minn morfemi. Din il-forma mbagħad tkun teħtieġ ambjent lingwistiku partikolari ta' distribuzzjoni li, fid-diskors funzjonali u pragmatiku tal-lingwa, taħbat ma' termini oħrajn (Cabré, 1999:82).

## 3.1. L-aspett kunċettwali tat-terminu

Mhux kull oġġett fid-dinja huwa distint u jingħata isem għal skopijiet ta' komunikazzjoni. Minflok, permezz ta' osservazzjoni u proċess ta' astrazzjoni, imsejjaħ kunċettwalizzazzjoni, l-oġġetti huma kklassifikati f'kostruzzjonijiet mentali jew unitajiet ta' ħsieb – kunċetti – li huma espressi f'forom

differenti ta' komunikazzjoni. L-oġġett jgħaddi għall-kunċett, li jwassal għall-komunikazzjoni (Cabré, 1999:39). Fit-terminoloġija, mela, il-kunċetti jsiru rappreżentazzjonijiet mentali ta' oġġetti f'qasam jew f'kuntest partikolari. Fuq dan il-karattru semantiku tat-terminoloġija, Sager (1990:13, 21) jibni teorija bbażata fuq il-konjizzjoni (li tirrelata l-forom lingwistiċi mar-referenti fid-dinja reali), il-lingwistika (li tesplora l-forom possibbli ta' rappreżentazzjoni) u l-komunikazzjoni (li tinvestiga l-użu tat-terminoloġiji u tiġġustifika l-ġbir u l-ipproċessar tagħhom).

Il-kunċetti għandhom jitqiesu bħala komponenti ta' oqsma kunċettwali u, b'mod aktar speċifiku, ta' tassonomiji li, f'termini ta' prattika terminografika, huma ġabriet ta' kunċetti marbutin flimkien. Il-kunċetti kuntestwali fil-lingwaġġ speċifiku ta' suġġett jistgħu jitwasslu b'diversi modi fil-komunikazzjoni umana. Fil-lingwa naturali, ngħidu aħna, il-kunċetti jiġu espressi bħala termini, frażijiet terminoloġiċi, appellazzjonijiet, definizzjonijiet jew b'forom lingwistiċi oħra. Fil-lingwa artifiċjali jidhru bħala kodiċi jew formoli. B'mod grafiku, jagħmlu tajjeb l-ikoni, l-istampi, id-dijagrammi jew illustrazzjonijiet simili. Barra minn hekk, il-bniedem jista' juża partijiet minn ġismu biex iwassal idea jew oħra billi juża l-lingwa tas-sinjali, iħaddem l-espressjonijiet ta' wiċċu jew joħloq xi moviment fiżiku ieħor (ISO 704, 2000:2). Id-dizzjunarju tal-*Lingwa tas-Sinjali Maltija* (LSM), proġett immexxi mill-Prof. Marie Azzopardi-Alexander, għandu sehem fil-kwadru terminoloġiku Malti u għalhekk ninkludih fil-ġabra ta' riżorsi fl-aħħar tat-teżi. Dawn huma kollha oġġetti primarji tat-terminoloġija, iffurmati bil-għaqal wara l-ħolqien u l-maturità tar-rappreżentazzjoni tal-kunċett.

### 3.1.1. *Il-karatteristiċi tal-kunċett*

Ladarba l-formazzjoni tal-kunċett tagħti l-ħila lin-nies biex jagħrfu l-oġġetti u jikklassifikawhom f'unitajiet fi ħdan suġġett partikolari, hija kruċjali għall-organizzazzjoni tal-għarfien uman. Dawn l-unitajiet huma ġġenerati minn oġġetti li bejniethom għandhom karatteristiċi simili, karatteristiċi li wara li jgħaddu minn proċess ta' astrazzjoni u riċerka jingħaqdu bħala sett li jikkaratterizzaw lill-kunċett. B'din l-għaqda jinħolqu kontinwament kunċetti b'modi varji skont is-soċjetà, id-dixxiplina jew l-iskola tal-ħsieb li tkun. Fil-lingwaġġi speċjalizzati, l-għaqda tal-karatteristiċi komuni hija rappreżentata b'deżinjazzjoni (li tista' tkun terminu, appellazzjoni jew simbolu). Fil-fatt, l-analiżi terminoloġika ma tistax tibda jekk l-oġġett speċifiku inkwistjoni ma jikkorrispondix diġà ma' kunċett rappreżentat permezz ta' deżinjazzjoni jew definizzjoni. Għalhekk, il-metodoloġija ta' kull terminoloġija għandha (1) tibda bl-identifikazzjoni tal-kuntest jew il-qasam li jkun, tkompli bl-identifikazzjoni tal-kwalitajiet attribwiti lill-oġġetti fl-istess qasam, (2) jiġu determinati l-kwalitajiet tal-oġġett inkwistjoni li, bi proċess ta' astrazzjoni u riċerka, isiru l-karatteristiċi tal-kunċett innifsu, (3) jingħaqdu, u b'din l-għaqda jinħoloq il-kunċett (ISO 704, 2000:3). L-eżempju li ġej huwa tentattiv prattiku tat-tħaddim ta' dan il-proċess, ibbażata fuq tliet fażijiet, b'riċerka addattata minn Farrugia Randon (2016:193-195):

<table>
<tr><td rowspan="2">(1)</td><td>Qasam/kuntest<br>Siġar tal-frott</td><td colspan="2">Karatteristiċi<br>Għamla, żmien kemm tgħix, għamla tal-frotta, kulur tal-frotta, xitel u taħwil, tisqija, kultivazzjoni, għedewwa u mard, ħsad, użu tal-frotta.</td></tr>
<tr><td colspan="3">Oġġett (rappreżentazzjoni grafika)<br></td></tr>
<tr><td rowspan="10">(2)</td><td>Karatteristiċi tal-qasam</td><td>Karatteristiċi tal-oġġett</td><td>Karatteristiċi tal-kunċett<br>(bi proċess ta' astrazzjoni u riċerka)</td></tr>
<tr><td>Għamla</td><td>Ħadranija, għolja sular.</td><td>Ħadranija u tista' togħla żewġ sulari.</td></tr>
<tr><td>Żmien ta' għajxien</td><td>Ħamsa u sebgħin sena.</td><td>Tista' tgħix 'il fuq minn mitt sena.</td></tr>
<tr><td>Għamla tal-frotta</td><td>Tonda minn barra.</td><td>Minn barra tonda u minn ġewwa b'ħafna snien f'xulxin bil-likwidu bejniethom..</td></tr>
<tr><td>Kulur tal-frotta</td><td>Ħamra.</td><td>Aktarx fl-aħmar.</td></tr>
<tr><td>Xitel u taħwil</td><td>Tnisslet Ħad-Dingli bil-biċċiet tas-siġra ta' ħdejha li taw il-frott.</td><td>Titnissel f'ambjent xemxi bil-biċċiet li jibdew jagħtu l-frott mit-tielet sena jew bil-bgħula li jitilgħu mill-bażi tas-siġra.</td></tr>
<tr><td>Tisqija</td><td>Fis-sajf, nhar ta' Tnejn biss.</td><td>Tissaqqa kull ġimgħa fis-sajf biss.</td></tr>
<tr><td>Kultivazzjoni</td><td>Imkabbra f'ħamrija kannella.</td><td>Tikber f'kull tip ta' ħamrija.</td></tr>
<tr><td>Għedewwa u mard</td><td>Għad li m'għandhiex mard, l-għasfur tal-bejt kemm-il darba jnaqqar il-frott tagħha.</td><td>L-għasafar tal-bejt u l-ġrieden iħobbu jieklu l-frotta, il-briegħed u l-larva tal-baħrija tal-lanġas jieklu ġewwa z-zkuk ewlenija tagħha li jiddgħajfu u jinkisru, id-dubbiena tal-frott tista' tattakka l-aktar il-frott bikri.</td></tr>
<tr><td>Ħsad</td><td>Il-frott tagħha jinqata' għall-ħabta ta' Ottubru.</td><td>Il-ħsad jista' jsir bejn Ottubru u Novembru.</td></tr>
</table>

| | | | |
|---|---|---|---|
| | *Użu tal-frotta* | Mill-frotta tar-rummiena isir il-liquer mill-kumpanija Bersons. | Minbarra li tittiekel, il-frotta tar-rummiena tintuża għal-liquer jew għall-kulur waqt li xi varjetajiet oħra jitkabbru għall-fjuri sbieħ li jagħmlu. |
| (3) | **Id-deżinjazzjoni** (terminu)<br><br>Siġra tal-bullar | **Il-kunċett** (definizzjoni)<br><br>Is-siġra tal-bullar hija siġra ħadranija tal-frott li tista' togħla żewġ sulari. Tista' tgħix 'il fuq minn mitt sena. Il-frotta tagħha, imsejħa rummiena, tkun ħamranija, tonda minn barra u jkollha ħafna snien f'xulxin bil-likwidu bejniethom minn ġewwa. Is-siġra titnissel f'ambjent xemxi bil-biċċiet li jibdew jagħtu l-frott mit-tielet sena jew bil-bgħula li jitilgħu mill-bażi tas-siġra. Tissaqqa kull ġimgħa fis-sajf biss u tikber f'kull tip ta' ħamrija. L-għasafar tal-bejt u l-ġrieden iħobbu jieklu l-frotta tagħha, waqt li l-briegħed u l-larva tal-baħrija tal-lanġas jieklu ġewwa z-zkuk ewlenija tagħha li jiddgħajfu u jinkisru. Id-dubbiena tal-frott tista' tattakka wkoll il-frott bikri. Il-ħsad tagħha jista' jsir bejn Ottubru u Novembru. Minbarra li tittiekel jew tintuża għall-kulur, bil-frotta tar-rummiena jsir il-liquer. Xi varjetajiet oħra ta' din is-siġra jitkabbru għall-fjuri sbieħ li jagħmlu. | |

Ovvjament, ikompli l-ISO 704 (2000:4), mhux kull karatteristika hija importanti daqs l-oħra. Hemm karatteristiċi li huma neċessarji għall-fehim tal-kunċett fi ħdan qasam partikolari ta' għarfien għaliex mingħajrhom, aktarx, issir bidla drastika fil-kunċett kollu. Ngħidu aħna, li kieku kellu jerġa' jitħaddem l-eżempju t'hawn fuq dwar is-siġra tal-bullar u minnu jitneħħew il-karatteristiċi *Għamla tal-frotta, Kulur tal-frotta* u *Użu tal-frotta*, tista' tqum diffikultà fil-fehim tat-tip ta' siġra li hi – tagħtix frott jew le – bil-possibbiltà li jinbidel ukoll il-qasam/kuntest kollu, *Siġar tal-frott*. Huma karatteristiċi essenzjali bħal dawn li jibnu relazzjoni bejn kunċett u ieħor jew li jiddistingwuh minn oħrajn. Karatteristika waħda jaf tkun essenzjali f'qasam partikolari ta' għarfien u żejda f'qasam ieħor.

### 3.1.2. *Ir-relazzjonijiet bejn il-kunċetti*

Il-kunċetti mhumiex iżolati minn xulxin imma jeżistu flimkien f'relazzjoni. Il-proċessi mentali tagħna kontinwament joħolqu u jirfinaw ir-relazzjonijiet bejn il-kunċetti. Dan għaliex, it-termini mhumiex unitajiet iżolati li jseħħu 'l barra minn kuntest speċifiku imma huma elementi li jiffurmaw parti minn sistema lingwistika speċjalizzata. Dawn iseħħu f'ambjent konkret li jikkoripondi għal qasam speċifiku ta' speċjalizzazzjoni. F'dan is-sens, it-termini huma relatati mat-termini l-oħra kollha li jiffurmaw parti mill-istess qasam speċjalizzat u li magħhom joħolqu sistema kunċettwali waħda (Cabré, 1999:99). Għalhekk, sabiex wieħed jorganizza l-kunċetti f'din is-sistema kunċettwali, tajjeb iżomm f'moħħu

l-qasam tal-għarfien li welled il-bżonn tal-istess kunċett, kif ukoll l-aspettattivi u l-għanijiet tal-utenti fil-mira. Sabiex jimmudella fil-prattika din is-sistema kunċettwali, l-ISO 704 (2000:6-12) jiddistingwi bejn żewġ tipi ta' relazzjonijijet: (i) ir-relazzjonijiet ġerarkiċi u (ii) r-relazzjonijiet assoċjati.

### *3.1.2.1. Ir-relazzjonijiet ġerarkiċi*

F'relazzjoni ġerarkika, il-kunċetti huma organizzati f'livelli fejn il-kunċett superordinat huwa maqsum f'mill-inqas kunċett sottordinat wieħed. Dawn il-kunċetti sottordinati fl-istess livell u li għandhom l-istess kriterju ta' sottodiviżjoni jissejħu kunċetti kordinati. Għalhekk, kunċett superordinat jista' jkollu aktar minn dimensjoni waħda u b'hekk is-sistema tal-kunċett tkun multidimensjonali. Il-kunċetti superordinati, dawk sottordinati jew kordinati ma jgħixux weħidhom imma f'relazzjoni ma' xulxin f'ġerarkija. Dawn ir-relazzjonijijet ġerarkiċi jistgħu jkunu (i) ġeneriċi jew (ii) partittivi.

#### *3.1.2.1.1. Ir-relazzjonijiet ġeneriċi*

Meta kunċett sottordinat jinkludi rabta mal-kunċett superordinat flimkien ma' karatteristika waħda li tifridhom tkun teżisti relazzjoni ġenerika. Il-kunċett superordinat f'relazzjoni ġenerika jissejjaħ il-kunċett ġeneriku u l-kunċett sottordinat jissejjaħ il-kunċett speċifiku. F'relazzjoni ta' dan it-tip, jekk kunċett għandu rabta dejqa, l-estensjoni tiegħu tkun usa', u bil-maqlub, jekk ir-rabta tiegħu hija wiesgħa, l-estensjoni se tkun idjaq. Fis-sens li, hemm kunċett usa' (ġeneriku) li jingħad li huwa superordinat għall-kunċett jew kunċetti sottordinati (speċifiċi) idjaq. Waqt li dak kollu li jista' jingħad dwar il-kunċett ġeneriku jista' jingħad ukoll dwar il-kunċett speċifiku, hemm iktar xi ngħidu dwar il-kunċett sottordinat li ma japplikax għall-kunċett superordinat. Relazzjoni ta' dan it-tip hija l-aktar relazzjoni komuni, il-bażi tat-tassonomiji xjentifiċi bħall-bijoloġija u l-ġeoloġija. Cabré (1999:100) sejħet dawn ir-relazzjonijiet bħala "loġiċi", deskrizzjoni li magħha jaqbel sewwa Sager (1990:30) tant li jipprova jifhimhom bis-sekwenzi formulajċi li qed naddatta:

A huwa tip ta' Ż.
jew A, B u Ċ huma tipi ta' Ż.
jew Ż għandu l-kunċetti speċifiċi A, B, Ċ.
jew Ż għandu s-sottotip A.




Figura 30: Eżempju ta' relazzjoni ġenerika, rappreżentata bħal struttura ta' siġra.

Fis-sistema kunċettwali ta' hawn fuq, *għasafar* huwa kunċett speċifiku f'relazzjoni mal-kunċett ġeneriku *fawna*. L-istess jgħodd għall-kunċetti *merill* u *bies*, it-tnejn huma kunċetti speċifiċi f'rabta ma' *għasafar*. Ukoll, il-kunċetti kordinati *merill* u *bies* għandhom relazzjoni ġenerika mal-istess kunċett ġeneriku *għasafar.* Tajjeb wieħed jinnota li waqt li sekwenza ta' kunċetti li jirriflettu relazzjonijiet ġeneriċi jikkostiwixxu f'sekwenza vertikali ta' kunċetti, il-kunċetti kordinati li f'sistema ta' kunċetti jikklassifikaw fl-istess livell ta' astrazzjoni, jiffurmaw sekwenza orizzontali ta' kunċetti.

### *3.1.2.1.2. Ir-relazzjonijiet partittivi*

Relazzjoni partittiva teżisti meta l-kunċett superordinat jirrappreżenta s-sħiħ waqt li l-kunċetti sottordinati jirrappreżentaw parti mill-istess sħiħ. Meta dawn il-partijiet jingħaqdu flimkien jiffurmaw it-totalità kunċettwali kollha. Il-kunċett superordinat f'relazzjoni partittiva jissejjaħ il-kunċett komprensiv u l-kunċett sottordinat f'din ir-relazzjoni jissejjaħ il-kunċett partittiv. Kunċetti sottordinati fl-istess livell u li jaqsmu l-istess dimensjoni, bħal fil-każ tar-relazzjonijijiet ġeneriċi, jissejħu kunċetti kordinati u bħalhom jistgħu jiġu espressi f'sekwenzi vertikali u orizzontali. Tajjeb ngħid li l-partijiet li jiffurmaw is-sħiħ jistgħu jkunu simili jew differenti minn xulxin. Barra minn hekk, xi partijiet jistgħu jkunu essenzjali jew sekondarji. Ċerti partijiet mhux talli huma obbligatorji imma jillimitaw lis-sħiħ biex jiddistingwi ruħu minn kunċetti komprensivi oħra.




Figura 31: Eżempju ta' relazzjoni partittiva, bil-kunċett *fekruna* bħala komprensiv.

Figura 31 hawn fuq, li hija sistema kunċettwali addattata minn illustrazzjoni ta' Borg (2006:148) dwar l-anatomija tal-fekruna, turi l-kunċett *fekruna* bħala dak komprensiv, għax jirrappreżenta s-sħiħ, waqt li *munqar*, *dahar*, *ġwienaħ* (sing. *ġewnaħ*) u *saqajn* (sing. *sieq*) huma partijiet minnu, kollha kunċetti obbligatorji. Imbagħad, is-sistema kunċettwali ta' Figura 32 hawn isfel, miġbura u addattata mill-esperjenza fl-injam ta' missieri, mastrudaxxa prim, tirrappreżenta *bieba/tebqa*, *serratura*, *ċaċċis* u *ċappetti* (sing. *ċappetta*) bħala partijiet neċessarji mill-kunċett komprensiv *bieb mastizz*. Kif jidher, il-kunċetti *disinn* u *xambrella* huma sekondarji, mhumiex obbligatorji, għall-kunċetti *panew/tavlar* u *ċaċċis* rispettivament. Għalhekk hija importanti definizzjoni tajba tal-intenzjoni tal-kunċett komprensiv qabel l-identifikazzjoni tal-karatteristiċi essenzjali fuq il-livell tal-kunċetti partittivi.




Figura 32: Eżempju ta' relazzjoni partittiva, bil-kunċett *bieb mastizz* bħala komprensiv.

### *3.1.2.2. Ir-relazzjonijiet assoċjati*

Ir-relazzjonijiet assoċjati mhumiex ġerarkiċi imma jeżistu biss meta jkun hemm rabta tematika bejn il-kunċetti. Huma jeżistu meta tiġi stabbilita dipendenza bejn il-kunċetti fir-rigward tal-qrubija tagħhom fl-ispazju u l-ħin. Fost l-oħrajn, dawn ir-relazzjonijiet jistgħu jinvolvu qrubija bejn materja prima u prodott, azzjoni u għodda, kwantità u unità, materjal u kwalità, materjal u stat, sustanza u materjal, oġġett konkret u materjal, oġġett konkret u figura, azzjoni u għan, azzjoni u post, u azzjoni u aġent. Ċerti relazzjonijiet assoċjati jinvolvu avvenimenti temporali, bħal xi proċess dipendenti fuq sekwenza, jew qrubija ta' kawża u effett. Ovvjament, it-tip ta' relazzjoni assoċjata li tkun tvarja skont is-sistema kunċettwali li titħaddem fiha.

| **Kunċetti** | **Relazzjoni assoċjata** |
|---|---|
| bieb ↔ mastrudaxxa | prodott – produttur |
| musmar ↔ martell | oġġett – għodda assoċjata |
| kitba ↔ lapes | proċess – għodda |
| għalliem ↔ skola | xogħol – post tax-xogħol |
| ċentimetru ↔ riga | kwantità – għodda li tkejjel |
| misħun ↔ borma | stat – għodda assoċjata |
| deni ↔ uġigħ ta' ras | kawża – effett |

Figura 33: Xi eżempji ta' relazzjonijiet assoċjati.

Il-formazzjoni ta' sistema kunċettwali tinvolvi għadd ta' operazzjonijiet interattivi li jwasslu għall-ġbir tal-vokabularju ta' qasam partikolari ta' riċerka. Qabelxejn, kollox jibda bl-għażla tal-qasam kunċettwali studjat, jiġifieri bl-għażla tad-deżinjazzjonijiet u l-kunċetti fil-qasam ta' riċerka, l-utenti fil-mira u l-bżonnijiet tagħhom. Wara, issir evalwazzjoni tar-rabtiet intensivi u estensivi li hemm bejn il-kunċetti. Tiġi determinata r-relazzjoni u l-pożizzjoni ta' dawn il-kunċetti fi ħdan is-sistema kunċettwali kollha. Jiġu fformulati u evalwati d-definizzjonijiet għall-kunċetti skont ir-relazzjonijiet kunċettwali, u fl-aħħar nett, jiġu attribwiti d-deżinjazzjonijiet għal kull kunċett involut. Passi bħal dawn iseħħu viċin xulxin. Għalhekk, id-definizzjonijiet maħdumin għandhom jirriflettu s-sistema kunċettwali kollha. F'każ li dawn id-definizzjonijiet ikunu ġa maħdumin formalment, ir-relazzjonijiet fi ħdan is-sistema għandhom ikunu stabbiliti b'analiżi tal-karatteristiċi kunċettwali tal-istess definizzjonijiet. Ukoll, l-immudellar tal-istruttura tas-sistema kunċettwali u l-kitba tad-definizzjonijiet għall-kunċetti trattati fis-sistema, aktarx, ikunu jeħtieġu xi aġġornamenti u tibdil minn żmien għal żmien permezz ta' repetizzjonijiet ta' xi passi msemmija hawn fuq (ISO 704, 2000:14-15).

### 3.1.3. *Ir-relazzjoni terminu-kunċett*

Għajr għal xi eżempji ta' ismijiet bil-Malti ta' għasafar imsemmija f'taqsima 3.2.1., ir-rabta bejn it-terminu u l-kunċett hija aktarx arbitrarja għaliex m'hemm l-ebda relazzjoni diretta bejniethom. Fil-fatt, dik li ngħidulha *mejda* bil-Malti, hija *table* bl-Ingliż, *tavola* bit-Taljan u *ṭāwila* (طاولة) bl-Għarbi. Mela, għall-istess kunċett jeżistu forom differenti skont lingwi differenti. Għalhekk, il-kelliem u s-semmiegħ iridu jkunu jafu l-istess lingwa u jkunu familjari mal-istess kuntest lingwistiku, pragmatiku, li fih iseħħ id-djalogu. Barra minn hekk, biex titfisser it-tifsira lessikali ta' terminu jintużaw ir-relazzjonijiet lessikali, ngħidu aħna, għat-terminu *tfulija* wieħed jista' jinqeda bis-sinonimu *żgħorija*, jew bl-antonomu *xjuħija*. Ukoll, il-monosemija, il-polisemija, l-omonimija u s-sinonimija huma erba' relazzjonijiet oħra li jkomplu jitfgħu dawl fuq ir-rabtiet li jeżistu bejn it-termini u l-kunċetti.

#### *3.1.3.1. Il-monosemija*

Din hija relazzjoni fejn id-deżinjazzjoni, imsarrfa f'terminu, tirrappreżenta biss kunċett wieħed. Fit-terminoloġija, din hija rabta ideali għaliex tnaqqas l-ambigwità li tfixkel. Ngħidu aħna, biex jesprimi l-mara tal-kunċett *kuluvert griż*, tip ta' għasfur raġel li f'xi waqtiet rari narawh ipassi u jbejjed fil-gżejjer tagħna, il-Malti juża *borka sekonda* u hekk tingħeleb l-ambigwità. L-istess jagħmel ilsienna għar-raġel tas-*sarsella* li jsejjħulu *kuluvert tas-sarsella* (Sultana, 2001:34-35).

#### *3.1.3.2. Il-polisemija*

Relazzjoni polisemika sseħħ meta jkun hemm tifsiriet differenti ta' terminu wieħed. Fit-terminoloġija – li tibbaża ruħha fuq il-monosemija, karatteristika li mhux dejjem tapplika fil-prattika – il-polisemija hija trattata differenti mill-mod kif tiġi trattata fil-lessikografija. Dan għaliex, fit-terminoloġija, il-valur semantiku ta' terminu huwa bbażat dejjem fuq ir-relazzjoni tiegħu mas-sistema kunċettwali li magħha jappartjeni (Cabré, 1999:108). Ngħidu aħna, fil-qasam tal-bini t-*tromba* hija dak l-ispazju li fih jitfassal u jinħadem it-taraġ (Camilleri, 2005:68), imma t-*tromba* fil-qasam kulturali tal-armar ta' barra tal-festa Maltija hija l-parti prinċipali, tan-nofs, ta' xi pilandra jew *kolonna/kanolla* u li aktarx ikollha magħha xi *panew* bl-iskultura (Camilleri, 2011:163-164). Għalhekk, ladarba l-kuntest lessikali jgħodd ħafna, fit-terminoloġija l-polisemija ssir omonimija.

#### *3.1.3.3. L-omonimija*

Meta żewġ termini bl-istess forma jirrappreżentaw kunċetti differenti jkun hemm każ ta' omonimja. Il-lingwistika tradizzjonali tagħmel distinzjoni bejn l-omonimija fonoloġika (omofonija) u l-omonimija ortografika (omografija). L-omofoni huma unitajiet pronunzjati l-istess, jinkitbu differenti, filwaqt li jirreferu għal kunċetti differenti, ngħidu aħna, *sena* (tnax-il xahar) u *sengħa* (xogħol tal-id). Bil-maqlub, l-omografi huma unitajiet li jinkitbu l-istess, jinstemgħu differenti, waqt li jirreferu għal kunċetti

differenti, ngħidu aħna *xandar* (il-verb) u *xandar* (in-nom tal-aġent). Għalhekk, l-omonimi perfetti huma dawk l-unitajiet li jinstemgħu u jinkitbu l-istess filwaqt li jfissru differenti, bħal *ġurat* (tal-qorti) u *ġurat* (l-insett) jew *bank* (tal-flus) u *bank* (tax-xogħol). Doublesin (1998:95) jorbot dan il-fenomenu lingwistiku ma' żviluppi fonetiċi jew grafiċi li l-lingwa tgħaddi minnhom, jew mal-bżonn storiku, dejjem ħaj, ta' neoloġiżmi. Cabré (1999:111) tkompli tinnota li l-omonimija hija iktar frekwenti fit-terminoloġija milli fil-lessiku ġenerali tal-lingwa. Dan għaliex, fit-terminoloġija kull qasam speċjalizzat jitqies bħala dominju magħluq. Għaldaqstant, it-terminoloġija tikkonċepixxi kull suġġett bħala sistema kunċettwali li għandha tiġi differenzjata minn suġġetti oħra li magħha jiffurmaw is-sistema lingwistika globali. Għalhekk, meta terminu jinħareġ 'il barra mill-qasam speċjalizzat tiegħu u, b'analoġija, jiġi applikat għal qasam ieħor, ikun hemm każ ta' omonimija.

### *3.1.3.4. Is-sinonimija*

Is-sinonimija hija r-relazzjoni bejn żewġ unitajiet formali differenti jew iktar li jirreferu għall-istess kunċett. Ngħidu aħna, għar-*russett abjad*, Joe Sultana (2001:28) jirreferi għal Antonio Schembri li jsejjaħlu *kwakk abjad*, Giovanni Gulia li jirreferi għalih bħala *ajrun abjad* u Giuseppe Despott li jsejjaħlu *russett imperjali*, tliet forom terminoloġiċi differenti skont tliet ornitoloġisti differenti. William Edward Collinson ħareġ b'disa' differenzi tipiċi bejn is-sinomini li Oliver Friggieri (ikkwotat fi Spagnol, 2007:144) qalibhom għall-Malti u magħhom żied xi eżempji:

> (1) kelma hi aktar ġenerali minn oħra, eż. *karab – beka*; (2) kelma hi aktar intensa minn oħra, eż. *wissa – widdeb*; (3) kelma hi aktar emottiva minn oħra, eż. *parpar – telaq*; (4) kelma tista' timplika ċensura jew approvazzjoni morali, eż. *berbaq – nefaq*; (5) kelma hi aktar professjonali jew teknika minn oħra, eż. *omiċidju – qtil*; (6) kelma hi aktar letterarja minn oħra, eż. *ħajr – ringrazzjament*; (7) kelma hi aktar kurrenti jew diskursiva minn oħra, eż. *xagħar – dliel*; (8) kelma hi aktar djalettali jew lokali minn oħra, eż. *manoċċa – tajra*; (9) waħda mis-sinonimi hi meħuda mit-taħdit tat-tfal, eż. *pappa – ikel*.

Aktarx, raġuni valida għaliex fil-Malti jeżistu daqstant sinonimi hi li meta beda dieħel fih l-element Rumanz infiltra miegħu kliem ġdid (bħal *lingwa* u *domanda*) li tiegħu ġa kienet teżisti l-forma Semitika (bħal *ilsien* u *mistoqsija*) li tirreferi għall-istess kunċett. Proċess bħal dan qed jiġġedded illum bl-element Ingliż, xi drabi b'detriment għat-terminu lokali, ngħidu aħna *ticket* minflok *biljett*. B'kuntrast, kif jinnota Briffa (2014:189), is-sinonimija tista' ttejjeb il-possibbiltajiet u l-varjazzjonijiet tal-kitba.

Ħafna mis-sinonimi li jeżistu huma parzjali jew kważi-sinonimi. Fil-fatt, ħafna studjużi jaqblu li s-sinonimi assoluti huma estremament rari. Spagnol (2007:144) jirreferi għal Ullmann (1962) li skontu "s-sinonimija assoluta tista' tokkorri f'varjetajiet tal-lingwa bħal-lingwaġġ tekniku, li n-nomenklaturi tiegħu jkunu mimlija termini definiti b'mod preċiż u mingħajr sfumaturi emottivi."

### 3.1.4. *Id-definizzjonijiet*

Id-definizzjoni hija d-deskrizzjoni lingwistika tal-kunċett, ibbażata fuq sett ta' karatteristiċi, li twassal għat-tifsira tal-istess kunċett (Sager, 1990:39). Tagħmel dan billi tippreżenta l-kunċett bħala unità b'limiti u estensjonijiet uniċi. Il-karatteristiċi li joħolqu l-limiti tad-definizzjoni għandhom jidentifikaw il-kunċett u jaqtgħuh minn kunċetti oħra. F'dan is-sens, il-kwalità tal-prodott terminoloġiku hija determinata mill-kwalità tad-definizzjoni tiegħu. Xi drabi, terminu jkun twil b'tali mod li jservi ta' definizzjoni. Bil-maqlub, definizzjoni ġieli tkun qasira tant li sservi bħala terminu. Minkejja dawn iż-żewġ possibbiltajiet, id-definizzjoni m'għandha qatt titħallat mad-deżinjazzjoni. L-ISO 704 (2000:15) jagħżel bejn żewġ tipi ta' definizzjonijiet: ta' intenzjoni u ta' estensjoni.

Definizzjoni ta' intenzjoni tindika liema hu l-kunċett superordinat u ssegwi bil-karatteristiċi li jiddistingwu lill-kunċett definit minn kunċetti oħra, ngħidu aħna, *it-tnalja hija tip ta' għodda, it-tuffieħa hija tip ta' frotta*. Definizzjonijiet ta' dan it-tip jintużaw ħafna, u hekk għandu jkun, għaliex permezz tal-identifikazzjoni mill-bidu tal-kunċett superordinat, il-kunċett definit jitqiegħed mill-ewwel fil-kuntest it-tajjeb fi ħdan is-sistema kunċettwali kollha. Meta definizzjoni tiddikjara l-kunċett ġeneriku sa mill-bidu nett, il-karatteristiċi li jikkreaw l-intenzjoni tal-kunċett superordinat jiġu preżunti mill-ewwel.

F'dokumenti terminoloġiċi speċjalizzati ħafna u mmirati lejn l-esperti tal-qasam, id-definizzjoni tista' tinħoloq bħala lista tal-kunċetti sottordinati, f'dimensjoni waħda biss, li jikkorrispondu għall-oġġetti li jiffurmaw l-estensjoni tal-kunċett. Din il-lista tal-kunċetti sottordinati tista' tkun magħmula minn kunċetti individwali jew ġenerali u tirrappreżenta l-kunċetti li juru l-oġġetti li jiffurmaw l-estensjoni u mhux l-oġġetti nfushom. Għalhekk, f'din it-tip ta' definizzjoni jintuża l-operatur *jew* biex jindika relazzjoni ġenerika bejn il-kunċetti sottordinati u l-kunċett superordinat li qed jiġi definit. L-operatur *u*, ikompli l-ISO, jintuża biex jindika relazzjoni partittiva. Ngħidu aħna, wieħed jista' jiddefinixxi l-frażi terminoloġika *speċi mhedda* bħala *speċi f'periklu kritiku, speċi fil-periklu* jew *speċi vulnerabbli*. Definizzjonijiet ta' dan it-tip ma jintużawx b'mod frekwenti imma aktarx jagħmlu tajjeb biss meta d-definizzjonijiet ta' intenzjoni ma jkunux jistgħu jiġu elaborati aktar.

## 3.2. L-aspett formali tat-terminu

Il-parti formali tal-unità terminoloġika tissejjaħ deżinjazzjoni jew terminu. L-ISO 1087-1 jiddefinixxi t-terminu bħala deżinjazzjoni verbali ta' kunċett ġenerali f'qasam ta' suġġett speċjalizzat. Imbagħad, fl-istess standard, id-deżinjazzjoni tiġi deskritta bħala r-rappreżentazzjoni ta' kunċett, simbolu li jindikah (2000:6). Sager jispjega li t-termini huma deżinjazzjonijiet lingwistiċi assenjati lill-kunċetti. Ikompli li, ladarba t-terminoloġija tittratta oqsma speċjalizzati ta' għarfien, it-termini jirreferu għal entitajiet, proprjetajiet u relazzjonijiet kunċettwali separati minn xulxin u li flimkien jiffurmaw massa

ta' għarfien f'qasam partikolari tal-ħajja. Jgħid ukoll li l-għażla tat-terminu għandha tirrifletti l-kunċett b'mod effettiv filwaqt li l-forma tiegħu għandha tiġi aċċettata b'mod ġenerali fil-lingwa li tkun (2001:286).

L-oġġetti u l-metodi fi ħdan qasam speċjalizzat ta' lingwa, jiddeterminaw il-kunċetti li dan juża kif ukoll id-deżinjazzjonijiet meħtieġa għall-istess kunċetti. Sager (1990:71) jidentifika tliet metodi li jipparteċipaw fil-formazzjoni ta' deżinjazzjonijiet ġodda: l-użu ta' riżorsi eżistenti, il-modifikazzjoni ta' riżorsi eżistenti u l-ħolqien ta' unitajiet lingwistiċi ġodda. Fuq kollox, huwa jagħraf li l-konsistenza hija l-prinċipju ewlieni li jmexxi lit-tlieta li huma (Sager, 1990:64). B'kuntrast, tajjeb ngħid li ċerti prinċipji loġiċi jaf ma jkunux validi għaliex flokhom jagħmlu tajjeb xi konvenzjonijiet li jkunu żviluppaw f'ċerti oqsma tul iż-żminijiet.

### 3.2.1. *It-terminu bħala ħoss u grafema*

Fil-lingwistika, kull unità li tista' tiddistingwiha minn oħrajn għandha rappreżentazzjoni fonoloġika li timmanifesta ruħha bħala forma fonetika. F'dan is-sens, it-termini huma rappreżentazzjoni fonoloġika li fil-livell bażiku tagħhom għandhom forma fonetika. Kull kelliem ta' lingwa, għal kull terminu, għandu forma fonoloġika li jista' jinterpretaha fonetikament billi japplika r-regoli morfofonoloġiċi u fonoloġiċi tal-istess lingwa. Fil-morfoloġija, imbagħad, it-termini jitqiesu bħala strutturi ta' morfemi kostitwenti li jiffurmaw il-bażi tat-tifsira tagħhom.

Minkejja li l-lingwistika tinqata' kemm kemm mid-deskrizzjoni tar-rappreżentazzjoni grafika tal-kliem – għax dan mhuwiex qasam ta' għarfien li jaqa' taħt il-kompetenza naturali tal-kelliem – fit-terminoloġija, dan l-aspett għandu rwol kruċjali għad-deskrizzjoni. Dan għaliex, l-istandardizzazzjoni[59] taġixxi fuq din il-forma miktuba u mhux fuq il-pronunzja tagħha (Cabré, 1999:83).

Fit-terminoloġija, għalhekk, il-forma ta' terminu hija kkunsidrata bħala sekwenza ta' ħsejjes jew ittri li jirrappreżentaw forma bażi fonoloġika (skont ir-regoli fonetiċi tal-lingwa li tkun) jew forma miktuba (skont il-konvenzjonijiet ortografiċi tal-istess lingwa) (Cabré, 1999:82). Dawn il-ħsejjes (fit-taħdit) jew grafemi (fil-kitba) jikkostitwixxu sinifikatur li jirreferi għal dak li qiegħed jingħata sinfikat, il-kunċett (Tavalán Zanón, 2011:kap 2).

[59] Einar Haugen (1966:933) jidentifika erba' fatturi ewlenin li jwasslu għall-istandardizzazzjoni: (i) l-għażla tan-norma, (ii) il-kodifikazzjoni tan-norma, (iii) l-elaborazzjoni tal-funzjoni, u (iv) l-aċċettazzjoni tal-komunità. L-għażla tan-norma tinvolvi l-proċess tal-għażla ta' varjetà waħda li sservi bħala l-uffiċjali; il-kodifikazzjoni tan-norma tikkonsisti mir-regolarizzazzjoni tal-grammatika u l-ortografija tal-varjetà magħżula; l-elaborazzjoni tal-funzjoni ssejjaħ lill-varjetà magħżula fil-kapaċità tagħha li taħdem f'oqsma differenti tal-ħajja fejn tiffunzjona; l-aċċettazzjoni tal-komunità ssir meta jkun hemm atmosfera ta' lealtà u kburija mill-utenti lejn il-varjetà standardizzata tagħhom.

*raxketta*
il-forma fonetika [rɐʃˈkɛttɐ]
il-forma miktuba raxketta

*xikel*
il-forma fonetika [ˈʃɪkɛl]
il-forma miktuba xikel

*fallakka*
il-forma fonetika [fɐlˈlɐkkɐ]
il-forma miktuba fallakka

Fonetikament, it-termini mhumiex differenti mill-kliem għaliex iż-żewġ tipi ta' unitajiet jirrispondu għall-istess regoli tas-sistema lingwistika. Biss, il-karatteristiċi partikolari tat-termini li ma narawx ta' spiss fil-lessiku ġenerali tal-lingwa, fost l-oħrajn, jafu posthom fil-preżenza ta' unitajiet iffurmati minn bażijiet derivattivi (affissi) Latini u Griegi li huma iżjed dominanti fit-terminoloġija milli fil-vokabularju ġenerali. Barra minn hekk, xi termini missellfa minn lingwi oħra li jkunu għadhom ma addattawx mar-regoli fonoloġiċi u ortografiċi tal-lingwa li tkun jistgħu jippreżentaw xi ħsejjes u grafemi ġodda li jgħaddu mill-għarbiel lingwistiku tal-lingwa inkwistjoni (Tavalán Zanón, 2011:kap 2). Għalhekk, id-deżinjazzjonijiet terminoloġiċi huma sistematiċi fuq żewġ livelli: skont is-sistema lessikali ġenerali tal-lingwa u skont is-sistema terminoloġika ta' kull qasam speċjalizzat tal-lingwa. Barra minn hekk, interessanti kif fil-Malti, bħal f'lingwi oħra, jeżistu ismijiet ta' għasafar li ftit jew wisq jimitaw il-leħen li jagħmlu l-istess ħlejjaq. Fost l-oħrajn, *Il-Ħuttafa* (2019:155), rivista inklinata lejn il-membri ż-żgħar tas-Soċjetà Ornitoloġika Maltija (illum, BirdLife Malta) tirreferi għaz-*zakzak*, il-*ġaħġaħ*, id-*diżż*, il-*kwakka*, il-*pispisella*, iċ-*ċewċewwa* u l-*pespus*.

Tajjeb ngħid li l-forma grafika tat-termini ma tvarjax minn dik tal-kliem iżda hija kkundizzjonata wkoll mir-regoli ġenerali ortografiċi tal-lingwa. B'riżultat ta' numru iżjed ta' kliem neoklassiku fil-lingwaġġi speċjalizzati ta' ċerti oqsma lessikali, tosserva Cabré, l-istrutturi morfoloġiċi li jiddominaw fit-terminoloġija jipproduċu aktar kliem b'sinjali speċjali (bħas-sing qasir jew dijakritiċi) jew ċerti kombinazzjonijiet oħra ta' ittri (1999:83).

### 3.2.2. *It-terminu bħala proċess ta' formazzjoni*

Formalment, it-terminu huwa unità li tista' tinqasam f'elementi separati u li tista' tkun magħmula minn unitajiet iżgħar, identifikabbli u sinifikanti li jissejħu morfemi. Il-morfema hija l-iżgħar unità tal-lingwa li tissodisfa l-kriterji formali u semantiċi f'salt. Hija l-iżgħar unità distintiva fil-grammatika (Crystal 2008:313). B'kuntrast, l-unità deskrittiva taħt il-livell tal-morfema – il-fonema – m'għandha l-ebda tifsira. Minn ħarsa morfoloġika, l-unitajiet lessikali huma sempliċi jekk fihom morfema waħda biss jew kumplessi jekk għandhom iktar minn morfema waħda. It-tifsira tal-unità komposta hija fil-prinċipju

l-kombinazzjoni tat-tifsiriet tal-morfemi kostitwenti tagħha, iżda dan mhux dejjem il-każ (Cabré, 1999:83).

Ġeneralment, biex tikkrea deżinjazzjonijiet ġodda, it-terminoloġija tikkonsisti mill-istess riżorsi u mekkaniżmi li l-lessiku ġenerali jkollu biex joħloq kliem ġdid. It-termini huma konformi mal-istess strutturi li s-sistema lingwistika tippermetti u li huma suġġetti għall-istess regoli ta' kombinazzjoni u restrizzjoni. It-termini jistgħu jinħolqu mill-ispeċjalisti ta' qasam jew oqsma partikolari, jew jiġu missellfa minn lingwa oħra barranija billi jinkorporaw ruħhom bħala unitajiet terminoloġiċi fil-lingwa partikolari tal-kelliem (Cabré, 1999:92).

Fejn tidħol il-formazzjoni tat-termini, tajjeb wieħed josserva l-prinċipji elenkati fl-ISO 704 (2000:25-27):

*It-trasparenza*

Kif tikteb Calleja (2017:19), terminu għandu jkun trasparenti biżżejjed li mqar jinftiehem parzjalment mingħajr il-bżonn li tiġi rreplikata d-definizzjoni. Fi kliem ieħor, il-morfoloġija tiegħu għandha titfa' dawl fuq it-tifsira tiegħu. Terminu trasparenti għandu jkollu karatteristika li tagħlqu u li tiddistingwih minn oħrajn. L-istandards jissuġġerixxu wkoll li dan il-karattru deimitattiv tiegħu għandu kemm jista' jkun jitbiegħed mit-tibdil tal-iżviluppi teknoloġiċi għax jekk jiġri dan it-trasparenza tiegħu tisfoka u t-terminu jiġi wiċċ imb wiċċ mal-possibbiltà li jinbidel. Għat-tisħiħ tat-trasparenza, Calleja tirreferi wkoll għall-bżonn li jinbena kuntest ġuridiku multilingwi permezz ta' għażla lessikali li tkun ekwivalenti ma' dik ta' lingwi oħra.[60]

*Il-konsistenza*

Fit-terminoloġija ta' qasam speċjalizzat għandu jkun hemm sistema koerenti ta' termini li tirrappreżenta sistema integrata ta' kunċetti. Fi kwalunkwe suġġett, it-terminoloġija m'għandhiex tkun arbitrarja jew kollezzjoni mħallta ta' termini. Minflok, għandha tkun sistema koerenti ta' termini li tirrappreżenta sistema integrata ta' kunċetti fejn it-termini diġà eżistenti u dawk ġodda jintegraw flimkien u jkunu konsistenti fi ħdan is-sistema kunċettwali tal-qasam li jkun. Ngħidu aħna, fil-Kimika, l-aċtu għandu jkun dejjem segwit minn aġġettiv li jispiċċa *-iku* li jiddetermina t-tip tal-aċtu li jkun, eż. *aċtu sulfuriku* (Privitelli, 2010:9; Linji Gwida Interistituzzjonali, 2012:5; Seychell, 2011:4).

*L-idoneità*

It-termini proposti għandhom ikunu familjari u mibnijin skont mudelli stabbiliti sinifikattivi fi ħdan il-komunità lingwistika, speċifika, li tkun. Formazzjonijiet ta' termini li jħawdu għandhom jiġu evitati. Biex tiġi evitata l-ambigwità, it-termini għandhom jikkonformaw mas-sinifikat mibni f'reġistru

[60] Ħafna mill-ħidma tat-terminologi tad-Dipartiment tal-Malti ġewwa l-Kummissjoni Ewropea ssir fuq din l-istruttura multilingwi. Ara, ngħidu aħna, is-supplimenti ta' *l-aċċent* (5:2011, 9:2013, 10:2013, 14:2016, 15:2017, 16:2017, 17:2018, 18/19:2019).

partikolari. Ngħidu aħna, f'reġistru kimiku popolari tintuża *aċitilena*, iżda l-isem f'reġistru xjentifiku għandu jkun *aċetilen* (Linji Gwida Interistituzzjonali, 2012:5; Seychell, 2011:4).

*L-ekonomija lingwistika*

It-terminu għandu jkun kemm jista' jkun konċiż. Tul żejjed fil-forma tiegħu jaf itellef il-komunikazzjoni li jrid iwassal. It-tul żejjed ikisser il-prinċipju tal-ekonomija lingwistika u jżid il-probbabbiltà li tinqabeż parti minnu. Terminu f'forma qasira jwassal għal trasparenza akbar u jnaqqas l-ambigwità.

*Id-derivabbiltà u l-komponibbiltà*

Għandhom ikunu favoriti termini li jippermettu l-formazzjoni ta' derivazzjonijiet ġodda minnhom jew li fuqhom jinbnew oħrajn ġodda.

*Il-korrettezza lingwistika*

It-terminu għandu jikkonforma mal-prinċipji fonoloġiċi, morfoloġiċi u morfosintattiċi tal-lingwa inkwistjoni.

*Preferenza fuq il-forma nattiva*

Minkejja li s-self minn lingwi oħra huwa forma aċċettata fil-formazzjoni tat-termini, espressjonijet nattivi tal-lingwa inkwistjoni jingħataw preferenza fuq is-self dirett.

Cabré (1999:92) tikteb li t-termini l-ġodda li huma riżultat ta' proċess formattiv, normalment, ikunu kklassifikati skont l-istrateġija li l-kelliem juża biex joħloqhom. Dawn l-istrateġiji metodoloġiċi, tkompli, jgħinuna nikklassifikaw it-termini skont l-oriġini lingwistika tagħhom (3.2.2.1.) u skont kriterji formali (3.2.2.2.), semantiċi (3.2.2.3.) u funzjonali (3.2.2.4.) (1999:88-90).

### *3.2.2.1. L-oriġini lingwistika*

It-termini jistgħu jitnisslu bl-applikazzjoni tar-regoli grammatikali tal-lingwa li tkun jew billi jissellfu minn kodiċi jew sottokodiċi ieħor. F'din il-parti se nittratta l-aħħar tip, is-self tat-termini. Jeżistu żewġ perspettivi ta' kif wieħed iħares lejn il-lingwa: il-lingwa storika u l-lingwa funzjonali. Coseriu (ikkwotat f'Cabré, 1999:88) jargumenta li l-lingwa storika hi magħmula minn diversi lingwi funzjonali. Mill-aspett storiku, jeżisti self differenti li jiddependi mill-kodiċi minn fejn l-unitajiet terminoloġiċi missellfa nħarġu:

- kliem missellef mill-Grieg jew mil-Latin; self neoklassiku.
- kliem missellef minn lingwa oħra kontemporanja; self veru.
- kliem missellef minn djaletti oħra ġeografiċi jew soċjali, jew minn oqsma oħra tas-suġġett fi ħdan l-istess lingwa; ġeneralment dan mhuwiex ikkunsidrat bħala self.

Id-derivazzjonijiet u l-komposti neoklassiċi huma iżjed frekwenti fit-terminoloġija milli fil-lingwaġġ ġenerali. Dan hu minnu l-iżjed fil-qasam tax-xjenza naturali. L-istandards internazzjonali tat-terminoloġija jirrakkomandaw b'mod espliċitu l-użu ta' zkuk u affissi neoklassiċi sabiex jinkoraġġixxu iżjed deżinjazzjonijiet ta' natura internazzjonali. Għad li dan mhux dejjem jiġi segwit, l-istess standards iħeġġu li t-termini neoklassiċi jiġu ffurmati minn lingwa storika waħda u mhux iżjed (Cabré, 1999:89). Fost l-oħrajn, termini Maltin bħal *barometru* u *morfoloġija* għandhom oriġini Griega, waqt li *batterija* u *piktografija* jafu l-Latin. Termini bħal dawn, il-Malti aktarx silifhom minn lingwi oħra li influwenzawlu l-istratigrafija tiegħu, bħall-Ingliż u t-Taljan.

Fil-fatt, ħarsa storika lejn ilsienna tgħinna nkomplu nifhmu iżjed kif kliem missellef minn sistemi ta' lingwi oħra huma unitajiet li daħlu fil-lingwa mal-medda taż-żmien b'mod konxju jew inkonxju. Biss, kollox għandu jibda mill-ġeneoloġija tal-Malti li tgħinna nfanndu iktar fl-oriġini ta' lsienna għaliex biha niffukaw biss fuq in-nukleu ċentrali tal-Malti u ninjoraw il-periferija tal-influwenzi minn lingwi oħra. Hija l-istudju tal-lingwa-bint f'relazzjoni mal-lingwa-omm. Għalhekk, jekk ix-xhieda tad-dokument ta' al-Himyarî hi minnha, il-ħerba li għamlu l-Musulmani f'Malta fis-sena 870 wK, il-mija u tmenin sena tal-gżejjer fid-diżabitat u t-twaqqif ta' kolonja ġdida tal-Għarab ta' Sqallija fl-1048 jispjegaw tajjeb għaliex fil-Malti ma jeżistix sostrat – lingwa mitkellma qabel dik li ħaditilha postha – iżda l-ġeneoloġija ta' lsienna hija marbuta għalkollox mal-Għarbi bħala l-istrat ewlieni (Brincat 2000:30). Tant hu hekk li l-vokabularju bażiku tal-Malti writnieh mill-Għarbi, ngħidu aħna, ismijiet ta' annimali u ħut (eż. *kelb*, *ħaddiela*), ismijiet ta' frott (eż. *tuffieħ*, *ħawħ*), l-istaġuni (eż. *rebbiegħa*, *ħarifa*), ismijiet ta' kuluri (eż. *iswed*, *abjad*), u l-bqija.

Mal-miġja tan-Normanni u t-tkeċċija tal-Musulmani fl-1249, dan l-Għarbi ta' Malta iżola ruħu mill-mamma Għarbija u beda jitħallat ma' kuntatt ieħor barrani, taħlita li bdiet tirrendih karattru awtonomu. Fil-fatt, l-istratigrafija ta' lsienna turina li bdiet dieħla influwenza Ewropea, bir-Rumanz – il-Latin, l-Isqalli u t-Taljan – bħala s-superstrat. Brincat (2011:103-143) hu tal-fehma li l-maġġorparti tat-tislif lingwistiku mir-Rumanz fil-Malti daħal proprju f'dan il-perjodu ta' qabel il-miġja tal-Kavallieri. Wettinger jixhed li l-partijiet formali tad-dokumenti notarili medjevali f'Malta dak iż-żmien kienu jkunu bil-Latin u l-partijiet l-iżjed informattivi u relevanti tagħhom kienu jkunu bl-Isqalli. Hawnhekk, ilsienna jidher miktub f'xi tentattivi rari meta l-iskrivan tal-qorti ma kienx isib traduzzjoni preċiża bil-Latin jew bl-Isqalli u kien jikkuntenta bil-verżjoni oriġinali Maltija kif semagħha tingħad mix-xhieda nfsuhom. Fost l-oħrajn, Wettinger jiddokumenta l-kelma *aquzani* (bil-Malti modern, *akkużani*) – li tikkonsisti mill-verb Taljan *accusa* u s-suffiss pronominali Semitiku -*ni* – hi stess xhieda biżżejjed tal-ibridiżmu storiku (Għarbi-Rumanz) li kien diġà qiegħed jaħkem lill-Malti medjevali ta' dak iż-żmien (1985:164). Barra minn hekk, fit-teżi tiegħu għall-Baċellerat, Daniel Bezzina (2013:8-16) jiddokumenta lista ġmielha ta' terminoloġiji minn oqsma differenti tal-ħajja Maltija li nkitbu bl-Isqalli u li tħalltu mal-Għarbi ta' Malta ta' dan il-perjodu, ngħidu aħna:

- Termini legali u finanzarji, bħal *protesta, sentencia, negocio* u *pensioni.*
- Termini ta' snajja' u professjonisti, bħal *notar, arginteri, mastrudaxxa* u *organista.*
- Termini ta' għodod, bħal *flascun, segi, fallachi* u *czappuni.*
- Termini marittimi, bħal *buxula, carracca, lancij* u *galerj.*

F'dan il-perjodu ma nistgħux ma nsemmux il-Kantilena li hi l-iżjed dokument antik sħiħ miktub bil-Malti. Din il-poeżija nstabet minn Godfrey Wettinger u Patri Mikiel Fsadni fir-reġistru notarili tan-nutar Brandanu Caxaru (Wettinger u Fsadni 1983:11-12). Fil-manuskritt, Brandanu jiddikjara li dil-poeżija kitibha qaribu Pietru Caxaru. F'dik il-ħabta kienet teżisti sitwazzjoni ta' diglossja, bil-Malti bħala l-bażilett (mitkellem mill-poplu) u l-Latin u l-Isqalli bħala l-lingwi miktubin tal-amministrazzjoni. F'dan is-sens, Caxaru bilfors kellu jgħaddi lill-Malti djalettali mill-istess għarbiel tal-espressjoni grafika tal-akrolett, il-lingwa prestiġġjuża tal-ħakkiem li kienet miktuba. Minkejja l-uniċità tagħha, il-Kantilena sservi bħala minjiera ta' tagħrif għall-iżviluppi lingwistiċi tal-Malti li kellhom isegwu matul medda ta' snin. Fuq livell lessikali, ngħidu aħna, kliem bħal *tiragin, tafal* u *miramiti* jixbhu 'l dawk moderni *turġien, tafal* u *imrammti*, oħrajn bħal *minzeli* intilfu, u oħrajn li biddlu s-semantika tagħhom, eż: *miken* li kienet tfisser 'post' għall-kuntrarju tal-*imkien* moderna li tfisser 'nowhere' (Brincat, 2000:90-95).

Il-kuntatt mar-Rumanz kompla jissaħħaħ mal-miġja tal-Ordni ta' San Ġwann fl-1530. Dawn kienu nies ta' kultura kbira u wlied familji nobbli. It-Taljan sar l-ilsien użat fil-qrati, l-ilsien tal-kultura, l-akrolett. F'dal-perjodu rikk, il-Maltin bdew jitgħallmu bosta snajja' ġodda u għalhekk il-lingwaġġ tagħhom beda jitħallat ma' dan l-element Rumanz ta' kultura. Hawnehkk jispikka l-indħil ta' listi ġmielhom ta' termini relatati mal-arti (bħal *pittur, tila, skultur*), mal-mużika (bħal *opra, orkestra, kor*), mal-letteratura (bħal *novella, rumanz, ballata*), mal-mediċina (bħal *operazzjoni, professur, loppju*), max-xjenza (bħal *ċellola, mikroskopju, matematika*), u ħafna oħrajn. Fl-omeliji ta' Ignazio Saver Mifsud (ikkwotat f'Farrugia, 1998:282), tinħass sewwa din l-influwenza tat-Taljan fuq il-Malti – bħala l-meżolett – għax kien qed jitħaddem bħala medju ta' kompromess bejn is-saċerdot edukat u l-udjenza illitterata, eż: *Marija Santissima kienet kunċetta mingħajr dnub*.

Minħabba l-kuntatt tiegħu mat-Taljan, il-Malti assorba wkoll numru kbir ta' suffissi li permezz tas-sistema konkatenattiva tiegħu tgħinu jkompli jagħni lilu nnifsu bi kliem ġdid, bħal nomi tal-aġent (eż. *tapizz-ar, band-ist, preżent-atur*), nomi tal-post (eż. *biljett-erija*), diminuttivi (eż. *ċikkulat-ina, bank-etta*), akkrexxittivi (eż. *ikl-un*), aġġettivi (eż. *Franċ-iż*), partiċipji passivi (eż. *pinġ-ut, eduk-at*) u l-bqija. Interessanti kif din l-influwenza morfoloġika Rumanza ma ħadmitx biss mal-element Rumanz missellef iżda integrat ukoll mal-istrat Semitiku tal-Malti (eż. *tell-ar*) u aktar tard mal-adstrat Ingliż (eż. *ipprintj-at*).

Għalkemm l-akbar influwenza mir-Rumanz fil-Malti ħadnieha mill-Isqalli u mit-Taljan, insibu influwenza żgħira oħra fil-qasam lessikali minn xi ilsna Rumanzi oħra, bħall-Ispanjol u l-Franċiż. Fost

il-ftit kliem li ssellifna mill-Ispanjol insibu *xkubetta* u *ċkejken*, filwaqt li kelmiet bħal *bonġu* u *bonswa* għandhom oriġini Franċiża (Farrugia, 1998:287). Dan il-kliem mill-Franċiż aktarx daħal fil-Malti fi żmien l-Ordni mingħand xi kavallier, jew fi żmien il-ħakma qasira Franċiża (1798-1800).

Mal-miġja tal-Ingliżi fl-1800, ilsienna beda jiġi f'kuntatt ma' lsien ieħor ta' natura tipoloġika differenti minn tiegħu – l-Ingliż – li fil-bidu sab oppożizzjoni kbira mit-Taljan. L-Ingliżi xtaqu jagħtu aktar importanza lill-Ingliż (bħala akrolett) u għalhekk bdew jorbtuh ma' ċerti privileġġi soċjali, bħal opportunitajiet aħjar ta' xogħol. Fil-fatt, għall-bidu, il-kuntatt mal-Ingliż kien limitat biss għal postijiet bħat-Tarzna, fejn bdew deħlin termini bħal *bojler* u *dokk*, u fil-qasam tal-isport.

Biss, it-Tieni Gwerra Dinjija ġabet lill-Maltin u lill-Ingliżi iktar viċin ta' xulxin, waqt li l-attakki tat-Taljani fuq Malta taw daqqa 'l isfel lill-qima li kienet tintwera lejn dak kollu li kien Taljan. F'dan il-perjodu storiku ikrah fi lsienna beda dieħel bosta kliem assoċjat mal-gwerra, ngħidu aħna *xelter, destrojer,* u *air raid,* fost l-oħrajn. Bħalma kien ġara qabel fil-kuntatt tal-Malti mal-Isqalli/it-Taljan, it-tipoloġija tal-istrat Semitiku kienet taħdem fuq il-materjal missellef biex jiġu ffurmati tiswiriet ibridi. Hekk, termini bħal *kettle* u *boiler* fil-Malti spiċċaw *kitla* u *bajla* fuq il-forma Semitika 1v23a. Xi kliem bħal *kitla* u *senter* ħadu wkoll il-plural miksur (ie. *ktieli* u *snieter*), filwaqt li xi kliem ieħor beda jieħu l-plural Semitiku sħiħ *-ijiet*, bħal *xeltrijiet* u *swiċċijiet.* Interessanti ħafna l-verb *fajjar,* li huwa frott tal-ibridiżmu tal-Ingliż *to fire* (√ FJR) mat-tieni forma verbali Semitika 1v22v3.

Wara l-Gwerra, l-influwenza tal-Ingliż kibret b'rata mgħaġġla u sar il-medju primarju li jgħaqqad lill-Maltin mal-bqija tad-dinja. L-Ingliż illum huwa l-adstrat – kuntatt li għadu miftuħ – ewlieni tant li għadu jaffettwah minn ħafna livelli lingwistiċi, fosthom dak lessikali. L-Ingliż huwa l-għajn primarja li minnha l-Malti jassorbi l-maġġoranza tat-terminoloġija ta' oqsma varji speċjalizzati, ngħidu aħna, it-teknoloġija (eż. *laptop, hasthag*), il-finanzi (eż. *endowment, frontloading* ) u l-isport (eż. *tennis, blackball pool*), fost ħafna oħrajn.

Fl-1934, il-Malti u l-Ingliż saru ż-żewġ ilsna uffiċjali tal-gżejjer Maltin bil-Malti jgawdi l-preġju nazzjonali. Mid-diglossja Malti-Taljan, issa għaddejna għall-bilingwiżmu Ingliż-Malti.[61] Illum, waqt li l-Malti jagħtina identità bħala nazzjon u jgħinna nikkomunikaw fi ħdan is-soċjetà tagħna, l-Ingliż jgħaqqadna mal-kumplament tal-globu. Barra minn hekk, issa lsienna huwa wieħed mil-lingwi uffiċjali tal-UE (2004), l-unika lingwa b'bażi ġeneoloġika Semitika fl-Ewropa. Il-Malti huwa wkoll l-unika lsien Semitiku li jinkiteb b'alfabett Latin. Interessanti li, minkejja li d-djaletti Għarab ġeneralment ma jinkitbux, il-Malti – li ġeneoloġikament hu djalett Għarbi – hu mitkellem u miktub. Dan għaliex, waqt

[61] Problema serja li tinbet mill-bilingwiżmu hija li tkun diffiċli biex tiddefinixxi fejn jieqaf il-qlib tal-kodiċi u fejn jibda l-Malti standard. Għad li sitwazzjoni bħal din tiddependi ħafna fuq l-individwu, fil-preżent dan il-fenomenu qed jitħaddem fil-livelli kollha, fl-oqsma kollha, fi gradi differenti. Fil-fatt, termini Ingliżi bħal *shower, bathroom, toilet, bedroom, sitting room* u *dining room* xi drabi donnhom jieħdu post dawk tradizzjonali bħal *doċċa, kamra tal-banju, loki, kamra tas-sodda* u *kamra tal-ikel* (Brincat u Mifsud, 2015:3365).

li d-djaletti Għarab jgħixu f'sitwazzjoni ta' diglossja mal-Għarbi Klassiku, il-Malti jgħix f'sitwazzjoni bilingwi mal-Ingliż. Waqt li d-djaletti Għarab għadhom jistrieħu fuq l-Għarbi Klassiku, il-Malti ilu iżolat minn għeruqu sa mill-1249. Tant hu hekk li fil-Malti llum nużaw l-espressjoni *friġġ* u mhux *barrada*, nużaw *friżer* u mhux *sillieġa*.

Jekk nitfgħu fil-ġenb l-arbitrarjetà lingwistika li għadda minnu s-simbolu Malti tul il-proċess storiku li rajna, ġeneralment, il-kelliema jemmnu li teżisti rabta naturali bejn id-deżinjazzjoniijet tat-termini u l-kunċetti li jirrappreżentaw. Din ir-rabta naturali hija tendenza li aktarx tinżamm dejjem. Fil-fatt, l-ewwel forma użata biex toħloq kunċett, ħafna drabi, titqies bħala l-iżjed waħda naturali u għalhekk l-iżjed waħda li aktarx tissopravivi fi ħdan l-istess soċjetà. Tant hu hekk li tentattivi Semitiċi bħal *sikkieta* u *marmad* għall-Ingliżi *silencer* u *ashtray* rispettivament, fil-Malti fallew. B'kuntrast, in-nom verbali *tisliba*, mibni minn Ġużè Aquilina bi proċess introflessiv għall-frażi *crossword puzzle*, qabdet (Carabott, 2016). L-istess nistgħu ngħidu bil-kelmiet *stessu* għall-Ingliża *selfie, borrinu* għal *snowman* u *wiċċinu* għal *emoticon*, it-tlieta mibnijin minn Spagnol (2013, 2014, 2015) bi proċess konkatenattiv. Ta' min jgħid li, kemm-il darba, is-self ta' kliem barrani ma jkunx neċessarju għax diversi lingwi jkollhom biżżejjed mekkaniżmi u riżorsi biex jifformulaw it-termini tagħhom. Fl-istudju tiegħu, Mifsud (1995) jinnota li l-formazzjoni tal-kliem fil-Malti llum qed tiċċaqlaq gradwalment mill-morfoloġija bbażata fuq l-għerq Semitiku għall-morfoloġija Ewropea bbażata fuq iz-zokk, u din tal-aħħar hija probabbilment responsabbli għal xi għażliet anke fi ħdan l-istrat Għarbi nnifsu. Ngħidu aħna, il-karatteristiċi tal-inflessjoni Għarbija, espressa permezz tat-tagħqid, għandhom iżjed ċans li jgħixu u jibqgħu produttivi minn oħrajn li jinvolvu bidliet interni. Pereżempju, il-ħoss tal-plural Semitiku *-ijiet* (eż. *ommijiet*, *aħbarijiet*) mhux biss huwa preżenti ma' lessemi Semitiċi iżda jiġi applikat ta' spiss ma' kliem ta' oriġini Rumanza u Ingliża (eż. *prinċpijiet, kowtijiet*). Huma eżempji bħal dawn, fost ħafna oħrajn, li jikxfu l-karattru ibridu tal-Malti. Din ir-realtà tixhed il-vitalità tal-lingwa li tkun (f'dal-każ, il-Malti), l-attitudnijiet li għandhom il-kelliema għall-ilsna li jużaw u l-ordni ġerarkika tal-lingwi f'relazzjoni mal-ambitu politiku, ekonomiku u soċjali fi ħdan l-istess soċjetà.

### *3.2.2.2. Kriterji formali*

Il-ħila li jinħoloq kliem ġdid hija manifestazzjoni naturali tal-kompetenza lingwistika tal-kelliem. Il-kelliema kollha ta' lingwa għandhom il-kapaċità li jissuġġerixxu deżinjazzjonijiet ġodda għal perċezzjoni ġdida partikolari fid-dinja reali ta' madwarhom. Ukoll, huma għandhom il-ħila jissuġġerixxu ismijiet alternattivi għal kunċetti b'ismijiet diġà stabbiliti. Għalhekk, il-kelliema jużaw proċessi diversi mmexxija minn sett ta' regoli lingwistiċi li huma parti mill-komponent lessikali tal-grammatika tal-lingwa. F'dan is-sens, ħarsa formali tat-terminu tgħinna nkomplu nwessgħu l-għarfien tagħna dwaru għax titfa' dawl fuq il-binja tiegħu. Hija analiżi morfoloġika u sintattika li biha nkomplu nifhmu l-istruttura tat-termini, skont tifsiriet kunċettwali speċifiċi, bil-possibbiltà li titqiegħed lenti fuq il-ħolqien ta' strutturi terminoloġiċi ġodda futuri.

### *3.2.2.2.1. Aspetti morfoloġiċi tat-terminu*

Jekk wieħed iqabbel l-unitajiet tal-lessiku ġenerali ma' dawk tat-terminoloġija jinduna li l-istruttura tal-bażi morfemika tat-termini tikkorrispondi ma' dik tal-kliem fil-lingwaġġ ġenerali. Fil-Malti, l-għerq konsonantali jew l-għerq sillabiku huwa l-unika bażi morfemika għal terminu. Affissi oħra marbutin maz-zokk, l-element bażiku tal-kelma, jipproduċu termini kumplessi. Anke forom derivattivi Semitiċi li fihom jiddewweb l-għerq inisslu lessemi ġodda b'bażi komuni, ngħidu aħna, jekk l-għerq √ GĦLM jiddewweb ġol-forma 1v22v3 jinħoloq verb tat-tieni forma (*għallem*) iżda jekk jiddewweb fil-forma 1v22v̄3 jinħoloq nom tal-aġent (*għalliem*). Imbagħad, ma' dil-bażi jistgħu jintrabtu affissi oħra inflettivi li jifirxu l-istess lessema bażika għal kategoriji grammatikali differenti, bħal *n-għallem-ø* (temp/aspett: imperfett; persuna: l-ewwel; għadd: singular), *għalliem-a* (għadd: plural; ġens: femminil). Tajjeb ngħid li l-għerq sillabiku waħdu jista' jiffunzjona wkoll bħala zokk li mingħajr iż-żieda ta' affissi miegħu jipproduċi terminu xorta waħda, ngħidu aħna *bank* u *kapital*. Min-naħa l-oħra, l-affissi, kemm dawk li jingħaqdu qabel iz-zokk (il-prefissi) u dawk li jingħaqdu wara z-zokk (is-suffissi), jeħtieġu zokk biex jiffurmaw terminu:

| | |
|---|---|
| *in-* | *intavola* |
| *kontro-* | *kontrotalba* |
| *-azzjoni* | *edukazzjoni* |
| *-ament* | *insenjament* |

Ġeneralment, iz-zkuk u l-affissi jkollhom forma waħda, però teżisti wkoll il-possibbiltà ta' varjanti, jiġifieri l-allomorfi għal kuntesti orali u/jew il-varjanti ortografiċi għal kuntesti grafiċi. Kif tikteb Cabré, il-manifestazzjoni ta' dawn il-varjanti tiddependi ħafna mill-kuntest morfofonoloġiku tagħhom (1999:85):

| | |
|---|---|
| *nut~not* | *nut-ar~not-a* |
| *popl~popol* | *popl-u~popol-azzjoni* |
| *kordinatur / koordinatur* | |
| *kuritur / kurutur* | |

Fost il-metodi formali li jeżistu biex jinħolqu termini ġodda, tajjeb issir distinzjoni bejn żewġ metodi: il-kombinazzjoni ta' morfemi u kliem, inklużi d-derivazzjoni, il-ħolqien ta' termini komposti, u l-formazzjoni ta' frażijiet terminoloġiċi; u l-modifikazzjoni formali ta' unitajiet eżistenti permezz ta' proċessi ta' qtugħ li jinkludu l-inizjaliżmi, l-akronimi, l-abbrevjazzjonijiet u t-tqarwiż (Cabré, 1999:85-88). Għalhekk, formalment, it-termini jistgħu jiġu kklassifikati skont dawn il-kriterji:

a. Min-numru ta’ morfemi kostitwenti

It-termini, bħall-kliem, jistgħu jkunu sempliċi (eż. *qalb, fwied*) jew kumplessi (eż. *baro-metr-u, bijo-loġ-ist-a*).

b. Mit-tipi ta’ morfemi li jsawru terminu kumpless

It-termini jistgħu jkunu derivati. Fil-Malti, id-derivazzjoni, verbali u nominali, tista’ ssir b’żewġ mekkaniżmi morfoloġiċi: (i) bi proċess introflessiv (Spagnol, 2011:13), jiġifieri bit-tidwib ta’ għerq konsonantali ġo forma derivattiva, ngħidu aħna, jekk l-għerq √ QDF jiddewweb ġol-forma 1v2v3 jinħoloq verb b’tifsira attiva (*qadef, qabad*), jekk jiddewweb ġol-forma n1v2v3 jinħoloq verb bi kwalitajiet passivi (*nqadef, nqatel, nqabad*), jekk jiddewweb ġol-forma mv12v̄3 jinħoloq nom tal-għodda (*moqdief*) u jekk jiddewweb ġol-forma 12ī3 jinħoloq nom verbali (*qdif*); (ii) bi proċess konkatenattiv (Spagnol, 2011:41), jiġifieri biż-żieda ta’ affissi derivattivi (prefissi u suffissi) ma’ bażijiet lessikali sabiex jinħolqu lessemi ġodda b’tifsir ġdid, ngħidu aħna, jekk il-prefiss *il-* jinhemeż maz-zokk *legali* jinħoloq l-oppost (*illegali*), jekk il-prefiss *multi-* jintrabat maz-zokk *kulturali* jinħoloq il-kunċett ta’ ‘ħafna’ (*multikulturali*), jekk is-suffiss *-erija* jintrabat maz-zokk *ġelat* jinħoloq nom tal-post (*ġelaterija*), jekk is-suffiss *-izza* jinhemeż maz-zokk *organ* jifforma verb bi kwalità attiva (*organizza*), jekk is-suffiss *-ar* jintrabat maz-zokk *arloġġ* jinħoloq nom tal-aġent (*arluġġar*), u jekk is-suffiss *-v̄t* jintrabat maz-zokk *eduk* jinħoloq il-passiv (*edukat*). Tajjeb ngħid li l-għaqda ta’ prefissi u suffissi (derivattivi u inflettivi) ma’ bażi lessikali waħda hija frekwenti ħafna, ngħidu aħna, fit-terminu *diżorganizzati*, il-prefiss derivattiv *diż-* joħloq l-oppost, is-suffiss derivattiv *-izz*$^{a}$ joħloq verb, is-suffiss derivattiv *-at* joħloq il-passiv u s-suffiss inflettiv *-i* jimmodifika l-għadd fil-plural. Għad li d-derivazzjoni b’mod introflessiv mhix produttiva daqs dik b’manjiera konkatenattiva, mhijiex sistema għalkollox magħluqa għax xi drabi jiġu żviluppati lessemi ġodda minn materjal antik (ngħidu aħna, il-verb *tmandar* huwa mnissel min-nom *mandra* bl-għerq √ MNDR) u, drabi oħra, bażijiet Rumanzi jingħaqdu ma’ materjal qadim tal-għeruq Għarab (ngħidu aħna, il-verb *fannad* bl-għerq √ FND huwa mnissel mill-aġġettiv Rumanz *fond* u l-verb *pejjep* bl-għerq √ PJP huwa mnissel min-nom Rumanz *pipa*) (Brincat u Mifsud, 2015:3555).

It-termini jistgħu jkunu wkoll komposti, jiġifieri jkun hemm tlaqqigħ bejn żewġ bażijiet lessikali jew aktar u b’hekk tiġi kkreata lessema ġdida. B’dal-mekkaniżmu jeżistu tliet kombinazzjonijiet possibbli: (i) l-għaqda flimkien ta’ forom kontemporanji nattivi, bħal *radjuattività, użufrutt*/*użufrott, markapaġna, kartastrazza, kartanzjan, skolasport* u *skolasajf*, (ii) l-għaqda flimkien ta’ forom neoklassiċi, bħal *prologu* u *bijografija*, u (iii) l-għaqda ta’ forom kontemporanji u forom neoklassiċi, bħal *bijosigurtà* u *ultraveloċi*, fost l-oħrajn. Tajjeb insemmu l-kalki, li huma traduzzjonijiet diretti minn lingwi oħra fejn il-binja interna tal-frażi tinżamm, bħal *ħasil tal-flus* (minn *money laundering*), *marki tas-swaba’* (minn *fingerprints*) u *tmiem il-ġimgħa* (minn *weekend*).

Fil-Malti, il-konverżjoni hija mekkaniżmu ieħor li jipproduċi termini billi jaqleb il-kategorija grammatikali ta' kelma f'kategorija oħra, ngħidu aħna, min-nom *xemx* jitnissel il-verb fit-tieni forma *xemmex* u minn *serduq* titnissel it-tieni forma verbali kwadrilittera *sserdaq*. Dan biex ma nsemmux is-sistema tal-formazzjoni warranija (bl-Ingliż, *backformation*), fejn jinħareġ il-verb *teditja* minn *editur* u *tentużjażma* minn *entużjażmu*. Ġieli tittieħed biss il-bidu ta' kelma waħda u tingħaqad mat-tarf ta' kelma oħra permezz tal-proċess tal-blending, bħal *Indifest* (mill-għaqda tal-ewwel parti ta' *Indipendenza* u *festa*/*festival*). Anke r-riduplikazzjoni (bħal *baxx baxx* u *mesmes*) fil-Malti tista' toħloq kliem ġdid b'tifsir kunċettwali ieħor (Brincat u Mifsud, 2015:3357-3359).

Tajjeb ngħid li dawn it-termini, sempliċi u kumplessi, jistgħu jintużaw bħala l-bażi għall-formazzjoni ta' unitajiet terminoloġiċi ġodda, ngħidu aħna, *dermatoloġija* > *dermatoloġiku*, *denominazzjoni* > *ridenominazzjoni*.

ċ. Minn taħlita ta' kliem li jsegwu struttura sintattika partikolari

Dawn l-istrutturi ta' frażijiet terminoloġiċi, li dwarhom nelabora iżjed f'taqsima 3.2.2.2.2., huma aktar frekwenti fit-terminoloġija milli fil-lessiku ġenerali tal-lingwa, ngħidu aħna, *spanjulett sekond*, *kuċċarda prima*, *swiċċ tal-elettriku*, *bastun tal-kannella*. Frażijiet bħal dawn huma rregolati mill-istess regoli li jgħaqqdu flimkien frażijiet ħielsa. Fil-fatt, mhumiex formalment distinti minn xi karatteristika speċifika. Għalhekk, huwa diffiċli ferm li toħloq differenza bejn frażijiet terminoloġiċi u frażijiet imsawra liberalment. Barra minn hekk, lanqas hija faċli tiddelimita eżattament liema parti mill-frażi tikkorrispondi għall-frażi terminoloġika billi t-termini tal-frażi kultant ikollhom il-forma tad-deskrizzjoni tagħhom stess, ngħidu aħna, *borża tal-arja*, *gawwija rasha kannella*, *plate li jmexxi l-karti*.

d. Minn proċessi ta' tqarwiż

Hemm termini oħra li mal-ewwel daqqa t'għajn jidhru sempliċi iżda fil-verità huma ta' natura kumplessa. Dawn jinvolvu mekkaniżmu formali li jipproċessa l-qtugħ ta' unitajiet biex tiġi ffurmata unità terminoloġika ġdida u ridotta. Fost dawn il-proċessi nsibu l-inizjaliżmi, l-akronimi, l-abbrevjazzjonijiet, u forom oħra li huma r-riżultat ta' proċess ta' tqarwiż.

*L-inizjaliżmi*

Huma unitajiet imsawrin mill-kombinazzjoni tal-inizjali ta' espressjoni itwal. Ħafna drabi, jikkorrispondu għal isem ta' organizzazzjoni, dokument jew proċess, ngħidu aħna, *MQL* (*Moviment Qawmien Letterarju*), *SDM* (*Studenti Demokristjani Maltin*), *PL* (*Partit Laburista*), *MP* (*Membru Parlamentari*), *URP* (*Uffiċjal tar-Relazzjonijiet Pubbliċi*). Fil-kuntest Malti, it-tendenza ġenerali hi li l-ittri tal-inizjaliżmi jiġu ppronunzjati bit-tlissina tal-alfabett Ingliż mhux Malti.

*L-akronimi*

Huma kelmiet iffurmati bl-għaqda ta' siltiet minn frażi żviluppata li mbagħad isiru lessikalizzati. Qabelxejn, jistgħu jikkombinaw silta inizjali tal-frażi, eż. *GRUFAN* (*Gruppi Familji Nsara*), *MUSEUM* (*Magister Utinam Sequatur Evangelium Universus Mundus*), *ĊES* (*Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja*), *AŻAD* (*Akkademja għall-Iżvilupp tal-Ambjnet Demokratiku*), *Frontex* (mill-Franċiż, *Frontières extérieures*), *hazmat* (mill-Ingliż, *hazardous material*), *PIN* (*Pubblikazzjonijiet Indipendenza*). Ukoll, jistgħu jikkombinaw silta inizjali tal-ewwel element u silta finali tat-tieni element, eż. *bit* (mill-Ingliż, *binary digit*).

*L-abbrevjazzjonijiet*

Huma forom li ġeneralment huma stabbiliti b'kunsens. Huma jirriproduċu parti minn kelma u jaġixxu bħala simbolu għall-kelma nfisha, eż. *Neħ.* (*Neħemija*), *p.* (*paġna*), *pp.* (*paġni*), *Ill.* (*illustrazzjoni*), *Prof.* (*Professur*), *Ġun.* (*Ġunju*), *pl.* (*plural*). Skont *Il-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali* (Anness A3.2), is-simboli tal-unitajiet ta' kejl ma jiġux tradotti għall-Malti, iżda jibqgħu kif inhuma għaliex huma simboli internazzjonali. L-unitajiet ta' kejl u s-sinjali xjentifiċi la jieħdu l-punt fl-aħħar, la għandhom forma tal-plural, u jinkitbu dejjem bi spazju fiss bejnhom u n-numru li qed jiddeskrivu, eż. *mm* (*millimetru*), *cm* (*ċentimetru*), *ml* (*millilitru*), *A* (*ampere*), *kW* (*kilowatt*), *kWh* (*kilowatt is-siegħa*).

*Tqarwiż ieħor*

Fl-aħħar nett, forom oħrajn imqarwżin jintużaw ta' spiss biex id-diskors isir aktar ekonomiku. Dawn jiffurmaw bl-użu tal-ewwel parti ta' kelma itwal jew bl-użu tal-ewwel kelma ta' frażi, eż. *sup* (*superjur*), *super* (*supretendent*, mill-Ingliż *superintendent*), *Dott* (mit-Taljan, *Dottore*) u *blow* (*blow dry*), *prif* (*prifett*). Insibu każi oħra ta' ellissi fil-Malti. Dan jiġri meta l-kelliem, f'ġieħ l-ekonomija tal-lingwa, iqassar diskorsu billi jwaqqa' kelma jew aktar li tkun mifhuma minn frażi partikolari filwaqt li l-kliem distintiv li jifdal jibqa' jippreserva t-tifsira tal-frażi sħiħa, ngħidu aħna, *tal-linja* (*karozza tal-linja*), *ċanga* (*laħam taċ-ċanga*), *privat* (*lezzjonijiet tal-privat*), *qalbet* (*qalbet l-ikel*), *kellha* (*kellha tarbija*).

Meta l-kelliema jiffurmaw terminu ġdid, ħafna drabi jgħaqqdu flimkien numru ta' morfemi diġà stabbiliti. Proċess bħal dan jinvolvi inqas enerġija milli kieku wieħed jiġi biex joħloq unità għalkollox oriġinali. F'dan is-sens, b'kuntrast mal-mekkaniżmi li jwasslu għas-self tat-termini, il-mekkaniżmi li jiffurmaw termini ġodda huma mmexxija minn sett ta' regoli lingwistiċi li jappartjenu għall-grammatika tal-lingwa. Tajjeb ngħid li kull regola derivazzjonali hija sensittiva għall-ambjent lingwistiku fejn isseħħ. Kull regola tapplika għal elementi derivazzjonali partikolari u hija suġġetta għal numru ta' restrizzjonijiet li jaffettwaw lill-bażi u lill-prodott finali tal-istess regola. Fil-każ tal-Malti, ir-regoli li ġejjin (addattati minn Cabré, 1999:94) huma fost dawk li jwittu t-triq għall-formazzjoni ta' termini ġodda:

1. Regola ta’ formazzjoni li tuża l-forom derivattivi
   GĦERQ$_{\text{bażi}}$ × FORMA$_{\text{derivattiva}}$
2. Regola ta’ formazzjoni li tuża l-prefissi derivattivi
   PREFISS$_{\text{derivattiv}}$ + ZOKK$_{\text{bażi}}$
3. Regola ta’ formazzjoni li tuża s-suffissi derivattivi
   ZOKK$_{\text{bażi}}$ + SUFFISS$_{\text{derivattiv}}$
4. Regola li tifforma t-termini komposti
   ZOKK$_{\text{bażi}}$ + ZOKK$_{\text{bażi}}$
5. Regola ta’ formazzjoni li tuża l-konverżjoni
   ZOKK$_{\text{bażi}}$ → ZOKK$_{\text{bażi}}$

It-terminologi ta’ lingwa għandhom ikunu jafu tajjeb il-proċessi ta’ kif jiġi ġġenerat il-kliem fi lsienhom. Id-deżinjazzjonijiet li jipproponu t-terminologi u l-esperti għal kunċetti ġodda għandhom ikunu mlaħħmin minn għarfien tajjeb tal-għodod lingwistiċi li toffri l-lingwa. Dan japplika kemm għall-ewwel deżinjazzjoni proposta għal kunċett oriġinali u anke għal dawk il-proposti li jibdlu deżinjazzjonijiet diġà eżistenti li ma jkunux meqjusin xierqa. Barra minn hekk, id-deżinjazzjonijiet il-ġodda għandhom ikunu sensittivi għal dawk it-tendenzi formali li jappartjenu għal xi oqsma speċjalizzati, ngħidu aħna fil-kimika hu kruċjali li jinżammu l-istess prefissi/suffissi derivattivi għad-deżinjazzjoni ta’ ċerti sustanzi kimiċi (Cabré, 1999:94-95).

### *3.2.2.2.2. Aspetti sintattiċi tat-terminu*

Bħall-kliem fil-lingwaġġ ġenerali, il-morfemi li joħolqu t-termini u l-kelmiet li joħolqu l-frażijiet terminoloġiċi, ma jaħbtux flimkien b’mod lineari. Minflok, dawn jifformulaw kostitwenti morfoloġiċi u lessikali li jsegwu l-mudelli bażiċi tas-sistema lessikali tal-lingwa (Cabré, 1999:90). Figura 34 issarraf dan li qed ngħid bi tliet eżempji bil-Malti. Forom kumplessi bħal dawn isegwu struttura ġerarkika partikolari li fil-lingwistika tirrelata mat-teorija X-bar, teorija b’saħħitha li tikkunsidra dawn il-forom bħala endoċentriċi għax tagħraf li kull frażi għandha l-istess kategorija ta’ dik li hi r-ras tagħha (Kornai u Pullum, 1997:1). Kif innotaw tajjeb Sutcliffe (1936:180) u Aquilina (1965:40) fost l-oħrajn, interessanti l-irwol kopulari li jista’ jkollu l-pronom personali fi frażijiet terminoloġiċi bħal dawn.




Figura 34: It-termini u l-frażijiet terminoloġiċi huma mibnijin minn kostitwenti morfoloġiċi u lessikali tal-lingwaġġ ġenerali.

Meta nittrattaw aspetti frażali tat-terminoloġija, Cabré (1999:91) toħloq distinzjoni bejn żewġ tipi ta' frażijiet: frażijiet li għandhom valur terminoloġiku (anke jekk huma magħmulin minn kliem) u frażijiet ħielsa li mhumiex lessemi iżda huma frażijiet li jokkorru fid-diskors. Analiżi lessikoloġika u terminoloġika tajba ta' dawn il-frażijiet tikxef li, minkejja li huma simili formalment, fid-diskors iġibu ruħhom differenti. Dawn iż-żewġ tipi ta' frażijiet, tkompli Cabré, għandhom sett ta' kostruzzjonijiet partikolari li la huma termini frażali u lanqas huma formazzjonijiet sintattiċi ħielsa. Huma kombinazzjonijiet li jseħħu b'mod frekwenti fid-diskors ta' qasam speċjalizzat partikolari (u għalhekk huma simili għall-frażijiet terminoloġiċi) però ma jikkorrispondux għall-kunċetti stabbiliti tal-istess qasam. Dawn il-kollokazzjonijiet jaqgħu taħt il-kappa tal-frażjoloġija u kull lingwaġġ speċjalizzat jinkludi fih din it-tip ta' unità frażali. Hawn taħt qiegħed inniżżel xi eżempji bil-Malti ta' tliet oqsma:

- Football: *ballun mibrum, difiża taħt pressjoni, xejjer il-bandiera, mattar siequ.*
- Mastrudaxxa: *għaqqad il-bieb, bieb xpakkat, qatta' l-injam, il-lupa qiegħda ttajjar.*
- Xjenza tal-kompjuter: *ixgħel il-kamera, iftaħ dokument ġdid, internet slow ħafna, kabbar it-tipa.*

Barra minn hekk, Brincat u Mifsud (2015:3552) jinnotaw li l-istat kostrutt huwa kostruzzjoni sintattika tipika Semitika fil-formazzjoni tat-terminu li aktarx tinvolvi żewġ nomi f'relazzjoni ġenittiva, fejn l-ewwel element jindika relazzjoni mat-tieni, ir-ras tal-kelma, ngħidu aħna, *dar il-kaptan* u *widnet il-baħar*. Ukoll, insibu xi frażijiet tal-istess kostruzzjoni li jkollhom it-tendenza li jsiru komposti u jingħaqdu f'kelma waħda, ngħidu aħna, *qamħirrun* (*qamħ* + *ir-Rum*), *qawsalla* (*qaws* + *Alla*).

### *3.2.2.3. Kriterji semantiċi*

Ladarba t-terminoloġija hija bbażata fuq is-semantika, ħarsa teoretika konjittiva li tirrelata l-forom lingwistiċi mal-kontenut kunċettwali tagħhom, tgħinna nkomplu nifhmu din it-taqsima formali.

Għalhekk, mil-lat ta' tifsira, it-termini jistgħu jiġu kklassifikati mill-klassi ta' kunċetti li jinnominaw (Cabré, 1999:87). Il-kunċetti jistgħu jinġabru fi klassijiet u sottoklassijiet skont il-karatteristiċi li jaqsmu u r-relazzjonjiet li għandhom ma' xulxin. Dawn il-karatteristiċi li jaqsmu bejniethom huma l-karatterisiċi definittivi ta' klassi kunċettwali. Diversi tipi ta' relazzjonijiet jirriżultaw mill-interazzjoni fost kunċetti, proċessi u stati li jirriżultaw fihom, li wkoll huma kunċetti. F'dan id-dawl, Cabré, tidentifika inizjalment erba' klassijiet kunċettwali ewlenin (1999:87-88):

- Oġġetti jew entitajiet.
- Proċessi, operazzjonijiet, azzjonijiet.
- Proprjetajiet, stati, kwalitajiet.
- Relazzjonijiet.

Kull waħda minn dawn il-klassijiet ta' kunċetti hija espressa prinċipalment minn klassi funzjonali partikolari:

| | |
|---|---|
| - Oġġetti jew entitajiet | *nomi* |
| - Proċessi, operazzjonijiet, azzjonijiet | *verbi, nominalizzazzjonijiet ta' verbi* |
| - Proprjetajiet, stati, kwalitajiet | *aġġettivi* |
| - Relazzjonijiet | *aġġettivi, verbi, prepożizzjonijiet* |

Din it-tendenza, tkompli Cabré, tinkiser ta' spiss minħabba li l-lingwi kollha jistgħu jirreferu għall-istess realtà b'modi differenti billi jintużaw kategorji grammatikali differenti (1999:229).

Fi ħdan suġġett speċjalizzat, kif elaborat f'taqsima 3.1., il-kunċetti huma organizzati f'settijiet strutturati li jissejħu sistemi kunċettwali, u dawn is-sistemi jirriflettu l-perspettiva tad-dinja reali kif jarawha l-esperti fid-dixxiplina jew l-attività. Kull sistema kunċettwali hija strutturata b'mod u manjiera li tista' tkopri diversi klassijiet ta' kunċetti: oġġetti, proprjetajiet ta' dawn il-kunċetti, relazzjonijet, operazzjonijiet, u l-bqija. F'kull qasam speċifiku ta' suġġett speċjalizzat, kull klassi kunċettwali hija organizzata internament f'diversi sottoklassijiet bħala funzjoni tat-tipi ta' kunċetti inklużi fil-klassi, il-proprjetajiet, ir-relazzjonijiet, u/jew il-funzjonijiet tagħhom (Cabré, 1999:88).

Il-metodi semantiċi jimmodifikaw it-tifsira tat-terminu. Il-lessikoloġija ġenerali ma tqisx dan il-proċess bħala l-formazzjoni ta' unità lessikografika ġdida iżda tħares lejn din l-unità bħala tifsira ġdida ta' kelma li teżisti diġà. Fit-terminoloġija tradizzjonali, dan il-proċess jitqies bħala omonimija għaliex jinvolvi unità ġdida b'assoċjazzjoni oriġinali fid-deżinjazzjoni tagħha u kunċett li għandu tifsira fil-qasam speċjalizzat tiegħu biss.[62] F'dan is-sens, forma partikolari ta' terminu tista' tappartjeni għal

[62] Din il-viżjoni strutturalista tat-terminoloġija sabet oppożizzjoni mis-soċjoterminoloġija ta' Gaudin (1993) li japplika prinċipji soċjolingwistiċi għat-teorija terminoloġika. Skontu, il-varjazzjoni terminoloġika teżisti għax jidentifika varjanti terminoloġiċi skont użu differenti kuntestwali. Il-parametri tal-varjazzjoni huma bbażati skont

sottokodiċijiet differenti. Cabré (1999:93-94) tuża żewġ kriterji ewlenin biex tikklassifika t-termini li jirriżultaw minn dan il-proċess formattiv: l-oriġini tal-forma bażika u t-tip ta' modifikazzjoni semantika li nħolqot fil-proċess.

- Fejn tidħol l-oriġini tal-forma bażika, l-iżjed żewġ sorsi frekwenti tagħha huma l-lessiku ġenerali tal-lingwa u t-terminoloġija li tintuża f'suġġetti speċjalizzati.

- Il-modifikazzjoni semantika ssir b'waħda minn dawn it-tliet proċessi:

    i. Testendi t-tifsira tal-forma bażika
        - *fergħa* (*fergħa ta' zokk ta' siġra*)
        - *fergħa* (*fergħa ta' bank, ta' uffiċċju, tal-posta, eċċ.*)

    ii. Iddejjaq it-tifsira tal-forma bażika
        - *perit* (fl-Isqalli, *peritu* huwa *espert*)
        - *perit* (fil-Malti, it-tifsira djieqet u llum *perit* huwa *espert fl-arkitettura*)

    iii. Tibdel it-tifsira tal-forma bażika
        - *duttur* (fit-Taljan, *duttur* huwa *tabib, punt ta' referenza għal ħafna nies*)
        - *duttur* (fil-Malti, it-tifsira nbidlet u llum *duttur* huwa *xi ħadd superjuri li jsir kollox kif irid hu*)

### *3.2.2.4. Kriterji funzjonali*

L-aspett funzjonali tat-terminu jinftiehem iżjed fid-dawl tal-mudell komunikattiv li jopera fih. Hemm titqiegħed lenti fuq l-użu tat-terminu u ssir ġustifikazzjoni mal-bżonn li jkun miġbur u pproċessat. Mil-lat ta' funzjoni fid-diskors, it-termini jistgħu jiġu kklassifikati f'diversi gruppi funzjonali: nomi, aġġettivi, verbi u avverbji. Bħal fil-lessiku ġenerali tal-lingwa, fit-terminoloġija l-ammont ta' unitajiet li jappartjenu għal kategorja grammatikali jew oħra huwa differenti għalkollox. Dan l-iżbilanċ huwa aktar minnu verament fil-lingwaġġ speċjalizzat minħabba li jeżisti sproporzjon qawwi bejn in-numru ta' nomi u n-numru ta' aġġettivi u verbi fi ħdan l-istess lingwaġġ (Cabré, 1999:87).

Il-metodi funzjonali jistgħu jinkludu żewġ proċessi:

i. Il-konverżjoni jew id-derivazzjoni żero. Din isseħħ meta tinbidel il-kategorija grammatikali ta' kelma eżistenzi mingħajr ma tinbidel il-forma tagħha. F'din

kriterji soċjali u etniċi fejn il-komunikazzjoni bejn l-esperti tipproduċi termini differenti għal kunċett wieħed u iżjed minn kunċett wieħed għal terminu wieħed (Faber Benítez, 2009:113). Anke t-teorija soċjokonjittiva ta' Temmerman tkompli titfa' dawl ikrah fuq il-monosemija tal-istrutturalisti u tħares lejn il-polisemija u s-sinonimija bħala realtajiet integri fl-użu reali tal-lingwa (2000:32).

il-konverżjoni grammatikali dawk il-karatteristiċi inflettivi tal-ewwel kategorija jiġu mwarrbin u mibdulin minn dawk korrispondenti tal-kategorija grammatikali l-ġdida. Ngħidu aħna:

*ħakk* – verb
*ħakk* – nom

ii. Il-lessikalizzazzjoni. Dan il-proċess jirreferi għall-kodifikazzjoni ta' komponent kunċettwali, kelma jew morfema, f'unità lessikali. Il-formazzjoni tan-nom verbali fil-Malti, ngħidu aħna, għandha minn dal-proċess:

| | | | |
|---|---|---|---|
| *pinġa* | – verb | *eduka* | – verb |
| *tpinġija* | – nom | *edukazzjoni* | – nom |

Minbarra l-metodi formali, semantiċi u funzjonali li rajna, il-lingwi kollha għandhom metodi oħra ta' kif joħolqu termini ġodda, ngħidu aħna, permezz ta' self, ta' traduzzjonijiet ta' self jew kalki:

- Is-self jinvolvi s-self ta' kelma jew espressjoni bl-ortografija tagħha b'kollox, ngħidu aħna: *nota bene*, *angst*, *ex cathedra*, *nihil obstat*, *answering machine* u *spare parts*.

- Fil-kalki ssir traduzzjoni litterali tal-komponenti ta' kelma barranija, ngħidu aħna: *ħasil ta' flus* (mill-Ingliż, *money laundering*), *tmiem il-ġimgħa* (mill-Ingliż, *weekend*), *bank tad-demm* (mill-Ingliż, *blood bank*), *gass tad-dmugħ* (mill-Ingliż, *tear gas*), *deni ta' żiemel* (mit-Taljan, *febbre da cavallo*). Kif jixhdu l-eżempji, aktarx, il-kalki fil-Malti jieħdu l-għamla tal-istat kostrutt jew il-binja NOM + TA' + (ARTIKLU) + NOM.

## Konklużjoni

Dan kollu ma jista' qatt jinftiehem lil hinn mill-prattika soċjali tal-ħajja. Għalhekk, minbarra l-analiżi kunċettwali u formali diskussa, it-termini huma unitajiet pragmatiċi bi skop ta' komunikazzjoni u referenza (Cabré, 1999:112). Għalhekk, teorija terminoloġika tajba ma tista' qatt tinjora d-diversità komunikattiva li kull lingwa timmanifesta ruħha fiha. Il-pragmatika, li bħat-terminoloġija tappartjeni mal-lingwistika applikata, ukoll tistudja d-deskrizzjoni tal-użu tal-lingwa, u magħha n-natura differenti tat-termini. L-iskop bażiku tal-att komunikattiv, is-suġġett trattat, l-utenti tal-att, is-sitwazzjonijiet komunikattivi taż-żewġ kodiċijiet użati u t-tip ta' diskors li fih jokkorru t-termini u l-kliem tal-lingwaġġ ġenerali huma ħames fatturi pragmatiċi li jkomplu jitfgħu dawl fuq id-differenza li teżisti bejn il-lingwaġġ ġenerali u dak speċjalizzat, it-terminoloġija.

Dil-perspettiva pragmatika titbiegħed mill-prinċipji tradizzjonali dwar it-terminoloġija u tkompli tissaħħaħ bit-"terminoloġija soċjokonjittiva" ta' Temmerman li tagħraf ir-rarità tal-monosemija,

żviluppata sewwa mill-iskejjel tradizzjonali, għall-kuntrarju tal-polisemija u s-sinonimija bħala realtajiet integri fl-istorja tal-kunċettwalizzazzjoni, l-għoti tal-ismijiet, u l-fehim (2000:36-37). B'reazzjoni għal dan, Temmerman tkompli tirreżisti d-definizzjonijiet tradizzjonali li jsawru kunċett u tisħaq fuq il-bżonn ta' "unitajiet tal-fehim", kategoriji li taħthom jaqa' l-kunċett u li jiddeterminaw ir-referenza (2000:73). Perspettiva bħal din tgħin lit-terminologu jibni relazzjoni aħjar, għax inqas ambigwa, bejn it-termini nfushom u l-ispazji reali jew fattwali fejn jokkurru. Unitajiet bħal dawn jgħinu iżjed fil-kuntestwalizzazzjoni tat-termini bil-possibbiltà li tinħoloq sitwazzjoni aħjar ta' fehim. Ngħidu aħna, għal xiex jirreferi l-kunċett "power"? Għall-kuntest tal-fiżika jew tal-politika? X'inhuma l-elementi essenzjali li jikkaratterizzawh? (Seychell, 2015:19). Is-sorsi li jgħinu hawn jistgħu jkunu liġijiet, manwali tekniċi, tabelli, figuri u kwalunkwe informazzjoni oħra relevanti għall-formazzjoni tal-kuntest immedjat, anke fi ħdan l-istess qasam, bl-iskop aħħari li jinkiseb biżżejjed materjal għall-fehim (Seychell, 2012:149). Perspettiva bħal din titfa' wkoll dawl ġdid fuq it-terminografija, il-prattika kkonċernata mid-deskrizzjoni sistematika tad-dejta terminoloġika.

# 4. Il-bini ta' ġabra ta' riżorsi terminoloġiċi bil-Malti

*Il-mod kif tagħmel ħaġa hija l-ħaġa.*

ANONIMU

## Introduzzjoni

Is-sehem tiegħi fil-kwadru Malti x'inhu? L-għan ta' dan il-kapitlu mhuwiex id-dettall – għal dan se nelabora fl-appendiċi – imma li nagħti togħma ħafifa tal-proċessi metodoloġiċi li għaddejt minnhom sabiex illum nista' nippreżenta riżultat. B'hekk inkun qiegħed nagħti kuntest usa' lil xogħli biex il-ħidma li fil-ġejjieni jaf titkompla fuqu jkollha diġà pedamenti maħsubin u miktubin f'dan li ġej.

## 4.1. Il-kontribut tiegħi

Il-proġett tiegħi jimxi id f'id ma' dak li jirrimarka Crystal fl-Enċiklopedija tiegħu (2015:357), jiġifieri mal-bżonn dejjem jikber ta' struttura waħda li tgħaqqad it-terminoloġija f'salt. Biex nipparteċipa f'din l-impriża, ħsibt li jkun għaqli jekk qabelxejn inġabru tant ħidmiet terminoloġiċi bil-Malti li nħadmu diġà fi struttura waħda. Għalhekk, fir-riċerka tiegħi naħdem biex:

1. Noħloq mappa ta' riżorsi terminoloġiċi bil-Malti bil-għan li ngħaqqad f'infrastruttura waħda tant riżorsi li diġà jeżistu, imma li nħadmu b'għanijiet u metodi differenti, matul ħafna snin.
2. Niddeskrivi l-qagħda terminoloġika Maltija billi niddokumenta u nikkategorizza l-aspetti komuni tar-riżorsi terminoloġiċi li nsib.
3. Nesplora min huma l-esponenti ewlenin tat-terminoloġija Maltija, f'oqsma differenti, bil-kuntesti simili u differenti tagħhom.
4. Nitfa' dawl fuq liema oqsma lessikali diġà ngħataw attenzjoni bit-tama li xogħli jistimola l-ġbir sistematiku tat-terminoloġiji li għadhom ma nġabrux.
5. Inwitti t-triq għal ġabra waħda ta' termini bil-Malti skont oqsma differenti tal-ħajja Maltija.

Għalhekk, il-kontribut tiegħi jista' jissarraf f'żewġ dimensjonijiet marbutin:

1. Il-kontribut teoretiku li jesplora minn fejn telqet it-terminoloġija Maltija, fejn waslet u fejn sejra/trid tmur.
2. Il-kontribut prattiku li jippreżenta inventarju ta' riżorsi terminoloġiċi bil-Malti li jgħin lil kull min ikollu bżonn ifittex.[63]

[63] Biex tkun iżjed aċċessibbli għall-pubbliku, din il-ġabra hija intenzjonata li tittella' fuq is-sit elettroniku *malti.mt*, li huwa l-portal tar-riċerka tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta.

## 4.2. Għal min tiswa l-ġabra?

Ħarsa minn fuq b'deskrizzjoni tas-sitwazzjoni preżenti tagħti sens ta' direzzjoni li ħafna jistgħu jgawdu minnha. Minkejja n-nuqqas ta' investiment fiha, it-terminoloġija hija dixxiplina li, direttament jew indirettament, jużawha ħafna nies. Għalhekk, dan l-inventarju li naħdem fuqu f'din ir-riċerka jiswa għal gruppi differenti ta' nies:

- Għall-istudenti u r-riċerkaturi fl-istudji u r-riċerki tagħhom.[64]
- Għat-tradutturi u l-interpreti, li ta' spiss ikollhom bżonn jagħmlu xogħol ta' terminoloġija qabel jew fil-waqt li jkunu qed jittraduċu/jinterpretaw.
- Għat-terminologi tal-Unjoni Ewropea u oħrajn, fi żmienna jew fil-ġejjieni, li biex jibnu t-terminoloġiji tagħhom kemm-il darba jirriċerkaw terminoloġiji varji li diġà nħadmu.
- Għal-librara, li jkollhom bżonn jużaw terminoloġija konsistenti u standardizzata bħala punt ta' aċċess fl-entrati tal-katalgi diġitali li jibnu.
- Għall-ġurnalisti u x-xandara, biex iħaddmu Malti tajjeb u riċerkat skont l-oqsma partikolari li jkunu qed ixandru dwarhom.
- Għall-pubbliku ġenerali li, b'aċċess faċli tal-inventarju fuq il-mezzi elettroniċi moderni, jitħajjar juża t-terminu Malti anke f'dawk l-oqsma speċjalizzati li s-soltu juża għalihom lingwi oħra barranin.
- Għall-Kumitat tat-Terminoloġija fi ħdan il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, biex jagħraf liema oqsma ma ngħatawx biżżejjed attenzjoni u jħeġġeġ il-ġbir sistematiku tat-terminoloġiji mingħajr ma jsiru repetizzjonijiet bla bżonn.

## 4.3. Il-metodu tiegħi

Il-metodoloġija tiegħi bbażajtha fuq żewġ ingredjenti li bihom flimkien ittamajt li jkolli riżultati tajbin biżżejjed sabiex inkun kapaċi ngħaqqad stampa tajba, u kemm jista' jkun sħiħa, tal-qagħda terminoloġika Maltija kif evolviet u kif inhi llum: l-aspett kollaborattiv u l-aspett individwali.

### 4.3.1. *Ħidma kollaborattiva*

L-ewwel metodu laqqagħni ma' esperti li għandhom esperjenza prattika (u teoretika) dwar it-terminoloġija. Għalhekk, ħsibt f'ħames esponenti li ħadmu jew għadhom jaħdmu f'dan il-qasam u għamiltilhom intervista informali u rrekordjata bi ftit mistoqsijiet maħsubin minn qabel u intenzjonati li jiggwidaw il-konverżazzjoni. Dawn l-intervisti għenuni nidħol iżjed fl-aspett prattiku tat-terminoloġija Maltija biex il-ħafna teoriji li kont qed naqra dwarhom inkun nista' narahom jitlaħħmu

---

[64] Ngħidu aħna, ladarba l-ġabra tiegħi tesplora għadd ġmielu ta' riżorsi bil-Malti minn oqsma lessikali differenti, tista' tkun punt ta' referiment tajjeb ħafna għall-formazzjoni ta' korpus bil-Malti li jkun rappreżentattiv.

fil-konkret. Barra minn hekk, ladarba ħadt l-irwol ta' naħla li ttir minn fjura għall-oħra biex tissaħħaħ bl-inwar ta' kull waħda minnha, issa kien qed ikolli biżżejjed informazzjoni li biha f'moħħi bdiet tagħtini ċ-ċans nibni l-metodoloġija tentattiva tiegħi u twassalni għal diskussjoni iktar matura, għax teoretika, dwar is-suġġett.

L-intervisti huma dawn l-erbgħa:

1. Intervista mas-Sur Thomas Pace, bħala d-Direttur tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, li ltqajt miegħu nhar l-Erbgħa 10 ta' Mejju 2023 l-Università ta' Malta.
2. Intervista mal-Prof. Sergio Portelli, bħala l-Kap tad-Dipartiment tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija u l-Interpretar fl-Università ta' Malta, li ltqajt miegħu nhar il-Ħamis 11 ta' Mejju 2023 l-Università ta' Malta.
3. Intervista mas-Sur Ġużi Gatt, figura prominenti lokali li ħadmet xogħlijiet importanti ta' natura terminoloġika, li ltqajt miegħu San Ġiljan nhar il-Ġimgħa 12 ta' Mejju 2023.
4. Intervista online mas-Sa Jennifer Debarro u s-Sur Andrew Sammut, żewġ terminologi full-time li jaħdmu mal-Kummissjoni Ewropea fil-Lussemburgu, li ltqajt magħhom b'mod konġunt permezz ta' Zoom nhar it-Tnejn 22 ta' Mejju 2023.

Dawn l-intervistati tkellmu b'mod informali u spontanju dwar it-terminoloġija Maltija mil-lenti tagħhom. Għalija dan kien fattur importanti sabiex kemm jista' jkun ma ninfluwenzax lill-esperti u b'hekk l-intervent tagħhom ikun iżjed fidil lejn ir-realtà terminoloġika partikolari li huma jirrappreżentaw. Madankollu, ħsibt li ftit punti maħsubin minn qabel jistgħu jgħinu fl-iżvilupp tal-intervisti filwaqt li nkun qed ninklinahom iżjed lejn l-għanijiet deskrittivi tiegħi. Uħud mill-punti li kelli quddiemi waqt l-intervisti huma dawn li ġejjin:

- L-istorja, mill-bidu sal-lum, ta' meta beda jinħass il-bżonn li jinġabru t-termini bil-Malti.
- Għaliex it-terminoloġija? Kif issir?
- X'jagħmel it-terminologu?
- Jeżistu xi għodod li jintużaw fit-terminoloġija?
- Kif jiżviluppa terminu? Xi kwalitajiet għandu?
- Xi sfidi tiltaqa' magħhom (ngħidu aħna, xi liġijiet li jimponuk)?
- L-oqsma li ġew trattati s'issa, li jonqos jiġu trattati.
- Xi jsir jew x'jista' jsir għall-kollaborazzjoni?
- Fejn isir it-tiftix? Fejn issir il-konsultazzjoni?
- Kif taħdem? Kif toħloq it-terminu? Kif tiġi inkluża l-informazzjoni għal kull terminu (bħal definizzjonijiet, stampi, u l-bqija)?
- X'informazzjoni lingwistika għandu jkollu terminu? Kif isir dan?
- Kif jinġabru t-termini? Mingħand xi ħadd tas-sengħa, esperti, dilettanti?

- Kif jiġu ppreżentati t-termini?
- Xi sfidi għandha t-terminoloġija Maltija?
- X'inhi t-triq 'il quddiem tat-terminoloġija Maltija?

### 4.3.2. *Ħidma individwali*

Biex inkun nista' nibni ġabra sistematika ta' riżorsi terminoloġiċi bil-Malti, kelli nqatta' ħafna ħin waħdi fil-libreriji fiżiċi li għandna lokalment inqalleb u nfittex riżorsi inklinati lejn din in-natura lingwistika applikata. Għar-riżorsi stampati dort xkaffa xkaffa dawn il-libreriji Maltin:

- Il-Melitensia u l-Arkivju tal-Università ta' Malta f'Tal-Qroqq.
- Il-Librerija Pubblika Ċentrali ta' Belt is-Sebħ.
- Il-librerija tal-Kulleġġ Ġan Franġisk Abela tal-Imsida.
- Il-librerija reġjonali tal-Mosta.

Fil-ħamsa li huma sibt librara dedikati li jagħmlu xogħolhom mill-qalb u fis-skiet tal-libreriji li jieħdu ħsieb jippreservaw tant ħidmiet terminoloġiċi li sa qabel din ir-riċerka lanqas kelli idea li kienu diġà jeżistu.

Għar-riżorsi mhux stampati, imbagħad, kelli nifli l-materjal terminoloġiku li jeżisti fil-mezzi diġitali u, fejn ikun hemm bżonn, nara u/jew nisma' filwaqt li niddokumenta. Barra minn hekk, ħsibt li jkun aħjar jekk uħud minn dawn ir-riżorsi awdjoviżivi naħżinhom fil-kompjuter tiegħi biex ma jintilfux meta jinqalgħu xi problemi tekniċi matul iż-żminijiet.

Dan kien proċess kontinwu li ħadli tliet snin sħaħ ta' dokumentazzjoni. Huwa xogħol miftuħ għax, minkejja li żammejt f'moħħi x-xewqa li nibni u nippreżenta mappa kemm jista' jkun kompluta, irrid inkun saqajja mal-art biżżejjed u nammetti li l-ġabra tiegħi ma tkoprix kollox. Dan biex ma nsemmix il-fatt li l-ħidma terminoloġika dejjem għaddejja u għalhekk, minn żmien għal żmien, xogħli jkun jeħtieġ reviżjoni u aġġornament biex id-deskrizzjoni li jipprovdi tkun toqrob kemm jista' jkun mar-realtà taż-żmien.

#### *4.3.2.1. Sfidi*

Dan l-eżerċizzju kompilatorju ġabni wiċċ imb wiċċ ma' xi sfidi li naqra naqra bdejt naċċettahom, naħdem fuqhom u, xi drabi bla ma naf, insib ruħi negħlibhom:

- Il-formazzjoni ta' struttura fissa li tkopri realtà diversa ta' riżorsi terminoloġiċi li nkitbu bi skopijiet u proċessi differenti ma kinitx waħda faċli. Filwaqt li kemm jista' jkun xtaqt inżomm il-ġabra f'dokument wieħed, b'xi mod ridt nesprimi l-varjetà, u għalhekk kien jeħtieġli nsib

kompromess mal-karatteristiċi komuni u inkomuni tar-riżorsi. Diskussjoni usa' ta' dan il-punt se nagħmilha fit-taqsima li jmiss.

- In-nuqqas ta' ħin li kelli f'idi. Ladarba l-kors għamiltu fuq bażi part-time, ħafna mill-ġabra bnejtha wara l-ħin tax-xogħol tiegħi bħala għalliem. Il-persistenza u l-kontinwità kienu żewġ fatturi importanti li għenuni nibqa' nibni.
- L-aċċessibbiltà tar-riżorsi, speċjalment dawk antiki.
- Is-sens ta' kompletezza kien element li żammejt il-ħin kollu f'moħħi biex kemm jista' jkun nipproduċi xogħol sħiħ. Għalhekk, ridt nistinka mhux ftit biex nara li nkun ġbart kemm jista' jkun materjal, u mhux darba jew tnejn iċċekkjajt ma' xogħli biex nivverifika kontx ġbartx xi riżorsi li minn żmien għal żmien reġgħu telgħu quddiemi. Barra minn hekk, jien u niġbor kont konxju ħafna li dan huwa proġett miftuħ u li jeħtieġ ħidma kontinwa ta' aġġornament, anke wara l-għeluq ta' din it-teżi.
- Il-qafas diġitali fejn se tiġi ppreżentata l-ġabra sħiħa. Għalhekk, b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, xogħli hu maħsub li jittella' fuq il-portal *malti.mt*, sewwasew fit-taqsima tat-terminoloġija. B'hekk, il-pubbliku kollu għandu jkollu aċċess ta' tiftix iktar faċli bl-iskop li tinħoloq kuxjenza akbar dwar it-terminu Malti u l-istudju tiegħu.

## 4.4. Lejn infrastruttura tal-ġabra

Din il-ħidma tatni ċ-ċans nesplora metodi differenti ta' kif nista' nippreżenta d-dejta. It-tfassil tal-ġabra beda b'ispirazzjoni mill-biblijografija tas-snajja' tradizzjonali Maltin li Michela Buhagiar bniet fl-2018. Użajt il-MS Excel bħala programm li jagħtini ċans nikteb ammont kbir ta' informazzjoni. Għad li mhuwiex programm intenzjonat biex nibni l-qafas ta' database bih, ħsibt li huwa l-eħfef għażla biex nibni struttura li sa issa kien għad ma kellix. B'hekk kont se nkun qiegħed niċċara l-għanijiet organizzattivi tiegħi filwaqt li nħejji t-triq għal strutturi aħjar futuri li jqarrbu iżjed lejn il-kunċett ta' termbase (jew sorsbase) proprju.

### 4.4.1. *L-ewwel verżjoni*

Fl-ewwel tentattiv tiegħi, bdejt billi frixt idi fuq żewġ oqsma speċjalizzati: (i) il-baħar, u (ii) l-art u s-sema. Dawn huma żewġ oqsma lessikali kbar ħafna li ftit ftit bdew jgħinuni nifhem aħjar kif kellha tkun l-aħjar struttura tal-ġabra, struttura li kien se jkolli naġġornaha minn żmien għal żmien skont il-maturità terminografika tiegħi fl-istess proġett. Għalhekk, kull riżorsa relatata mal-aspett marittimu (bħas-sajd, ħut, dgħajjes, u l-bqija) bdejt niddokumentaha ġo file li semmejtu *baħar* u kull riżorsa relatata mal-art u s-sema (bħall-għasafar, il-flora u l-fawna tal-art, l-agrikultura, u l-bqija) bdejt norganizzaha ġo file li semmejtu *art u sema*.

| Awtur/i | Titlu | Pubblikazzjoni | Data | Kliem muftieħ | Paġni | Xi kummenti oħra | Referenza |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A, Ġ. | Ismijiet ta' diminuttivi tal-ħut | L-Għaqda tal-Malti: *Lehen il-Malti*, Għadd 3, p. 20 | 1961 | Ħut | 20 | | ara l-PC |
| | | | | Bastimenti | xi-xv | | |
| | | | | Ekwivalenti (qisien) | xvii-xiii | | |
| | | | | Ħaddiema u postijiet tax-xogħol | 1-17 | | |
| | | | | Bini tal-bastimenti | 17-46 | | |
| Abela, Joseph. | The Maltese merchant fleet of the 19th century | Malta Sacred Island | 2007 | Lessiku mislut mit-Taljan | 238-239 | | |
| Aquilina, Ġużè. | Ismijiet bil-Malti ta' ħut u frott tal-baħar tal-Mediterran: xogħol mibni fuq il-kwestjonarju tal-Atlante Linguistico Mediterraneo b'żieda ta' ismijiet oħra = Nomi di Maltesi de pesci, molluschi e crustacei del Mediterraneo | Malta University Press | 1969 | Introduzzjoni - baħar u mewġ, tifsil l-art, temp u riħ, kwiekeb, tbaħħir u manuvri, | 1-12 | Tul il-ktieb, it-termini bil-Malti jinsabu fil-grassett. | |
| | | | | imbark, ħajja abbord, kummerċ, sajd, fawna, | 13-16 | | |
| | | | | flora | 16-19 | | |
| | | | | Baħar u mewġ | 19-25 | | |
| | | | | Tifsil l-art | 25-27 | | |
| | | | | Temp u rjieħ | 28-34 | | |
| | | | | Kwiekeb | 34-48 | | |
| | | | | Tbaħħir u manuvri | 48-52 | | |
| | | | | Imbark | 52-53 | | |
| | | | | Ħajja abbord | 53-61 | | |
| | | | | Kummerċ | 61-103 | | |
| | | | | Sajd | 103-106 | | |
| | | | | Fawna - ħut, ċetaċi, pinnipidi, rettili, molluski, | 107-112 | | |
| Aquilina, Marija. | Is-sajd | L-Għaqda tal-Malti: *Lehen il-Malti*, pġni. 29-31 | 1942 | Sajd | 29-31 | | ara l-PC |
| | | | | April 1954 - Ħut bil-Malti u bl-Ingliż | 3 | Il-librerija tal-Università għandhom minn Frar tal-1954 sa Settembru 1964 u hemm ta' diversi xhur niqsin. | |
| | | | | April 1956 - Ħut | 3 | | |
| | | | | Jannar 1958 - Kura tal-ħut wara l-qbid | 2, 3 | | |
| | | | | Ottubru 1960 - It-tkarkir | 3 | Dan huwa folju ta' natura informattiva li kien joħroġ darba fix-xahar. | |
| | | | | Ġunju 1961 - L-iskalijiet | 1 | | |
| | | | | Ġunju 1961 - Il-kaptu għas-sajd | 2, 3 | Kull fuljett kien ikun magħmul minn 4 paġni (hemm uħud li għaqqdu xahrejn flimkien u għalhekk jikkonsistu minn iżjed paġni). | |
| | | | | Lulju 1961 - It-tkarkir | 1, 3 | | |
| | | | | Lulju 1961 - Ħut | 2 | | |
| | | | | Lulju 1961 - Bastimenti tas-sajd | 3 | | |
| | | | | Diċembru 1961 - Numri, sinjali u dwal | 3,4 | Dal-folju jinkludi ħafna informazzjoni | |

Figura 35: Il-qafas tal-ewwel mudell organizzattiv li bnejt.

Kif turi Figura 35, l-informazzjoni li niżżilt dwar kull riżorsa hija din:

- L-awtur/i; l-isem u l-kunjom ta' min ħoloq ir-riżorsa.
- It-titlu; l-isem tal-pubblikazzjoni.
- Il-pubblikazzjoni; l-isem tad-dar tal-pubblikazzjoni li ppubblikat ix-xogħol.
- Id-data; l-annu ta' meta l-pubblikazzjoni ħarġet fil-pubbliku.
- Il-kliem muftieħ; il-kelmiet ċentrali, magħżulin minni, li jiddeskrivu l-kontenut kunċettwali tar-riżorsa misluta.
- Il-paġni; in-numru tal-paġni eżatti fejn tinsab ir-riżorsa fi ħdan il-pubblikazzjoni sħiħa.
- Xi kummenti oħra; kummenti stilistiċi u informattivi oħra li osservajt jien u niddokumenta.
- Referenza; il-ħolqa tar-riżorsa jew, meta kien possibbli, bdejt naħżen ir-riżorsi nfushom fil-kompjuter tiegħi sabiex ma jintilfux minħabba aġġornamenti jew problemi tekniċi li jistgħu jinqalgħu fil-futur.

Din l-ewwel verżjoni kellha diversi nuqqasijiet. Qabelxejn, l-informazzjoni kollha ta' pubblikazzjoni waħda kont qed nippreżentaha f'ringiela waħda u ma kontx qed nifred il-biċċiet informattivi tagħha f'ċelloli għalihom. B'hekk kont qed noħloq problemi ta' korrispondenzi bejn il-kliem muftieħ u n-numru tal-paġni fejn jokkorru, kif ukoll diffikultajiet oħra futuri relatati mal-fażi tal-implimentazzjoni tal-ġabra f'qafas elettroniku. Barra minn hekk, kif turi l-aħħar ringiela tal-figura ta' hawn fuq, fil-kolonna tal-kliem muftieħ mhux dejjem kont qed niddokumenta biss il-kelmiet l-iżjed ċentrali li jiddeskrivu l-kontenut kunċettwali tar-riżorsa misluta, imma xi drabi spiċċajt niddokumenta fiha osservazzjonijiet oħra formali relatati mas-sors, ngħidu aħna, ix-xahar u s-sena ta' ħarġa f'rivista. Dan għaliex, sa issa, ma kontx qed niddistingwi bejn forom differenti ta' sorsi differenti, ngħidu aħna, l-istruttura ta' ktieb stampat mhijiex l-istess bħal ta' rivista, jew l-istil ta' ktieb stampat editjat mhuwiex l-istess bħal dak ta' teżi jew ta' filmat f'sit elettroniku. Iżjed ma bdejt niġbor, iżjed bdejt ninduna kemm dan il-fattur kien qed joħloqli xogħol parzjali u għalhekk ħsibt li jkun aħjar jekk naġġorna l-infrastruttura tal-ġabra tiegħi f'verżjoni oħra li toħloqli iżjed konsistenzi.

### 4.4.2. *It-tieni verżjoni*

Fit-tieni verżjoni tal-ġabra pruvajt negħleb l-isfidi li ħarġu fl-ewwel tentattiv infrastrutturali tiegħi. Qabelxejn, issa bdejt nikteb kollox f'ċelloli separati u, permezz tal-funzjoni *merge cells* fil-MS Excel, stajt nibda ngħaqqad għadd ta' ċelloli flimkien u norbot lilhom u l-kontenut tagħhom. B'hekk xogħli beda jieħu dehra aħjar u sar iktar rappreżentattiv.

Barra minn hekk, ħloqt għadd ta' folji separati għal kull qasam (rappreżentat f'file għalih) biex inkun nista' niddeskrivi faċilment ir-riżorsi li nsib skont il-forom differenti tas-sorsi tagħhom. B'dan il-mod, l-istruttura tal-kotba, ngħidu aħna, stajt nibniha b'mod differenti minn tar-rivisti u dik tas-siti elettroniċi b'mod differenti minn tal-gazzetti. Kif turi Figura 36 hawn isfel, issa ħloqt disa' folji b'infrastrutturi differenti:

- Kotba
- Rivisti
- Gazzetti
- Teżijiet
- Filmati
- Siti elettroniċi
- Midja soċjali
- Programmi tar-radju
- Apps (applikazzjonijiet tal-mobile)




Figura 36: Il-qafas tal-folja *rivisti* tat-tieni verżjoni li bnejt.

F'din l-istruttura żidt ukoll żewġ kolonni ġodda: (1) l-Identifikatur (ID), u (2) l-Kwalità.

(1) L-irwol tal-identifikatur kien li joħloq relazzjoni bejn ir-riżorsi (li għandhom infrastrutturi differenti, u għalhekk jinsabu f'folji differenti) fi ħdan l-istess qasam (u għalhekk fi ħdan l-istess file, f'dan il-każ BAĦAR). B'hekk ħsibt li meta l-ġabra tittella' fuq pjattaforma diġitali bħal

*malti.mt,* l-utent kien se jkollu ċ-ċans jidħol fil-qasam li jrid (ngħidu aħna, BAĦAR jew ART U SEMA) u jiġi espost għar-riżorsi kollha (anke jekk huma ta' infrastrutturi/folji differenti) tal-qasam li jkun għażel. Barra minn hekk, meta ssir tfittxija ta' xi ħaġa mill-fittiexa elettronika permezz tal-kliem muftieħ (ngħidu aħna, *ħut*) ma kienx se jkun hemm repetizzjonijiet ta' riżorsi ta' oqsma oħra għax l-istruttura kollha kienet se tkun ibbażata fuq l-identifikatur (eż. BAĦAR), il-qasam li l-utent ikun għażel. Għalhekk, ir-riżorsi kollha (ta' infrastrutturi differenti, b'folji differenti) ta' file wieħed ried ikollhom bilfors l-istess qasam bħala identifikatur. Iżjed ma ħdimt biha, iżjed indunajt kemm din il-verżjoni hija sistema kkumplikata u għalhekk bdejt infittex alternattivi oħra iktar sempliċi.

(2) Il-kolonna tal-kwalità – li fit-tielet verżjoni bdiltilha isimha għal *Tip* – bdiet timmarka l-grad ta' kwalità terminoloġika li r-riżorsa jkollha, jiġifieri kemm ir-riżorsa jkollha inklinazzjoni terminoloġika jew le. Għal din il-kolonna deskrittiva bdejt nuża tliet gradi (1, 2 jew 3) li fit-tielet verżjoni tal-ġabra bdilthom għal tliet stilel (*, ** jew ***) u għalhekk se nelabora dwarhom fit-taqsima li jmiss.

### 4.4.3. *It-tielet verżjoni*

Din il-verżjoni hija l-aħħar infrastruttura tal-ġabra li ħsibt, l-iżjed waħda sempliċi u dettaljata li tilħaq tajjeb l-għanijiet kompilatorji u deskrittivi tiegħi. Għad li mhijiex perfetta, hija struttura li b' osservazzjoni jew spjega ħafifa tagħha, tista' tinftiehem mill-ewwel. Minkejja l-varjetà kbira ta' riżorsi terminoloġiċi li tippreżenta, fiha elementi b'saħħithom ta' konsistenza, xi ħaġa li tant stinkajt biex nilħaqha. Jien u nibniha żammejt il-ħin kollu f'moħħi d-destinazzjoni aħħarija tagħha, dik li tiġi implimentata f'qafas elettroniku li jgħin lil dak li jkun ifittex minnha. B'hekk, xogħli ma jibqax fuq l-ixkaffa imma jsir attiv fil-prattika (teknoloġika) tal-ħajja.

Bħal mappa elettronika li biex tissodisfa l-għanijiet partikolari tal-utent tagħtih ċans iħares lejha minn perspettivi differenti, din il-ġabra tagħti lok ta' tmien possibbiltajiet ta' tiftix differenti li se niftaħ dwarhom lenti lenti f'taqsimiet 4.4.3.1. sa 4.4.3.8. Imbagħad, f'taqsima 4.4.3.9. niddiskuti żewġ kolonni oħra, differenti minn xulxin, li ħloqt apposta sabiex nikkonsolida d-deskrizzjoni tar-riżorsi.

#### *4.4.3.1. Lenti fuq il-forma tas-sors*

L-ewwel lenti tħares lejn ir-riżorsi skont il-forma tas-sors tagħhom. Din il-perspettiva turi li l-esponenti, Maltin u barranin, li studjaw it-terminoloġija Maltija mhux dejjem użaw l-istess metodi formali. Ladarba mhux kull xogħol għandu l-istess infrastruttura ta' xogħlijiet oħrajn, din il-varjetà kelli nesprimiha b'folji differenti, bi strutturi differenti. Għalhekk ħloqt ħames folji separati (li se nelabora dwarhom f'taqsimiet 4.4.3.1.1. sa 4.4.3.1.5) li jirrappreżentaw ħames tipi differenti ta' sorsi. Imbagħad, l-aħħar folja (li niftaħ dwarha f'taqsima 4.4.3.1.6) nikkunsidraha għaliha.

### *4.4.3.1.1. Riżorsi stampati*

Din il-folja tinkludi riżorsi stampati li fihom terminoloġija bil-Malti. Il-maġġoranza ta' dawn ir-riżorsi huma kotba stampati miktubin minn kittieb/a wieħed/waħda jew b'kollaborazzjoni ta' żewġ kittieba jew aktar.[65]

Kif jindikaw il-kolonni ta' Figura 37, l-istruttura ta' dawn it-tip ta' riżorsi tinkludi din l-informazzjoni:

- Isem u kunjom l-awtur/i jew editur/i li ħadem/ħadmu fuq ix-xogħol stampat.
- Isem ix-xogħol stampat.
- Isem id-dar tal-pubblikazzjoni li ħadmet fuq ix-xogħol stampat.
- Id-data tal-pubblikazzjoni.
- Il-kliem muftieħ li jiddeskrivi l-kunċetti tat-terminoloġija li sibt fi ħdan ix-xogħol stampat.
- Il-paġni korrispondenti fejn jinsabu l-istess kunċetti fi ħdan ix-xogħol stampat.
- It-tip ta' inklinazzjoni terminoloġika tar-riżorsa permezz tal-istilel.
- Il-qasam terminoloġiku/l-oqsma terminoloġiċi li r-riżorsi jappartejnu fih/om.
- Xi kumment/i formali-kunċettwali dwar ir-riżorsi mislutin.
- Xi kumment/i ġenerali dwar il-pubblikazzjoni sħiħa.



**RIŻORSI STAMPATI**

| Awtur/i / Editur/i | Isem ix-xogħol stampat | Pubblikazzjoni | Data | Kliem muftieħ | Paġni | Tip | Qasam 1 | Qasam 2 | Qasam 3 | Kumment/i dwar ir-riżorsa misluta | Kumment/i ġenerali dwar il-pubblikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Flora u fawna | 225-232 | * | flora u fawna | | | Speċi barranin li daħlu jew iddaħħlu fil-gżejjer Maltin. | |
| | | | | Flora u fawna | 233-236 | *** | flora u fawna | | | Tabella bil-Malti, b'mod xjentifiku u bl-Ingliż tal-ispeċi kollha li jissemmew fil-ktieb. Riżorsa terminoloġika b'saħħitha ħafna. | |
| Alfred G. Miceli | L-Istorja tal-Opra f'Malta (1631-1866) | Malta: PIN (Kullana Kulturali, Vol 6) | 1999 | Opra | 175-179 | *** | mużika | | | Glossarju ta' termini tekniċi, bid-definizzjonijiet bil-Malti. | Pubblikazzjoni li tappartjeni mas-sensiela *Il-Kullana Kulturali* . |
| Alfred G. Miceli | L-Istorja tal-Opra f'Malta (1866-2000) | Malta: PIN (Kullana Kulturali, Vol 27) | 2001 | Opra | 333-336 | *** | mużika | | | Glossarju ta' termini tekniċi, bid-definizzjonijiet bil-Malti. | Pubblikazzjoni li tappartjeni mas-sensiela *Il-Kullana Kulturali* . |
| Alfredo Caruana Gatto | The Slugs of the Maltese Islands | Malta: L-Awtur | 1919 | Molluski | 5-11 | ** | flora u fawna | sajd u marittima | | It-termini Maltin jinsabu fil-korsiv. | |
| André Raine, Joe Sultana u Simon Gillings | Malta Breeding Bird Atlas 2008 | Malta: BirdLife Malta | 2009 | Għasafar/tajr | 14-85 | ** | flora u fawna | | | Minbarra l-isem bl-Ingliż, bil-Malti u b'mod xjentifiku, għal kull speċi, l-awturi jagħtu deskrizzjoni ħafifa tagħha, l-imġiba fit-tnissil, tabella tal-popolazzjoni tagħha, stima ta' kemm-il medda okkupat, id-distribuzzjoni tagħha fl-2008, l-implikazzjonijiet ta' konservazzjoni, u l-abtitat ewlieni fejn tfaqqas. | |
| | | | | Għasafar/tajr | 90-91 | *** | flora u fawna | | | Lista kompluta bl-isem Ingliż, Malti u xjentifiku. | |
| Anna Borg Cardona | Daqq, Għana u Żfin Malti | Malta: PEG | 2007 | Strumenti tradizzjonali Maltin, bronja, ċuqlajta, bedbut, rabbaba/żafżafa, żummara, flejguta, tanbur, żaqq, qarn, kitarra, daqqaqa, għana Malti, żfin | 7-43 | ** | mużika | arti, kultura u folklor | | It-terminoloġija bil-Malti tul it-testi tinsab fil-grassett. Ukoll, tinkludi diversi illustrazzjonijiet bit-terminoloġija tal-partijiet tagħhom. | |
| Anna Borg Cardona | Musical Instruments of the Maltese Islands: History, Folkways and Traditions | Malta: Fondazzjoni Patrimonju Malti | 2014 | Għana Malti | 10-11 | ** | mużika | | | It-termini Maltin jinsabu fil-korsiv. | Pubblikazzjoni mill-isbaħ dwar l-istrumenti tal-gżejjer Maltin. Tinkludi riċerka dettaljata bl-Ingliż mimlija stampi. Fuq livell terminoloġiku, l-awtriċi tinkludi wkoll il-varjanti tal-ismijiet tal-istrumenti mniżżlin hawnhekk. |
| | | | | Strumenti, idjofoni, strumenti li jivvibraw | 21-79 | ** | mużika | | | It-termini Maltin jinsabu fil-korsiv. | |
| | | | | Strumenti, membranofoni, strumenti tal-membrani stirati | 81-125 | ** | mużika | | | It-termini Maltin jinsabu fil-korsiv. | |
| | | | | Strumenti, membranofoni, strumenti tal-membrani stirati, żavżava/żavżova | 106 | *** | mużika | | | Illustrazzjoni bit-terminoloġija magħha. | |
| | | | | Strumenti, kordofoni, strumenti tal-korda | 127-171 | ** | mużika | | | It-termini Maltin jinsabu fil-korsiv. | |
| | | | | Strumenti, arjufoni, strumenti tal-arja | 173-266 | ** | mużika | | | It-termini Maltin jinsabu fil-korsiv. | |
| Anne Caruana Galizia u Helen Caruana Galizia | The Food & Cookery of Malta | Malta: PAX Books | 1999 | Ikel, tisjir, riċetti, soppa/sopop | 31-42 | ** | ikel u tisjir | | | | |
| | | | | Ħut | 49-71 | *** | flora u fawna | ikel u tisjir | sajd u marittima | Ġabra alfabetika ta' Guido Lanfranco, bil-Malti u b'lingwi oħra. | |
| | | | | Ikel, tisjir, riċetti, ħut | 72-83 | ** | ikel u tisjir | | | | |
| | | | | Ikel, tisjir, riċetti, laħam | 88-115 | ** | ikel u tisjir | | | | |



Figura 37: Il-qafas mill-folja *riżorsi stampati* tat-tielet u l-aħħar verżjoni tal-ġabra.

Il-kampjun ta' hawn fuq qed juri li Anna Borg Cardona għandha żewġ pubblikazzjonjiet stampati li ħadmithom weħdiha: (i) *Daqq, Għana u Żfin Malti*, ippubblikat mill-PEG fl-2007, u (ii) *Musical*

[65] Fost l-oħrajn, din il-parti tal-ġabra tinkludi dokumentazzjoni sħiħa tas-sensiela *Il-Kullana Kulturali*, ippubblikata mill-Pubblikazzjoni PIN bejn l-1999 u l-2010, u tinqasam fi 73 volum, kull wieħed jesplora qasam wieħed ta' għarfien u miktub minn espert/a individwali jew grupp ta' esperti. Ħajr lil Carmel Bezzina li tani aċċess komdu f'daru għas-sensiela kollha.

*Instruments of the Maltese Islands: History, Folkways and Traditions*, ippubblikat mill-Fondazzjoni Patrimonju Malti fl-2014. L-ewwel ktieb jinvolvi terminoloġija bil-Malti li tappartjeni għall-oqsma tal-*mużika* u l-*arti, kultura u folklor*, miktuba bil-grassett fi ħdan it-test, b'għadd ta' illustrazzjonijiet li jsaħħuha. It-tieni wieħed jikkonsisti minn sitt riżorsi terminoloġiċi, dokumentati f'sitt fillieri differenti, li kollha jagħmlu mal-qasam tal-*mużika*; ir-raba' waħda, dik li tinsab f'paġna 106 tal-ktieb, hija inklinata ħafna lejn in-natural terminoloġiku għaliex tinkludi illustrazzjoni bit-termini Maltin.

Bħal dawn iż-żewġ eżempji hemm ħafna iktar. Sakemm ġejt biex nissottometti din it-teżi, b'kollox irnexxieli niddokumenta 388 pubblikazzjoni stampata li kull waħda minnhom tinfetaħ f'numru ieħor ta' riżorsi terminoloġiċi differenti, ilkoll miktubin b'metodi u xejriet terminoloġiċi varji, u li jinfirxu f'oqsma diversi li l-ħajja Maltija infiltrat fihom.

### *4.4.3.1.2. Riżorsi editjati stampati*

Din it-taqsima tiġbor riżorsi editjati stampati, b'mod speċjali kotba, li nġabru minn editur/i jew grupp/i u li l-kitba tagħhom hija mibnija minn awturi differenti. Għalhekk, kif tindika Figura 38 hawn isfel, issa kelli nżid kolonna oħra bejn dik tad-data u tal-kliem muftieħ – *Awturi/i* – li tiddokumenta l-isem u l-kunjom tal-individwi li fi ħdan il-ktieb editjat ipparteċipaw fil-formazzjoni tat-terminu Malti.

**RIŻORSI EDITJATI STAMPATI**

| Editur/i / Grupp/i | Isem ix-xogħol stampat | Pubblikazzjoni | Data | Awtur/i | Kliem muftieħ | Paġni | Tip | Qasam 1 | Qasam 2 | Qasam 3 | Kumment/i dwar ir-riżorsa misluta | Kumment/i ġenerali dwar il-pubblikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Godfrey Farrugia | Pyrotechnic Malta | Malta: L-Awtur | 2012 | Godfrey Farrugia | Piroteknika, nar tal-art | 69-76 | ** | sport u rikreazzjoni | | | It-terminoloġija bil-Malti tinsab fi ħdan it-test, fil-korsiv, ġewwa l-parentesi. | |
| Guido Lanfranco | Folklor: Ġabra ta' Kitba minn Membri tal-Għaqda Maltija tal-Folklor | Malta: Klabb Kotba Maltin | 2004 | Anna Borg | Mużika, strument, rabbaba | 24-30 | ** | mużika | | | Tinkludi illustrazzjoni bit-termini magħha. | |
| | | | | Anna Borg | Mużika, strument, bedbut/bdiebet | 31-41 | ** | mużika | | | Tinkludi illustrazzjonijiet bit-termini magħha. | |
| | | | | Steve Borg | Sajd, ċkal | 42-45 | ** | sajd u marittima | | | Tinkludi illustrazzjonijiet bit-termini magħha. | |
| | | | | Ġużi Gatt | Flus, kejl, qies/qisien | 85-89 | ** | matematika | | | It-termini relavanti jinsabu bl-ittri kapitali. Din ir-riżorsa ssibha wkoll fil-pubblikazzjoni individwali tal-2015 tal-awtur. | |
| | | | | Ġużi Gatt | Trobbija tal-bhejjem | 91-95 | *** | agrikultura | | | It-termini relavanti jinsabu bl-ittri kapitali. Din ir-riżorsa ssibha wkoll fil-pubblikazzjoni individwali tal-2005 tal-awtur. Tinkludi għadd ta' illustrazzjonijiet bit-termini Maltin magħhom. | |
| | | | | Ġużi Gatt | Insiġ | 96-109 | *** | xogħol u snajja' | | | It-termini relavanti jinsabu bl-ittri kapitali. Din ir-riżorsa ssibha wkoll fil-pubblikazzjoni individwali tal-2005 tal-awtur. Tinkludi għadd ta' illustrazzjonijiet bit-termini Maltin magħhom. | |
| | | | | Dr C. J. Jaccarini | Bini, gallarija, muxrabija | 117-122 | * | bini u arkitettura | | | It-termini Maltin relevanti jinsabu fil-korsiv. | |
| | | | | Charles Savona | Laqmijiet tas-seklu dsatax f'Għawdex | 177-179 | *** | arti, kultura u folklor | | | | |
| Catherine Vella | Bilingual Glossary of Statistical Terms: English-Maltese | Malta: L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika | 2013 | Joe Felice Pace | Statistika | 1-162 | *** | statistika | | | Glossarju bilingwi Ingliż-Malti, bit-terminoloġija u d-definizzjonijiet miktubin biż-żewġ lingwi. Minbarra l-glossarju bit-terminoloġija alfabetika, jinkludi klassifikazzjonijiet u lista tal-akoronimi. | |
| Joe Sultana | Flora u Fawna ta' Malta | Malta: Dipartiment għall-Ħarsien tal-Ambjent | 1995 | Joe Sultana | Toponomija/toponomastika, riservi naturali, santwarji tal-għasafar u nħawi oħra fil-gżejjer Maltin | 17 | *** | flora u fawna | ġeografija | | | Pubblikazzjoni li għandha siwi terminoloġiku b'saħħtu ħafna dwar il-flora u l-fawna Maltija. Hija mżejna minn għadd sabiħ ta' stampi u figuri. Sena wara, ġiet ippubblikata l-verżjoni tagħha bl-Ingliż, *Wildlife of the Maltese Islands* (1996) li tagħha hemm edizzjonijiet oħra iżjed riċenti bħal dik tal-2002 ippubblikata mill-BirdLife Malta. |
| | | | | Joe Sultana | Pożizzjoni u daqs tal-gżejjer, ġeoloġija, ħamrija, ġeomorfoloġija, klima, riżorsi tal-ilma, flora u fawna, ekosistemi, effetti tal-bniedem, ħarsien tan-natura | 19-34 | * | flora u fawna | ġeoloġija | ġeografija | | |
| | | | | | | | | temp | | | | |
| | | | | — | Flora | 35-38 | * | flora u fawna | | | Daħla għat-taqsima dwar il-flora Maltija. | |
| | | | | Edwin Lanfranco | Flora, tqassim prinċipali tal-pjanti | 36 | *** | flora u fawna | | | Illustrazzjoni bit-termini. | |
| | | | | Edwin Lanfranco | Flora, algi/alki | 39-44 | ** | flora u fawna | | | Klassifikazzjoni. | |
| | | | | Edwin Lanfranco | Flora, algi/alki | 84-85 | *** | flora u fawna | | | Lista ta' termini u illustrazzjonijiet bil-kulur. | |
| | | | | Edwin Lanfranco | Flora, fungi | 45-50 | ** | flora u fawna | | | Klassifikazzjoni. | |
| | | | | Edwin Lanfranco | Flora, likeni | 51-52 | ** | flora u fawna | | | Klassifikazzjoni. | |

riżorsi stampati | riżorsi editjati stampati | rivisti u gazzetti stampati | teżijiet mhux ippubblikati | riżorsi mhux stampati | riżorsi oħra

Figura 38: Il-qafas mill-folja *riżorsi editjati stampati* fi ħdan il-ġabra.

Kif tindika l-figura ta' hawn fuq, il-ktieb *Folklor: Ġabra ta' Kitba minn Membri tal-Għaqda Maltija tal-Folklor*, editjat minn Guido Lanfranco u ppubblikat fl-2004, jinkludi ħames esponenti Maltin li b'kitbiethom messew oqsma terminoloġiċi varji. Sal-aħħar irtokki li għamilt lill-ġabra rnexxieli niġbor u niddokumenta 25 ktieb editjat stampat ta' dan it-tip.

*4.4.3.1.3. Rivisti u gazzetti stampati*

Wieħed mill-ikbar kontribut li qiegħed nagħti permezz ta' din ir-riċerka huwa l-ġbir ta' għadd ġmielu ta' rivisti u gazzetti lokali u barranin. Dan kien l-iktar xogħol li ħadli ħin għaliex rivista waħda, minn ħarġa għall-oħra, titlob sigħat u ġranet twal ta' dokumentazzjoni. Għal kwalunkwe rivista li ġbart, pruvajt niġbor kollox, jiġifieri jekk iltqajt ma' rivista partikolari, fittixt l-ewwel ħarġa tagħha u, sal-aħħar ħarġa tagħha, iddokumentajt fejn hemm terminoloġija bil-Malti. F'dan is-sens, din it-teżi mhux biss tikkontribwixxi mil-lat terminoloġiku, iżda tagħti kontribut lill-istorja Maltija tal-istampar. Biżżejjed ngħid li, fejn irnexxieli, ġbart l-ismijiet tal-edituri kollha li ħadmu f'rivista partikolari tul is-snin, b'kummenti bħal kif bdiet toħroġ u l-għanijiet bikrin tagħha, fost ħafna oħrajn. Ir-rivisti u l-gazzetti kollha li fittixt fihom it-terminoloġija bil-Malti u għalhekk kelli ndurhom kollha minn qoxra sa qoxra huma dawn it-28:

- *Archipelago* (2002-2006)
- *Archivum Melitense: Journal of the Malta Historical and Scientific Society* (1910-1949)
- *Biedja u Sajd* (1990-2006)
- *Bird's Eye View* (1977-)
- *Bulletin of the Entomological Society of Malta* (2008-2015)
- *Dilettanti tal-Agrikoltura, Siġar u Pjanti* (2017-2019)
- *Il Barth: Gazzetta di Medicina e Scienze Naturali* (1871-1875)
- *Il-Ħuttafa* (1994-)
- *Il-Kampanja* (2000-2011)
- *Il-Kanġu* (1981-1992)
- *Il-Malti* (1925-)
- *Il-Merill* (1970-2020)
- *Il-Passa: Gazzetta ta' Kull Xahar għall-Kaċċaturi, Nassaba u Sajjieda* (1984-2002)
- *Il-Passa-temp* (2006-2018)
- *Is-Sajd* (1950-1968)
- *Journal of Maltese Studies* (1961-)
- *L-Aċċent* (2009-)
- *L-Għasfur u l-Ambjent Naturali* / *In-Natura* (1982-2003)
- *L-Imnara* (1978-)
- *Leħen il-Malti* (1931-1958, 1960-)
- *Melita Agricola: Rivista ta' Cull Xahar fuk il-Biedja Maltija* (1932-1935)
- *Nisġet Artna* (2014-)
- *Ornis: Internationale Zeitschrift fur die Gesammte Ornithologie* (1895)
- *Sagħtar* (1971-2015, 2020-)
- *The Central Mediterranean Naturalist* (1879-1986, 1990-1997, 1999-2002, 2003-2008, 2009-2012)

- *The Malta Year Book* (1953-2009)
- *The Maltese Naturalist* (1970-1976)
- *The Mediterranean Naturalist* (1891-1893)

Minħabba l-ħin, ma kellix ċans indur ir-rivisti u l-gazzetti kollha li ltqajt magħhom u li b'xi mod jew ieħor jistgħu jesploraw it-terminu Malti. Għalhekk, qed nagħmel lista tagħhom hawnhekk bl-iskop li fil-futur qarib jinġabru wkoll:

- *Agrikoltura u Sajd* (rivista li tkompli ma' *Is-Sajd*)
- *Familjakana: Magażin għall-Familja* (1973-2013)
- *Il-Bidwi* (1942-1953)
- *Il-Biedja Llum* (1981-2001)
- *Il-Ballottra* (1988-2009)
- Il-gazzetti ewlenin kollha, bħat-*Times of Malta*, *In-Nazzjon*, *L-Orizzont*, *Il-Leħen*, eċċ.

Jeżistu rivisti oħrajn li ddokumentajt xi riżorsi terminoloġiċi minnhom iżda ma kellix biżżejjed ħin biex indur il-ħarġiet kollha tagħhom. Ngħidu aħna, il-*Kollezzjoni Programmi tal-Festa*, miġbura mil-librara tal-Kulleġġ Ġan Franġisk Abela, slitt minnha xi xogħlijiet terminoloġiċi dwar il-ħobż (2000) u l-luzzu (2003) ta' J. J. Camilleri, l-armar tal-festa (2015-2018) ta' Saviour Camilleri u d-daqq tal-qniepen (2012) ta' Kenneth Cauchi. Magħha, ir-rivista *Wirt Artna*, maħruġa mid-Direttorat tal-Edukazzjoni, li fil-ħarġiet tat-tmeninijiet tinkludi xi illustrazzjonijiet bit-terminoloġija tal-mibki Joseph Mallia (1931-2020),[66] kif ukoll ir-rivista *Ilma Ċar*, maħruġa mill-Għaqda Trobbija tal-Ħut, ma dorthomx kollha.

**RIVISTI U GAZZETTI STAMPATI**

| Editur/i | Isem ir-rivista/ il-gazzetta | Pubblikazzjoni | Data/i | Ħarġa | Awtur/i | Kliem muftieħ | Paġni | Tip | Qasam 1 | Qasam 2 | Qasam 3 | Kumment/i dwar ir-riżorsa misluta | Kumment/i ġenerali dwar ir-rivista/il-gazzetta |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kurt Sceri, Keziah Ellul u Omar Cassar | Festa Madonna tal-Kammnu, Il-Fgura | Malta: Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Kammnu - Il-Fgura | — | 2016 | Mark Anthony Sciberras | Banda Maltija, baned Maltin, strumenti | 127-130 | ** | mużika | | | | Rivista aċċessata mill-*Kollezzjoni Programmi tal-Festa* li qed tinġabar b'ħafna mħabba u dedikazzjoni mil-librara tal-Kulleġġ Ġan Franġisk Abela (Junior College), l-Imsida. |
| Lawrence Darmanin | Ilma Ċar | Malta: L-Għaqda tat-Trobbija tal-Ħut | 1980-? | 1980 (1) | Ronald Zarb | Akkwarju, daqs, ċagħaq jew ramel, ilma, numru tal-ħut, ilma, ħut, kif jintrama l-akkwarju | 9-26 | * | sajd u marittima | flora u fawna | | | Din ir-rivista ħarġet iżjed drabi iżda aċċess għal dawn il-ħarġiet ma sibtx. |
| | | | | | Lawrence Darmanin | Akkwarju, trawwim ta' ħut u inverterbrati tal-ilma baħar | 37-45 | ** | sajd u marittima | flora u fawna | | Artiklu li jinkludi lista ta' ħut u invertebrati li wieħed jista' jrabbi ġo akkwarju, bid-definizzjonijiet. | |
| | | | | | — | Akkwarju u s-sistema tal-filtrazzjoni | 46 | ** | sajd u marittima | | | Illustrazzjoni tal-akkwarju bit-termini bil-Malti. | |
| | | | | | Ronald Zarb | Ġwienaħ tal-ħut | 49-51 | ** | sajd u marittima | flora u fawna | | It-termini Maltin jinsabu fil-korsiv. Hemm illustrazzjoni bit-termini Ingliżi. | |
| Mario Azzopardi, (1971-1973), Ritchie Vella (1974-1979), Oliver Friggieri (1979-1996), Victor Fenech u Ġorġ Mallia (1996-2006), Victor Fenech (2006-2008), Charles Magro (2008-2015), Chris Giordano (2020-) | Sagħtar | Malta: Moviment Qawmien Letterarju bil-kollaborazzjoni tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni / Malta Union of Teachers / Fondazzjoni Sagħtar | 1971-2015, 2020- | 1974 (29) | Paul P. Borg | Ħart, moħriet | 8 | *** | agrikultura | | | Illustrazzjoni tal-moħriet bit-termini magħha. | Bdiet bħala rivista kulturali-letterarja għall-istudenti fl-iskejjel sekondarji bil-għan li tinħoloq pjattaforma fejn l-istudenti jberrħu l-fehmiet tagħhom filwaqt li l-kitba Maltija timxi iżjed 'il quddiem. Minbarra t-taqsima merfugħa għall-kitba tal-istudenti, ir-rivista tinkludi taqsima oħra ta' tagħlim u tagħrif miktub minn kittieba magħrufa. Dan it-tagħrif jolqot il-letteratura, l-Istorja, il-ġrajja tal-arti, u ħwejjeġ oħrajn. Hija rivista nazzjonali li tiżra' żerriegħa tajba fost l-istudenti bit-tama li l-Malti jkompli jikber u jiżviluppa fil-ġejjieni. Bdiet mill-Moviment Qawmien Letterarju taħt il-Ministru l-Onorevoli Pawlu Borg Oliver u d-Direttur tal-Edukazzjoni s-Sa Margaret Mortimer. Fl-1976 għaddiet għand il-Malta Union Of Teachers (MUT) fejn intlaħaq ftehim bejn din l-għaqda tal-għalliema u l-MQL (immexxi minn V. M. Pellegrini) sabiex ir-rivista żżomm il-karatteristiċi tagħha ta' rivista kulturali bil-Malti. Permezz ta' dan il-ftehim, il-Moviment ingħata somma ta' flus kull sena sabiex tmur għall-istampar ta' *Il-Polz*, ir-rivista letterarja tal-Moviment. Wara waqfa ta' ħames snin (minħabba li l-Pubblikazzjoni tal-MUT ġiet illikwidata ladarba sabet ruħha f'sitwazzjonijiet [illegible] |
| | | | | 1974 (31) | — | Kliem Malti qadim | 7 | *** | lingwa u letteratura | | | Lista ta' kliem Malti qadim bit-tifsira jew sinonimi għalih. | |
| | | | | 1976 (40) | Guido Lanfranco | Ħut | 15 | ** | flora u fawna | sajd u marittima | | It-termini bil-Malti jinsabu fil-grassett. | |
| | | | | 1976 (42) | Joe Sultana | Għasafar | 20-21 | * | flora u fawna | | | | |
| | | | | 1977 (50) | Ġorġ Mallia | Werrej/indiċi | 25-31 | — | | | | Werrej, skont suġġetti varji, tal-artikli kollha fl-ewwel ħamsin ħarġa tar-rivista. | |
| | | | | 1979 (66) | Guido Lanfranco | Rettili | 20-23 | * | flora u fawna | | | | |
| | | | | 1980 (67) | Guido Lanfranco | Friefet | 21-23 | ** | flora u fawna | | | Tinkludi għadd ta' ritratti sbieħ. | |
| | | | | 1980 (68) | Guido Lanfranco | Mammiferi | 12-13 | ** | flora u fawna | | | Tinkludi għadd ta' ritratti sbieħ. | |
| | | | | 1980 (70) | Guido Lanfranco | Ħut | 11-13 | ** | flora u fawna | sajd u marittima | | Tinkludi għadd ta' ritratti sbieħ. | |
| | | | | | | Partijiet tal-ħuta | 11 | *** | flora u fawna | sajd u marittima | | Illustrazzjoni dettaljata. | |
| | | | | 1980 (71) | Guido Lanfranco | Fjuri slavaġ, pjanti | 11-12 | ** | flora u fawna | | | Tinkludi għadd ta' ritratti sbieħ. | |
| | | | | 1980 (72) | Guido Lanfranco | Bebbux tal-baħar, arzell/imħar tal-baħar | 19-21 | ** | flora u fawna | sajd u marittima | | Tinkludi għadd ta' ritratti sbieħ. | |
| | | | | 1980 (73) | Guido Lanfranco | Partijiet tal-ġisem, enerġija | 10-11 | ** | saħħa u mediċina | | | Tinkludi illustrazzjoni. | |
| | | | | 1981 (75) | Guido Lanfranco | Partijiet tal-ġisem, ikel jintgħażel | 2 | ** | saħħa u mediċina | | | Tinkludi illustrazzjoni. | |

riżorsi stampati | riżorsi editjati stampati | rivisti u gazzetti stampati | teżijiet mhux ippubblikati | riżorsi mhux stampati | riżorsi oħra

Figura 39: Kampjun mill-folja *rivisti u gazzetti stampati* tal-ġabra finali li fiha jidher inventarju dettaljat ta' riżorsi terminoloġiċi tar-rivista *Sagħtar*, fost riżorsi oħra.

[66] Fil-pubblikazzjoni *Joseph Mallia: Edukatur, Illustratur, Pittur* (2023:46-49), Fiona Vella tħares lejn din il-ħidma terminoloġika ta' Mallia bħala "didattika" għax l-iskop ewlieni tagħha huwa li tgħallem.

Kif tissuġġerixxi Figura 39 hawn fuq, l-infrastruttura tal-folja li tiddokumenta r-riżorsi terminoloġiċi fir-rivisti u l-gazzetti, minbarra t-tagħrif li semmejt fil-qafas tar-riżorsi editjati stampati, issa kienet teħtieġ kolonna ġdida li tesprimi informazzjoni dwar is-sena u n-numru tal-ħarġa fi ħdan ir-rivista/il-gazzetta dokumentata.

### *4.4.3.1.4. Teżijiet mhux ippubblikati*

F'dawn it-tliet snin ta' riċerka dort u ġbart ħafna teżijiet mhux ippubblikati – b'kollox 146 teżi – li bil-modi differenti tagħhom jistudjaw it-terminoloġija Maltija. Ladarba ħafna minnhom jinsabu fis-sistema elettronika tal-OAR tal-Università ta' Malta, dan il-proċess kompilattiv, li ħadli ħafna ħin, stajt nagħmlu mid-dar. L-iskop ewlieni tal-maġġoranza ta' dawn it-teżijiet huwa purament it-terminoloġija, tant li jistħarrġu fid-dettall it-termini ta' xi qasam jew ieħor tal-ħajja Maltija. Mill-istess università lokali, id-Dipartiment tal-Malti, id-Dipartiment tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija u l-Interpretar, l-Istitut tal-Lingwistika, u d-Dipartiment tal-Istudji Maltin huma erba' istituzzjonijiet akkademiċi ewlenin li bnew ħidmiet ta' dan it-tip fuq livelli differenti. Barra minn hekk, jeżistu dipartimenti oħra fi ħdan l-istess università – bħal dawk tal-mediċina, l-arkitettura, u l-edukazzjoni, fost l-oħrajn – li jkomplu jipparteċipaw f'dan l-iżvilupp. Xogħli kien li nkun sensittiv biżżejjed għal din l-attività kollha, issa mibnija fuq livell akkademiku, li saret b'tant reqqa u dedikazzjoni matul is-snin.

**TEŻIJIET MHUX IPPUBBLIKATI**

| Student/i | Isem it-teżi | Istituzzjoni | Grad | Data | Kliem muftieħ | Paġni | Tip | Qasam 1 | Qasam 2 | Qasam 3 | Kumment/i dwar ir-riżorsa misluta | Kumment/i ġenerali dwar it-teżi |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Fabio D'Amato | Glossarju Analitiku ta' Termini Marbuta maċ-Ċinematografija | L-Università ta' Malta: Fakultà tal-Arti, Dipartiment tal Istudji tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija u l-Interpretar | Maġisteru fit-Traduzzjoni | 2010 | Ċinematografija, ċinema, films | 11-136 | *** | sport u rikreazzjoni | | | Glossarju alfabetiku Ingliż-Malti bid-definizzjonijiet, kummenti u sentenzi bit-termini fil-kuntest tradotti. | |
| | | | | | Ċinematografija, ċinema, films | 137-149 | *** | sport u rikreazzjoni | | | Lista alfabetika Malti-Ingliż tal-istess termini trattati f'paġni 11-136. | |
| Felicienne Zammit | Analiżi Lingwistika ta' Qasam Lessikali Magħżul | L-Università ta' Malta: Fakultà tal-Edukazzjoni | Baċellerat tal-Edukazzjoni (Bl-Unuri) | 1993 | Ikel, tisjir, ħobż | 112-151 | *** | ikel u tisjir | | | It-terminu bil-Malti u d-definizzjoni tiegħu bl-Ingliż. | |
| | | | | | Xorb, inbid | 152-179 | *** | ikel u tisjir | | | It-terminu bil-Malti u d-definizzjoni tiegħu bl-Ingliż. | |
| Fiona Formosa Bartolo | A Glossary (Maltese-English) of Terms Used in Electrical Engineering With Special Focus on Alternating Current Drives And Programmable Logic Controllers | L-Università ta' Malta: Fakultà tal-Arti, Dipartiment tal Istudji tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija u l-Interpretar | Maġisteru fit-Traduzzjoni u l-Interpretar | 2006 | Inġinerija elettrika, elettriku, loġika, programmar, kurrent alternat | 254-273 | *** | xjenza u teknoloġija | | | Lista alfabetika Ingliż-Malti ta' termini. Ukoll, minn paġna 7 sa 253 wieħed isib tagħrif dettaljat bl-Ingliż dwar l-istess termini. | |
| | | | | | Inġinerija elettrika, elettriku, loġika, programmar, kurrent alternat | 274-293 | *** | xjenza u teknoloġija | | | Lista alfabetika Malti-Ingliż ta' termini. Ukoll, minn paġna 7 sa 253 wieħed isib tagħrif dettaljat bl-Ingliż dwar l-istess termini. | |
| Franciana Cassar | Varjazzjoni Djalettali fil-Qasam Lessikali tal-Ħelu | L-Università ta' Malta: Fakultà tal-Arti, Dipartiment tal-Malti | Baċellerat tal-Arti (Bl-Unuri) fil-Malti | 2013 | Tisjir, ħelu | 97-119 | *** | ikel u tisjir | | | Għal kull terminu, wieħed isib stampa u d-definizzjoni li jagħtu Aquilina u Serracino Inglott. | |
| | | | | | Tisjir, ħelu | 121-195 | *** | ikel u tisjir | | | Tinkludi persentaġġi tal-varjanti tal-ħelu skont l-età tal-informanti. | |
| Gabriel Mizzi | Ir-Reġistru tal-Biedja | L-Università ta' Malta: Fakultà tal-Arti, Dipartiment tal-Malti | Baċellerat tal-Arti (Bl-Unuri) fil-Malti | 2019 | Biedja, bidwi | 105-130 | *** | agrikultura | | | Tabella li tinvolvi t-terminu kif intqal min-nannu tar-riċerkatur, skont kif jinstab f'Aquilina, it-tifsira tiegħu skont in-nannu, it-tifsira/traduzzjoni tiegħu skont Aquilina, u s-sors tal-intervista li għamel l-istess Mizzi għat-terminu. | |
| Gabriella Elhul | Malta's Edible Plants | L-Università ta' Malta: Fakultà tal-Edukazzjoni | Baċellerat tal-Edukazzjoni (Bl-Unuri) | 1993 | Flora, pjanti li jittieklu | 12-79 | *** | flora u fawna | ikel u tisjir | | Għal kull pjanta mniżżla hawnhekk, l-istudenta tat l-isem botaniku, Ingliż u Malti tagħha, hix komuni jew le, l-abitat tagħha, il-partijiet minnha li jittieklu, u tagħrif dwar l-użu tagħha. Meta m'għandhiex, l-isem Malti tal-pjanta tħalla barra. | Teżi li tinvestiga mal-240 pjanta biex tara humiex tajbin għall-ikel jew le. Il-lista ma tinkludix il-pjanti kollha li jittieklu f'Malta, fil-fatt, il-ħxejjex, xi frott komuni u fungi tħallew barra għax diġà saret ħafna riċerka dwarhom. |
| Gabriella Spiteri | A Glossary of Selected Terms Related to Paediatrics | L-Università ta' Malta: Fakultà tal-Arti, Dipartiment tal Istudji tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija u l-Interpretar | Maġisteru fit-Traduzzjoni | 2015 | Saħħa, mediċina, pedjatrika, tfal, mard tat-tfal, kura tat-tfal | 254-258 | *** | saħħa u mediċina | | | Lista alfabetika Ingliża-Maltija ta' 161 terminu dwar il-pedjatrika. Imbagħad, f'paġni 37-248 hemm tagħrif dettaljat dwar kull terminu, bil-korrispondenti Ingliża-Maltija, id-definizzjoni għalihom bl-Ingliż u bil-Malti, l-użu tat-terminu f'kuntest Ingliż biss u l-analiżi tal-formazzjoni tat-terminu Malti. | |

riżorsi stampati | riżorsi editjati stampati | rivisti u gazzetti stampati | **teżijiet mhux ippubblikati** | riżorsi mhux stampati | riżorsi oħra

Figura 40: Kampjun mill-folja *teżijiet mhux ippubblikati* inkluża fil-ġabra finali.

Kif turi Figura 40, bħala parti mill-istruttura ta' dawn it-teżijiet, minbarra xi tagħrif diskuss f'sorsi preċedenti, issa inkludejt żewġ kolonni ġodda – tal-*Istituzzjoni* u tal-*Grad* – biex jindikaw liema dipartiment jew istitut universitarju ħadem fuqhom u f'liema livell akkademiku ġew studjati.

### *4.4.3.1.5. Riżorsi mhux stampati*

Ir-riċerka tiegħi ma xtaqtx norbotha biss mar-riżorsi stampati iżda matulha ridt nesplora riżorsi terminoloġiċi oħra b'karattru awdjoviżiv.[67] Fost xi riżorsi li jistgħu jaqgħu taħt din il-kategorija hemm:

- Programmi tar-radju u tat-televiżjoni.[68]
- Listi ta' artikli f'siti elettroniċi jew fuq il-midja soċjali.
- Filmati f'siti elettroniċi jew fuq il-midja soċjali.
- Paġni u gruppi fuq il-midja soċjali.
- Logħob bl-idejn jew elettroniku.
- Apps tal-mobile.

Għad li tibqa' biċċa xogħol miftuħa għal ħafna iżjed żvilupp, issa kelli nfassal folja oħra b'infrastruttura ġdida li, kif tindika Figura 41 hawn isfel, tinkludi kolonni ġodda b'isem is-sors tar-riżorsa, b'deskrizzjoni qasira tagħha, u b'ħolqa elettronika li tagħti aċċess dirett għaliha.

**RIŻORSI MHUX STAMPATI**

| Awtur/i / Grupp/i | Isem is-sors/i > ir-riżorsa | Deskrizzjoni tar-riżorsa | Data/i | Kliem muftieħ | Tip | Qasam 1 | Qasam 2 | Qasam 3 | Kumment/i dwar ir-riżorsa u s-sors tagħha | Ħolqa |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mario Vassallo | Mġarr Malta: IL-QIEGĦA Interview & re-enactment of Maltese wheat harvesting | Filmat f'sit elettroniku | 2011 | Raba', biedja, qiegħa, dris | *** | agrikultura | | | Intervista f'sit elettroniku li Mario Vassallo għamel lil Franġisk, bidwi mill-Imġarr, dwar il-qiegħa. Fiha tispikka ħafna terminoloġija interessanti dwar is-suġġett. Dan il-proġett jagħmel parti mill-festival *Trades of Our Fathers* li kien sar l-Imġarr Malta fid-9 ta' Lulju 2011 fis-6 ta' filgħaxija. | http://pakvim.net/watch/9h0ff77q1jc |
| Nicholas Galea u Steve Zammit Lupi | Birding in Malta > Birds of Malta | Lista f'sit elettroniku | 2009 | Għasafar | *** | flora u fawna | | | Riżorsa bl-Ingliż, bil-Malti u b'mod xjentifiku, li terminoloġikament hija b'saħħitha ħafna, tiġbor l-għasafar kollha li ġew irreġistrati f'Malta. L-awturi qed jaħdmu biex ikun hemm taqsima separata dwar kull għasfur fil-lista b'deskrizzjoni qasira tiegħu, l-istatus tiegħu f'Malta, ritratti, ħsejjes u filmati tiegħu. L-informazzjoni ewlenija dwar dawn l-għasafar qed tinkiseb minn diversi pubblikazzjonijiet antiki, l-aktar dawk ta' BirdLife Malta, kif ukoll minn database bl-informazzjoni kollha dwar għasafar rari miġbura minn Raymond Galea. Hija lista li tikkonsisti minn 392 speċi bl-istatus lokali (komuni, rari, eċċ.) ta' kull wieħed. | https://www.birdinginmalta.com/birdspecies.htm |
| Samuel Cutajar | It-Temp Madwarna | Paġna fuq Facebook | 2016- | Temp, klima | ** | temp u żmien | | | Paġna li tinvolvi ħafna tagħrif interessanti dwar it-temp madwar il-Gżejjer Maltin. Hija paġna affidabbli li tbassar it-temp bi spjegazzjonijiet ċari bil-Malti u b'terminoloġija mħaddma kif suppost. Hija waħda mill-aqwa riżorsi preżenti tat-tip tagħha. Fiha wkoll għadd ġmielu ta' filmati interessanti dwar l-istess qasam. | https://www.facebook.com/tempmadwarna |
| | | | 2022 | Temp, klima | *** | temp u żmien | | | Filmat li jkopri l-ewwel parti ta' intervent live li sar fid-19 ta' Awwissu 2022 dwar it-terminoloġija u t-temp. | https://www.facebook.com/tempmadwarna/videos/60257 |
| | | | 2022 | Temp, klima | *** | temp u żmien | | | Filmat li jkopri t-tieni parti ta' intervent live li sar fis-26 ta' Awwissu 2022 dwar it-terminoloġija u t-temp. | https://www.facebook.com/tempmadwarna/videos/32579 |
| Simon Vella Gregory | YouTube > Il-Baqar u l-Produzzjoni tal-Ħalib | Filmat f'sit elettroniku | 2016 | Baqar, produzzjoni tal-ħalib | * | agrikultura | | | Filmat informattiv, li jagħmel parti mill-programm televiżiv *Lokali u Bnin*, dwar il-baqar u l-produzzjoni tal-ħalib ġewwa r-razzett ta' Victor Abela f'Ħal Għaxaq. | https://www.youtube.com/watch?v=iA68d-3VQmc |
| Simon Vella Gregory | YouTube > It-Tkabbir tal-Għeneb u l-Produzzjoni tal-Inbid | Filmat informattiv fuq YouTube | 2016 | Tkabbir tal-għeneb, produzzjoni tal-inbid | * | agrikultura | xogħol u snajja' | | Filmat informattiv, li jagħmel parti mill-programm televiżiv *Lokali u Bnin*, dwar it-tkabbir tal-għeneb u l-produzzjoni tal-inbid. | https://www.youtube.com/watch?v=HHYAcW6v9sQ |
| Simon Vella Gregory | YouTube > Iċ-Ċanga Maltija | Filmat f'sit elettroniku | 2016 | Ċanga Maltija | * | agrikultura | | | Filmat informattiv, li jagħmel parti mill-programm televiżiv *Lokali u Bnin*, dwar iċ-ċanga Maltija ġewwa r-razzett ta' Victor Abela f'Ħal Għaxaq. | https://www.youtube.com/watch?v=utRVlRKNH7M |
| Soċjetà Agrarja ta' Malta 1844 | Facebook > The Agrarian Society of Malta | Paġna fuq Facebook | 2015 | Bhejjem, annimali, ħxejjex, frott, baqar, żwiemel, dwieb, bgħula, ħmir, mogħoż, nagħaġ, majjal, klieb, ċereali, ful, piżelli, żrieragħ, tajjar u suf, għasel, xema', ġobon, [illegible] | * | agrikultura | flora u fawna | | Paġna fuq Facebook, li fit-taqsimiet tal-kompetizzjonijiet hemm listi (xi drabi b'mod bilingwi Malti-Ingliż) ta' sezzjonijiet differenti, kollha relatati mal-aspett agrarju f'Malta, li jiġu organizzati għall-wirjiet tal-Imnarja mis-Segretarju Parlamentari għall-Agrikultura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali. HIja paġna li tagħha kien jeżisti sit elettroniku li llum m'għadux attiv. | https://www.facebook.com/profile.php?id=100066512530592 |

riżorsi stampati | riżorsi editjati stampati | rivisti u gazzetti stampati | teżijiet mhux ippubblikati | riżorsi mhux stampati | riżorsi oħra

Figura 41: Il-ġabra tinkludi numru ta' *riżorsi mhux stampati* li jesprimu natura awdjoviżiva.

[67] Minħabba aġġornamenti jew problemi tekniċi li jistgħu jinqalgħu maż-żmien, ma tkunx idea ħażina li dawn ir-riżorsi jkunu ssejvjati u maħżunin f'post elettroniku privat/pubbliku biex qatt ma jintilfu. Fejn stajt, jien u niddokumenta, wettaqt din il-proċedura kompilatorja kemm flaħt.

[68] Il-programm *Seħer il-Malti* li beda fuq Radju RTK bl-isem *Kellimni bil-Malti* minn idea ta' Charles Coleiro u li llum jixxandar fuq Radju Malta minn Thomas Pace u l-Prof. Manwel Mifsud bis-sehem ta' għadd ta' semmiegħa li jċemplu f'xandiriet diretti (ara Vella [2019] li bniet ġabra analitika tal-materjal lingwistiku tiegħu), is-sensiela televiżiva *Ilsienna* li tagħha qed jitilgħu ftit ftit l-episodji fuq il-portal *malti.mt*, flimkien ma' programmi oħra li jixxandru fuq l-istazzjonijiet lokali ewlenin, huma eżempji tajbin ħafna ta' riżorsi awdjoviżivi li kemm-il darba jittrattaw it-terminu Malti.

### *4.4.3.1.6. Riżorsi oħra*

Fl-aħħar nett, jien u nfittex bdejt ninnota xi riżorsi terminoloġiċi awdjoviżivi oħra li jitkellmu weħdihom, fis-sens li iżjed milli dokumentazzjoni dettaljata tagħhom, nemmen li jeħtieġu kuxjenza ikbar mill-pubbliku u mill-esperti, peress li fihom materjal terminoloġiku b'saħħtu ħafna u li jkopri oqsma varji. Għalhekk, ħarsa sħiħa lejhom jagħmel iżjed sens, għax huwa iżjed prattiku, minn inventarju komprensiv tagħhom. F'dan is-sens, fil-ġabra ħloqt folja oħra separata, li hawnhekk qed nikkunsidraha għaliha, biex ninkludi dawn ir-riżorsi waqt li nħeġġeġ lil min se juża l-ħidma kompilatorja tiegħi biex jirreferi għalihom ukoll bħala għodod utli ħafna ta' terminoloġija bil-Malti.

**RIŻORSI OĦRA**

| Awtur/i / Grupp/i | Isem is-sors/i > ir-riżorsa | Deskrizzjoni tar-riżorsa | Data/i | Kumment/i dwar ir-riżorsa u s-sors tagħha | Ħolqa |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-Kummissjoni Ewropea | Nomenklatura magħquda | Test ta' nomenklatura miġbura fis-sit EUR-Lex. | 2020 | Kif hemm miktub fir-riżorsa, dan huwa test maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti relevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-ħoloq inkorporati f'dan id-dokument. Ladarba jkopri ħafna kategoriji lessikali, ħarsa sħiħa lejn it-test tagħmel iżjed sens mid-dokumentazzjoni tiegħi. | https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN-MT/TXT/?from=EN&uri=CELEX%3A02020R1577-20201030 |
| John Spiteri Gingell | Il-Miklem | Sit elettroniku | 2015 | Sit elettroniku li jinkludi għadd ġmielu ta' dizzjunarji tematiċi, miġburin fi pjattaforma diġitali waħda, meħudin minn sorsi bħall-miklem ta' Erin Serracino-Inglott, id-dizzjunarji ta' Ġużè Aquilina, id-damma ta' Aguis de Soldanis u l-kotba ta' Ġużi Gatt, fost ħafna oħrajn. Fi kliem Spiteri Gingell innifsu, minbarra l-miklem tematiku eżawrenti li jkopri, is-sit jista' jintuża bħala teżawru u dizzjunarju Malti-Ingliż u, ladarba jinkludi fih xi figuri, jista' jservi ta' enċikopledija. Il-ġabra ma tinkludix biss terminoloġija iżda wkoll espressjonijiet, idjomi, qwiel u dak kollu li għandu x'jaqsam ma' lsienna. Ladarba fih jiġu trattati ħafna kategoriji lessikali, ħarsa sħiħa lejn is-sit tagħmel iżjed sens mid-dokumentazzjoni tiegħi. | https://www.ilmiklem.com |
| Martin Morana | Kliem u storja | Sit elettroniku | 2019 | Fi kliem l-awtur, l-iskop ta' dan is-sit elettroniku hu li, grazzi għall-konsultazzjoni ma' diversi sorsi, jippreżenta vokabularju li ħafna minnu ntesa u li fih juri l-istorja twila u l-kutura wiesa' tal-Maltin. Huwa ppreżentat b'mod enċiklopediku u joffri stampa aktar ċara tal-mod kif kienu jaħsbuha u jesprimu ruħhom il-Maltin matul iż-żminijiet. Huwa sit ibbażata fuq it-tliet pubblikazzjonijiet tal-awtur: *Bejn Kliem u Storja* (2011), *Ara x'Int Tgħid* (2012) u *Biex il-Kliem Ikun Sew* (2014). Ladarba fih jiġu trattati ħafna kategoriji lessikali, ħarsa sħiħa lejn is-sit tagħmel iżjed sens mid-dokumentazzjoni tiegħi. | https://kliemustorja.com |
| Michael Spagnol | Kelma Kelma | Paġna fuq Facebook | 2013- | Paġna dwar b'tagħrif dwar il-vokabularju, il-grammatika, l-istorja u ħafna kurżitajiet oħra li jixħtu dawl fuq il-ġmiel tal-ilsien Malti. | https://www.facebook.com/kelmakelma.mt/ |
| | | Sit elettroniku | 2019- | Sit elettroniku dwar b'tagħrif dwar il-vokabularju, il-grammatika, l-istorja u ħafna kurżitajiet oħra li jixħtu dawl fuq il-ġmiel tal-islien Malti. Dan is-sit tnieda fil-ħames anniversarju tal-paġna ta' Facebook. | https://kelmakelma.com/ |
| Reuben Degiorgio (xi illust. Audrienne Degiorgio) | Għidha bil-Malti | Paġna fuq Facebook | 2017- | Paġna, mibnija minn espert fit-terminoloġija Maltija, li tinkludi ħafna tagħrif kurjuż dwar ilsienna, tagħrif li jħeġġek tħobb u tgħożż aktar l-ilsien Malti. Ladarba tinkludi oqsma lessikali varji li l-kreatur tal-paġna jaħdem fuqhom minn żmien għal żmien, ħarsa sħiħa lejn il-paġna tagħmel iżjed sens mid-dokumentazzjoni tiegħi. | https://www.facebook.com/ghidhabilmalti |
| — | IATE | Sit elettroniku | 1999- | Sit interattiv u multlingwi li jkopri t-terminoloġija tal-istituzzjonijiet Ewropej. Il-ħafna xogħol sistematiku li jsir mit-terminologi full-time tal-Kummissjoni Ewropea ġewwa l-Lussemburgu jittella' fuq dan is-sit uffiċjali. Ladarba fih jiġu trattati ħafna kategoriji lessikali, ħarsa sħiħa lejh tagħmel iżjed sens mid-dokumentazzjoni tiegħi. | https://iate.europa.eu/home |
| — | Il-Malti Madwarna | Paġna fuq Facebook | 2018- | Paġna fuq Facebook li, fi kliemha, l-iskop tagħha huwa li tħeġġeġ l-użu tal-ilsien Malti fil- | https://www.facebook.com |

riżorsi stampati | riżorsi editjati stampati | rivisti u gazzetti stampati | teżijiet mhux ippubblikati | riżorsi mhux stampati | riżorsi oħra

Figura 42: Fil-ġabra ħloqt folja li tiġbor *riżorsi oħra* li għandhom karattru terminoloġiku b'saħħtu ħafna u li l-pubbliku għandu jkun jaf bihom meta jagħmel xi stħarriġ terminoloġiku.

### *4.4.3.2. Lenti fuq l-isem u l-kunjom tal-esponent/i*

Tfittxija oħra possibbli li l-ġabra tagħti ċans lill-utent jagħmel hija skont l-isem u l-kunjom ta' esponent partikolari li b'xi mod jew ieħor ipparteċipa, jew għadu jipparteċipa, fl-iżvilupp tat-terminoloġija Maltija. Użajt il-forma *isem kunjom* (mhux *kunjom, isem*) biex xogħli jkun dħuli filwaqt li jqarreb iżjed lejn l-istil ta' database. It-tagħrif kollu tal-ġabra bnejtu alfabetikament fuq din il-kolonna, u meta l-istess awtur kellu iżjed minn xogħol terminoloġiku wieħed li jġib ismu bdejt nagħti kas il-kronoloġija tad-dati ta' ħidmietu bħala l-kriterju li jmexxi l-ordni. Ġieli ltqajt ukoll ma' xogħlijiet terminoloġiċi relevanti li ma sibtx min ħadimhom. Għal dawn użajt is-simbolu — u ddokumentajthom fl-aħħar ringieli tal-folji.

Din il-ġabra tiftaħ il-possibbiltà li tiġi riċerkata l-ħidma terminoloġika kollha ta' awtur wieħed skont is-sorsi formali, differenti, li esperimenta fihom. Ngħidu aħna, ħarsa fuq fuq lejn il-ħidma terminoloġika sħiħa ta' Guido Lanfranco (1930-2021) tirriżulta f'lista sabiħa ta' xogħlijiet stampati bħala inventarju

tar-riżorsi kollha li fihom terminoloġija bil-Malti – skont forom u oqsma varji – li dan l-awtur infirex fihom. Ovvjament, it-tagħrif dettaljat dwar kull impenn minn dawn li ġejjin – hawnhekk ordnati skont il-kriterju kronoloġiku – jinsab fil-ġabra tal-appendiċi.

**Kotba ta' terminoloġija li Guido Lanfranco kiteb/editja waħdu**

| | |
|---|---|
| *Guide to the Flora of Malta* | 1955 |
| *A Complete Guide to the Fishes of Malta (Central Mediterranean)* | 1958 |
| *Field Guide to the Wild Flowers of Malta* | 1969 |
| *Maltese Mammals (Central Mediterranean)* | 1969 |
| *Duwa u Semm fil-Ħxejjex Maltin* | 1975 |
| *L-Istorja tat-Trasport f'Malta* | 1999 |
| *Ħxejjex Mediċinali u Oħrajn fil-Gżejjer Maltin* | 2000 |
| *Drawwiet u Tradizzjonijiet Maltin* | 2001 |
| *Mediċina Popolari tal-Imgħoddi fil-Gżejjer Maltin* | 2001 |
| *Xogħol, Ġaħġiħ u Snajja' li Spiċċaw* | 2002 |
| *Folklor: Ġabra ta' Kitba minn Membri tal-Għaqda Maltija tal-Folklor* | 2004 |
| *Ħajjitna fl-Imgħoddi* | 2004 |
| *Logħob, Taqbil u Ġugarelli tat-Tfal Maltin (sa Nofs is-Seklu XX)* | 2006 |
| *Fjuri Slavaġ Maltin: Gwida għal Min Irid Jibda Jagħraf dan il-Wirt Naturali* | 2007 |
| *Ċajt bil-Limerikki* | 2008 |
| *Il-Ħut Madwar Malta = The Fish Around Malta (Central Mediterranean)* | 2009 |
| *Minn Fomm il-Poplu: Il-Maltin Jirrakkontaw l-Esperjenzi Tagħhom dwar il-Ħajja Maltija Kif Kienet fl-Ewwel Nofs tas-Seklu Għoxrin* | 2017 |
| *Il-Fratellanzi* | 2019 |

**Kotba oħra li Guido Lanfranco għandu sehem terminoloġiku fihom**

| | | |
|---|---|---|
| *Lampuki u Ħut Ieħor* | ta' Anton B. Dougall | 1989 |
| *Red Data Book for the Maltese Islands* | ta' Patrick J. Schembri u Joe Sultana | 1989 |
| *Flora u Fawna ta' Malta* | ta' Joe Sultana | 1995 |
| *Wildlife of the Maltese Islands* | ta' Joe Sultana u Victor Falzon | 1996 |
| *The Food & Cookery of Malta* | ta' Anne u Helen Caruana Galizia | 1999 |
| *Il-Flora Maltija* | awtur ma' Edwin Lanfranco | 2003 |
| *L-Istorja tax-Xjenza f'Malta* | ta' Charles Savona Ventura | 2003 |

**Rivisti/gazzetti li Guido Lanfranco għandu sehem terminoloġiku fihom**

| | |
|---|---|
| *The Maltese Naturalist* | 1970-1976 |
| *Sagħtar* | 1971-2015, 2020- |
| *L-Imnara* | 1978- |
| *L-Għasfur u l-Ambjent Naturali* / *In-Natura* | 1982-2003 |

### *4.4.3.3. Lenti fuq isem ix-xogħol kollu*

Possibbiltà oħra ta' tiftix huwa bl-isem tax-xogħol, ikun f'liema forma jkun. B'hekk, din ir-riċerka tesplora r-riżorsi terminoloġiċi kollha ta' xogħol wieħed. Fejn stajt, inkludejt ukoll is-sottotitlu ta' kull xogħol biex kemm jista' jkun il-ġabra tkun waħda komprensiva. Ngħidu aħna, *Grammatika jew Tagħlim Mużikali Meħud minn Diversi Awturi Kbar tal-Mużika* huwa t-titlu ta' grammatika tal-mużika li s-Surmast Gejtan Grech kiteb bil-Malti fl-1949 – sabiex iħajjar u jħeġġeġ it-tagħlim tal-mużika fost iż-żgħażagħ ħaddiema ta' żmienu – li tagħha hemm jeżistu sittax-il riżorsa terminoloġika differenti (dokumentati f'ringieli differenti) kollha relatati sew mal-qasam tal-*mużika*.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Gejtan Grech (b'żidiet minn Patri Spiridjun Grech) | Grammatika jew Tagħlim Mużikali Meħud minn Diversi Awturi Kbar tal-Mużika | Malta: L-Awtur | 1949 | Kif tinqara l-mużika, noti | 7-8 | ** | mużika |
| | | | | Ottavi, linji, spazji | 8-9 | ** | mużika |
| | | | | Differenza, post, valur tan-noti, paragun tal-pied Ingliż mill-figuri | 9-10 | ** | mużika |
| | | | | Kjavi, kemm huma, liema huma | 11 | ** | mużika |
| | | | | Effett tal-pont, terzini, sestini, noti abbundanti | 12-13 | ** | mużika |
| | | | | Mistrieħ, valur tiegħu | 13-14 | ** | mużika |
| | | | | Dijesis, bemolli, bekwadri | 14-15 | ** | mużika |
| | | | | Pawsa, replika, abbrevjatura, tremulu | 15-16 | ** | mużika |
| | | | | Temp, battuta forti u deboli | 17-18 | ** | mużika |
| | | | | Tempijiet, tqassim u taħbit tagħhom | 18-22 | ** | mużika |
| | | | | Intervalli u ton, kif u f'kemm jitqassmu | 22-26 | ** | mużika |
| | | | | Skajjel, paragun, numru | 26-29 | ** | mużika |
| | | | | Abbellimenti | 29-30 | ** | mużika |
| | | | | Moviment, espressjoni | 31 | ** | mużika |
| | | | | Legatura, sinkopi, ritmu/rittmu, stakkat | 32-33 | ** | mużika |
| | | | | Mużika | 33-34 | ** | mużika |

Figura 43: Biċċa mid-dokumentazzjoni tal-grammatika mużikali ta' Grech (1949). Ħajr lil Simon Farrugia talli tani aċċess għal dan ix-xogħol.

### *4.4.3.4. Lenti fuq il-pubblikazzjoni*

Meta kien possibbli, il-ġabra tiddokumenta wkoll il-pajjiż u l-isem tad-dar/djar tal-pubblikazzjoni tax-xogħlijiet terminoloġiċi li sibt. Xi drabi, il-pubblikatur ikun l-awtur stess u għalhekk ħsibt li għandi nindika dan ukoll. B'hekk, din ir-riċerka titfa' dawl fuq liema huma d-djar tal-pubblikazzjoni ewlenin li matul iż-żmien ipparteċipaw fl-iżvilupp tat-terminoloġija Maltija.

### *4.4.3.5. Lenti fuq id-data tar-riżorsa*

Il-ġabra tiġbor ukoll id-dati ta' meta ġew ippubblikati x-xogħlijiet terminoloġiċi Maltin. F'każ li ma kellix aċċess għad-data jew ix-xogħol ma kienx datat, użajt is-simbolu — biex nindika dan in-nuqqas. Dan kien it-tieni kriterju li użajt – wara l-isem u l-kunjom tal-esponent/i – biex nagħti ordni lir-riżorsi li ġbart. Għalhekk, xogħli għandu wkoll siwi dijakroniku għaliex jiddokumenta liema oqsma terminoloġiċi ġew trattati matul iż-żminijiet u kif kien il-metodu terminografiku tagħhom. Ngħidu aħna, l-eqdem xogħol li ġbart huwa l-faxxiklu *Memorie Della Società Medica D'Incoraggiamento Di Malta* ta' Stefano Zerafa, Carlo Grech Delicata, Gaetano Aquilina u Giuseppe Vella – datat fl-1843 u ppubblikat minn Tipografia F. Naudi – li jinkludi lista bl-ismijiet Latini, Maltin u Taljani ta' kunċetti relatati mal-botanika, iż-żooloġija, il-frott, il-ħut u l-għasafar tal-gżejjer Maltin.

### *4.4.3.6. Lenti fuq il-qasam terminoloġiku*

Din ir-riċerka tesplora liema oqsma lessikali Maltin ġew trattati matul is-snin. Dan żgur għandu jgħin lit-terminologi u t-tradutturi jfittxu biex meta jkollhom bżonn jagħmlu xi xogħol ta' terminoloġija jkunu jafu x'sar diġà dwar il-qasam li jkun u jibnu fuqu mingħajr ma jkollhom bżonn jibdew mill-bidu nett. Barra minn hekk, ladarba xogħli jiddeskrivi l-qagħda kif inhi llum, jissuġġerixxi wkoll il-vojt li għandu bżonn jiġi rriċerkat. B'hekk, jekk fil-futur isir studju terminoloġiku fuq xi qasam partikolari tal-ħajja, din il-ħidma tkun sistematika mingħajr repetizzjonijiet żejda.

#### *4.4.3.6.1. Klassifikazzjonijiet stabbiliti*

Fir-riċerka tiegħi ltqajt ma' żewġ klassifikazzjonijiet stabbiliti diġà li, minkejja li ma applikajtx għalkollox l-istruttura tagħhom, għenuni nifhem aħjar kif għandi norganizza l-oqsma lessikali li niltaqa' magħhom fil-proċess:

1. Il-Klassifikazzjoni tal-Librerija tal-Kungress[69] hija sistema żviluppata fl-Istati Uniti li tintuża għall-ixkaffar tal-kotba f'ħafna libreriji barranin. Tintuża primarjament minn libreriji kbar ta' riċerka waqt li l-biċċa l-kbira tal-libreriji pubbliċi u akkademiċi żgħar iħaddmu s-sistema ta' Klassifikazzjoni Deċimali ta' Dewey.

2. Il-klassifikazzjoni tal-EuroVoc[70] – teżawru multilingwi u interdixxiplinarju tal-Unjoni Ewropea – ukoll sibtha utli. Fiha kliem muftieħ organizzat f'21 qasam u 127 sottodominju użat biex jiddeskrivi l-kontenut tad-dokumenti fil-EUR-Lex, is-sit uffiċjali tal-liġi u ta' dokumenti pubbliċi oħra tal-Unjoni Ewropea, ippubblikat fl-24 lingwa uffiċjali tal-istess Unjoni.

#### *4.4.3.6.2. Il-klassifikazzjoni tiegħi*

Din ir-riċerka tatni ċ-ċans immiss varjetà ta' riżorsi terminoloġiċi marbutin ma' oqsma lessikali diversi li t-terminu Malti nfirex fihom matul iż-żmien.[71] Xi drabi ltqajt ma' kunċetti li jappartjenu għal iżjed minn qasam wieħed. F'każijiet bħal dawn ħsibt li jkun aħjar jekk fil-ġabra noħloq tliet kolonni biex niddeskrivi aħjar il-kunċetti li niltaqa' magħhom, kif se nindika fl-eżempju ta' Figura 44 hawn isfel. Sadanittant, it-tabella li ġejja tirrappreżenta b'mod alfabetiku l-34 qasam li din il-ġabra tmiss u li dwarhom tiddokumenta riżorsi terminoloġiċi li jeżistu bil-Malti:

---

[69] https://www.loc.gov/catdir/cpso/lcco/
[70] https://eur-lex.europa.eu/browse/eurovoc.html
[71] Fil-konferenza tal-21 ta' April 2023 li saret ġewwa Brussell, il-Prof. Sergio Portelli tkellem fuq il-qasma tradizzjonali tal-Malti bħala lingwa tal-liġi, ir-reliġjon, l-ikel u t-tisjir, il-politika, is-snajja' u l-agrikultura, u l-Ingliż bħala forma terminoloġika li tipparteċipa fl-edukazzjoni, l-isport u r-rikreazzjoni, l-industrija, il-kummerċ, ix-xjenza u t-teknoloġija, il-professjonijiet tekniċi u mediċi u l-amministrazzjoni.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Agrikultura | 18. | Matematika |
| 2. | Arti, kultura u folklor | 19. | Mitoloġija |
| 3. | Assikurazzjoni | 20. | Mużika |
| 4. | Astronomija | 21. | Politika |
| 5. | Bini u arkitettura | 22. | Reliġjon |
| 6. | Edukazzjoni | 23. | Saħħa u mediċina |
| 7. | Filosofija | 24. | Sajd u marittima |
| 8. | Finanzi u kummerċ | 25. | Soċjetà u soċjoloġija |
| 9. | Flora u fawna | 26. | Sport u rikreazzjoni |
| 10. | Ġeografija | 27. | Statistika |
| 11. | Ġeoloġija | 28. | Storja u arkeoloġija |
| 12. | Ikel u tisjir | 29. | Temp u żmien |
| 13. | Ilbies | 30. | Trasport u vjaġġar |
| 14. | Kaċċa u nsib | 31. | Turiżmu u ospitalità |
| 15. | Kura u sbuħija | 32. | Xandir |
| 16. | Liġi | 33. | Xjenza u teknoloġija |
| 17. | Lingwa u letteratura | 34. | Xogħol u snajja’ |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Għodda tas-sajd, strumenti tas-sajd | 30-31 | ** | sajd u marittima | | |
| Ħut | 76-77 | *** | sajd u marittima | flora u fawna | |

Figura 44: Il-ktieb *A Report on the Fishing Industry of Malta* (1954) ta’ T.W. Burdon, fost ħafna oħrajn, fih terminoloġija relatata ma’ iżjed minn qasam wieħed. Il-ħut huwa każ kunċettwali wieħed li jappartjeni għall-oqsma tas-*sajd u marittima* u tal-*flora u fawna* u għalhekk ħsibt li jkun għaqli jekk niddokumenta dan it-tagħrif f’iżjed minn kolonna waħda.

### *4.4.3.7. Lenti fuq il-kelma/kliem muftieħ*

It-tfittxijiet fil-ġabra jistgħu jsiru permezz ta’ kelma jew numru ta’ kliem muftieħ. Għalhekk, kull riżorsa li sibt, minbarra bid-dettalji tal-pubblikazzjoni tagħha kif spjegat qabel, organizzajtha skont is-sottotemi lessikali li tistħarreġ flimkien mal-paġni paralleli fejn jinsabu. Ovvjament, dawn is-sottotemi jagħmlu parti minn xi qasam jew ieħor (xi drabi iktar minn wieħed) trattati f’taqsima 4.4.3.6.2. hawn fuq. Biex noħloq dan il-karattru elaborat kelli nifli kull xogħol stampat minn qoxra sa qoxra filwaqt li niddokumentah mill-ewwel bit-tama li ma jaħrabli xejn. Din il-karatteristika ħolqot inventarju dettaljat ħafna, kif juri l-eżempju ta’ Figura 45 hawn isfel.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Flora, pjanti selvaġġi Maltin, ġeoloġija tal-gżejjer Maltin, pjanti u ħamrija, klima, adattamenti/addatamenti tal-pjanti għal żmien in-nixfa, kif jagħmlu l-ikel il-pjanti, ambjenti Maltin | 10-12 | ** | flora u fawna | ġeografija | ġeoloġija |
| Flora, familji ta' pjanti | 18 | *** | flora u fawna | | |
| Flora, fjuri bojod | 19-27 | *** | flora u fawna | | |
| Flora, fjuri bojod bil-vjola | 28-29 | *** | flora u fawna | | |
| Flora, fjuri bojod bil-kannella | 30 | *** | flora u fawna | | |
| Flora, fjuri b'ħafna kuluri | 31 | *** | flora u fawna | | |
| Flora, fjuri sofor | 32-49 | *** | flora u fawna | | |
| Flora, fjuri ħodor fl-isfar | 50-55 | *** | flora u fawna | | |
| Flora, fjuri sofor u bojod | 56-59 | *** | flora u fawna | | |
| Flora, fjuri oranġjo, ħomor, roża, vjola fl-aħmar jew kannella | 60-84 | *** | flora u fawna | | |
| Flora, fjuri bluni jew vjola fil-blu | 85-97 | *** | flora u fawna | | |
| Flora, fjuri li ma jagħtux fl-għajn | 98-99 | *** | flora u fawna | | |
| Flora, fjuri li ma jagħtux fl-għajn, siġar u arbuxxelli | 100-103 | *** | flora u fawna | | |
| Flora, familja tal-qamħ | 104-108 | *** | flora u fawna | | |
| Flora ta' Malta | 111-112 | *** | flora u fawna | | |

Figura 45: Il-kelmiet muftieħ bil-paġni u l-qasam/oqsma lessikali korrispondenti għalihom tal-ktieb stampat *Flora: Gwida* ta' Alex Casha, ippubblikat mill-Majjistral Park ta' Natura u Storja fl-2019.

### *4.4.3.8. Lenti fuq it-tip ta' inklinazzjoni terminoloġika tar-riżorsa*

Ladarba l-preżentazzjoni formali tar-riżorsi tvarja, ħsibt li jkun aħjar jekk nindika din il-varjetà b'mod sempliċi biex ngħin kemm nista' lil min juża l-ġabra jiddistingwi riżorsa minn oħra. Għalhekk, fassalt kolonna li semmejtha *Tip* – espressa bi stilla waħda (*), tnejn (**) jew tlieta (***) – biex niddeskrivi l-inklinazzjoni terminoġika ta' kull riżorsa.[72] Tajjeb ngħid li l-għażla bejn dawn it-tliet gradi hija bbażata fuq l-osservazzjonijiet suġġettivi tiegħi bħala riċerkatur li għal tliet snin sħaħ fittixt u qallibt tant riżorsi terminoloġiċi b'idejja stess. B'xi mod jew ieħor, ħafna mir-riżorsi li f'dan il-perjodu bdejt niddokumenta kellhom valur terminoloġiku notevoli. Biss, issa din il-kolonna bdiet taqdi rwol importanti ta' gradar biex, kemm jista' jkun, jintlaħqu aħjar l-għanijiet deskrittivi tiegħi filwaqt li jiġu kklassifikati t-tipi differenti ta' riżorsi terminoloġiċi li jeżistu bil-Malti u li f'din il-fażi ta' kompilazzjoni bdew jinħmew ġmielhom. M'għażiltx l-isem *Kwalità* – titlu li użajt fil-verżjoni infrastrutturali ta' qabel – għax lanqas ridt noħloq preskrizzjoni li twassal lill-utent tal-inventarju jaħseb li riżorsa bi tliet stilel għandha "kwalità" aħjar minn riżorsa ta' bi tnejn jew ta' bi stilla waħda. Dan għaliex kull riżorsa terminoloġika għandha "tip" ta' karattru uniku li jista' jaqdi funzjonijiet prattiċi differenti, kif se nelabora bl-eżempji fit-tliet taqsimiet li jmiss.

#### *4.4.3.8.1. Riżorsi bi stilla waħda*

Stilla waħda tippreżenta riżorsi li formalment ftit li xejn joqorbu lejn preżentazzjoni terminografika elaborata u aktarx ikollhom inklinazzjoni terminoloġika bi ftit intenzjoni. Ħafna drabi, riżorsi ta' dan it-tip ikollhom natura espożitorja u t-termini speċjalizzati fihom jkunu fi ħdan it-test miktub/imlissen. F'dan is-sens, riżorsi bħal dawn, ladarba jkollhom il-kuntest pragmatiku (tat-test jew id-diskors) li

[72] Xi drabi użajt is-simbolu — biex nuri riżorsi bla valur terminoloġiku iżda li, għal skop ta' kompletezza, għażilt li niddokumentahom bil-kliem muftieħ u l-paġni biss mingħajr rabta ma' ebda qasam.

### *4.4.3.8.2. Riżorsi b'żewġ stilel*

Il-forma terminografika tar-riżorsi b'żewġ stilel toqrob iżjed lejn il-karattru elaborat li t-terminoloġija tistenna. Dawn il-forom joħolqu kompromess tajjeb bejn riżorsi tal-ewwel u t-tielet stilla. Dawn it-tip ta' riżorsi aktarx ikunu espożitorji bħal dawk ta' stilla waħda iżda jkollhom aspetti formali distinti (bħall-użu tal-illustrazzjonijiet, il-grassett, u l-bqija) li jqarrbuhom iżjed lejn il-karattru terminoloġiku, intenzjonat, ta' riżorsi bi tliet stilel. Il-figuri li ġejjin huma xi eżempji ta' riżorsi li kklassifikajthom b'żewġ stilel:



rapporti

Tliet ħarġiet lejn Għawdex. Stefan Azzopardi jirrapporta...

Bil-lejl...

L-ewwel kellna **n-najt hajk f'Għawdex** (6-7 Ġunju 2004). Dawn it-tip ta' ħajks fid-dlam huma l-unika mixjiet li tissogra tagħmel fis-sħana tas-sajf Malti! Għawdex dejjem sabiħ, u waqt in-najt ħajk gawdejnieħ fis-skiet u ż-żiffa ta' bil-lejl. Qbadna l-vapur filgħaxija miċ-Ċirkewwa, wasalna l-iMġarr u bdejna mexjin madwar ix-xatt. Ma tantx domna nimxu, u waqt il-mixja vera ħadna gost għax barra li sibna ħafna xi ngħidu, stajna nammiraw sema mimlija kwiekeb, ħaġa li ma tantx narawha Malta minħabba l-ħafna dwal li għandna.

fuq l-irdum...

Imbagħad kellna attività oħra, fejn ukoll irqadna Għawdex. Dan kien meta morna **bil-lejl biex nisimgħu ċ-ċief** (17-18 Lulju 2004). Dħalna l-iMġarr tard wara nofsinhar, u wara mixja mal-kosta u għawma biex niffriskaw ftit, wasalna Ta' Ċenċ. Waqt il-mixja rajna 3 **swejdiet** u smajna ukoll **pispisella**, li għarafnieha mill-għajta tipika. X'ħin wasalna Ta' Ċenċ laqtitna x-xena ta' qtajja ta' **ċief** jinġabru 'l barra mill-irdum, biex malli jidlam jidħlu lejn il-kolonja ta' bejtiet li jkollhom fl-irdum. Fil-ftit dawl li kien fadal frixna l-afarijiet fl-art u ntfajna bilqiegħda nistennew iċ-ċief dieħel. Malli dalam bdejna nisimgħuhom, eluf ta' ċief jgħajtu u jnewħu - esperjenza li ma ninsewhiex malajr. Irqadna, u filgħodu qomna u nżilna x-Xlendi bil-mixi biex ngħumu. Fit-triq rajna diversi **bliebel**, 6 **merilli** u qatgħa **runduni**.

Figura 49: Silta ta' Stefan Azzopardi f'paġna 10 mir-rivista *Il-Ħuttafa* tal-2004, ħarġa 63, li tippreżenta terminoloġija bil-Malti fil-grassett.




Figura 50: Paġna 17 ta' *Qxur, Biċċiet u Opri tal-Baħar* (2000)ta' Carmel Pulè, fejn it-terminoloġija bil-Malti hija elaborata bl-illustrazzjonijiet.



18

XLI. VALERIANEÆ, DC.

287 **Valerianella eriocarpa,** DESV. Martio, Majo. Inter segetes, in arvis; *Marsa, Sliema.*

288 **V. mixta,** DUFR. Martio, Majo. In herbidis, ad vias; *Zain Rihana.*

289 **Fedia Cornucopiæ,** VAHL. Jan., Majo. In cultis, herbosis passim (1).

XLII. DIPSACEÆ, DC.

290 **Dipsacus sylvestris,** MILL. Junio, Julio. In argillosis humidis; *Wied Ferzuma.*

291 **Scabiosa grandiflora,** SCOP. Aprili, Augusto. In aridis, lapidosis, ad vias passim.

XLIII. COMPOSITÆ, Adans.

292 **Bellis sylvestris,** CYR. Septembri, Aprili. In apricis; *Marsa, Wied Balluta.*

293 **B. hybrida,** TEN. B. perennis, Zeraph. Septembri, Majo. In apricis herbosis; *Marsa.*

294 **B. annua,** LIN. Decembri, Martio. In apricis herbosis passim (2).

295 **Erigeron canadense,** LIN. Majo, Novembri. In aridis.

296 **Conyza ambigua,** DC. Majo, Augusto. In cultis siccis.

297 **C. Tenorii,** SPR. Martio, Majo. In apricis rupestribus aridis; ex. gr. *Wied Babu, ecc.*

298 **C. saxatilis,** LIN. Jan., Julio. In rupestribus apricis, et muris.

299 **Evax pigmæa,** PERS. Martio, Majo. In campis sterilibus, ad vias passim.

300 **Inula graveolens,** DESF. Septembri, Novembri. In campis siccis, vel humentibus (3).

301 **I. crithmoides,** LIN. Julio, Novembri. In rupibus, lapidosis, et arenosis inundatis salsis maritimis passim (4).

302 **I. viscosa,** AIT. Augusto, Novembri. In rupibus, campis aridis, passim (5).

(1) **Rakbet el hamiema.** (2) **Bebuna salvaġġa,** (3) **Zaaziesa.**
(4) **Xerbebb,** *male* **Xerbett.** (5) **Tolliera.**

